# Gwida għal Prattika Tajba dwar l-Użu tal-Konnessjoni bil-vidjo skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi

Ippubblikat minn
Il-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat – HCCH
Il-Bureau Permanenti
Churchillplein 6b
2517 JW The Hague
In-Netherlands

+31 70 363 3303
+31 70 360 4867
secretariat@hcch.net
www.hcch.net

# KELMTEJN TA' QABEL

F'isem l-Uffiċċju Permanenti tal-HCCH, ninsab kuntent ħafna li qed nippreżenta din il-*Gwida għal Prattika Tajba dwar l-Użu tal-Konnessjoni bil-vidjo skont il-Konvenzjoni tat-18 ta' Marzu 1970 dwar il-Kumpilazzjoni tal-Provi Barra mill-Pajjiż f''Materji Ċivili jew Kummerċjali* (il-Konvenzjoni dwar il-Provi).

Dawk li abbozzaw il-Konvenzjoni kellhom il-ħsieb li jadottaw approċċ li huwa kompletament newtrali fir-rigward tat-teknoloġija – approċċ li, kif turi din il-Gwida, baqa' dejjem validu. L-użu tat-teknoloġija biex tiffaċilita l-operazzjoni tal-Konvenzjoni żgura li din tal-aħħar tkun tista' żżomm il-pass mar-realtajiet ta' dinja li qed tinbidel malajr. Issa, hekk kif il-Konvenzjoni dwar il-Provi qiegħda toqrob lejn il-ħamsin anniversarju tagħha, hija għadha tattira Partijiet Kontraenti ġodda minn madwar id-dinja.

Mill-pubblikazzjoni tat-tielet edizzjoni tal-Manwal Prattiku dwar l-Operazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Provi fl-2016, l-użu dejjem aktar frekwenti tal-konnessjoni bil-vidjo u tat-teknoloġija tal-vidjokonferenzi kien jeħtieġ gwida aktar dettaljata u aktar immirata f'dan il-qasam.

Il-Gwida tibbaża fuq id-diskussjonijiet tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Użu tal-Konnessjoni bil-vidjo u ta' Teknoloġiji Moderni Oħrajn fil-Kumpilazzjoni tal-Provi Barra mill-Pajjiż, ippresedut mill-Prim Imħallef James Allsop tal-Qorti Federali tal-Awstralja. Il-ħidma tal-Grupp ta' Esperti ngħatat il-mandat mill-Kunsill tal-HCCH dwar l-Affarijiet Ġenerali u l-Politika, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Speċjali dwar l-Operazzjoni Prattika tal-Konvenzjoni dwar il-Provi. Hija tinkludi wkoll referenzi għat-tweġibiet mogħtija mill-awtoritajiet tal-Partijiet Kontraenti responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-operazzjoni ta' kuljum tal-Konvenzjoni.

Fil-Bureau Permanenti, il-ħidma prinċipali ta' abbozzar u ta' tħejjija saret minn Mayela Celis (Ex Uffiċjal Legali Prinċipali) u Brody Warren (Uffiċjal Legali). Nixtieq nirringrazzja wkoll lil Keith Loken (Konsulent Issekondat mal-Bureau Permanenti u ex Assistent Konsulent Legali għad-Dritt Internazzjonali Privat fid-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti tal-Amerka) għall-kontribut tiegħu fit-tħejjija tal-abbozz tal-Gwida. Ninsab grat ukoll lejn il-membri tal-Grupp ta' Esperti għall-għarfien u l-kummenti tagħhom. Fl-aħħar nett, nixtieq nirringrazzja b'mod speċjali lil Dr Gérardine Goh Escolar (l-Ewwel Segretarju), lil Rym Laoufi (ex Uffiċjal Legali), u lil Lydie De Loof (Uffiċjal tal-Pubblikazzjonijiet) għall-ħidma tagħhom fl-iffinalizzar tal-Gwida, kif ukoll lill-bosta interns tal-Bureau Permanenti li kienu involuti f'dan il-proġett. Għalkemm in-numru tagħhom huwa kbir wisq biex jiġu elenkati hawnhekk, nixtieq nirrikonoxxi l-kontribut tagħhom.

Din il-Gwida ġiet aġġornata f'Novembru 2019. Nirrakkomanda li l-qarrejja jikkonsultaw is-sit web tal-HCCH fuq bażi regolari għal informazzjoni prattika supplimentari u aġġornamenti rigward il-Konvenzjoni.

Bħalma l-Manwal dwar il-Provi għadu jintuża u jiġi ċċitat ħafna, jien ninsab kunfidenti li dan is-suppliment għall-Manwal se jkun daqstant siewi għall-utenti tal-Konvenzjoni.

Christophe Bernasconi | Segretarju Ġenerali

## WERREJ

**KELMTEJN TA’ QABEL** ... **3**
**INTRODUZZJONI** ... **9**
**X’INHI L-KONNESSJONI BIL-VIDJO?** ... **15**
**DWAR DIN IL-GWIDA** ... **19**
**GLOSSARJU** ... **27**
**PARTI A IL-BIDU TAL-UŻU TAL-KONNESSJONI BIL-VIDJO** ... **37**
**A1 KUNSIDERAZZJONIJIET PRELIMINARI** ... **39**
A1.1 Bażijiet ġuridiċi ... 40
a. L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont id-dritt intern ... 41
b. L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont strumenti oħrajn ... 44
c. L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi ... 45
A1.2 Kumpilazzjoni diretta kontra kumpilazzjoni indiretta ta’ provi ... 48
A1.3 Restrizzjonijiet legali fuq il-kumpilazzjoni tal-provi ... 52
**A2 L-UŻU TAL-KONNESSJONI BIL-VIDJO SKONT IL-KAPITOLU I** ... **54**
A2.1 L-Ittri ta’ Talba ... 54
A2.2 Il-kontenut, il-forma u t-trażmissjoni tal-Ittra ta’ Talba ... 55
A2.3 Tweġiba għall-Ittra ta’ Talba ... 57
A2.4 In-notifika jew it-taħrika tax-xhud/tal-espert u ta’ atturi oħra ... 58
A2.5 Il-Preżenza u l-parteċipazzjoni fl-eżekuzzjoni tal-Ittra ta’ Talba ... 59
a. Il-preżenza tal-partijiet u/jew tar-rappreżentanti tagħhom (l-Artikolu 7) ... 59
b. Preżenza ta’ membri tal-persunal ġudizzjarju (l-Artikolu 8) ... 60
A2.6 Miżuri koerċittivi u ġegħil ... 62
A2.7 Ġurament/dikjarazzjoni ... 63
A2.8 L-identifikazzjoni tax-xhud/tal-espert u ta’ atturi oħrajn ... 64
A2.9 Dispożizzjonijiet penali ... 65
A2.10 Privileġġi u salvagwardji oħra ... 66
A2.11 Spejjeż ... 67
**A3 L-UŻU TAL-KONNESSJONI BIL-VIDJO SKONT IL-KAPITOLU II** ... **69**
A3.1 Konsli u Kummissarji ... 69
A3.2 Ħtieġa għal permess mill-Istat ta’ Eżekuzzjoni ... 71
A3.3 In-notifika tax-xhud ... 73
A3.4 L-attendenza, il-preżenza, il-parteċipazzjoni tal-partijiet, tar-rappreżentanti tagħhom, u/jew ta’ persunal ġudizzjarju ... 74
A3.5 Miżuri koerċittivi u ġegħil ... 75
A3.6 Ġurament/dikjarazzjoni ... 76
A3.7 L-identifikazzjoni tax-xhud/tal-espert u ta’ atturi oħrajn ... 77
A3.8 Dispożizzjonijiet penali ... 78
A3.9 Privileġġi u salvagwardji oħra ... 80
A3.10 Spejjeż ... 81
**PARTI B. IT-TĦEĦĦIJA GĦAS-SEDUTI PERMEZZ TAL-KONNESSJONI BIL-VIDJO U KIF GĦANDHOM JITMEXXEW** ... **83**
**B1 Il-kunsiderazzjoni ta’ ostakli prattiċi potenzjali** ... **87**
**B2 Skedar u ttestjar** ... **90**

**B3 Appoġġ u taħriġ tekniku....92**
**B4 Prenotazzjoni ta' faċilitajiet xierqa....94**
B4.1 L-użu ta' dokumenti u esibiti.... 95
B4.2 Komunikazzjonijiet privati.... 96
B4.3 Każijiet speċjali.... 97
**B5 L-użu tal-interpretazzjoni....98**
**B6 Reġistrazzjoni, rapportar u reviżjoni....100**
**B7 L-ambjent, il-pożizzjonament u l-protokolli....103**
B7.1 Il-kontroll tal-kameras/tal-awdjo.... 105
B7.2 Il-protokoll biex wieħed jitkellem.... 106
B7.3 Protokoll f'każ ta' qtugħ fil-komunikazzjoni.... 107
**PARTI C ASPETTI TEKNIĊI U TA' SIGURTÀ.... 109**
**C1 L-adegwatezza tat-tagħmir....112**
C1.1 L-użu ta' software liċenzjat.... 113
C1.2 L-użu ta' fornituri kummerċjali.... 114
**C2 Standards tekniċi minimi....115**
C2.1 Codec.... 117
C2.2 Networks.... 118
C2.3 Wisa' tal-banda.... 120
C2.4 Kriptaġġ.... 121
C2.5 L-awdjo (Mikrofoni u Speakers).... 122
C2.6 Vidjo (Kameras u Skrins).... 123
**PARTI A IL-BIDU TAL-UŻU TA' KONNESSJONI BIL-VIDJO.... 129**
**A1 KUNSIDERAZZJONIJIET PRELIMINARI....129**
A1.1 Bażijiet ġuridiċi.... 129
a. L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont id-dritt intern.... 129
b. L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont strumenti oħrajn.... 129
c. L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi.... 129
A1.2 Kumpilazzjoni diretta kontra kumpilazzjoni indiretta ta' provi.... 129
A1.3 Restrizzjonijiet legali fuq il-kumpilazzjoni tal-provi.... 130
**A2 L-UŻU TAL-KONNESSJONI BIL-VIDJO SKONT IL-KAPITOLU I....130**
A2.1 L-Ittri ta' Talba.... 130
A2.2 Il-kontenut, il-forma u t-trażmissjoni tal-Ittra ta' Talba.... 130
A2.3 Tweġiba għall-Ittra ta' Talba.... 130
A2.4 In-notifika jew it-taħrika tax-xhud/tal-espert u ta' atturi oħra.... 131
A2.5 Il-Preżenza u l-parteċipazzjoni fl-eżekuzzjoni tal-Ittra ta' Talba.... 131
a. Il-preżenza tal-partijiet u/jew tar-rappreżentanti tagħhom (l-Artikolu 7).... 131
b. Preżenza ta' membri tal-persunal ġudizzjarju (l-Artikolu 8).... 131
A2.6 Miżuri koerċittivi u ġegħil.... 131
A2.7 Ġurament/dikjarazzjoni.... 131
A2.8 L-identifikazzjoni tax-xhud/tal-espert u ta' atturi oħrajn.... 132
A2.9 Dispożizzjonijiet penali.... 132
A2.10 Privileġġi u salvagwardji oħra.... 132
A2.11 Spejjeż.... 132

**A3 L-UŻU TAL-KONNESSJONI BIL-VIDJO SKONT IL-KAPITOLU II ........ 132**
A3.1 Konsli u Kummissarji ........ 132
A3.2 Ħtieġa għal permess mill-Istat ta' Eżekuzzjoni ........ 133
A3.3 In-notifika tax-xhud ........ 133
A3.4 L-attendenza, il-preżenza, il-parteċipazzjoni tal-partijiet, tar-rappreżentanti tagħhom, u/jew ta' persunal ġudizzjarju ........ 133
A3.5 Miżuri koerċittivi u ġegħil ........ 133
A3.6 Ġurament/dikjarazzjoni ........ 133
A3.7 L-identifikazzjoni tax-xhud/tal-espert u ta' atturi oħrajn ........ 134
A3.8 Dispożizzjonijiet penali ........ 134
A3.9 Privileġġi u salvagwardji oħra ........ 134
A3.10 Spejjeż ........ 134
**PARTI B IT-TĦEĦĦIJA GĦAS-SEDUTI PERMEZZ TAL-KONNESSJONI BIL-VIDJO U KIF GĦANDHOM JITMEXXEW ........ 134**
**B1 Il-kunsiderazzjoni ta' ostakli prattiċi potenzjali ........ 134**
**B2 Skedar u ttestjar ........ 135**
**B3 Appoġġ u taħriġ tekniku ........ 135**
**B4 Prenotazzjoni ta' faċilitajiet xierqa ........ 135**
B4.1 L-użu ta' dokumenti u esibiti ........ 135
B4.2 Komunikazzjonijiet privati ........ 135
B4.3 Każijiet speċjali ........ 135
**B5 L-użu tal-interpretazzjoni ........ 136**
**B6 Reġistrazzjoni, rapportar u reviżjoni ........ 136**
**B7 L-ambjent, il-pożizzjonament u l-protokolli ........ 136**
B7.1 Il-kontroll tal-kameras/tal-awdjo ........ 136
B7.2 Il-protokoll biex wieħed jitkellem ........ 136
B7.3 Protokoll f'każ ta' qtugħ fil-komunikazzjoni ........ 137
**PARTI C ASPETTI TEKNIĊI U TA' SIGURTÀ ........ 137**
**C1 L-adegwatezza tat-tagħmir ........ 137**
C1.1 L-użu ta' software liċenzjat ........ 137
C1.2 L-użu ta' fornituri kummerċjali ........ 137
**C2 Standards tekniċi minimi ........ 137**
C2.1 Codec ........ 137
C2.2 Networks ........ 138
C2.3 Wisa' tal-banda ........ 138
C2.4 Kriptaġġ ........ 138
C2.5 L-awdjo (Mikrofoni u Speakers) ........ 138
C2.6 Vidjo (Kameras u Skrins) ........ 138

# INTRODUZZJONI

*"F'dinja li dejjem qed tespandi mimlija b'teknoloġija li tavvanza malajr, ċerti innovazzjonijiet jistgħu jimmodifikaw u jiffaċilitaw uħud mill-eqdem tradizzjonijiet tad-dinja."* [1]

1. Din il-Gwida tindirizza l-użu tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo [2] fil-kumpilazzjoni transfruntiera tal-Provi skont il-*Konvenzjoni tat-18 ta' Marzu 1970 dwar il-Kumpilazzjoni tal-Provi Barra mill-Pajjiż f'Materji Ċivili jew Kummerċjali* (il-Konvenzjoni dwar il-Provi).

2. Il-Konvenzjoni dwar il-Provi ġiet konkluża fi żmien meta t-teknoloġiji moderni tal-lum ma kinux użati ħafna, madankollu, il-lingwa teknoloġikament newtrali adottata mill-awturi tippermetti l-użu ta' tali teknoloġiji. Il-Kummissjoni Speċjali dwar l-operazzjoni prattika tal-Konvenzjoni dwar il-Provi f'diversi okkażjonijiet tenniet li, bħal fil-każ tal-Konvenzjonijiet l-oħra dwar il-Kooperazzjoni Legali, la l-ispirtu u lanqas l-ittra tal-Konvenzjoni dwar il-Provi ma jikkostitwixxu ostaklu għall-użu ta' teknoloġiji ġodda u li l-operazzjoni tal-Konvenzjoni tista' tibbenefika mill-użu tagħhom. Il-Kummissjoni Speċjali nnotat ukoll li l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo u ta' teknoloġiji simili li jgħinu fil-kumpilazzjoni tal-provi huwa konsistenti mal-qafas attwali tal-Konvenzjoni[3].

3. Ħafna mill-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-Provi, li issa huma aktar minn 60, ma jqisux li hemm ostakli legali għall-użu tal-konnessjoni bil-vidjo biex tiġi ffaċilitata l-kumpilazzjoni tal-provi skont il-Konvenzjoni. [4] Fost dawn il-Partijiet Kontraenti, filwaqt li xi wħud huma mgħammra bis-sħiħ biex jagħmlu użu mit-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo, oħrajn bħalissa ma għandhomx il-faċilitajiet biex jagħmlu dan. Pereżempju, fil-kuntest tal-Unjoni Ewropea, minkejja l-livell ta' integrazzjoni fir-reġjun u l-appoġġ qawwi għal aktar użu tal-konnessjoni bil-vidjo, l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo għadu "inkonsistenti" bejn l-Istati Membri. [5] Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal reali tat-teknoloġija u jitħeġġeġ l-użu tagħha fil-kuntest internazzjonali usa' tal-Konvenzjoni dwar il-Provi, għad hemm ħtieġa għal aktar gwida biex jissolvew il-kwistjonijiet f'dan it-territorju relattivament mhux magħruf.

---

1 R. A. Williams, "Videoconferencing: Not a foreign language to international courts", *Oklahoma Journal of Law and Technology*, vol. 7, Nru 1, 2011, p. 1.

2 F'din il-Gwida, "konnessjoni bil-vidjo" jintuża bħala terminu ġenerali li jiġbor fih id-diversi teknoloġiji użati biex ikunu jistgħu jsiru vidjokonferenzi, dehriet remoti, jew kwalunkwe forma oħra ta' preżenza bil-vidjo. Għal aktar tagħrif dwar dan it-terminu, ara *infra* fit-taqsima intitolata "*X'inhi l-konnessjoni bil-vidjo?*" .

3 K & R Nru 4 tal-KS tal-2003; K & R Nru 55 tal-KS tal-2009; K & R Nru 20 tal-KS tal-2014. Ara wkoll "Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet (jew "K & R")" fil-Glossarju.

4 Ara "Synopsis of Responses to the Country Profile Questionnaire on the Taking of Evidence by Video-link under the *Hague Convention of 18 March 1970 on the Taking of Evidence Abroad in Civil or Commercial Matters* (Evidence Convention)" , disponibbli fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH taħt "Taking of evidence by video-link" , Parti V, q. (a); Parti VI, q. (a); Parti VII, q. (i) u (q) [minn hawn 'il quddiem, "Ġabra fil-qosor tat-Tweġibiet"].

5 In-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-Materji Ċivili u Kummerċjali, *L-użu tal-vidjokonferenzi biex tinkiseb xhieda f'materji ċivili u kummerċjali skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001: Gwida prattika*, Brussell, il-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea, 2009, p. 6, disponibbli fl-indirizz li ġej: < https://dg-justice-portal-demo.eurodyn.com/ejusticeportal/content_ejn_s_publications-287-mt.do > [ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020]. Ara wkoll l-isforzi riċenti fil-kuntest tal-Proġett "Handshake" (2014–2017) tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, kif spjegat fil-Glossarju u msemmi tul din il-Gwida.

4. F'dan l-isfond, fil-laqgħa tagħha ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni Speċjali, b'reazzjoni għal proposta magħmula mill-Awstralja, rrakkomandat li l-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u l-Politika tal-HCCH jistabbilixxi Grupp ta' Esperti biex jinvestiga l-kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu bl-użu ta' konnessjoni bil-vidjo u ta' teknoloġiji moderni oħra fil-kumpilazzjoni ta' provi barra mill-pajjiż[6].

5. Meta l-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u l-Politika (Council on General Affairs and Policy, CGAP) reġa' ltaqa' f'Marzu 2015, iddeċieda, skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Speċjali, li jistabbilixxi l-Grupp ta' Esperti, li l-mandat tiegħu kien prinċipalment li jesplora modi potenzjali biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet, kemm dawk legali, prattiċi kif ukoll tekniċi, li jistgħu jinqalgħu fl-użu ta' konnessjoni bil-vidjo u ta' teknoloġiji moderni oħra fil-kumpilazzjoni ta' provi skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi. Il-grupp ta' Esperti ngħata wkoll il-mandat li jivvaluta x-xewqa u l-fattibbiltà tal-għażliet varji disponibbli, b'kont meħud tal-prattika attwali fl-Istati u bejn l-Istati, kif ukoll tal-istrumenti reġjonali u internazzjonali eżistenti[7].

6. Il-grupp ta' Esperti [8] mbagħad iltaqa' f'Diċembru 2015 u ddetermina li l-kwistjonijiet primarjament prattiċi li jinqalgħu jkunu indirizzati aħjar permezz ta' Gwida għal Prattika Tajba, li tkun ikkumplimentata minn Profili tal-Pajjiżi dettaljati u prodotti b'mod uniformi għal kull Parti Kontraenti individwali, li għalihom tinġabar informazzjoni permezz ta' kwestjonarju. Il-Grupp ikkunsidra li l-Gwida tkun tipprovdi kummentarju dettaljat dwar l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo u ta' teknoloġiji moderni oħra fl-operazzjoni tal-Konvenzjoni, li jkun prinċipalment ibbażat fuq l-Artikoli rilevanti u tieħu approċċ prattiku billi turi lill-utenti kif dawn it-teknoloġiji jistgħu jintużaw u għandhom jintużaw kemm skont il-Kapitolu I kif ukoll skont il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni[9]. Il-Grupp ta' Esperti rrakkomanda wkoll li jiġi stabbilit sottogrupp żgħir għal skopijiet ta' abbozzar.

7. F'Marzu 2016, is-CGAP approva l-formazzjoni tas-sottogrupp iżgħar tal-Grupp ta' Esperti, responsabbli għall-iżvilupp u l-abbozzar ta' din il-Gwida, kif ukoll il-Profili dettaljati tal-Pajjiżi li jikkomplementawha[10].

8. Ftit wara, is-sottogrupp beda l-ħidma tiegħu, f'kollaborazzjoni mal-Bureau Permanenti. Matul dan il-proċess, fl-interess li tkun ikkunsidrata b'mod xieraq id-diversità ġeografika u ġurisdizzjonali, u skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti, il-Bureau Permanenti

---

6 K & R Nru 21 tal-KS tal-2014.

7 K & R Nru 9 tas-CGAP tal-2015.

8 Dawn l-esperti li ġejjin kienu involuti fl-istadji kollha jew f'partijiet mill-istadji, tal-ħidma tal-Grupp ta' Esperti, inkluż fl-abbozzar ta' din il-Gwida u fil-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż: **Andorra**: Sara DIÉGUEZ; **L-Awstralja**: James ALLSOP (President); **Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina**: Haibo GOU, Tailong WANG, Tanshuo XU, Yong ZHOU; **Il-Kolombja**: Maria José MONTAÑA CORREA, Lucia Teresa SOLANO RAMIREZ; **Ir-Repubblika Ċeka**: Jana VEDRALOVÁ; **L-Unjoni Ewropea**: Jacek GARSTKA (Kummissjoni Ewropea), Jaana POHJANMÄKI (Kunsill tal-Unjoni Ewropea), Xavier THOREAU (Kunsill tal-Unjoni Ewropea), Susana Fonte (Eurojust), Csaba Sandberg (Eurojust); **Il-Finlandja**: Anna-Lena HALTTUNEN; **Franza**: Camille BLANCO, Nicolas CASTELL, Marie VAUTRAVERS; **Il-Ġermanja**: Thomas KLIPPSTEIN, Stefanie PLÖTZGEN-KAMRADT, Nils SCHRÖDER, Dana TILLICH; **L-Indja**: Kajal BHAT; **Il-Ġappun**: Masayoshi FURUYA; **Il-Korea (r-Repubblika ta')**: Ha-Kyung JUNG, Jongsun KANG; **Il-Latvja**: Voldemārs KIZINO, Viktors MAKUCEVIČS, Madara RIEKSTA; **Il-Litwanja**: Gintarė BUSTAEVIENĖ, Vaida PETRAVIČIENĖ; **Il-Messiku**: Alejandro León VARGAS; **In-Norveġja**: Catherine WESTBYE-WIESE; **In-Netherlands**: Willem T. WASLANDER; **Il-Polonja**: Paweł KOSMULSKI, Anna SALWA; **Il-Portugall**: Carlos GANDAREZ, Claudia Alexandra KONG, Nuno LÁZARO FONSECA; **Il-Federazzjoni Russa**: Ivan MELNIKOV; **Is-Slovenja**: Judita DOLŽAN; **Spanja**: Alegría BORRÁS; **L-Iżvezja**: Freddy LARSSON, Mari-Ann ROOS; **L-Iżvizzera**: Silvia MADARASZ-GAROLLA; **It-Turkija**: Kansu KARA; **Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq**: David COOK, Nic TURNER; **L-Istati Uniti tal-Amerka**: Ada E. BOSQUE, Daniel KLIMOW, Katerina OSSENOVA.

9 Ara "Report of the Experts' Group on the Use of Video-link and Other Modern Technologies in the Taking of Evidence Abroad" , Dok. Prel. Nru 8 ta' Diċembru 2015 għall-attenzjoni tas-CGAP, p. 3 (disponibbli fit-Taqsima dwar il-Provi fuq is-sit web tal-HCCH).

10 K & R Nru 20 tas-CGAP tal-2016.

kkonsulta lil partijiet esterni, jiġifieri l-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE), il-Eurojust, in-Network Ibero-Amerikan għall-Kooperazzjoni Legali Internazzjonali (IberRed) u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Avukati (IBA). Din il-konsultazzjoni addizzjonali żgurat il-kontribut minn varjetà wiesgħa ta' reġjuni u tradizzjonijiet legali, inklużi xi wħud li ma kinux irrappreżentati fis-sottogrupp.

9. Fi Frar 2017, il-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż tqassam lill-Korpi Nazzjonali u ta' Kuntatt tal-Membri,[11] u lill-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-Provi li mhumiex Membri u l-kontenut għall-Profili tal-Pajjiżi individwali ttella' fis-sit web tal-HCCH malli bdew jaslu t-tweġibiet.[12] Matul l-2017 u l-bidu tal-2018, il-Bureau Permanenti kompla r-riċerka u l-abbozzar tal-Gwida u wara diversi ċikli ta' abbozzar u konsultazzjoni mas-sottogrupp matul l-2018, l-abbozz tal-Gwida ġie approvat mill-Grupp ta' Esperti sħiħ f'Novembru 2018. Imbagħad ġie sottomess lis-CGAP u rċieva l-approvazzjoni finali f'Ġunju 2019[13].

11 Skont l-Artikolu 7(1) tal-Istatut tal-HCCH, kull Stat Membru huwa meħtieġ li jinnomina Korp Nazzjonali u kull Organizzazzjoni Membru trid tinnomina Korp ta' Kuntatt, li jaġixxi bħala l-punt ta' kuntatt ewlieni mal-Bureau Permanenti.

12 Meta l-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż tqassam oriġinarjament, waslu 35 tweġiba minn 33 Parti Kontraenti: l-Awstralja, il-Belarussja, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Brażil, il-Bulgarija, iċ-Ċina (ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali (SAR) ta' Hong Kong u r-Reġjun Amministrattiv Speċjali tal-Macao), il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Iżrael, il-Korea (ir-Repubblika ta'), il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Messiku, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, Singapore, is-Slovenja, l-Afrika t'Isfel, l-Iżvezja, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit (l-Ingilterra, Wales u l-Irlanda ta' Fuq), l-Istati Uniti tal-Amerka, il-Venezwela. Fiż-żmien meta kienet qed tinkiteb il-Gwida, dan kien jirrappreżenta madwar 53 % tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-Provi. It-tweġibiet li waslu huma disponibbli fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH (ara l-indirizz indikat fin-nota 4).

13 K & R Nru 38 tas-CGAP tal-2019.



# X'INHI L-KONNESSJONI BIL-VIDJO?

10. Il-"konnessjoni bil-vidjo" tirreferi għat-teknoloġija li tippermetti żewġ postijiet jew aktar li jinteraġixxu fl-istess ħin permezz ta' trażmissjoni vidjo u awdjo bidirezzjonali, li tiffaċilita l-komunikazzjoni u l-interazzjoni personali bejn dawn il-postijiet. Peress li din il-prattika ġiet introdotta gradwalment f'liġijiet proċedurali kif ukoll f'mekkaniżmi ta' kooperazzjoni legali transfruntiera, ġew żviluppati diversi definizzjonijiet legali. Termini oħra użati normalment biex jiddeskrivu din il-prattika, meta jintużaw għall-fini tal-kumpilazzjoni ta' provi, huma "vidjokonferenzi", "dehra remota" jew "preżenza bil-vidjo".[14]

11. Fil-kuntest ta' proċedimenti ġudizzjarji, minħabba li l-konnessjoni bil-vidjo mhijiex marbuta bi fruntieri tradizzjonali, tippermetti lill-partijiet, lir-rappreżentanti tagħhom u/jew lil xhud biex jidhru u/jew jixhdu quddiem qorti minn post ieħor fl-istess territorju tal-qorti, f'unità territorjali differenti tal-istess Stat, jew minn barra l-pajjiż.

12. Peress li l-konnessjoni bil-vidjo ma tiġix affettwata mid-distanza bejn il-qorti, il-partijiet, ir-rappreżentanti tagħhom u kwalunkwe xhud, hija toffri ffrankar potenzjali ta' ħin, ta' spejjeż, ta' inkonvenjent u tal-impatt ambjentali tal-ivvjaġġar lejn il-qorti,[15] kif ukoll mezz biex tingħeleb l-impossibbiltà ta' persuna waħda jew aktar li jipparteċipaw fil-proċedimenti. Dan huwa ta' benefiċċju partikolari fil-każ ta' xhieda esperti, li n-nuqqas ta' disponibbiltà tagħhom spiss jista' jagħti lok għal dewmien fl-iskedar.[16] F'ċerti każijiet, l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo jista' jnaqqas ħafna l-importanza tad-disponibbiltà tax-xhud fost il-fatturi kkunsidrati sabiex jiġi stabbilit jekk qorti għandhiex ġurisdizzjoni fi kwistjoni partikolari.[17] L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo jista' wkoll jipprovdi aktar flessibbiltà fl-iskedar tal-proċedimenti, kif ukoll fl-akkomodazzjoni ta' xhieda b'ċerti kundizzjonijiet fiżiċi jew mentali, jew xhieda li jħossuhom intimidati minn dehra personali fil-qorti, u b'hekk jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja. Flimkien, dawn il-fatturi kollha jistgħu jikkontribwixxu għal deċiżjonijiet aktar informati u għal proċedimenti ġudizzjarji aktar effiċjenti.

13. Minħabba li l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo jista' ma jkunx xieraq fiċ-ċirkostanzi kollha fejn persuna għandha tidher u/jew tixhed quddiem qorti, jibqa' jitqies bħala komplement (u mhux sostitut) għall-metodi tradizzjonali biex jinkisbu l-provi (jiġifieri, attendenza personali fl-awla). Dan huwa prinċipalment minħabba li l-livell ta' interazzjoni personali max-xhud ikun inevitabbilment aktar baxx minn dak li jseħħ meta x-xhud ikun fiżikament preżenti fl-awla.[18] Bħala tali, il-kapaċità tal-parteċipanti biex jevalwaw l-imġiba u l-kredibbiltà tax-xhud tista' tiġi

---

14 Skont il-kuntest u s-sors, jista' jkun hemm varjazzjonijiet fid-definizzjonijiet attribwiti lil dawn it-termini u lil termini analogi. Ara, pereżempju, id-diskussjoni tad-differenza bejn il-vidjokonferenzi u t-telepreżenza f'M. E. Gruen u C. R. Williams, *Handbook on Best Practices for Using Video Teleconferencing in Adjudicatory Hearings*, Konferenza Amministrattiva tal-Istati Uniti, 2015, pp. 9–10, disponibbli fl-indirizz li ġej: < https://www.acus.gov/report/handbook-best-practices-using-video-teleconferencing-adjudicatory-hearings > [ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020].

15 Ara, pereżempju, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, "D1a: Judicial use cases with high benefits from cross-border videoconferencing", *Multi-aspect initiative to improve cross-border videoconferencing (Proġett "Handshake";* għal aktar tagħrif dwar dan il-proġett ara l-Glossarju), 2017, p. 2; M. Davies, "Bypassing the Hague Evidence Convention: Private International Law Implications of the Use of Video and Audio Conferencing Technology in Transnational Litigation", *American Journal of Comparative Law*, vol. 55(2), 2007, p. 206; Il-Qorti Federali tal-Awstralja, *Guide to Videoconferencing*, 2016, p. 2, disponibbli fl-indirizz li ġej: < http://www.fedcourt.gov.au/services/videoconferencing-guide > [ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020].

16 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, "Id-disponibbiltà tax-xhieda esperti ġiet identifikata bħala waħda mill-kawżi ta' dewmien", *Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera*, il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2013, p. 6 [minn hawn 'il quddiem, il-"Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera"], disponibbli fl-indirizz li ġej: < https://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/publications/guide-videoconferencing-cross-border-proceedings/ >[ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020].

17 M. Davies (*op. cit.* fin-nota 15), p. 236.

18 Proġett Handshake (*op. cit.* fin-nota 15), p. 26.

mfixkla,[19] b'mod partikolari meta t-teknoloġija u n-nuqqas ta' prossimità jaggravaw id-differenzi lingwistiċi jew kulturali u jwasslu għal telf ta' sfumaturi. Pereżempju, studju fost diversi qrati tal-appell ta' Parti Kontraenti waħda (l-Istati Uniti) sab li xi mħallfin iħossu li staqsew inqas mistoqsijiet meta eżaminaw xhud permezz ta' konnessjoni bil-vidjo u kien inqas probabbli li jinterrompu argument.[20] F'xi kawżi, id-distanza tax-xhud tista' tnaqqas ukoll il-kapaċità tal-qorti li teżerċita kontroll fuq ix-xhud. Tħassib ieħor huwa dak tal-possibbiltà ta' problemi tekniċi; għalhekk dawk responsabbli għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' faċilitajiet, tagħmir u appoġġ xierqa fil-postijiet kollha parteċipanti. Kull kwistjoni potenzjali assoċjata mal-użu tal-konnessjoni bil-vidjo tista' tikkomprometti dawk l-aspetti fundamentali tal-proċedimenti bħad-"dritt għal proċess ġust" jew il-"prinċipju ta' immedjatezza", minbarra li tinibixxi jew tillimita l-aċċess għall-ġustizzja.[21] Il-qrati jridu għalhekk iħarsu lil hinn mill-konvenjenza biss biex jiddeterminaw jekk fiċ-ċirkostanzi tal-kawża individwali, l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo huwiex, kollox ma' kollox, ta' benefiċċju għall-amministrazzjoni ġenerali ġusta u effiċjenti tal-ġustizzja[22].

14. Għaldaqstant, din il-Gwida tispjega l-aħjar prattiki fl-użu tal-konnessjoni bil-vidjo li jistgħu jindirizzaw uħud minn dawn l-isfidi. Dawn il-prattiki jfittxu li jippermettu lill-utenti tal-Konvenzjoni dwar il-Provi li jagħmlu l-aħjar użu possibbli mit-teknoloġija attwalment disponibbli. Maż-żmien, avvanzi ulterjuri fit-teknoloġija huma mistennija li jtejbu l-proċess, biex fl-aħħar mill-aħħar jimmassimizzaw il-benefiċċji tal-użu tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo fil-kumpilazzjoni ta' provi barra mill-pajjiż.

19 R. A. Williams (*op. cit.* fin-nota 1), p. 21. Għal diskussjoni dwar l-effett tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo fuq l-evalwazzjoni tal-kredibbiltà ta' xhud, ara wkoll in-nota 42.

20 M. Dunn u R. Norwick, *Report of a Survey of Videoconferencing in the Courts of Appeals* , Ċentru Ġudizzjarju Federali, 2006, p. 13, disponibbli fl-indirizz li ġej: < https://www.fjc.gov/sites/default/files/2012/VidConCA.pdf > [ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020].

21 Proġett Handshake (*op. cit.* fin-nota 15), pp. 26–27. Il-kunċett ta' immedjatezza huwa prinċipju ġenerali tal-liġi proċedurali f'numru ta' Stati, b'mod partikolari fl-Ewropa, li jinkludi l-idea li l-provi għandhom jinstemgħu fil-forma oriġinali u mhux derivattiva tagħhom (jiġifieri, "immedjati" kemm fis-sens temporali kif ukoll dak korporali). Għal diskussjoni aktar dettaljata dwar il-prinċipju ta' immedjatezza u r-relazzjoni tiegħu mal-użu tal-konnessjoni bil-vidjo, ara, pereżempju, T. Ivanc, "Theoretical Background of Using Information Technology in Evidence Taking", f'V. Rijavec *et al.* (edituri), *Dimensions of Evidence in European Civil Procedure*, in-Netherlands, Kluwer Law International, 2016, pp. 265–300; V. Harsági, "Evidence, Information Technology and Principles of Civil Procedure – The Hungarian Perspective", f'C.H. van Rhee u A. Uzelac (edituri), *Evidence in Contemporary Civil Procedure*, Cambridge, Intersentia, 2015, pp. 137–154.

22 Il-Qorti Federali tal-Awstralja (*op. cit.* fin-nota 15), p. 2.

# DWAR DIN IL-GWIDA

15. Il-fokus prinċipali ta' din il-Gwida huwa l-użu tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi. Barra minn hekk, hija tiddeskrivi l-esperjenzi miksuba minn żviluppi ġenerali nazzjonali u internazzjonali f'dan il-qasam, billi tinkludi referenzi għad-dritt intern u għal ftehimiet internazzjonali oħrajn, fejn xieraq.

16. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Gwida huwa prinċipalment limitat għall-użu tal-konnessjoni bil-vidjo għall-kumpilazzjoni tal-provi b'testimonjanza, peress li dan it-tip ta' provi huwa l-aktar adattat biex jiġi kkumpilat permezz tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo u l-aktar wieħed jintuża/jintalab ta' spiss fost il-ġurisdizzjonijiet. Skont il-liġi applikabbli, il-konnessjoni bil-vidjo tista' tintuża wkoll biex jinkisbu provi oħra minbarra testimonjanza, iżda l-użu tagħha għal dak l-iskop jidher li huwa aktar limitat[23].

17. Għandu jiġi nnotat ukoll li xi Stati rispondenti rrapportaw dispożizzjonijiet statutorji li jillimitaw il-kumpilazzjoni ta' provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo biex tinkiseb testimonjanza minn xhud jew minn parti.[24] Stati oħra rispondenti esprimew tħassib dwar id-diffikultajiet assoċjati mal-kisba ta' provi dokumentarji permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.[25] Għalhekk, il-fokus ta' din il-Gwida jibqa' l-kisba ta' testimonjanza transfruntiera minn xhud jew espert[26].

18. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Provi jestendi biss għal "materji ċivili u kummerċjali" (għal aktar informazzjoni dwar dan it-terminu, ara l-Glossarju), għalkemm ċerti aspetti loġistiċi u kunsiderazzjonijiet prattiċi f'din il-Gwida jistgħu jkunu rilevanti għall-użu tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo f'termini aktar ġenerali. Barra minn hekk, ġie osservat fil-kuntest Ewropew li "il-maġġoranza vasta tal-użu transfruntier [tal-konnessjoni bil-vidjo] huwa għal kawżi ċivili u kummerċjali, għat-testimonjanza tax-xhud u tipi oħra ta' kumpilazzjoni tal-provi" .[27] Bħala tali, din il-Gwida hija ristretta għall-kuntest ta' materji ċivili u kummerċjali u ma tindirizzax il-kumpilazzjoni tal-provi transfruntiera fi proċedimenti kriminali fid-dettall.

19. Il-Gwida hija mqassma kif ġej:

**Parti A** tiddiskuti il-bidu tal-użu tal-vidjo, inklużi l-kunsiderazzjonijiet preliminari, u tispjega l-modi kif tista' tintuża l-konnessjoni bil-vidjo skont il-Konvenzjoni billi tiffoka primarjament fuq l-aspetti legali.

**Parti B** tikkonċerna t-tħejjija u t-tmexxija tas-seduti li fihom tintuża l-konnessjoni bil-vidjo, u tinkludi kunsiderazzjonijiet kemm legali kif ukoll prattiċi.

**Parti C** telabora dwar l-aspetti tekniċi u ta' sigurtà.

---

23 Xi Stati ma għandhomx restrizzjonijiet fuq it-tip ta' provi li jistgħu jinkisbu permezz ta' konnessjoni bil-vidjo u bħala tali jistgħu wkoll jużaw it-teknoloġija biex jiksbu provi dokumentarji jew provi oħra. Ara, pereżempju, Synopsis of Responses (*op. cit.* fin-nota 4), Parti IV, q. (b) u (d).

24 Ara, pereżempju, it-tweġiba ta' Franza għal Parti IV, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

25 Ara, pereżempju, it-tweġiba tal-Kroazja għal Parti IV, q. (d) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

26 Kif innotat fil-Glossarju, għall-finijiet ta' din il-Gwida, it-terminu "xhud" jitqies li jinkludi kemm partijiet għall-proċedimenti kif ukoll partijiet terzi li trid tittieħed testimonjanza mingħandhom. Madankollu, għandu jiġi nnotat li f'xi Partijiet Kontraenti, bħall-Istati Uniti, "[i]l-qrati wrew nuqqas ta' rieda akbar biex jippermettu testimonjanza permezz tal-[konnessjoni bil-vidjo][...] meta x-xhud remot huwa wkoll parti għall-azzjoni": M. Davies (*op. cit.* fin-nota 15), p. 211.

27 Ir-riżultati tal-proġett "Handshake" immexxi mill-Kunsill Ewropew juru li din il-maġġoranza tista' tilħaq sa 80–90 % tal-kawżi li jużaw il-konnessjoni bil-vidjo: Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 15), p. 15.

Fejn applikabbli, kull taqsima hija preċeduta mis-suġġerimenti ta' **Prattiki Tajbin** rilevanti għal dik it-taqsima jew is-subtaqsima partikolari. Dawn il-Prattiki Tajbin jidhru f'kaxex ikkuluriti u huma nnumerati b'mod differenti mill-paragrafi. Dawn huma kkompilati wkoll fl-**Anness I**. L-**Anness II** fih tabelli ta' spjegazzjoni li juru kif tista' tintuża l-konnessjoni bil-vidjo skont il-Konvenzjoni (kemm f'każijiet ta' kumpilazzjoni diretta kif ukoll indiretta ta' provi), u l-**Anness III** jipprovdi sensiela ta' eżempji kuntestwali bħala spjegazzjoni.

L-**Annessi** li jifdal jinkludu informazzjoni importanti oħra, bħal formola ġdida mhux obbligatorja li tindirizza b'mod speċifiku l-kwistjonijiet tal-konnessjoni bil-vidjo li għandhom jiġu mehmuża mal-Formola Mudell Rakkomandata għall-Ittri ta' Talba (l-**Anness IV**), it-test sħiħ tal-Konvenzjoni dwar il-Provi (l-**Anness V**), u l-Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni Speċjali (l-**Anness VI**).

20. Matul din il-Gwida, issir referenza għall-**Profili tal-Pajjiżi** individwali għal kull Parti Kontraenti. Minħabba d-diverġenzi fil-liġijiet, il-prattiki u l-proċeduri bejn il-Partijiet Kontraenti li jikkonċernaw l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo fil-kumpilazzjoni tal-provi,[28] il-Grupp ta' Esperti ddetermina li dawn il-Profili tal-Pajjiżi kienu meħtieġa sabiex jipprovdu gwida mmirata u li tista' tiġi aġġornata aktar faċilment. Il-Profili tal-Pajjiżi b'hekk fihom informazzjoni addizzjonali, unika għal kull Parti Kontraenti, dwar l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi, inklużi leġiżlazzjoni, regoli jew regolamenti rilevanti, links utli u dettalji ta' kuntatt. Dawn jistgħu jiġu aċċessati mill-Evidence Section tas-sit web tal-HCCH.

21. Din il-Gwida hija maħsuba biex tikkomplementa t-tielet edizzjoni tal-**Practical Handbook on the Operation of the Evidence Convention** (minn hawn 'il quddiem, il-"Manwal dwar il-Provi"),[29] li jinkludi Anness iddedikat għall-użu tal-konnessjoni bil-vidjo (Anness 6). Il-Manwal dwar il-Provi huwa gwida komprensiva li tinkludi informazzjoni dwar l-operazzjoni tal-Konvenzjoni b'mod aktar ġenerali, inklużi l-ġurisprudenza u l-kummentarju relatat mal-Konvenzjoni b'mod ġenerali, mhux biss l-użu tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo. Aktar informazzjoni dwar ix-xiri ta' kopji tal-Manwal dwar il-Provi hija disponibbli fit-Taqsima dwar il-Provi u fit-Taqsima dwar il-Pubblikazzjonijiet tas-sit web tal-HCCH: < www.hcch.net >.

[28] *Ibid.*, p. 20.

[29] Il-Bureau Permanenti tal-HCCH, *Practical Handbook on the Operation of the Evidence Convention*, it-tielet edizzjoni, The Hague, 2016. Ara wkoll il-Glossarju.

# ABBREVJAZZJONIJIET

| | |
|---|---|
| ADSL | Linja Diġitali Asimmetrika tal-Abbonat |
| AES | Standard Avvanzat ta' Kriptaġġ |
| AIR | All India Reporter (l-Indja) |
| ATR | Australasian Tax Reports (l-Awstralja) |
| Bankr. E.D.N.Y. | Il-Qorti tal-Falliment tal-Istati Uniti għad-Distrett tal-Lvant ta' New York (l-Istati Uniti) |
| BCSC | Il-Qorti Suprema tal-British Colombia (il-Kanada) |
| K & R | Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet (HCCH) |
| CCBE | Il-Kunsill tal-Kmamar tal-Avukati u s-Soċjetajiet tal-Liġi tal-Ewropa |
| CGAP | Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u l-Politika (HCCH) |
| Codec | Kodifikatur-dekodifikatur |
| *Comput. Netw.* | *Networks tal-Kompjuters* |
| D. Conn. | Il-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti għad-Distrett ta' Connecticut (l-Istati Uniti) |
| D.D.C. | Il-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti għad-Distrett ta' Colombia (l-Istati Uniti) |
| KE | Il-Kummissjoni Ewropea |
| UE | L-Unjoni Ewropea |
| EWHC (Ch) | High Court of England and Wales (Chancery Division) (Ir-Renju Unit) |
| EWHC (QB) | Il-Qorti Għolja tal-Ingilterra u Wales (Queen's Bench Division) (ir-Renju Unit) |
| FCA | Il-Qorti Federali tal-Awstralja |
| FCR | Rapporti tal-Qorti Federali (l-Awstralja) |
| Fed. R. Civ. P. | Regoli Federali dwar il-Proċedura Ċivili (l-Istati Uniti) |
| Fed. R. Evid. Serv. | Is-Servizz tar-Regoli Federali dwar il-Provi (l-Istati Uniti) |
| HD | Definizzjoni Għolja |
| HKEC | Iċ-Ċitazzjoni Elettronika ta' Hong Kong (ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina) |
| HKLRD | Rapport u Sommarju tal-Liġi ta' Hong Kong (ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina) |
| SAR ta' Hong Kong | Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong (Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina) |
| IberRed | Network Ibero-Amerikan għal Kooperazzjoni Legali Internazzjonali |
| IBA | L-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Avukati (IBA) |
| ID | Dokument tal-identità |
| IP | Protokoll tal-Internet |
| ISDN | Network Diġitali ta' Servizzi Integrati (ISDN) |
| ITU-T | Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni |

| | |
|---|---|
| LawAsia | Assoċjazzjoni tal-Liġi għall-Asja u għall-Paċifiku |
| SAR tal-Macao | Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali tal-Macao (Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina) |
| MCU | Unità ta' Kontroll b'ħafna punti (MCU) |
| ONSC | Il-Qorti Suprema ta' Ontario (il-Kanada) |
| ONCJ | Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' Ontario (il-Kanada) |
| Res/D/N/DC | Riżervi/Dikjarazzjonijiet/Notifiki/Komunikazzjonijiet tad-Depożitarju |
| KS | Kummissjoni Speċjali (HCCH) |
| SIP | Protokoll ta' Bidu ta' Sessjoni |
| SD | Definizzjoni Standard |
| S.D.N.Y. | Il-Qorti Distrettwali għad-Distrett tan-Nofsinhar ta' New York (l-Istati Uniti) |
| U.S. | L-Istati Uniti tal-Amerka |
| W.D. Tenn. | Il-Qorti Distrettwali għad-Distrett tal-Punent ta' Tennessee (l-Istati Uniti) |
| WXGA | Firxa ta' Grafika Estiża Wiesgħa |

# GLOSSARJU

## L-Awtorità Ċentrali

L-awtorità maħtura minn Parti Kontraenti skont l-Artikolu 2(1).

## Kapitolu I

Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li jittrattaw is-sistema tal-Ittri ta' Talba. Il-Kapitolu I jinkludi l-Artikoli 1 sa 14 tal-Konvenzjoni.

## Kapitolu II

Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li jittrattaw il-kumpilazzjoni tal-provi minn Konsli u Kummissarji. Il-Kapitolu II jinkludi l-Artikoli 15 sa 22 tal-Konvenzjoni. Skont l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni, Parti Kontraenti tista' teskludi, kompletament jew parzjalment, l-applikazzjoni tal-Kapitolu II. Biex tara d-dikjarazzjonijiet u r-riżervi magħmula minn Parti Kontraenti partikolari, ara **t-Tabella tal-Istatus** għall-Konvenzjoni dwar il-Provi, fil-kolonna intitolata "Res/D/N/DC".

## Kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali

Terminu użat biex jiddelimita l-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tal-Konvenzjoni. It-terminu "kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali" huwa interpretat *b'mod liberali* u b'mod *awtonomu*, u applikat b'mod konsistenti kemm fil-Konvenzjoni dwar il-Provi kif ukoll f'dik dwar is-Servizzi.

## Codec

Codec (verżjoni mqassra ta' "kodifikatur-dekodifikatur") huwa apparat li jikkompressa s-sinjali awdjo u vidjo f'sit wieħed f'sinjal diġitali li jiġi trażmess lis-sit l-ieħor, qabel ma jiġi kkonvertit lura f'format awdjo u vidjo li jinqara.[30]

## Kummissarju

Għall-finijiet tal-Kapitolu II, persuna inkarigata biex tikkumpila l-provi (ara b'mod partikolari l-Artikolu 17).

## Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet (jew "K & R")

Il-Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet ta' diversi laqgħat tal-HCCH. Tul din il-Gwida, il-biċċa l-kbira tar-referenzi huma għall-K & R tal-Kummissjoni Speċjali dwar l-operazzjoni prattika tal-Konvenzjoni dwar il-Provi, flimkien mas-sena tal-laqgħa rilevanti (pereżempju, "K & R tal-KS tal-2014" tirreferi għall-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet adottati mil-laqgħa tal-2014 tal-Kummissjoni Speċjali). Il-Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet rilevanti kollha tal-Kummissjoni Speċjali huma riprodotti fl-**Anness VI** u huma disponibbli wkoll fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH: < www.hcch.net >. Issir referenza wkoll għall-K & R ta' laqgħat oħrajn tal-HCCH, bħal-laqgħa annwali tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u l-Politika.

---

30 M. Dunn u R. Norwick (*op. cit.* fin-nota 20), p. 2; M. E. Gruen u C. R. Williams (*op. cit.* fin-nota 14), p. 5.

## Konslu

Għall-finijiet tal-Kapitolu II, "Konslu" huwa terminu użat biex jindika aġenti konsulari u uffiċjali diplomatiċi.

## Aġent konsulari

Għall-finijiet tal-Kapitolu II, persuna inkarigata biex tikkumpila l-provi (ara b'mod partikolari l-Artikoli 15 u 16). Għall-konvenjenza, it-terminu "Konslu" jintuża f'din il-Gwida biex jindika aġenti konsulari u uffiċjali diplomatiċi.

## Profil tal-Pajjiż

Tweġiba għall-*Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż* imqassam mill-Bureau Permanenti lill-Partijiet Kontraenti fl-2017, imfassal biex jikkomplementa l-informazzjoni aktar ġenerali pprovduta f'din il-Gwida. Kull "Profil tal-Pajjiż" individwali, kif ukoll ġabra tat-tweġibiet kollha ("Ġabra fil-qosor tat-Tweġibiet") huma disponibbli fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH: < www.hcch.net >. Referenzi għal "q." tul din il-Gwida jirreferu għall-mistoqsijiet fil-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż.

## Kumpilazzjoni diretta ta' provi

Il-proċedura ta' kumpilazzjoni tal-provi li permezz tagħha l-awtorità fl-Istat Rikjedenti li quddiemha jkunu pendenti l-proċedimenti twettaq l-eżami tax-xhud jew tal-espert direttament. *Ara wkoll: "Kumpilazzjoni indiretta ta' provi"; id-distinzjoni bejn il-kumpilazzjoni tal-provi diretta u indiretta hija diskussa f'**A1.2***; Tabelli ta' spjegazzjoni huma inklużi fl-***Anness II***.

## Regolament tal-UE dwar il-Provi

Regolament fis-seħħ fost l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE) (bl-eċċezzjoni tad-Danimarka)[31] dwar il-kumpilazzjoni tal-provi f'materji ċivili jew kummerċjali. It-Titolu sħiħ tar-Regolament tal-UE dwar il-Provi huwa: *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tal-provi f'materji ċivili jew kummerċjali*[32].

## Il-Konvenzjoni dwar il-Provi (jew il-Konvenzjoni)

Trattat internazzjonali żviluppat u adottat taħt il-patroċinju tal-HCCH, li t-titolu sħiħ tiegħu huwa *Convention of 18 March 1970 on the Taking of Evidence Abroad in Civil or Commercial Matters*. It-test sħiħ tal-Konvenzjoni jinsab fl-**Anness V** u huwa disponibbli wkoll fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH: < www.hcch.net >.

---

[31] Ir-Renju Unit jibqa' marbut bir-Regolament tal-UE dwar il-Kumpilazzjoni tal-Provi sal-31 ta' Diċembru 2020, skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ iffirmat bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

[32] It-test sħiħ tar-Regolament huwa aċċessibbli mill-bażi tad-*data* tal-EUR-Lex, disponibbli fl-indirizz li ġej: < https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX:32001R1206 > [ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020].

## Manwal dwar il-Provi

Pubblikazzjoni tal-HCCH, li t-titolu sħiħ tagħha huwa *Practical Handbook on the Operation of the Evidence Convention*. Il-Manwal dwar il-Provi joffri spjegazzjonijiet dettaljati ta' diversi aspetti tal-operazzjoni ġenerali tal-Konvenzjoni dwar il-Provi kif ukoll kummentarji awtorevoli dwar il-kwistjonijiet ewlenin li jitqajmu fil-prattika. Din il-Gwida għandha għalhekk titqies bħala suppliment għall-Manwal dwar il-Provi. Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, ir-referenzi f'din il-Gwida għall-"Manwal dwar il-Provi" jirreferu għat-tielet edizzjoni tal-Manwal ippubblikata fl-2016. L-informazzjoni dwar ix-xiri tal-Manwal hija disponibbli fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH: < www.hcch.net >.

## Taqsima dwar il-Provi

Taqsima tas-sit web tal-HCCH iddedikata lill-Konvenzjoni dwar il-Provi. It-Taqsima dwar il-Provi tista' tiġi aċċessata permezz ta' link fil-paġna ewlenija tas-sit web tal-HCCH < www.hcch.net >.

## Rapport ta' Spjegazzjoni

Ir-rapport imfassal mis-Sur Philip W. Amram li jiddeskrivi l-isfond u l-ħidma preparatorja tal-Konvenzjoni dwar il-Provi, u jipprovdi kummentarju ta' kull artikolu tat-test tagħha. It-test sħiħ tar-Rapport ta' Spjegazzjoni huwa riprodott fl-Anness 3 tal-**Manwal dwar il-Provi** u huwa disponibbli wkoll fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH: < www.hcch.net >. Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni kien oriġinarjament ippubblikat f'*Actes et documents de la Onzième session* (*Proċedimenti tal-Ħdax-il Sessjoni*) *(1968)*, Volum IV, *Obtention des preuves à l'étranger* (pp. 202–216).

## Proġett "Handshake"

Proġett li sar bejn l-2014 u l-2017 mill-Grupp ta' Esperti dwar il-vidjokonferenzi tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Leġiżlazzjoni Elettronika (Ġustizzja elettronika) fi ħdan il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li l-isem sħiħ tiegħu kien *Multi-aspect initiative to improve cross-border videoconferencing* [33]. L-għan iddikjarat tal-proġett kien "li jippromwovi l-użu prattiku u li jaqsam l-aħjar prattika u għarfien dwar l-aspetti organizzattivi, tekniċi u legali tal-vidjokonferenzi transfruntiera (VK) sabiex jgħin fit-titjib tal-funzjonament ġenerali tas-sistemi tal-Ġustizzja elettronika fl-Istati Membri u fil-livell Ewropew."[34]

L-eżiti u r-rakkomandazzjonijiet tal-proġett informaw il-proċess ta' abbozzar ta' din il-Gwida, b'mod partikolari fir-rigward tal-aspetti prattiċi u tekniċi. Dan kien dovut l-aktar għat-testijiet estensivi u prattiċi ta' konnessjoni bil-vidjo li saru bejn diversi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea.

## Seduta

Għall-finijiet ta' din il-Gwida, it-terminu "seduta" jintuża biex jirreferi għal kull tip ta' eżami ta' xhud li mingħandu jridu jittieħdu provi, kemm jekk dan iseħħ bħala parti mill-proċedimenti f'qorti, kif ukoll jekk isir barra mill-qorti. Ar*a wkoll, "Xhud", "Konslu" u "Kummissarju"* .

---

[33] Id-dokumentazzjoni u r-riżultati tal-proġett (.zip file) "*Multi-aspect initiative to improve cross-border videoconferencing*" huma disponibbli fuq: < https://beta.e-justice.europa.eu/69/EN/general_information > [ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020].

[34] Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 15), p. 2.

### Kumpilazzjoni indiretta ta' provi

Il-proċedura ta' kumpilazzjoni tal-provi li permezz tagħha awtorità fl-Istat Rikjest li fit-territorju tiegħu jinsab ix-xhud/l-espert tagħmel l-eżami tax-xhud/tal-espert. *Ara wkoll: "Kumpilazzjoni diretta ta' provi"; id-distinzjoni bejn il-kumpilazzjoni tal-provi diretta u indiretta hija diskussa f'* ***A1.2****; Tabelli ta' spjegazzjoni huma inklużi fl-**Anness II***.

### Network Diġitali ta' Servizzi Integrati (ISDN)

ISDN hija ddefinita mill-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni bħala tip ta' "[network li jipprovdi jew jappoġġa firxa ta' servizzi differenti ta' telekomunikazzjoni] li jipprovdi konnessjonijiet diġitali bejn interfaċċi tan-network tal-utent"[35].

### Settur tal-Istandardizzazzjoni tat-Telekomunikazzjoni tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU-T)

Settur tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni, responsabbli għat-"[tlaqqigħ] ta' esperti minn madwar id-dinja għall-iżvilupp ta' standards internazzjonali magħrufa bħala Rakkomandazzjonijiet tal-ITU-T, li jaġixxu bħala elementi ta' definizzjoni fl-infrastruttura globali tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni"[36].

### Network tal-Protokoll tal-Internet (IP)

Network tal-IP huwa ddefinit mill-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni bħala tip ta' "network li fih IP jintuża bħala protokoll tas-saffi"[37].

### Awtorità ġudizzjarja

It-terminu "awtorità ġudizzjarja" jintuża fil-Konvenzjoni biex jiddeskrivi: (a) l-awtorità li toħroġ l-Ittri ta' Talba (l-Artikolu 1(1)), u (b) l-awtorità li teżegwixxi l-Ittri ta' Talba (l-Artikolu 9(1)).

### Ittra ta' Talba

Għall-finijiet tal-Kapitolu I, apparat li jintuża biex tintalab il-kumpilazzjoni tal-provi jew it-twettiq ta' xi att ġudizzjarju ieħor. F'din il-Gwida, "ittra ta' talba" (mingħajr ittri kapitali) tirreferi għall-apparat skont strumenti oħrajn (pereżempju, il-Konvenzjoni tal-1954 tal-HCCH dwar il-Proċedura Ċivili) jew il-liġi interna dwar il-kumpilazzjoni tal-provi jew it-twettiq ta' xi att ġudizzjarju ieħor (magħruf b'mod komuni bħala "ittri rogatorji", u inqas frekwenti bħala "kummissjoni rogatorja").

---

35 L-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni, "I.112: Vocabulary of terms for ISDNs", 1993, p. 6, disponibbli fuq: < https://www.itu.int/rec/T-REC-I.112-199303-I > [ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020]. Ara wkoll, *infra*, fin-nota 36 għal aktar informazzjoni dwar l-ITU-T.

36 Għal aktar informazzjoni dwar l-ITU-T, ara: < https://www.itu.int/en/ITU-T/about/Pages/default.aspx > [ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020].

37 L-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni, "Y.1001: IP framework – A framework for convergence of telecommunications network and IP network technologies", 2000, p. 3, disponibbli minn fuq: < https://www.itu.int/rec/T-REC-Y.1001-200011-I > [ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020].

## Formola mudell

Il-formola mudell ta' Ittra ta' Talba rrakkomandata mill-Kummissjoni Speċjali. Verżjonijiet tal-Formola Mudell li jistgħu jimtlew kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Franċiż huma disponibbli mill-Evidence Section tas-sit web tal-HCCH: < www.hcch.net >. Kopja tal-Formola Mudell b'istruzzjonijiet dwar il-mili hija wkoll ipprovduta fl-Anness 4 tal-Manwal dwar il-Provi.

## Tabella ta' informazzjoni prattika

It-tabella għal Parti Kontraenti partikolari, li hija disponibbli fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH (< www.hcch.net >) taħt "Central and other Authorities", li tinkludi informazzjoni dwar l-operazzjoni prattika tal-Konvenzjoni f'dik il-Parti Kontraenti partikolari.

## Awtorità rikjesta

Għall-finijiet tal-Kapitolu I, l-awtorità li teżegwixxi l-Ittra ta' Talba. Il-Konvenzjoni tipprovdi li awtorità rikjesta hija awtorità ġudizzjarja tal-Istat Rikjest li hija kompetenti biex teżegwixxi Ittri ta' Talba skont id-dritt intern tagħha.

## L-Istat Rikjest

Għall-finijiet tal-Kapitolu I, il-Parti Kontraenti li lilha tiġi indirizzata, jew se tiġi indirizzata, Ittra ta' Talba.

## Awtorità rikjedenti

Għall-finijiet tal-Kapitolu I, l-awtorità li toħroġ Ittra ta' Talba. Il-Konvenzjoni tipprovdi li l-awtorità rikjedenti hija awtorità ġudizzjarja tal-Istat Rikjedenti li hija kompetenti biex toħroġ Ittri ta' Talba skont id-dritt intern tagħha.

## L-Istat Rikjedenti

Għall-finijiet tal-Kapitolu I, il-Parti Kontraenti li minnha tinħareġ, jew se tinħareġ, Ittra ta' Talba.

## L-Istat Rispondenti

Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni li ssottomettiet tweġiba għall-*Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż* imqassam mill-Bureau Permanenti fl-2017. Kull tweġiba individwali ("Profil tal-Pajjiż" ), kif ukoll ġabra tat-tweġibiet kollha ("Ġabra fil-Qosor tat-Tweġibiet") huma disponibbli fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH: < www.hcch.net >.

## L-Istat Akkreditanti

F'din il-Gwida, dan it-terminu jintuża biss fil-kuntest tat-tifsira tiegħu skont il-*Konvenzjoni ta' Vjenna tal-24 ta' April 1963 dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari* (minn hawn 'il quddiem, "il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari"), u jirreferi għall-Istat li jibgħat uffiċjal diplomatiku jew konsulari biex jirrappreżenta l-interessi tiegħu barra mill-pajjiż.

## Il-Kummissjoni Speċjali (jew "KS")

L-HCCH twaqqaf Kummissjonijiet Speċjali li jitlaqqgħu mis-Segretarju Ġenerali tagħha biex jiżviluppaw u jinnegozjaw Konvenzjonijiet ġodda tal-HCCH, jew biex jirrieżaminaw l-operazzjoni prattika ta' Konvenzjonijiet eżistenti tal-HCCH. F'din il-Gwida, "Kummissjoni Speċjali" (jew "KS") tirreferi għall-Kummissjoni Speċjali li tiltaqa' minn żmien għal żmien biex tirrieżamina l-operazzjoni prattika tal-Konvenzjoni dwar il-Provi.

## L-Istat ta' Eżekuzzjoni

Għall-finijiet tal-Kapitolu II, il-Parti Kontraenti li fit-territorju tagħha qed issir, jew se ssir, il-kumpilazzjoni tal-provi.

## L-Istat ta' Oriġini

Għall-finijiet tal-Kapitolu II, il-Parti Kontraenti li fit-territorju tagħha jinbdew il-proċedimenti u li, biex tgħin f'dawk il-proċedimenti, qed issir jew se ssir il-kumpilazzjoni tal-provi. Meta l-provi jittieħdu minn Konslu, l-Istat ta' Oriġini huwa wkoll l-Istat irrappreżentat mill-Konslu. *Ara wkoll: "Stat Akkreditanti".*

## It-Tabella tal-Istatus

Lista aġġornata tal-Partijiet Kontraenti li tinżamm mill-Bureau Permanenti abbażi tal-informazzjoni riċevuta mid-depożitarju. It-Tabella tal-Istatus hija disponibbli fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH (< www.hcch.net >), flimkien ma' spjegazzjonijiet dwar kif taqraha u tinterpretaha.

It-Tabella tal-istatus tinkludi informazzjoni importanti li għandha x'taqsam ma' kull Parti Kontraenti, fosthom:

a) id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għal dik il-Parti Kontraenti;
b) il-metodu li bih issieħbet fil-Konvenzjoni (pereżempju, firma/ratifika, adeżjoni, jew suċċessjoni);
c) għal Partijiet Kontraenti li jissieħbu permezz tal-adeżjoni, jekk l-adeżjoni ġietx aċċettata minn Partijiet Kontraenti oħra;
d) kwalunkwe estensjoni tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni;
e) l-awtoritajiet li nnominat skont il-Konvenzjoni (pereżempju, Awtoritajiet Ċentrali); u
f) kwalunkwe riżerva, notifika jew dikjarazzjoni oħra li tkun għamlet skont il-Konvenzjoni.

*Għal aktar informazzjoni dwar l-aspetti preċedenti, ara l-Manwal dwar il-Provi*[38].

## Teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo (magħrufa wkoll bħala teknoloġija tal-vidjokonferenzi)

Teknoloġija li tippermetti żewġ postijiet jew aktar li jinteraġixxu fl-istess ħin permezz ta' trażmissjoni

38 *Op. cit.* fin-nota 29.

vidjo u awdjo bidirezzjonali. Jekk jogħġbok innota li għall-finijiet ta' din il-Gwida, l-espressjoni "konnessjoni bil-vidjo" tkopri d-diversi teknoloġiji użati biex ikunu jistgħu jsiru il-vidjokonferenzi, id-dehriet remoti, jew kwalunkwe forma oħra ta' preżenza bil-vidjo.

*Għal aktar informazzjoni dwar it-terminu "konnessjoni bil-vidjo", ara* supra *fit-taqsima intitolata "**X'inhi l-konnessjoni bil-vidjo?**".*

## Pont għall-vidjokonferenzi (magħruf ukoll bħala unità ta' kontroll b'diversi punti (MCU) jew "gateway")

Kombinazzjoni ta' software u hardware li toħloq kamra tal-laqgħat virtwali u li taġixxi bħala "pont" billi tgħaqqad is-siti u twettaq konverżjonijiet fejn ikun meħtieġ (pereżempju, tikkonverti s-sinjal tan-network, il-protokolli tal-codec jew id-definizzjoni tal-awdjo/vidjo).

*Għal aktar dwar it-terminu "pont għall-vidjokonferenzi", ara wkoll **C2**.*

## Xhud

Għall-finijiet ta' din il-Gwida, it-terminu "xhud" jinkludi kemm il-partijiet fil-proċedimenti kif ukoll partijiet terzi, li minnhom għandha tittieħed testimonjanza.

# PARTI A

## IL-BIDU TAL-UŻU TAL-KONNESSJONI BIL-VIDJO

A1 KUNSIDERAZZJONIJIET PRELIMINARI

A2 L-UŻU TAL-KONNESSJONI BIL-VIDJO SKONT IL-KAPITOLU I

A3 L-UŻU TAL-KONNESSJONI BIL-VIDJO SKONT IL-KAPITOLU II

## A1 KUNSIDERAZZJONIJIET PRELIMINARI

22. Kif spjegat fl-introduzzjoni, għalkemm il-Konvenzjoni dwar il-Provi ma tagħmel l-ebda referenza speċifika għal teknoloġiji moderni bħall-konnessjoni bil-vidjo, ilu żmien li ġie stabbilit li l-użu tat-teknoloġija biex tassisti fl-operazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni huwa permess, u inkoraġġut.[39] L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo huwa permess kemm fl-eżekuzzjoni ta' Ittra ta' Talba skont il-Kapitolu I kif ukoll fl-eżekuzzjoni ta' talba skont il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni. B'mod partikolari, il-konnessjoni bil-vidjo tista' tintuża:

- biex tiffaċilita l-preżenza u/jew il-parteċipazzjoni tal-partijiet fil-kawża, tar-rappreżentanti tagħhom u tal-persunal ġudizzjarju fil-kumpilazzjoni tal-provi; jew
- biex tiffaċilita l-kumpilazzjoni effettiva tal-provi (kemm kumpilazzjoni diretta kif ukoll indiretta tal-provi).

*Għal spjegazzjoni aktar dettaljata tal-metodi speċifiċi li bihom tista' tintuża l-konnessjoni bil-vidjo skont kull Kapitolu tal-Konvenzjoni, ara **A2** (Kapitolu I) u **A3** (Kapitolu II), hawn taħt.*

23. L-għan ewlieni ta' kwalunkwe użu ta' konnessjoni bil-vidjo għandu dejjem ikun li jiġi żgurat li l-eżami jkun jista' jipproċedi bl-aktar mod simili possibbli għal dak li jseħħ kieku kellu jsir fl-awla tal-qorti.[40] Sabiex dan ikun possibbli, l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo f'kawża partikolari jista' għalhekk ikun soġġett għal kunsiderazzjonijiet ta' ġustizzja,[41] kif iddeterminati mill-qorti, kif ukoll għal kunsiderazzjonijiet prattiċi u tekniċi.

24. Kunsiderazzjonijiet ta' ġustizzja jistgħu jinvolvu evalwazzjoni tal-effett tal-konnessjoni bil-vidjo fuq il-kredibbiltà tax-xhud,[42] minħabba t-tnaqqis fil-kapaċità ta' min qed jiġbor l-informazzjoni li

---

39 Ara K & R Nru 4 tal-KS tal-2003, K & R Nru 55 tal-KS tal-2009 u K & R Nru 20 tal-KS tal-2014.

40 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit.* fin-nota 16), pp. 15, 17; Il-Qorti Federali tal-Awstralja (*op. cit.* fin-nota 15), p. 9; N. Vilela Ferreira *et al.*, *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001: Article 17º and the video conferencing as a way of obtaining direct evidence in civil and commercial matters* , Lisbona, Ċentru għall-Istudji Ġudizzjarji (*Centro de Estudos Judiciários*), 2010, p. 14.

41 L-interessi tal-ġustizzja huma prinċipju ta' gwida għall-qrati meta jiddeterminaw jekk għandhomx jippermettu l-użu ta' konnessjoni bil-vidjo fil-kumpilazzjoni tal-provi. Pereżempju, il-qrati fir-Renju Unit aċċettaw il-kunċett li l-konnessjoni bil-vidjo tista' tassisti fis-segwitu tal- "objettiv prevalenti" fil-proċedura ċivili biex il-qrati jieħdu miżuri biex jiksbu ġustizzja. Ara, pereżempju, il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja, Queens Bench Division f'*Rowland* vs *Bock* [2002] EWHC 692 (QB).

42 Il-punt sa fejn evalwazzjoni tal-kredibbiltà tax-xhud tista' tkun imfixkla permezz tal-konnessjoni bil-vidjo m'huwiex stabbilit fil-ġurisprudenza. Bħala tali, jibqa' kunsiderazzjoni rilevanti għall-qrati u dawk li jfittxu li jiddependu fuq it-teknoloġija. Il-qrati ta' għadd ta' Stati kkunsidraw li l-konnessjoni bil-vidjo ma għandhiex impatt sinifikanti fuq l-evalwazzjoni tal-kredibbiltà. Ara, pereżempju, *In re Rand International Leisure Products, LLC*, Nru 10-71497-ast, 2010 WL 2507634, f'*4 (Bankr. E.D.N.Y. is-16 ta' Ġunju 2010) (il-Qorti ta' Falliment tad-Distrett tal-Lvant ta' New York, l-Istati Uniti tal-Amerika) li sabet biss impatt perċettibbli limitat tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo fuq il-kapaċità li tosserva l-imġiba tax-xhud u li tagħmel kontroeżami; *Skyrun Light Industry (Hong Kong) Co Ltd* vs *Swift Resources Ltd* [2017] HKEC 1239 (il-Qorti tal-Ewwel Istanza, SAR ta' Hong Kong), li nnotat li għalkemm jista' jkun hemm xi tfixkil, ma hemm xejn inġust b'mod inerenti rigward l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo biex tinterroga xhud; *l-Istat ta' Maharashtra* vs *Dr Praful B Desai* AIR 2003 SC 2053 (il-Qorti Suprema tal-Indja), li kienet tal-fehma li

jevalwa l-imġiba tax-xhud, jew tal-assenza tal-*gravitas* stabbilita mill-attendenza fiżika fl-awla tal-qorti. Madankollu, kif diskuss hawn fuq, dan it-tħassib jista' jingħeleb jew jitnaqqas mażżmien permezz ta' avvanzi teknoloġiċi, użu akbar ta' tagħmir, u ż-żieda fil-familjarità mal-użu tagħhom.[43] Il-valur probatorju tat-testimonjanza nnifisha jista' wkoll jonqos meta tintuża konnessjoni bil-vidjo, skont jekk id-dispożizzjonijiet kriminali rilevanti (pereżempju, relatati ma' sperġur jew disprezz) humiex eżegwibbli fil-post li minnu x-xhud ikun qed jixhed[44]. Kunsiderazzjonijiet prattiċi jistgħu jinkludu l-organizzazzjoni tal-aċċess għat-tagħmir għall-konnessjoni bil-vidjo jew l-ispejjeż tal-kiri u tal-użu ta' tagħmir għall-konnessjoni bil-vidjo. Kunsiderazzjonijiet tekniċi jistgħu jvarjaw minn aspetti operattivi speċifiċi tal-konnessjoni bħall-iżgurar ta' medda ta' frekwenzi suffiċjenti u ta' settings xierqa tan-network, sal-kwalità effettiva tal-vidjo u tal-awdjo li jkunu qed jiġu trażmessi.

25. Madankollu, l-ebda waħda minn dawn il-kunsiderazzjonijiet ma tista' titqies b'mod iżolat. L-użu b'suċċess tal-konnessjoni bil-vidjo jitlob approċċ olistiku li jiżgura l-komplementarjetà tal-kunsiderazzjonijiet legali, prattiċi u tekniċi.[45] Jekk wieħed jassumi li prattiki u proċeduri tradizzjonali tal-qorti jistgħu neċessarjament jiġu applikati bl-istess mod għall-proċedimenti fejn tkun involuta konnessjoni bil-vidjo, ikun qed jissottovaluta l-limitazzjonijiet attwali tat-teknoloġija[46]. Se jkun meħtieġ li jsiru aġġustamenti, kemm jekk kbar kif ukoll żgħar, "biex jilqgħu għal-limitazzjonijiet introdotti mit-teknoloġija li tkun qed tintuża, u l-ambjent mibdul maħluq minn dik it-teknoloġija u s-separazzjoni ġeografika tal-parteċipanti".[47] Bħala tali, il-kunsiderazzjonijiet legali, prattiċi u tekniċi huma lkoll diskussi tul din il-Gwida.

### A1.1 Bażijiet ġuridiċi

26. Mill-bidu nett, huwa importanti li wieħed jinnota li ġeneralment hemm tliet bażijiet legali li permezz tagħhom tista' tintalab il-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo:

- Skont id-dritt intern, ara l-paragrafi 27 *et seq.*
- Skont strumenti oħrajn, ara l-paragrafi 31 *et seq.*

---

meta t-teknoloġija taħdem b'mod effettiv, il-kredibbiltà tista' tiġi evalwata b'mod adegwat. Pożizzjoni simili ttieħdet ukoll mill-qrati fil-Partijiet mhux Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-Provi, bħall-Kanada: ara, pereżempju, il-Qorti Suprema ta' British Colombia fi *Slaughter* vs *Sluys* 2010 BCSC 1576 u l-Qorti Suprema ta' Ontario f'*Chandra v. Canadian Broadcasting Corporation* 2016 ONSC 5385; *Paiva* vs *Corpening* [2012] ONCJ 88; *Davies* vs *Clarington* 2011 ONSC 4540. Madankollu, l-impatt tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo fuq l-evalwazzjoni tal-kredibbiltà tax-xhud għadu kwistjoni kontroversjali u l-qrati fi Stati oħra kienu aktar kawti fit-tifsir tagħhom. Ara, f'dan ir-rigward in-nota 55.

43 Xi kummentaturi ssuġġerew li l-kwistjoni ta' "tnaqqis fl-interazzjonijiet personali" tista' titnaqqas b'mod sinifikanti ladarba l-utenti u l-parteċipanti "jidraw dan il-mod ta' interazzjoni": M. Dunn u R. Norwick (*op. cit.* fin-nota 20), pp. 16–17, N. Vilela Ferreira *et al.* (*op. cit.* fin-nota 40), pp. 17–18.

44 M. Davies (*op. cit.* fin-nota 15), p. 225. Ara wkoll **A2.9** (il-Kapitolu I) u **A3.8** (il-Kapitolu II).

45 E. Rowden *et al.*, *Gateways to Justice: Design and Operational Guidelines for Remote Participation in Court Proceedings*, University of Western Sydney, 2013, pp. 6, 10, 19. Dan ir-rapport jagħti dettalji dwar is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' Proġett ta' Konnessjoni tal-Kunsill tar-Riċerka Awstraljan fuq tliet snin: "Gateways to Justice: improving video-mediated communication for justice participants". Il-proġett kien jinvolvi rieżami komprensiv tal-letteratura u tal-leġiżlazzjoni, żjarat fuq il-post, kif ukoll intervisti semistrutturati f'ambjenti kkontrollati biex jiġu evalwati fatturi u influwenzi differenti.

46 Ara l-Qorti Federali tal-Awstralja (*op. cit.* fin-nota 15), p. 8.

47 *Ibid.*, p. 7, para. 3.15.

- Skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi, ara l-paragrafi 34 *et seq.*

### a. L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont id-dritt intern

1 Skont l-Artikolu 27, il-Konvenzjoni ma timpedixxix l-użu tad-dritt intern biex issir kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo f'kundizzjonijiet inqas restrittivi.

2 L-ewwel nett, l-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk il-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo hijiex permessa skont id-dritt intern tal-post fejn il-proċedimenti jkunu pendenti.

3 It-tieni nett, l-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk il-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo tmurx kontra d-dritt intern tal-post li minnu għandha ssir il-kumpilazzjoni tal-provi, inkluż kwalunkwe "statut ta' mblukkar"[48] jew liġijiet kriminali eżistenti.

*Ara l-**Profil tal-Pajjiż** tal-Parti Kontraenti rilevanti*.

27. Fost l-Istati li jużaw il-konnessjoni bil-vidjo għal testimonjanza transfruntiera minn xhud, il-bażijiet legali għal dan l-użu skont id-dritt nazzjonali jistgħu jvarjaw. Xi Stati emendaw il-liġijiet tagħhom biex jippermettu l-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo f'kawżi domestiċi u/jew internazzjonali.[49] Għalkemm Stati oħrajn ma għandhom l-ebda dispożizzjoni

48 L-istatuti ta' mblukkar jippenalizzaw it-tiftix u/jew il-komunikazzjoni ta' provi mingħajr il-permess minn qabel mill-Parti Kontraenti fejn jinsabu l-provi, u b'hekk jiddeiegu l-kumpilazzjoni tal-provi permezz tal-apparat skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi jew strument applikabbli ieħor. Is-sanzjonijiet għall-ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet ivarjaw minn multi għal priġunerija. Għal diskussjoni dettaljata dwar l-użu tal-istatuti ta' mblukkar, ara l-Manwal dwar il-Provi (*op. cit.* fin-nota 29), il-paragrafi 26 *et seq.*

49 Ara, pereżempju, it-tweġibiet għall-Parti II, q. (a) u (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12), it-tweġibiet tal-Awstralja (inkluż, pereżempju, *l*-Att tal-1998 dwar il-Provi (Konnessjonijiet Awdjo u Awdjoviżivi) (NSW), li jiffaċilita l-kumpilazzjoni tal-provi u t-tressiq ta' sottomissjonijiet, permezz ta' konnessjonijiet awdjo u konnessjonijiet awdjoviżivi b'rabta ma proċedimenti quddiem qorti fl-istat ta' New South Wales); tal-Brażil (ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ġustizzja Nru 105/2010 tistabbilixxi regoli dwar kif għandhom isiru u jiġu ddokumentati s-seduti permezz tal-konnessjoni bil-vidjo; il-Liġi 11.419/2006 dwar il-proċedura ġudizzjarja elettronika; l-Artikoli 236, 385, 453, 461 u 937 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-ġdid jipprevedu l-użu ta' vidjokonferenzi); taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong) (l-Ordnijiet 39 u 70 tar-Regoli tal-Qorti Għolja (Kap. 4A) u Parti VIII tal-Ordinanza dwar il-Provi (Kap. 8) jipprovdu għat-teħid ta' testimonjanza minn xhud permezz ta' "konnessjoni diretta bit-televiżjoni"); tar-Repubblika Ċeka (huwa mistenni li tiġi adottata dalwaqt emenda ġdida għall-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili tagħha li se tintroduċi regoli speċifiċi ġodda dwar il-konnessjoni bil-vidjo); tal-Estonja (it-Taqsima 350(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili); tal-Finlandja (il-Kodiċi tal-Proċedura Ġudizzjarja 4/1734 tipprevedi l-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo fi kwistjonijiet domestiċi); tal-Ġermanja (it-Taqsima 128a tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili dwar l-eżami tal-partijiet, tax-xhieda u tal-esperti permezz tat-trażmissjoni tal-immaġnijiet u tal-ħoss); tal-Ungerija (l-Att III tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u d-Digriet tal-Ministru tal-Ġustizzja Nru 3/2016 (II.22) dwar l-użu ta' network tat-telekomunikazzjoni b'ċirkwit magħluq fil-proċeduri ċivili għall-finijiet

speċifika f'dan ir-rigward, il-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo tista' tkun permessa skont ir-regoli ġenerali għall-kumpilazzjoni tal-provi jew liġi domestika oħra, għalkemm fil-biċċa l-kbira għal kawżi domestiċi.[50]

28. Waħda mill-Partijiet Kontraenti għaddiet leġiżlazzjoni li tippermetti l-kumpilazzjoni diretta ta' provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu I tal-Konvenzjoni dwar il-Provi, peress li hija tal-fehma li l-Konvenzjoni ma tipprovdix għal din il-possibbiltà.[51]

*Għal aktar informazzjoni dwar id-distinzjoni bejn il-kumpilazzjoni diretta u indiretta ta' provi, ara* ***A1.2*** *u l-****Anness II***.

29. Minkejja li l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo fi proċedimenti legali madwar id-dinja qed jiżdied, il-Parti Kontraenti li fit-territorju tagħha jinsab ix-xhud tista' madankollu jkollha tħassib relatat mas-sovranità tagħha, peress li t-testimonjanza qed tingħata *de facto* fit-territorju tagħha għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji barranin[52]. Bħala tali, jista' jkun meħtieġ il-permess tal-Parti Kontraenti kkonċernata sabiex isir l-eżami permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, proċess li jista' jiġi

tal-proċess u s-smigħ ta' persuni); tal-Iżrael (l-Artikolu 13 tal-Ordinanza tal-1971 dwar il-Provi jippermetti lil qorti tordna li jsir eżami tax-xhud barra l-Iżrael għall-fini ta' ġustizzja); tal-Korea (ir-Repubblika ta') (l-Artikoli 327-2, 339-3, 340 u 341 tal-*Att dwar il-Proċedura Ċivili* u l-Artikoli 95-2 u 103-2 tar-*Regola ta' Eżekuzzjoni tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili*, li jipprevedu l-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo jekk qorti tqis li huwa xieraq; u l-*Att dwar Kawżi Speċjali li Jikkonċernaw il-Proċessi bil-vidjo* (Att Nru 5004 tas-6 ta' Diċembru 1995)); tal-Latvja (l-Artikolu 703 tal-*Liġi tal-Proċedura Ċivili* u r-regoli interni maħruġa mill-Ministeru tal-Ġustizzja Nru 1-2/14 prenotazzjoni ta' tagħmir għall-vidjokonferenzi u proċeduri għall-użu fi proċedimenti legali jipprevedu l-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo kif ukoll regoli dwar l-interpretazzjoni u l-identifikazzjoni tal-persuni involuti); tal-Polonja (l-Artikoli 235-2, 1131-6 u 1135(2)-4 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ir-regolament tal-Ministru tal-Ġustizzja dwar l-apparati u l-mezzi tekniċi li jippermettu l-kumpilazzjoni tal-provi mill-bogħod fi proċedimenti ċivili, u r-regolament tal-Ministru tal-Ġustizzja dwar l-azzjonijiet dettaljati tal-qrati f'kawżi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' proċedimenti ċivili u kriminali internazzjonali f'relazzjonijiet internazzjonali); tal-Portugall (l-Arti 456, 486, 502, u 520 tal-*Kodiċi ta' Proċedura Ċivili* jirregolaw il-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' vidjokonferenzi minn esperti, xhieda, u partijiet); ta' Singapore (it-Taqsima 4(1) tal-*Att dwar il-Provi (Proċedimenti Ċivili f'Ġurisdizzjonijiet Oħrajn)*, il-Kapitolu 98, Liġijiet Riveduti ta' Singapore, li jippermettu lill-Qorti Għolja tagħmel kwalunkwe ordni għall-kisba ta' provi f'Singapore kif tqis xieraq, inkluż bl-użu ta' konnessjoni bil-vidjo); tas-Slovenja (l-Artikolu 114a tal-*Kodiċi tal-Proċedura Ċivili* jipprevedi l-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' vidjokonferenza jekk il-partijiet jaqblu); tal-Istati Uniti (28 Kodiċi tal-Istati Uniti § 1782(a) jipprevedi li qorti distrettwali tal-Istati Uniti tista' tordna li xhud jixhed biex jgħin fi proċedimenti barranin, għalkemm ma jkunx probabbli li qorti tal-Istati Uniti ġġiegħel lil xhud jixhed direttament permezz ta' konnessjoni bil-vidjo quddiem qorti barranija; din id-dispożizzjoni ma tipprekludix li xhud volontarju li jinsab fl-Istati Uniti jixhed direttament b'konnessjoni bil-vidjo quddiem qorti barranija (ara 28 Kodiċi tal-Istati Uniti § 1782(b)). Għal aktar informazzjoni, ara s-Synopsis of Responses (*op. cit.* fin-nota 4), Parti II, q. (a). Barra minn hekk, l-Istati li ġejjin adottaw regoli tal-qorti li jindirizzaw l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo kemm f'każijiet domestiċi kif ukoll f'dawk internazzjonali: l-Arġentina (Acordada 20/13 tat-2 ta' Lulju 2013 – Dokument Nru 2267/13 tal-Qorti Suprema, li jippermetti l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo meta ma jkunx xieraq li x-xhud jew l-espert jattendi s-seduta jew meta ma jkunux jistgħu jagħmlu dan, u li jistabbilixxi regoli dwar l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo); l-Urugwaj (Acordada 7784 tal-10 ta' Diċembru 2013 tal-Qorti Suprema jirrikonoxxi l-importanza tal-użu tal-konnessjoni bil-vidjo u jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar kif għandha ssir il-kumpilazzjoni tal-provi b'mezzi bħal dawn).

50 Ara, pereżempju, it-tweġibiet tal-Bulgarija, taċ-Ċina (SAR tal-Macao), tal-Kroazja, tan-Norveġja u tal-Venezwela għall-Parti II, q. (a) u (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

51 Franza (id-Digriet Nru 2017-892 tas-6 ta' Mejju 2017 jintroduċi l-possibbiltà li jiġu eżegwiti b'mod dirett Ittri Rogatorji skont il-Kapitolu I tal-Konvenzjoni dwar il-Provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo sakemm jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet).

52 Ara wkoll, *infra*, fil-paragrafu 66.

ffaċilitat bl-operazzjoni ta' trattati ta' kooperazzjoni ġudizzjarja[53]. Xi Partijiet Kontraenti, madankollu, ma joġġezzjonawx għall-użu tal-konnessjoni bil-vidjo biex jiġi eżaminat xhud fit-territorju tagħhom u jikkunsidraw li huwa permess mill-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni[54].

30. Kemm jekk ikun meħtieġ permess jew le, jista' jkun hemm restrizzjonijiet addizzjonali stabbiliti speċifikament għall-użu tal-konnessjoni bil-vidjo u bħala tali, huwa importanti li wieħed jikkunsidra l-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza, ir-regolamenti jew il-protokolli rilevanti li huma fis-seħħ għall-Partijiet Kontraenti kkonċernati.[55] Pereżempju, tista' tkun meħtieġa ordni tal-qorti

53 Huwa importanti li wieħed jinnota li anki fejn ma tkunx qed tintuża konnessjoni bil-vidjo f'eżami, xorta waħda jista' jkun meħtieġ il-permess tal-Istat(i) konċernat(i), kif inhu l-każ skont il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni dwar il-Provi (ara **A3.2**).

54 Ara, pereżempju, it-tweġibiet għall-Parti II, q. (a) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12), it-tweġibiet tal-Istati Uniti (28 Kodiċi tal-Istati Uniti § 1782(b), ara, *supra*, fin-nota 49) u tar-Renju Unit (l-Att tal-1975 dwar il-Provi (Proċedimenti f'Ġurisdizzjonijiet Oħrajn) it-Taqsimiet 1 u 2 dwar applikazzjoni għall-assistenza li tinkludi l-eżami ta' xhud, moqri flimkien mar-Regola 32.3 tal-Proċedura Ċivili, li tippermetti l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo).

55 Minkejja l-vantaġġi kollha tat-teknoloġija, id-diversi approċċi meħuda fir-rigward tal-użu tal-konnessjoni bil-vidjo jvarjaw ħafna minn Parti Kontraenti għal oħra (u xi drabi anki bejn il-ġurisdizzjonijiet tal-istess Parti Kontraenti). Pereżempju, fiċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), il-Qorti tal-Appell f'*Raj Kumar Mahajan* vs *HCL Technologies (Hong Kong) Ltd* 5 HKLRD 119 iddikjarat li l-kumpilazzjoni ta' provi b'konnessjoni bil-vidjo hija "l-eċċezzjoni aktar milli r-regola". Fl-Istati Uniti, il-Fed. R. Civ. P. 43(a) jippermetti t-teħid ta' testimonjanza diretta waqt proċess f'qorti miftuħa permezz ta' konnessjoni bil-vidjo soġġett għal "kawża ġusta f'ċirkostanzi konstrinġenti" f'litigazzjoni domestika. Il-qrati tal-Istati Uniti sabu li dan l-istandard intlaħaq f'għadd ta' każijiet differenti. Ara, pereżempju, il-Qorti Distrettwali ta' Tennessee f'*DynaSteel Corp.* vs *Durr Systems, Inc.*, Nru.2:08-cv-02091-V, 2009 WL 10664458, f'*1 (W.D. Tenn. is-26 ta' Ġunju 2009) (li sabet li "kawża ġusta" ġiet stabbilita meta x-xhud li ma kienx parti kien barra mis-setgħa tal-qorti li tħarrku fi proċess mingħajr ġurija); iil-Qorti Distrettwali tad-Distrett ta' Colombia fl-Istati Uniti vs *Philip Morris USA, Inc.*, Nru CIV.A. 99-2496 (GK), 2004 WL 3253681, f'*1 (D.D.C. it-30 ta' Awwissu 2004) (li ppermettiet konnessjoni bil-vidjo minħabba diffikultajiet loġistiċi biex ix-xhieda jinġiebu mill-Awstralja mal-avukati tagħhom fl-Istati Uniti tal-Amerka); il-Qorti Distrettwali ta' Connecticut*Sawant vs Ramsey*, Nru 3:07-cv-980 (VLB), 2012 WL 1605450, f'*3 (D. Conn. it-8 ta' Mejju 2012) (li sabet li l-inkapaċità tax-xhud li jivvjaġġa għal raġunijiet ta' saħħa tikkostitwixxi "kawża ġusta" u "ċirkostanzi konvinċenti"). Barra minn hekk, it-testimonjanza fi proċess permezz ta' konnessjoni bil-vidjo tista' tkun permessa biss jekk ikunu ġew stabbiliti salvagwardji xierqa. Dan jinkludi, pereżempju, li l-qorti u l-avukat taż-żewġ partijiet ikunu jistgħu jagħmlu mistoqsijiet u jeżaminaw lix-xhud permezz ta' konnessjoni bil-vidjo u li jkun hemm uffiċjal xieraq li jagħti l-ġurament. Ara, pereżempju, *DynaSteel Corporation* vs *Durr Systems, Inc.* u *Sawant* vs *Ramsey* (iċċitati aktar 'il fuq); *In re Rand International Leisure Products, LLC*, (*op. cit.* fin-nota 42) (kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo bil-kundizzjoni ta' bosta rekwiżiti prattiċi u tekniċi). Dan huwa differenti minn stqarrija ta' xhud volontarju permezz ta' konnessjoni bil-vidjo għall-użu f'litigazzjoni barranija, peress li tali stqarrija hija testimonjanza barra mill-qorti. Dawn l-istqarrijiet huma korretti u ma jiksrux id-dritt tal-Istati Uniti, u għaldaqstant jistgħu jsiru arranġamenti privati għalihom mill-awtoritajiet barranin u x-xhud volontarju fl-Istati Uniti (ara l-Uffiċċju tal-Assistenza Ġudizzjarja Internazzjonali tad-Dipartiment tal-Ġustizzja tal-Istati Uniti, *OIJA Evidence and Service Guidance* (il-11 ta' Ġunju 2018), disponibbli fl-indirizz li ġej: < https://www.justice.gov/civil/evidence-requests > [ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020]. Il-qrati fl-Awstralja adottaw żewġ approċċi diverġenti meta jikkunsidraw jekk jagħtux permess għall-użu ta' konnessjoni bil-vidjo biex tinkiseb it-testimonjanza ta' xhud, u fl-aħħar mill-aħħar "dak li ser iservi l-aħjar l-amministrazzjoni tal-ġustizzja... [filwaqt li]... tinżamm il-ġustizzja bejn il-partijiet": *Kirby* vs *Centro Properties* [2012] FCA 60. L-ewwel approċċ żviluppa hekk kif ħafna mħallfin aċċettaw it-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo għall-konvenjenza tagħha, b'tali mod li l-konnessjoni bil-vidjo tkun permessa sakemm ma jitressaqx argument konvinċenti li jiġġustifika ċ-ċaħda tagħha. F'*Tetra Pak Marketing Pty Ltd* vs *Musashi Pty Ltd* [2000] FCA 1261, xhud espert li ta xehed dwar punti xjentifiċi u possibbilment kontroversjali ngħata permess biex jidher permezz ta' konnessjoni bil-vidjo minħabba li l-Qorti kkunsidrat li l-konnessjoni bil-vidjo għandha tkun permessa "fin-nuqqas ta' xi impediment konsiderevoli kontra l-użu tagħha f'każ partikolari". Min-naħa l-oħra, f'kawżi oħra, ġie adottat approċċ aktar prudenti, li jqiegħed l-oneru fuq ir-rikorrent biex juri b'mod attiv raġuni tajba għall-użu tal-konnessjoni bil-vidjo. F'*Campaign Master (UK)* vs *Forty Two International Pty Ltd (No. 3)* (2009) 181 FCR 152, il-Qorti rrifjutat li tippermetti l-konnessjoni bil-vidjo peress li x-xhud ma ta l-ebda raġuni għall-assenza u kellu jixhed dwar kwistjoni ewlenija. Il-permess ġie miċħud ukoll fi *Stuke* vs *ROST Capital Group Pty Ltd* [2012] FCA 1097 peress li dak li xehed dwaru x-xhud kien ferm kontroversjali u kienet meħtieġa interpretazzjoni. Ir-restrizzjonijiet legali fuq

biex isir użu mill-konnessjoni bil-vidjo fil-kumpilazzjoni tal-provi[56]. Għal xi Partijiet Kontraenti, il-possibbiltà li tintuża l-konnessjoni bil-vidjo hija soġġetta għall-kunsens reċiproku tal-partijiet għall-proċedimenti.[57]

### b. L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont strumenti oħrajn

4 Peress li l-Konvenzjoni ma tidderogax minn strumenti oħra (l-Artikolu 32), l-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk xi strumenti oħra bilaterali jew multilaterali jistgħux jipprevalu fil-kawża partikolari.

*Ara l-**Profil tal-Pajjiż** u/jew it-**Tabella ta' Informazzjoni Prattika** tal-Parti Kontraenti rilevanti.*

31. Għadd ta' strumenti fil-livell bilaterali, reġjonali u multilaterali jipprovdu espressament għall-użu ta' konnessjoni bil-vidjo fil-kumpilazzjoni tal-provi f'każijiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja (jiġifieri, fejn l-awtoritajiet fil-post fejn isiru l-proċedimenti jitolbu lill-awtoritajiet fil-post fejn jinsab ix-xhud għal assistenza fil-kumpilazzjoni tal-provi).

32. Eżempji notevoli ta' tali strumenti jinkludu:

- ir-*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tal-provi f'materji ċivili jew kummerċjali* (ir-Regolament tal-UE dwar il-Provi)[58];
- *il-Konvenzjoni Ibero-Amerikana tal-2010 dwar l-Użu tal-vidjokonferenzi fil-Kooperazzjoni Internazzjonali bejn is-Sistemi Ġudizzjarji u l-Protokoll Addizzjonali tagħha tal-2010 dwar l-Ispejjeż, l-Użu ta' Lingwi u t-Trażmissjoni tat-Talbiet)*[59];
- *il-Ftehim tal-2008 bejn il-Gvern tal-Awstralja u l-Gvern tan-New Zealand dwar il-*

---

l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo jistgħu jestendu wkoll biex jipprekludu l-użu ta' konnessjoni bil-vidjo fejn il-faċilitajiet disponibbli ma jissodisfawx l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa: ara, pereżempju l-Awstralja, l-Att tal-1958 dwar il-Provi (Dispożizzjonijiet Mixxellanji) (Vic) s 42G, li jipprovdi r-rekwiżiti tekniċi minimi li jridu jiġu ssodisfati qabel ma qorti tkun tista' tagħti direzzjoni lil xhud biex jixhed permezz ta' konnessjoni bil-vidjo. Għal aktar aspetti tekniċi u ta' sigurtà, ara l-**Parti C**.

56 Ara Synopsis of Responses (*op. cit.* fin-nota 4), Parti II, q. (a) u (b).

57 *Ibid.*, Parti IV, q. (e): numru żgħir biss ta' Stati rispondenti rrappurtaw li jeħtieġu l-kunsens tal-partijiet biex jużaw konnessjoni bil-vidjo biex jikkumpilaw il-provi.

58 l-Artikoli 10(4) u 17(4). Ir-Regolament tal-UE dwar il-Provi japplika fost il-pajjiżi kollha tal-UE (bl-eċċezzjoni tad-Danimarka). Għal eżempju ieħor Ewropew ta' referenza għall-użu ta' konnessjoni bil-vidjo fil-kumpilazzjoni tal-provi, għalkemm fil-kuntest ta' kamp ta' applikazzjoni aktar ristrett tas-suġġett, ara, pereżempju: *Ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar*, l-Artikolu 9(1).

59 L-Artikolu 3(1) (minn hawn 'il quddiem, "Il-Konvenzjoni Ibero-Amerikana tal-2010 dwar l-Użu tal-Vidjokonferenzi"). Fiż-żmien tal-kitba ta' din il-gwida, din il-Konvenzjoni u l-Protokoll Addizzjonali tagħha kienu japplikaw bejn il-Kosta Rika, ir-Repubblika Dominikana, l-Ekwador, il-Messiku, il-Panama, il-Paragwaj u Spanja.

*Proċedimenti tal-Qorti u l-Eżekuzzjoni Regolatorja TransTażmani*.[60]

33. Fi strumenti bħal dawn, l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo huwa tipikament jew rikonoxxut sempliċiment bħala mezz possibbli ta' kumpilazzjoni tal-provi,[61] jew isir f'termini aktar mandatorji[62]. Kif innotat hawn fuq, huwa importanti li bis-saħħa tal-Artikolu 32, il-Konvenzjoni dwar il-Provi ma tidderogax minn konvenzjonijiet oħrajn li japplikaw bejn il-Partijiet Kontraenti[63].

### c. L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi

5 La l-ispirtu u lanqas l-ittra tal-Konvenzjoni ma jikkostitwixxu ostaklu għall-użu ta' teknoloġiji ġodda u l-operazzjoni tal-Konvenzjoni tista' tibbenefika mill-użu tagħhom[64].

6 Il-Partijiet Kontraenti għadhom ma jistgħux jaqblu dwar jekk il-Konvenzjoni hijiex ta' natura mandatorja (jiġifieri, jekk il-Konvenzjoni tridx tiġi applikata kull meta ssir kumpilazzjoni tal-provi barra mill-pajjiż, kemm jekk fiżikament jew permezz ta' konnessjoni bil-vidjo). Minkejja dan in-nuqqas ta' qbil, il-Kummissjoni Speċjali rrakkomandat li l-Partijiet Kontraenti jagħtu prijorità lill-Konvenzjoni meta tkun qed tintalab kumpilazzjoni tal-provi barra mill-pajjiż (il-prinċipju tal-ewwel għażla)[65].

7 Li wieħed jirrikorri għall-Konvenzjoni jew għal trattati oħra applikabbli huma ġeneralment konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' statuti ta' mblukkar[66].

---

[60] L-Artikolu 11 (minn hawn 'il quddiem, "il-Ftehim Trans-Tażman tal-2008"), li t-test sħiħ tiegħu huwa disponibbli fl-indirizz li ġej: < http://www.austlii.edu.au/au/other/dfat/treaties/ATS/2013/32.html > [ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020]. Iż-żewġ Stati daħħlu l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tagħhom stess, rispettivament: *L-Att tal-2010 dwar il-Proċedimenti TransTażmani* (Cth) (l-Awstralja); *L-Att tal-2010 dwar il-Proċedimenti TransTażmani* (New Zealand).

[61] Ara, pereżempju, l-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni Ibero-Amerikana dwar l-Użu tal-vidjokonferenzi u l-Artikolu 11(1) tal-Ftehim Trans-Tażman tal-2008.

[62] L-Artikolu 17(4) tar-Regolament tal-UE dwar il-Provi.

[63] Fir-rigward tar-Regolament tal-UE dwar il-Provi, u kif innotat fil-Manwal dwar il-Provi (*op. cit.* fin-nota 29), il-paragrafu 435, "[i]r-Regolament ma jaqax strettament taħt ir-regola "give way" fl-Artikolu 32 tal-Konvenzjoni dwar il-Provi. Madankollu, bħala kwistjoni ta' dritt tal-UE, ir-Regolament jipprevali fuq il-Konvenzjoni dwar il-Provi fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri tal-UE li huma parti għaliha [filwaqt li huwa nnotat ukoll li mhux l-Istati Membri kollha tal-UE huma parti għall-Konvenzjoni], iżda biss fir-rigward ta' materji li għalihom japplika r-Regolament (l-Artikolu 21(1) tar-Regolament)."

[64] Ara K & R Nru 4 tal-KS tal-2003. Ara wkoll, pereżempju, il-K & R Nru 55 tal-KS tal-2009 u l-K & R Nru 20 tal-KS tal-2014.

[65] Għal diskussjoni fil-fond dwar dan il-prinċipju u l-istorja tiegħu, ara l-Manwal dwar il-Provi (*op. cit.* fin-nota 29), il-paragrafi 19–25.

[66] Ara wkoll, *supra*, fin-nota 48. Xi Partijiet Kontraenti ppromulgaw statuti ta' mblukkar biex jevitaw li jsiru kumpilazzjonijiet ta' provi fit-territorju tagħhom għall-użu fi proċedimenti barranin minbarra dawk skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi (jew skont xi trattat applikabbli ieħor). Eżempju reċenti jista' jingħad li huwa r-

34. Il-kumpilazzjoni tal-provi barra mill-pajjiż bl-użu ta’ konnessjoni bil-vidjo ġiet diskussa mill-Kummissjoni Speċjali fil-laqgħat tagħha fl-2009 u fl-2014. Il-Kummissjoni Speċjali kkonkludiet li l-konnessjoni bil-vidjo tista’ tintuża biex tassisti fil-kumpilazzjoni tal-provi skont il-Konvenzjoni kif stabbilit hawn taħt:

| | Sitwazzjoni | Artikoli tal-Konvenzjoni |
|---|---|---|
| Kapitolu I | **Preżenza u parteċipazzjoni fl-eżekuzzjoni tal-Ittra ta’ Talba**<br><br>Fejn il-partijiet għall-proċedimenti, ir-rappreżentanti tagħhom u/jew il-persunal ġudizzjarju tal-awtorità rikjedenti jkunu jinsabu fl-Istat Rikjedenti u jkunu jixtiequ jkunu preżenti permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo matul it-teħid ta’ testimonjanzai u/jew jipparteċipaw fl-eżami tax-xhud<br><br>Konnessjoni bil-video stabbilita bejn:<br><br>• il-post fl-Istat Rikjedenti (pereżempju, il-bini tal-awtorità rikjedenti); u<br><br>• il-post fejn l-Ittra ta’ Talba qed tiġi eżegwita (pereżempju, awla fl-Istat Rikjest).<br><br>L-**Awtorità Kompetenti** fl-Istat Rikjest (jiġifieri l-awtorità rikjesta) twettaq l-eżami billi ssegwi l-metodi u l-proċedura skont id-dritt tal-Istat Rikjest, soġġett għal kwalunkwe metodu jew proċedura speċjali mitlubin mill-awtorità rikjedenti[67].<br><br>*Għal aktar informazzjoni dwar l-eżekuzzjoni ta’ Ittra ta’ Talba li tinvolvi konnessjoni bil-vidjo, ara **A2.1**. Għal aktar informazzjoni dwar speċifikament il-preżenza (u l-parteċipazzjoni potenzjali) permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu I, tal-partijiet, ir-rappreżentanti tagħhom u/jew il-persunal ġudizzjarju, ara **A2.5**.* | Kapitolu I<br>(l-Artikoli 7, 8 u 9) |

Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ *data* personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*), ara b’mod partikolari l-Artikolu 48, li jiddikjara li “[k]walunkwe sentenza ta’ qorti jew tribunal u kwalunkwe deċiżjoni ta’ awtorità amministrattiva ta’ pajjiż terz li jirrikjedu li kontrollur jew proċessur jittrasferixxi jew jiżvela *data* personali ma jistgħu jkunu rikonoxxuti jew infurzabbli b’ebda mod ħlief jekk ikunu bbażati fuq ftehim internazzjonali, bħal trattat ta’ assistenza legali reċiproka, fis-seħħ bejn il-pajjiż terz li qed jagħmel it-talba u l-Unjoni jew Stat Membru [...].”

67 Il-laqgħa tal-2014 tal-Kummissjoni Speċjali dwar l-operazzjoni prattika tal-Konvenzjonijiet dwar in-Notifika, il-Provi u l-Aċċess għall-Ġustizzja ma ddiskutietx speċifikament il-kumpilazzjoni diretta ta’ provi skont il-Kapitolu I tal-Konvenzjoni dwar il-Provi, jiġifieri, fejn l-awtorità rikjedenti titlob li l-eżami jitmexxa minn imħallef tal-Istat Rikjedenti bħala proċedura speċjali. Dan huwa differenti minn meta mħallef iwettaq l-eżami bħala Kummissarju maħtur skont il-Kapitolu II.

| | Sitwazzjoni | Artikoli tal-Konvenzjoni |
|---|---|---|
| Kapitolu II | **Testimonjanza meħuda minn Konslu jew minn Kummissarju**[68]<br><br>Fejn il-Konslu li jirrappreżenta lill-Istat ta' Oriġini jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu fl-Istat ta' Eżekuzzjoni, jew Kummissarju maħtur b'mod xieraq juża konnessjoni bil-vidjo biex jittieħed it-testimonjanza ta' persuna li tinsab fl-Istat ta' Eżekuzzjoni.<br><br>Konnessjoni bil-video stabbilita bejn:<br>• il-post fejn ikun stazzjonat il-Konslu (pereżempju, ambaxxata jew konsulat fl-Istat ta' Eżekuzzjoni) jew fejn jopera l-Kummissarju (pereżempju, awla fl-Istat ta' Oriġini); u<br>• il-post tax-xhud fl-Istat ta' Eżekuzzjoni (*pereżempju*, uffiċċju jew awla tal-qorti).<br><br>Il-**Konslu** jew il-**Kummissarju** jwettaq l-eżami f'konformità mad-dritt u l-proċedura tiegħu stess sakemm ma jkunx ipprojbit mid-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni.<br><br>Membru tal-persunal ġudizzjarju tal-qorti ta' oriġini (jew persuna oħra debitament maħtura) li jaġixxi bħala **Kummissarju** skont l-Artikolu 17, li jkun jinsab f'Parti Kontraenti waħda, jista' jeżamina persuna li tinsab f'Parti Kontraenti oħra permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.<br><br>*Għal aktar informazzjoni dwar l-eżekuzzjoni ta' talba skont il-Kapitolu II li tinvolvi konnessjoni bil-vidjo, ara **A3.1*** et seq. *Għal aktar informazzjoni dwar speċifikament il-preżenza (u l-parteċipazzjoni potenzjali) permezz ta' konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu II, tal-partijiet, ir-rappreżentanti tagħhom u/jew il-persunal ġudizzjarju tagħhom, ara **A3.4.*** | Kapitolu II (l-Artikoli 15, 16, 17 u 21) |
| Trattati oħrajn jew dritt intern jew prattika interna | **Metodi oħra ta' kumpilazzjoni tal-provi** (ara ***A1.1***)<br><br>Parti Kontraenti tista' tippermetti, permezz tad-dritt intern jew ta' prattika interna, metodi ta' kumpilazzjoni tal-provi minbarra dawk previsti fil-Konvenzjoni dwar il-Provi.<br><br>Il-Konvenzjoni dwar il-Provi ma tidderogax minn konvenzjonijiet oħrajn li fihom dispożizzjonijiet dwar il-kumpilazzjoni tal-provi barra mill-pajjiż. | L-Artikoli 27(c) u 32 |

[68] Skont l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni, Parti Kontraenti tista' teskludi, kompletament jew parzjalment, l-applikazzjoni tal-Kapitolu II. Biex tara d-dikjarazzjonijiet jew ir-riżervi magħmula minn Parti Kontraenti partikolari, ara t-Tabella tal-Istatus għall-Konvenzjoni dwar il-Provi, fil-kolonna intitolata "Res/D/N/DC".

35. Kif diskuss hawn fuq, il-Konvenzjoni tfittex li topera b'mod armonjuż ma' strumenti oħra u dritt intern li jipprovdu regoli aktar favorevoli u inqas restrittivi dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali fil-kumpilazzjoni tal-provi, inkluż l-użu ta' konnessjoni bil-vidjo biex jiġu eżaminati xhieda barra mill-pajjiż. Bħala riżultat, il-Konvenzjoni ma tidderogax mill-użu ta' strumenti bilaterali, reġjonali jew multilaterali (l-Artikolu 32), bħar-Regolament tal-UE dwar il-Provi, il-Konvenzjoni Ibero-Amerikana tal-2010 dwar l-Użu tal-vidjokonferenzi u l-Protokoll Addizzjonali tagħha, jew il-Ftehim Trans-Tażman tal-2008, jew timpedixxi lil Parti Kontraenti milli tippermetti li ssir kumpilazzjoni tal-provi fit-territorju tagħha permezz ta' konnessjoni bil-vidjo permezz tad-dritt intern jew il-prattika interna tagħha (l-Artikolu 27(c)).

## A1.2 Kumpilazzjoni diretta kontra kumpilazzjoni indiretta ta' provi

8 Il-partijiet kontraenti ma jaqblux dwar jekk il-kumpilazzjoni diretta ta' provi hijiex permessa skont il-Kapitolu I tal-Konvenzjoni. L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk il-kumpilazzjoni diretta ta' provi hijiex permessa fil-post fejn jinsabu l-provi qabel ma jippreżentaw Ittra ta' Talba għal dan il-għan.

*Ara l-**Profil tal-Pajjiż** tal-Parti Kontraenti rilevanti.*

9 Skont il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni, il-Kummissarju jista' jikkumpila l-provi fl-Istat ta' Oriġini jew fl-Istat ta' Eżekuzzjoni, soġġett għal kwalunkwe kundizzjoni speċifikata fil-permess mogħti. L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk l-Istat ta' Eżekuzzjoni għamilx riżerva skont l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni.

*Biex tara d-dikjarazzjonijiet jew ir-riżervi magħmula minn Parti Kontraenti partikolari, ara t-Tabella tal-Istatus għall-Konvenzjoni dwar il-Provi, fil-kolonna intitolata "Res/D/N/DC".*

10 Skont il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni, il-Konslu jista' jikkumpila provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo minn xhieda/esperti li jinsabu f'post imbiegħed fl-Istat ta' Eżekuzzjoni, soġġett għal kwalunkwe kundizzjoni speċifikata fil-permess mogħti. L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk dan ikunx possibbli fil-Parti Kontraenti rilevanti.

11 Irrispettivament minn jekk il-provi jiġux ikkumpilati direttament jew indirettament, il-partijiet u r-rappreżentanti jistgħu jkunu preżenti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.

36. Bl-użu dejjem akbar ta’ konnessjoni bil-vidjo u l-faċilità li biha l-provi jistgħu jiġu kkumpilati bejn fruntiera u oħra, hemm żewġ prattiki differenti li tfaċċaw fir-rigward tal-kumpilazzjoni tal-provi barra mill-pajjiż. Il-kumpilazzjoni tal-provi tista' tkun “diretta” jew “indiretta” skont l-awtorità li tkun qed tikkumpila l-provi.[69] Din mhijiex biss distinzjoni semantika, iżda waħda li għandha konsegwenzi importanti fil-prattika.

37. B’mod ġenerali, l-istrumenti eżistenti jipprovdu għall-użu ta’ konnessjoni bil-vidjo biex jiġu eżaminati x-xhieda barra mill-pajjiż b’żewġ modi, “direttament” u “indirettament”:

a. l-awtorità li quddiemha jkunu pendenti l-proċedimenti (jew membru tal-persunal ġudizzjarju ta’ dik l-awtorità jew rappreżentant) twettaq l-eżami tax-xhieda permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo bil-permess u l-assistenza ta’ awtorità tal-Istat li fit-territorju tiegħu jinsab ix-xhud — f’dan is-sens, il-kumpilazzjoni tal-provi tkun “diretta” permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo;[70] u

b. awtorità tal-Istat li fit-territorju tiegħu jinsab ix-xhud twettaq l-eżami tax-xhud u tippermetti li l-qorti rikjedenti (kif ukoll lill-partijiet u/jew lir-rappreżentanti tagħhom) tkun “preżenti” fi u/jew tipparteċipa fl-eżami permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo (iżda mhux li tmexxih hi) – f’dan is-sens, il-kumpilazzjoni tal-provi hija “indiretta” permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo.[71]

38. Kif imsemmi hawn fuq, wieħed jifhem li l-Konvenzjoni dwar il-Provi ma ssemmix il-konnessjoni bil-vidjo jew il-possibbiltà ta’ kumpilazzjoni diretta ta’ provi skont il-Kapitolu I, ladarba ġiet abbozzata fi żmien meta t-teknoloġija tal-kompjuter u l-ivvjaġġar globali bl-ajru kienu fi stadji preċedenti ta’ żvilupp, u l-kumpilazzjoni indiretta tal-provi kienet in-norma. Barra minn hekk, l-awturi ma setgħux jipprevedu li, skont il-Kapitolu II, il-kumpilazzjoni tal-provi eventwalment se ssir minn Kummissarji li jinsabu fiżikament fl-Istat ta’ oriġini permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo.

39. F’dan ir-rigward, wieħed jistaqsi jekk il-Konvenzjoni dwar il-Provi tippermettix il-kumpilazzjoni diretta ta’ provi skont il-Kapitolu I. Filwaqt li l-kumpilazzjoni diretta ta’ provi hija permessa skont il-Kapitolu II, huwa dibattibbli jekk ikunx permess skont il-Kapitolu I tal-Konvenzjoni. Minn qari strett tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-Provi, il-Kapitolu I ma jidhirx li jippermetti kumpilazzjoni diretta ta’ provi peress li jagħmel referenza speċifika għat-talba biex jinkisbu provi minn awtorità ġudizzjarja ta’ Parti Kontraenti lill-awtorità kompetenti ta’ Parti Kontraenti oħra. Konsegwentement, filwaqt li xi Partijiet Kontraenti jippermettu l-kumpilazzjoni diretta ta’ provi skont il-Kapitolu I, oħrajn jistgħu jikkunsidraw li d-dispożizzjonijiet tagħha huma ostaklu legali u għalhekk li l-kumpilazzjoni diretta ta’ provi tmur lil hinn mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-Kapitolu I tal-Konvenzjoni.

40. Il-Profili tal-Pajjiżi jiżvelaw li l-Istati rispondenti huma kważi maqsumin b’mod ugwali dwar jekk il-provi jistgħu jiġu kkumpilati direttament permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu I tal-Konvenzjoni. Ma hemm l-ebda xejra ċara f’dan ir-rigward. Madankollu, ta’ min jinnota li ħafna Stati Ewropej, kif ukoll l-Afrika t’Isfel u l-Iżrael huma tal-fehma li l-kumpilazzjoni diretta ta’ provi permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo tista’ tkun possibbli skont il-Kapitolu I, filwaqt li l-biċċa l-kbira

---

69 Għal aktar diskussjoni dwar id-distinzjoni bejn il-kumpilazzjoni diretta u indiretta ta’ provi skont strumenti oħrajn, ara l-Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit.* fin-nota 16), pp. 6, 9–10.

70 Dan l-approċċ huwa adottat fil-Konvenzjoni Ibero-Amerikana dwar l-Użu tal-vidjokonferenzi (b’mod partikolari l-Artikolu 5), u l-Artikolu 17(4) tar-Regolament tal-UE dwar il-Provi.

71 Ir-Regolament tal-UE dwar il-Provi, l-Artikoli 10–12.

tal-Istati tal-Amerika Latina u tal-Asja, kif ukoll l-Istati Uniti, huma tal-fehma opposta.[72]

41. Kif innotat hawn fuq f'A1.1(b) dwar l-użu ta' konnessjoni bil-vidjo skont id-dritt intern, Parti Kontraenti waħda għaddiet leġiżlazzjoni li tippermetti l-kumpilazzjoni diretta ta' provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu I tal-Konvenzjoni dwar il-Provi, peress li hija tal-fehma li l-Konvenzjoni ma tipprovdix għal din il-possibbiltà.[73]

42. Skont il-Kapitolu II, il-Kummissarju ġeneralment maħtur mill-Istat ta' Oriġini jwettaq l-eżami tax-xhud jew tal-esperti. F'każijiet bħal dawn, jitqies li l-kumpilazzjoni tal-provi ssir "direttament". Kif indikat hawn fuq, il-Kummissjoni Speċjali qablet li Kummissarju jista' jikkumpila provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo jew mill-Istat ta' Oriġini jew mill-Istat ta' Eżekuzzjoni.

43. Barra minn hekk, fir-rigward ta' missjonijiet diplomatiċi jew konsulari, jista' jkun hemm każijiet (pereżempju, fil-każ ta' żoni ġeografiċi kbar) fejn Konslu jista' juża konnessjoni bil-vidjo biex jeżamina xhud li jinsab f'post (imbiegħed) li xorta jinsab fl-Istat ta' Eżekuzzjoni.

44. Bħala eżempju, it-tabella ta' hawn taħt tistabbilixxi l-possibbiltajiet fir-rigward tal-kumpilazzjoni tal-provi skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi:

| | Prattika | Artikoli tal-Konvenzjoni |
|---|---|---|
| Kapitolu I | Kumpilazzjoni indiretta ta' provi<br><br>(Kumpilazzjoni diretta ta' provi skont l-Artikolu 9(2), disponibbli biss f'xi Partijiet Kontraenti) | Kapitolu I<br>(l-Artikolu 9(1) u (2)) |
| Kapitolu II | Kumpilazzjoni diretta ta' provi<br><br>Il-***Kummissarji*** jistgħu jikkumpilaw provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo jew mill-Istat ta' Oriġini jew mill-Istat ta' Eżekuzzjoni.<br><br>Il-***Konsli***, skont in-natura tal-funzjoni tagħhom, aktarx ser ikunu jinsabu fl-Istat ta' Eżekuzzjoni, minn fejn jagħmlu kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo. | Kapitolu II<br>(l-Artikoli 15, 16 u 17) |
| Dritt intern jew prattika interna | Kumpilazzjoni diretta u indiretta ta' provi | l-Artikoli 27(b) u (c), u 32 |

72 Ara t-tweġibiet għall-Parti V, q (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12). L-Istati rispondenti li jqisu li l-kumpilazzjoni diretta tal-provi tista' ssir permezz ta' konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu I tal-Konvenzjoni: Iċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Iżrael, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, Singapore, is-Slovenja, l-Afrika t'Isfel, l-Iżvezja, ir-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales).

L-Istati rispondenti li jqisu li l-kumpilazzjoni diretta tal-provi ma tistax issir permezz ta' konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu I tal-Konvenzjoni: Il-Belarussja, il-Brażil, iċ-Ċina (SAR tal-Macao), il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Messiku, ir-Repubblika tal-Korea, l-Iżvizzera, l-Istati Uniti, il-Venezwela.

73 Franza (Digriet Nru 2017-892 tas-6 ta' Mejju 2017) (*op. cit.* fin-nota 51).

45. Kif indikat hawn fuq, filwaqt li l-Kapitolu I tal-Konvenzjoni dwar il-Provi ma jidhirx li jippermetti kumpilazzjoni diretta ta' provi, ix-xejra attwali fl-istrumenti eżistenti fuq il-konnessjoni bil-vidjo hija li din tkun tista' tiġi pprovduta skont dispożizzjonijiet simili għall-Kapitolu I (x'aktarx għal raġunijiet ta' effiċjenza akbar) dment li jkunu ġew issodisfati *salvagwardji legali* speċifiċi. Dawn is-salvagwardji legali jinkludu, iżda mhumiex limitati għal[74]:

- It-talba ssir bil-miktub, ikun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa u tiġi aċċettata mill-awtorità kompetenti;
- It-talba taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-trattat rilevanti;
- It-talba hija teknikament fattibbli;
- It-talba ma tmurx kontra d-dritt nazzjonali jew prinċipji legali fundamentali tal-Partijiet Kontraenti involuti;
- Il-kumpilazzjoni tal-provi ssir fuq bażi volontarja mingħajr il-ħtieġa ta' miżuri koerċittivi.

46. Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea tenniet li t-teknoloġija tal-vidjokonferenzi tipprovdi l-metodu "l-aktar effiċjenti"[75] li permezz tiegħu ssir il-kumpilazzjoni diretta ta' provi, tal-inqas fost l-Istati Membri tagħha. Barra minn hekk, fil-Profil tal-Pajjiż tiegħu, Stat rispondenti qal li fil-prattika, il-kumpilazzjoni diretta ta' provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo hija komuni ħafna, saħansitra n-norma, kemm għal kawżi domestiċi kif ukoll għal dawk internazzjonali.[76] Madankollu, mhuwiex magħruf kemm spiss il-kumpilazzjoni diretta ta' provi tiġi effettivament użata fil-prattika f'Partijiet Kontraenti oħrajn, skont Kapitolu jew l-ieħor tal-Konvenzjoni dwar il-Provi[77].

[74] L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ibero-Amerikana dwar l-Użu tal-vidjokonferenzi u l-Artikolu 17(2) u (5) tar-Regolament tal-UE dwar il-Provi.

[75] In-Network Ġudizzjarju Ewropew f'Materji Ċivili u Kummerċjali (*op. cit.* fin-nota 5), p. 6.

[76] Ara t-tweġiba tal-Portugall għall-Parti II, q (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

[77] Ara Synopsis of Responses (*op. cit.* fin-nota 4), Parti V, q. (b); Parti VI, q. (e).

## A1.3 Restrizzjonijiet legali fuq il-kumpilazzjoni tal-provi

12 Il-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo normalment tkun limitata għall-eżami tax-xhud jew tal-espert.

13 Tipikament, japplikaw l-istess restrizzjonijiet legali għal eżami ta' xhud li jsir permezz ta' konnessjoni bil-vidjo daqslikieku jkun xehed bi preżenza fiżika. L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw fid-dritt intern tal-Parti Kontraenti rilevanti jekk humiex imposti xi restrizzjonijiet addizzjonali.

14 L-awtoritajiet huma mħeġġa jipprovdu informazzjoni dwar ir-restrizzjonijiet fil-leġiżlazzjonijiet domestiċi tagħhom relatati mal-użu ta' konnessjoni bil-vidjo għall-kumpilazzjoni tal-provi (pereżempju billi jirrapportaw dawn id-dispożizzjonijiet fil-Profil tal-Pajjiż tagħhom).

*Ara l-**Profil tal-Pajjiż** tal-Parti Kontraenti rilevanti.*

47. Diversi restrizzjonijiet legali jistgħu japplikaw għall-kumpilazzjoni tal-provi skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi:

- Skont il-Kapitolu I, irid ikun hemm konformità ma' talba għal metodu jew proċedura speċjali (bħall-użu ta' konnessjoni bil-vidjo) sakemm ma tkunx inkompatibbli mad-dritt intern tal-Istat Rikjest jew ikun impossibbli li ssir. Barra minn hekk, tista' tkun meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel biex tiġi awtorizzata l-preżenza ta' persunal ġudizzjarju tal-Istat Rikjedenti, kemm jekk dan ikun jinvolvi preżenza fiżika kif ukoll permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.
- Skont il-Kapitolu II, jista' jkun meħtieġ permess sabiex jinkisbu provi minn Konslu jew minn Kummissarju, irrispettivament minn jekk il-kumpilazzjoni tal-provi ssirx permezz ta' konnessjoni bil-vidjo jew le.

48. Barra minn hekk, filwaqt li l-Konvenzjoni tipprovdi gwida ċara dwar l-użu ta' miżuri koerċittivi u ta' ġegħil (diskussi taħt **A2** u **A3** għall-Kapitolu I u l-Kapitolu II, rispettivament), għal xi Partijiet Kontraenti dawn il-miżuri koerċittivi jistgħu jiġu estiżi biss biex iġiegħlu lil xhud jixhed, u mhux biex jixhed b'mod speċifiku permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.

49. Fejn ġew irrapportati dawn it-tipi ta' restrizzjonijiet, dawn jistgħu jinstabu fil-Profil tal-Pajjiż tal-Parti Kontraenti rilevanti. Xi eżempji speċifiċi jinkludu strumenti jew ftehimiet oħrajn li jidderogaw mill-Konvenzjoni dwar il-Provi fir-rigward tal-użu tal-konnessjoni bil-vidjo (ara wkoll l-Artikoli 28 u 32), kwalunkwe limitu ta' żmien jew rekwiżiti ta' notifika applikabbli għall-użu tal-konnessjoni bil-vidjo, kif ukoll kwalunkwe restrizzjoni fuq il-kumpilazzjoni tal-provi meta tintuża

l-konnessjoni bil-vidjo[78].

50. L-Istati rispondenti ġeneralment japplikaw l-istess restrizzjonijiet fuq il-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo li japplikaw meta x-xhud ikun preżenti fiżikament. Fir-rigward tal-persuni li jistgħu jiġu eżaminati permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, dawn normalment ikunu limitati għax-xhieda (jiġifieri, it-terminu xhud mifhum fl-aktar sens wiesa' tiegħu, ara l-Glossarju). Restrizzjonijiet oħrajn jinkludu: l-età (persuna għandha inqas minn 18-il sena), persuni b'diżabbiltà, qraba sat-tielet grad, konjuġi jew sħab, il-kapaċità tax-xhud li jitkellem f'isem organizzazzjoni jew aġenzija, eċċ[79].

51. Fir-rigward tal-post fejn tista' ssir il-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, għandu jiġi nnotat li fil-maġġoranza tal-Istati rispondenti, il-post ikun jew l-awla tal-qorti jew il-bini tal-Ambaxxata jew tal-Konsulat, skont il-Kapitolu tal-Konvenzjoni invokat[80]. Barra minn hekk, kif innotat f'**B1** u **B4**, fil-Profili tal-Pajjiżi ħafna Stati rispondenti indikaw li l-post għandu jkun awla tas-seduta f'bini ta' awtorità tal-qorti,[81] u f'xi każijiet, dan jista' jkun ukoll kamra apposta fil-bini tal-qorti[82].

*Għal aktar informazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, ara **A2** (il-Kapitolu I) u **A3** (il-Kapitolu II), u **B4** hawn taħt.*

78 Tali restrizzjonijiet jistgħu jkunu relatati mat-tipi ta' provi li jistgħu jinkisbu permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, il-persuni li jistgħu jiġu eżaminati permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, postijiet fejn jistgħu jiġu kkumpilati l-provi meta tintuża l-konnessjoni bil-vidjo, jew kif għandhom jiġu ttrattati l-provi kkumpilati permezz ta' konnessjoni bil-vidjo. Ara, pereżempju, Synopsis of Responses (*ibid.*), Parti IV, q. (b) u (d).

79 Ara, Synopsis of Responses (*ibid.*), Parti IV, q. (d).

80 Ara, Synopsis of Responses (*ibid.*), Parti IV, q. (f).

81 Ara t-tweġibiet tal-Awstralja (il-biċċa l-kbira tal-istati), tal-Belarussja, tal-Bulgarija, ta' Ċipru, tal-Finlandja, ta' Franza, tal-Greċja, ta' Singapore (il-kamra tas-seduta trid tkun f'awla tal-qorti tal-Qorti Suprema (biss) jekk Uffiċjal Ġudizzjarju ta' Singapore se jassisti fil-kumpilazzjoni tal-provi), tal-Afrika t'Isfel għall-Parti III, q. (e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

82 Ara, pereżempju, it-tweġibiet taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong – il-Qorti tat-Teknoloġija li tinsab fil-Qorti Għolja) u ta' Malta (madankollu, il-konnessjoni bil-vidjo tista' ssir ukoll fil-maġġoranza tal-Awli tal-Qorti bl-użu ta' tagħmir ta' konnessjoni bil-vidjo li jista' jinġarr) għall-Parti III, q. (e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

# A2 L-UŻU TAL-KONNESSJONI BIL-VIDJO SKONT IL-KAPITOLU I

## A2.1 L-Ittri ta' Talba

15 L-Ittri ta' Talba jistgħu jiġu eżegwiti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo skont l-Artikolu 9(1) jew 9(2) tal-Konvenzjoni.

16 L-Artikolu 9(1) jistabbilixxi l-metodu jew il-proċedura prestabbiliti ta' kumpilazzjoni tal-provi, pereżempju, minn xhud/espert li jinsab f'post (imbiegħed) fl-istess territorju tal-awtorità rikjesta.

17 L-għażla tal-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo bħala metodu jew proċedura speċjali skont l-Artikolu 9(2) jista' jkollha implikazzjonijiet ta' spejjeż anki relatati mal-abilità li jintalab rimborż.

*Għal aktar tagħrif dwar l-Ispejjeż, ara **A2.11** (il-Kapitolu I) u **A3.10** (il-Kapitolu II).*

52. Skont il-Kapitolu I, awtorità ġudizzjarja tal-Istat Rikjedenti toħroġ Ittra ta' Talba fejn titlob lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Rikjest tagħmel kumpilazzjoni tal-provi permezz tal-awtorità ġudizzjarja xierqa, jiġifieri kumpilazzjoni "indiretta" ta' provi.

53. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat Rikjest (jiġifieri l-awtorità rikjesta) imbagħad twettaq l-eżami billi ssegwi l-metodi u l-proċedura skont id-dritt tal-Istat Rikjest (li jistgħu jinkludu l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo), skont l-Artikolu 9(1) tal-Konvenzjoni. Alternattivament, l-awtorità rikjedenti tista' tkun tixtieq titlob l-istabbiliment ta' konnessjoni bil-vidjo bħala metodu jew proċedura speċjali (l-Artikolu 9(2)). L-awtorità rikjesta hija għalhekk meħtieġa li tikkonforma sakemm l-istabbiliment tal-konnessjoni bil-vidjo ma jkunx inkompatibbli mad-dritt intern tal-Istat Rikjest, jew impossibbli li jsir minħabba l-prattika u l-proċedura interni tagħha jew minħabba diffikultajiet prattiċi[83].

54. B'hekk, it-talba ta' konnessjoni bil-vidjo tipika skont il-Kapitolu I tqum fejn il-partijiet fil-

---

83 Fir-rigward tal-ispejjeż, ara l-Artikolu 14(1) u (2) tal-Konvenzjoni dwar il-Provi:

"(1) L-eżekuzzjoni tal-Ittra ta' Talba m'għandhiex tagħti lok għal xi rimborż ta' taxxi jew spejjeż ta' kwalunkwe natura.

(2) Madankollu, l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu d-dritt li jeżiġi li l-Istat ta' oriġini jirrimborża t-tariffi mħallsa lill-esperti u lill-interpreti, kif ukoll l-ispejjeż li jirriżultaw mill-użu ta' proċedura partikolari mitluba mill-Istat ta' oriġini, skont l-Artikolu 9(2) […]"

Fir-rigward ta' diffikultajiet prattiċi, ġie nnotat li l-Artikolu 10(4) tar-Regolament tal-UE dwar il-Provi jippermetti lill-qrati kkonċernati jaqblu dwar il-forniment tat-tagħmir tekniku meħtieġ jekk il-qorti rikjesta waħedha ma tkunx tista' tagħmel dan. Ara: M. Torres, "Cross-Border Litigation: 'Video-taking' of evidence within EU Member States", *Dispute Resolution International*, vol. 12(1), 2018, p. 76.

proċedimenti, ir-rappreżentanti tagħhom, u/jew il-persunal ġudizzjarju tal-awtorità rikjedenti li jinsabu fl-Istat Rikjedenti, jixtiequ jkunu preżenti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo waqt it-teħid tat-testimonjanza. Imbagħad tiġi stabbilita l-konnessjoni bil-vidjo bejn post fl-Istat Rikjedenti (pereżempju, il-bini tal-awtorità rikjedenti) u l-post fejn l-Ittra ta' Talba tkun qed tiġi eżegwita (pereżempju, awla fl-Istat Rikjest) jew alternattivament, iż-żewġ postijiet ikunu konnessi permezz ta' kamra tal-konferenzi virtwali. L-istabbiliment tal-konnessjoni bil-vidjo huwa soġġett għall-permess tal-awtorità rikjesta, kif ukoll għad-disponibbiltà ta' tagħmir u ta' appoġġ tekniku.

55. Għalkemm inqas komuni, jista' jinħoloq xenarju alternattiv fejn (pereżempju, fil-każ ta' żoni ġeografikament kbar), ix-xhud/l-espert ikun jinsab fl-Istat Rikjest iżda f'post differenti (imbiegħed) mill-awtorità ġudizzjarja inkarigata mill-kumpilazzjoni tal-provi. L-awtorità kompetenti fl-Istat Rikjest tista' tkun tixtieq twettaq l-eżami tax-xhud jew tal-espert permezz ta' konnessjoni bil-vidjo skont id-dritt intern tagħha stess. Alternattivament, jekk dan mhuwiex ikkontemplat, l-awtorità rikjedenti tista' titlob l-istabbiliment ta' konnessjoni bil-vidjo bħala metodu jew proċedura speċjali, sabiex tiffaċilita l-kumpilazzjoni tal-provi u timminimizza l-ispejjeż imġarrba mill-Istat Rikjest fl-eżekuzzjoni ta' Ittra ta' Talba. Jekk il-partijiet għall-proċedimenti, ir-rappreżentanti tagħhom, u/jew il-persunal ġudizzjarju tal-awtorità rikjedenti wkoll jixtiequ jkunu preżenti, dan jista' jkun jeħtieġ li t-tielet post jiġi inkluż f'konnessjoni bil-vidjo b'diversi punti u jkun soġġett għar-rekwiżiti ddikjarati hawn fuq.

56. Il-possibbiltà li ssir kumpilazzjoni diretta ta' provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu I (pereżempju billi jintuża l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni bħala mekkaniżmu biex dan isir) hija kontroversjali, b'xi Partijiet Kontraenti jippermettu din il-forma ta' kumpilazzjoni tal-provi u oħrajn li jirrifjutaw li jagħmlu dan. Fi kwalunkwe każ, fil-ħin tal-kitba tal-Gwida, ma hemm prattikament l-ebda prattika f'dan ir-rigward fost il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni.

*Għal aktar informazzjoni dwar id-distinzjoni bejn il-kumpilazzjoni diretta u indiretta ta' provi, ara **A1.2** u l-**Anness II**.*

*Għal aktar informazzjoni dwar id-diversi sitwazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu fil-prattika, ara l-**Eżempji Prattiċi** fl-**Anness III**.*

57. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, jidher li t-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo tintuża primarjament skont il-Kapitolu I biex tippermetti l-preżenza u l-parteċipazzjoni tal-partijiet fil-proċedimenti, tar-rappreżentanti tagħhom u/jew tal-persunal ġudizzjarju fl-eżekuzzjoni tal-Ittra ta' Talba. Għalkemm inqas komuni, tista' tintuża wkoll għall-kumpilazzjoni indiretta tal-provi meta x-xhud jew l-espert ikun jinsab f'post imbiegħed fl-Istat Rikjest.

## A2.2 Il-kontenut, il-forma u t-trażmissjoni tal-Ittra ta' Talba

18 Il-permess biex issir konnessjoni bil-vidjo jista' jintalab kemm fl-Ittra ta' Talba nnifisha kif ukoll sussegwentement b'mezzi ta' komunikazzjoni informali. Madankollu, huwa rrakkomandat li dan jiġi speċifikat fl-Ittra ta' Talba. Huwa rakkomandat ukoll li l-Awtorità Ċentrali tal-Istat Rikjest tiġi kkuntattjata qabel ma tiġi ppreżentata formalment l-Ittra ta' Talba, biex wieħed jikkonferma jekk l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo huwiex possibbli.

19 L-awtoritajiet huma mħeġġa jużaw il-Formola Mudell għall-Ittri ta' Talba u, fejn possibbli u xieraq, jużaw mezzi elettroniċi biex iħaffu t-trażmissjoni tal-Ittri ta' Talba u/jew ta' domandi[84].

58. Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li l-konnessjoni bil-vidjo nnifisha tibqa' sempliċiment mezz li permezz tiegħu l-Ittra ta' Talba tista' tiġi eżegwita. Konsegwentement, ir-rekwiżiti formali tal-Ittra ta' Talba jridu l-ewwel jiġu ssodisfati qabel ma tkun tista' tittieħed azzjoni dwar kwalunkwe aspett tat-talba għall-użu tal-konnessjoni bil-vidjo.

59. L-awtorità rikjedenti hija mħeġġa tuża l-Formola Mudell għall-Ittri ta' Talba, li tinsab fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH. Minbarra d-dettalji standard dwar il-kwistjoni u l-provi mfittxija, l-Ittra ta' Talba għandha tispeċifika r-rekwiżiti għall-konnessjoni bil-vidjo, inkluż jekk għajnuna addizzjonali, tagħmir jew faċilitajiet humiex disponibbli u/jew meħtieġa (pereżempju kamera għad-dokumenti biex tiffaċilita t-trażmissjoni f'ħin reali ta' dokumenti bejn il-postijiet), flimkien mad-dettalji tekniċi rilevanti fejn applikabbli.

60. L-ittra ta' Talba tista' tinkludi talba biex jiġu segwiti metodu jew proċedura speċjali (l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni). Jekk mitluba bħala metodu jew proċedura speċjali, l-informazzjoni relatata mal-użu tal-konnessjoni bil-vidjo għandha tkun inkluża fil-punt 13 tal-Formola Mudell.

61. Barra minn hekk, il-punti 14 u 15 tal-Formola Mudell għandhom jimtlew bl-informazzjoni rilevanti jekk il-partijiet fil-proċedimenti, ir-rappreżentanti tagħhom, u/jew il-persunal ġudizzjarju tal-awtorità rikjedenti li jinsabu fl-Istat Rikjedenti, ikunu jixtiequ jkunu preżenti (fiżikament jew permezz ta' konnessjoni bil-vidjo) waqt it-teħid tat-testimonjanza. Dan huwa aktar u aktar importanti jekk ikollhom l-intenzjoni li jkunu preżenti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, ara **A2.5**.

62. Irrispettivament minn jekk ikunux qed jintalbu metodu jew proċedura speċjali, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rikjedenti jinkludu mal-Formola Mudell formola speċifika mhux obbligatorja, għall-konnessjoni bil-vidjo, sabiex jitħaffef l-immaniġġjar ta' talbiet għal konnessjoni bil-vidjo u sabiex jiġu evitati problemi tekniċi. Din il-formola mhux obbligatorja hija inkluża fl-**Anness IV** għal din il-Gwida u fiha l-informazzjoni li ġejja:

- Parametri tekniċi tal-apparat(i) ta' konnessjoni bil-vidjo: il-marka, it-tip ta' punt tat-tmiem jew l-unità ta' kontroll b'diversi punti, it-tip ta' network, l-indirizz u/jew l-isem tal-ospitanti, it-tip ta' kriptaġġ użat (ara wkoll il-**Parti C**);
- Dettalji ta' kuntatt sħaħ tal-persuna/i ta' kuntatt tekniku (ara l-**Parti B3**).

*Għal aktar informazzjoni dwar l-aspetti li għandhom jitqiesu fit-tħejjija ta' seduti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo u fit-twettiq tagħhom, ara l-**Parti B**.*

84 Għal aktar informazzjoni dwar il-forma tal-Ittra ta' Talba, inkluża l-Formola Mudell, ara l-Manwal dwar il-Provi (*op. cit.* fin-nota 29), il-paragrafi 142 *et seq.*

63. L-ittra ta' Talba trid tkun jew bil-lingwa tal-awtorità rikjesta biex teżegwixxiha (jew tkun akkumpanjata minn traduzzjoni f'dik il-lingwa), jew bl-Ingliż jew bil-Franċiż (sakemm l-Istat Rikjest ma jkunx għamel riżerva skont l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni).

64. Fil-laqgħa tagħha tal-2014, il-Kummissjoni Speċjali ħeġġet lill-awtoritajiet biex jittrażmettu u jirċievu talbiet b'mezzi elettroniċi, sabiex jiffaċilitaw l-eżekuzzjoni bil-ħeffa, kif meħtieġ mill-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni[85].

## A2.3 Tweġiba għall-Ittra ta' Talba

20 L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jirrikonoxxu minnufih il-wasla ta' Ittri ta' Talba u jwieġbu għall-mistoqsijiet (inkluż dwar l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo) mil-awtoritajiet rikjedenti u/jew minn partijiet interessati.

65. Għalkemm ma hemm l-ebda Formola Mudell għall-konferma tar-riċevuta tal-Ittra ta' Talba, il-Kummissjoni Speċjali laqgħet prattiki fejn l-Awtoritajiet Ċentrali jirrikonoxxu minnufih li rċevew l-Ittri ta' Talba u jwieġbu minnufih għal mistoqsijiet dwar l-istatus ta' eżekuzzjoni, minbarra li jżommu komunikazzjoni tajba, inkluż permezz tal-posta elettronika[86].

66. Naturalment, ir-rikonoxximent tar-riċevuta u r-rispons fil-pront għal mistoqsijiet dwar l-istatus huma biss żewġ eżempji ta' dawk li huma kkunsidrati bħala prattiki ta' komunikazzjoni tajba. Komunikazzjoni effiċjenti u, fejn possibbli, diretta bejn l-awtorità rikjedenti u l-awtorità rilevanti fl-Istat Rikjest (ġeneralment l-Awtorità Ċentrali) għandha tkun imħeġġa wkoll, peress li din tista' tiffaċilita, u f'ħafna każijiet tħaffef, il-proċess ta' eżekuzzjoni fejn ikunu meħtieġa kjarifiki minħabba differenzi fit-terminoloġija u l-użu legali bejn il-ġurisdizzjonijiet.[87]

67. Irrispettivament mill-eżitu, l-awtoritajiet tal-Istat Rikjest huma mħeġġa jieħdu deċiżjonijiet relatati mal-Ittri ta' Talba li jaslu, malajr kemm jista' jkun. [88]

68. Meta tkun qed twieġeb għal Ittra ta' Talba relatata mal-użu tal-konnessjoni bil-vidjo, huwa f'idejn l-awtorità rikjesta li tiddetermina l-ħin u l-post, filwaqt li tispeċifika l-kundizzjonijiet rilevanti għall-konnessjoni bil-vidjo. Fejn possibbli, dawn għandhom jiġu ddeterminati f'konsultazzjoni mal-awtorità rikjedenti u, meta jiġu ffinalizzati, jiġu kkomunikati lill-awtorità rikjedenti fi żmien xieraq.

85 K & R Nru 39 tal-KS tal-2014.

86 *Ibid.*, K & R Nri 9 u 10.

87 K & R Nru 44 tal-KS tal-2009 u K & R Nru 9 tal-KS tal-2014. Ara wkoll fil-kuntest Ewropew, il-Proġett "Handshake", "D1b Recommended step-by-step protocol for cross-border videoconferencing in judicial use-cases", pp. 16-17.

88 Għalkemm il-Konvenzjoni dwar il-Provi ma timponix skeda ta' żmien, fil-kuntest tar-Regolament tal-UE dwar il-Provi, l-Unjoni Ewropea tirrakkomanda qafas ta' żmien ideali ta' ġimgħa sa ġimagħtejn biex tittieħed deċiżjoni (b'massimu ta' 30 jum). Ara l-Proġett "Handshake" (*ibid.*), pp. 14, 16.

*Għal aktar informazzjoni dwar l-aspetti li għandhom jitqiesu fit-tħejjija ta' seduti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo u fit-twettiq tagħhom, ara l-**Parti B**.*

## A2.4 In-notifika jew it-taħrika tax-xhud/tal-espert u ta' atturi oħra

21 Il-proċedura għan-notifika jew it-taħrika tax-xhud tista' tvarja skont jekk il-kumpilazzjoni tal-provi ssirx direttament jew indirettament. Għal proċedimenti skont il-Kapitolu I, huwa tipikament l-Istat Rikjest li jinnotifika jew iħarrek lix-xhud/lill-espert.

22 Jekk, u meta, tkun mixtieqa l-kumpilazzjoni diretta ta' provi, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rikjedenti jiżguraw li x-xhud ikun lest li jixhed permezz ta' konnessjoni bil-vidjo qabel ma jippreżentaw Ittra ta' Talba.

69. Għal proċedimenti skont il-Kapitolu I li jinvolvu l-użu ta' konnessjoni bil-vidjo, skont l-Artikolu 9, l-awtorità rikjesta hija responsabbli biex tħarrek lix-xhud/lill-espert skont id-dritt u l-proċeduri tagħha stess.

70. Mill-Profili tal-Pajjiżi, jidher li fil-maġġoranza tal-Istati rispondenti ma hemm l-ebda regola speċjali li għandha tintuża f'każijiet fejn ix-xhud/l-espert qed jiġi nnotifikat jew imħarrek biex jixhed permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, minflok ma jixhed bi preżenza fiżika.[89] Normalment dan ikun il-każ fejn il-kumpilazzjoni tal-provi ssir b'mod indirett, jiġifieri, meta l-Istat Rikjest ikun qed jikkumpila l-provi.

71. Minkejja dan, Parti Kontraenti waħda teħtieġ li x-xhud jagħti l-kunsens tiegħu biex jixhed permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, rekwiżit li jinsab fl-ordni tal-qorti li tiġi nnotifikata lix-xhud.[90] F'Parti Kontraenti oħra, ix-xhud jew l-espert jitħarrek b'ittra sempliċi, sakemm il-qorti rikjesta ma tiddeċidix li jrid jintuża tip partikolari ta' notifika.[91]

72. Ta' min jinnota li jistgħu japplikaw regoli differenti fil-Partijiet Kontraenti fejn il-kumpilazzjoni *diretta* tal-provi hija permessa skont il-Kapitolu I. F'każijiet bħal dawn, l-Istat Rikjedenti (u mhux l-Istat Rikjest) ikun inkarigat li jwettaq in-notifika jew li jwassal it-taħrika.[92] Barra minn hekk, Stati rispondenti oħrajn innotaw li x-xhud ma jistax jiġi obbligat mill-qrati tiegħu li jixhed direttament quddiem il-qorti barranija permezz ta' konnessjoni bil-vidjo (ara wkoll, **A2.6** hawn taħt dwar

89 Ara, pereżempju, it-tweġibiet tal-Belarussja, tal-Bulgarija, tal-Kroazja, ta' Ċipru, tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, tal-Finlandja, tal-Ungerija, tal-Iżrael, tal-Latvja, tal-Litwanja, ta' Malta, tan-Norveġja, tal-Polonja, tar-Rumanija, ta' Singapore, tas-Slovenja, tal-Afrika t'Isfel, tal-Iżvezja għall-Parti IV, q. (h) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

90 Ara t-tweġiba tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) għall-Parti IV, q. (h) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

91 Ara t-tweġiba tal-Ġermanja għall-Parti IV, q. (h) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

92 Ara, pereżempju, it-tweġiba ta' Franza għall-Parti IV, q. (h) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

miżuri koerċittivi u ġegħil).[93]

## A2.5 Il-Preżenza u l-parteċipazzjoni fl-eżekuzzjoni tal-Ittra ta' Talba

### a. Il-preżenza tal-partijiet u/jew tar-rappreżentanti tagħhom (l-Artikolu 7)

23 Il-preżenza tal-partijiet u tar-rappreżentanti b' konnessjoni bil-vidjo hija soġġetta għal permess, jew għal metodu jew proċedura speċjali skont l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni.

24 L-awtoritajiet rikjedenti għandhom jispeċifikaw fl-Ittra ta' Talba (fil-punti 13 u 14 tal-Formola Mudell), jekk il-preżenza tal-partijiet u tar-rappreżentanti hijiex mitluba li sseħħ permezz ta' konnessjoni bil-vidjo u jekk ikunx meħtieġ kontroeżami.

25 Il-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet u tar-rappreżentanti tagħhom fis-seduta permezz ta' konnessjoni bil-vidjo (jiġifieri, mhux sempliċi preżenza) hija ddeterminata mid-dritt intern tal-Istat Rikjest. Id-dritt intern jista' jippermetti lill-qorti rikjesta teżerċita d-diskrezzjoni tagħha f'dan ir-rigward fuq bażi ta' każ b'każ.

73. Il-Konvenzjoni tipprevedi li l-partijiet għall-proċedimenti fl-Istat Rikjedenti u r-rappreżentanti tagħhom ikunu preżenti fl-eżekuzzjoni tal-Ittra ta' Talba.

74. Jekk il-partijiet u/jew ir-rappreżentanti tagħhom jixtiequ jkunu preżenti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo fl-eżekuzzjoni tal-Ittra ta' Talba, l-awtorità rikjedenti għandha tispeċifika dan fil-punti 13 u 14 tal-Formola Mudell għall-Ittri tat-Talba. Għalkemm il-preżenza tal-partijiet u/jew tar-rappreżentanti tagħhom fl-eżekuzzjoni tat-talba hija dritt skont l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, dan id-dritt mhux neċessarjament jestendi għat-talba li l-awtorità rikjesta tistabbilixxi konnessjoni bil-vidjo biex tkun iffaċilitata dik il-preżenza. Għaldaqstant, l-istabbiliment tal-konnessjoni bil-vidjo biex jiffaċilita din il-preżenza huwa soġġett jew għall-permess mill-awtorità rilevanti jew għal talba għal metodu jew proċedura speċjali skont l-Artikolu 9(2). Fil-każ ta' dawn tal-aħħar, l-awtorità rikjesta hija meħtieġa tikkonforma sakemm dan ma jkunx inkompatibbli mad-dritt intern tal-Istat Rikjest, jew jekk sempliċement ma jkunx possibbli minħabba nuqqas ta' tagħmir jew ta' faċilitajiet.

*Għal aktar dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw it-tagħmir, il-faċilitajiet u l-appoġġ tekniku, ara l-**Partijiet B3, B4*** u ***C***.

[93] Ara, pereżempju, it-tweġibiet tal-Awstralja (stat wieħed), tal-Iżvizzera u tal-Istati Uniti għall-Parti IV, q. (h) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

75. Fil-Profili tal-Pajjiżi, il-biċċa l-kbira tal-Istati rispondenti rrapportaw li japplikaw l-istess regoli għall-preżenza tal-partijiet u tar-rappreżentanti tagħhom irrispettivament minn jekk humiex fiżikament f'post wieħed jew inkella preżenti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.[94] Il-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet u tar-rappreżentanti tagħhom fis-seduta permezz ta' konnessjoni bil-vidjo (jiġifieri mhux sempliċi preżenza) f'dan il-każ hija ddeterminata mid-dritt intern tal-Istat Rikjest. F'xi Stati rispondenti, l-awtorizzazzjoni għal parteċipazzjoni attiva tibqa' fid-diskrezzjoni u d-direzzjoni tal-uffiċjal li jippresiedi inkarigat mill-eżekuzzjoni, skont id-dritt intern.[95] Għaldaqstant, f'ċirkostanzi bħal dawn, il-punt sa fejn il-partijiet u r-rappreżentanti tagħhom jistgħu jipparteċipaw fis-seduta permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, jiġi ddeterminat mill-uffiċjal li jkun qed jippresiedi fuq bażi ta' każ b'każ.

76. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li l-maġġoranza tal-Istati rispondenti jippermettu li jsir kontroeżami ta' xhud/espert permezz ta' konnessjoni bil-vidjo mir-rappreżentanti li jkunu fl-Istat Rikjedenti.[96] Madankollu, xi wħud jirrikjedu li l-kontroeżami permezz ta' konnessjoni bil-vidjo jkun speċifikament imsemmi fl-Ittra ta' Talba[97] u li l-mistoqsijiet isiru indirettament permezz tal-awtorità ġudizzjarja.[98] Għalkemm xi ġurisdizzjonijiet ma jippermettux li jsir kontroeżami minn rappreżentanti tal-Istat Rikjedenti, ġurisdizzjoni fi Stat rispondenti indikat li kontroeżami jista' jkun permess jekk il-prattikant tal-Istat Rikjedenti wkoll ikun awtorizzat li jipprattika fit-territorju tagħha (jiġifieri, l-Istat Rikjest).[99]

### b. Preżenza ta' membri tal-persunal ġudizzjarju (l-Artikolu 8)

26 Ivverifika jekk l-Istat Rikjest għamilx dikjarazzjoni skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

*Biex tara d-dikjarazzjonijiet jew ir-riżervi magħmula minn Parti Kontraenti partikolari, ara t-Tabella tal-Istatus għall-Konvenzjoni dwar il-Provi, fil-kolonna intitolata "Res/D/N/DC".*

[94] Ara t-tweġibiet tal-Belarussja, tal-Brażil, taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), taċ-Ċina (SAR tal-Macao), ta' Ċipru, tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, tal-Finlandja, ta' Franza, tal-Ġermanja, tal-Greċja, tal-Iżrael, tal-Latvja, tal-Litwanja, ta' Malta, tal-Messiku, tal-Polonja, tal-Portugall, tar-Rumanija, ta' Singapore, tas-Slovenja, tal-Afrika t'Isfel, tal-Iżvezja, tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) u tal-Venezwela għall-Parti V, q. (e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

[95] Ara, pereżempju, it-tweġibiet tal-Awstralja (żewġ stati), tal-Brażil, ta' Franza u tal-Iżrael għall-Parti V, q. (e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

[96] Ara t-tweġibiet tal-Brażil, taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), ta' Ċipru, tal-Estonja, tal-Finlandja, ta' Franza, tal-Greċja, tal-Ungerija, tal-Iżrael, tal-Korea (ir-Repubblika ta'), tal-Latvja, tal-Litwanja, ta' Malta, tal-Portugall, tar-Rumanija, ta' Singapore, tas-Slovenja, tal-Afrika t'Isfel, tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales), tal-Venezwela għall-Parti V, q. (f) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

[97] Ara, pereżempju, it-tweġiba ta' Franza għall-Parti V, q. (f) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

[98] Ara, pereżempju, it-tweġiba tal-Brażil għall-Parti V, q. (f) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

[99] It-tweġiba tal-Awstralja (Queensland) għall-Parti V, q. (f) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

27 Fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni, il-preżenza ta' persunal ġudizzjarju tista' madankollu tkun possibbli skont id-dritt intern jew il-prattika interna tal-Istat Rikjest.

28 Meta jitolbu awtorizzazzjoni mill-Istat Rikjest, l-awtoritajiet rikjedenti għandhom jispeċifikaw b'mod ċar li l-preżenza tal-persunal ġudizzjarju se sseħħ permezz ta' konnessjoni bil-vidjo u jipprovdu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti tat-tagħmir tal-konnessjoni bil-vidjo tiegħek.

29 Il-parteċipazzjoni attiva tal-persunal ġudizzjarju fis-seduta permezz ta' konnessjoni bil-vidjo (jiġifieri, mhux sempliċi preżenza) hija ddeterminata mid-dritt intern tal-Istat Rikjest. Id-dritt intern jista' jippermetti lill-qorti rikjesta teżerċita d-diskrezzjoni tagħha f'dan ir-rigward fuq bażi ta' każ b'każ.

77. Jekk il-membri tal-persunal ġudizzjarju tal-Istat Rikjedenti jistgħux ikunu preżenti fl-eżekuzzjoni tal-Ittra ta' Talba jew le, inkluż permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, jiddependi minn jekk l-Istat Rikjest ikunx għamel dikjarazzjoni li tippermetti din il-parteċipazzjoni skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Fejn tkun saret dikjarazzjoni bħal din, tista' tkun meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti maħtura.

*Biex tara d-dikjarazzjonijiet jew ir-riżervi magħmula minn Parti Kontraenti partikolari, ara t-Tabella tal-Istatus għall-Konvenzjoni dwar il-Provi, fil-kolonna intitolata "Res/D/N/DC".*

78. Huwa importanti li jiġi nnotat li fil-każ li l-Istat Rikjest ma jkunx għamel dikjarazzjoni skont l-Artikolu 8, il-preżenza ta' persunal ġudizzjarju tista' madankollu tkun possibbli skont id-dritt intern jew il-prattika interna tal-Istat Rikjest. Barra minn hekk, żewġ Partijiet Kontraenti jew aktar jistgħu jaqblu dwar sistema aktar liberali għall-preżenza ta' persunal ġudizzjarju fl-eżekuzzjoni ta' Ittra ta' Talba (l-Artikolu 28(c) — għalkemm din id-dispożizzjoni rarament tintuża, jekk mhux qatt ma ntużat, fil-prattika).

79. Anki jekk il-persunal ġudizzjarju jista' jkun preżenti, il-parteċipazzjoni attiva effettiva fl-eżami hija kwistjoni oħra. Kif innotat fl-Artikolu 8, tista' tkun meħtieġa l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti, u f'xi każijiet il-parteċipazzjoni tal-persunal ġudizzjarju tal-Istat Rikjedenti tista' tkun soġġetta għar-regoli tal-qorti applikabbli u l-kontroll tal-uffiċjal li jippresiedi.[100]

[100] Ara, pereżempju, it-tweġibiet tal-Awstralja (żewġ stati), tal-Brażil u ta' Franza għall-Parti V, q. (g) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

## A2.6 Miżuri koerċittivi u ġegħil

30 Għall-kuntrarju ta' talbiet ordinarji għal assistenza ġudizzjarja, xhud ġeneralment ma jistax ikun imġiegħel juża speċifikament il-konnessjoni bil-vidjo biex jixhed.

80. Fil-kuntest ta' miżuri koerċittivi u ġegħil, huwa importanti li wieħed jinnota li jista' jkun meħtieġ li ssir distinzjoni bejn li lil xhud/espert jiġi mġiegħel jixhed quddiem qorti u li x-xhud/l-espert jiġi mġiegħel jixhed b'mezz partikolari (jiġifieri, permezz ta' konnessjoni bil-vidjo). Għalhekk, skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' ġegħil disponibbli għall-awtorità rikjesta skont id-dritt intern tagħha, huwa kompletament possibbli li xhud/espert jista' jkun imġiegħel li jixhed quddiem qorti, iżda mhux imġiegħel li juża konnessjoni bil-vidjo biex jixhed.

81. Skont il-Kapitolu I tal-Konvenzjoni dwar il-Provi, l-awtorità rikjesta trid tapplika l-istess miżuri ta' ġegħil skont id-dritt intern tagħha li tapplika fi proċedimenti lokali (l-Artikolu 10). Madankollu, ix-xhud jista' jinvoka d-dritt li jirrifjuta li jixhed skont id-dritt tal-Istat Rikjest (l-Artikolu 11(1)(a)) jew tal-Istat Rikjedenti (l-Artikolu 11(1)(b)) jew, jekk speċifikat mid-dikjarazzjoni tal-Istat Rikjest, id-dritt ta' Stat terz (l-Artikolu 11(2)).

82. Mill-Profili tal-Pajjiżi, nofs l-Istati rispondenti rreferew għad-dritt intern tagħhom li jawtorizza l-ġegħil ta' xhud/espert biex jidher quddiem il-qorti u għamlu dan prinċipalment fil-kuntest tal-Kapitolu I.[101] Mhuwiex ċar, madankollu, jekk ladarba jkun quddiem il-qorti, ix-xhud jistax jiġi mġiegħel jixhed permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.

83. B'kuntrast, in-nofs l-ieħor tal-Istati rispondenti indikaw li xhud jew espert ma jistax jiġi mġiegħel juża konnessjoni bil-vidjo biex jixhed.[102] B'mod partikolari, żewġ Stati rispondenti spjegaw li d-dritt intern tagħhom ma jikkontemplax l-użu ta' ġegħil biex xhud jiġi mġiegħel jixhed permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.[103] Stat rispondenti ieħor semma' li l-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo hija soġġetta għall-kundizzjoni li x-xhud ma jkunx imġiegħel jixhed permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.[104]

84. Stat rispondenti kompla jispjega li *jekk* il-kumpilazzjoni tal-provi tkun diretta skont il-Kapitolu I (kif diskuss f'**A1.2**, hawn fuq), ix-xhud għandu jixhed b'mod volontarju peress li l-ġegħil mhux disponibbli f'każijiet bħal dawn, lanqas biex ix-xhud jiġi mġiegħel ikun preżenti waqt is-seduta[105].

101 It-tweġibiet tal-Awstralja (tliet stati), taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), taċ-Ċina (SAR tal-Macao), ta' Ċipru, tar-Repubblika Ċeka, tal-Ungerija, tal-Iżrael, tal-Korea (ir-Repubblika ta'), tal-Litwanja, tal-Messiku, tan-Norveġja, tal-Polonja, tar-Rumanija, u tal Singapore għall-Parti IV, q. (g) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż. Xi wħud minn dawn l-Istati rispondenti pprovdew ukoll informazzjoni dwar il-ġegħil fit-tweġibiet tagħhom għall-Parti IV, q. (h) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

102 It-tweġibiet tal-Awstralja (żewġ stati), tal-Belarussja, tal-Kroazja, tal-Estonja, ta' Franza, tal-Ġermanja, tal-Greċja, ta' Malta, tal-Portugall, tas-Slovenja, tal-Afrika t'Isfel, tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales), tal-Istati Uniti, u tal-Venezwela għall-Parti IV, q. (g) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

103 It-tweġibiet tal-Kroazja u tas-Slovenja għall-Parti IV q. (g) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

104 It-tweġiba tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) għall-Parti IV, q. (e) u (g) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

105 It-tweġiba ta' Franza għall-Parti IV, q. (g) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*), li tagħmel referenza għall-Artikolu 747-1 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ta' Franza.

## A2.7 Ġurament/dikjarazzjoni

31 L-għoti ta' ġuramenti jew it-teħid ta' dikjarazzjonijiet jista' jvarja skont jekk il-kumpilazzjoni tal-provi tkunx diretta jew indiretta. Tista' tintalab forma speċifika ta' ġurament jew ta' dikjarazzjoni skont l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni.

32 L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw ir-rekwiżiti rilevanti tad-dritt intern tal-Istat Rikjest, tal-Istat Rikjedenti jew tat-tnejn, sabiex jiżguraw l-ammissibilità ta' kwalunkwe provi mogħtija.

85. Kif spjegat hawn fuq, fl-eżekuzzjoni ta' talba biex issir kumpilazzjoni indiretta ta' provi skont il-Kapitolu I tal-Konvenzjoni dwar il-Provi li tagħmel użu mill-konnessjoni bil-vidjo, japplika d-dritt tal-Istat Rikjest (l-Artikolu 9(1)), inkluż għall-għoti ta' ġuramenti jew għat-teħid ta' dikjarazzjonijiet. Madankollu, tista' tintalab forma speċifika ta' ġurament jew dikjarazzjoni mill-awtorità rikjedenti (l-Artikolu 3(h)) bħala metodu jew proċedura speċjali (l-Artikolu 9(2)). L-awtorità rikjesta tista' wkoll tkun trid tispjega lix-xhud il-metodu ta' għoti tal-ġurament jew ta' teħid tad-dikjarazzjoni.

86. B'kuntrast, jekk il-kumpilazzjoni tal-provi tkun diretta skont il-Kapitolu I (kif diskuss f'**A1.2** hawn fuq, u jekk permess fl-Istat Rikjest), huwa normalment l-Istat Rikjedenti li jagħti l-ġurament jew jieħu d-dikjarazzjoni.[106] Madankollu, l-utenti għandhom iżommu f'moħħhom li l-għoti ta' ġuramenti u t-teħid ta' dikjarazzjonijiet barranin jistgħu jitqiesu bħala ksur tas-sovranità tal-Istat Rikjest.[107] Għandha tintalab kjarifika dwar dan il-punt mill-awtorità kompetenti rilevanti.

*Għal aktar informazzjoni dwar il-ġuramenti u d-dikjarazzjonijiet, ara l-**Profil tal-Pajjiż** tal-Parti Kontraenti rilevanti.*

[106] It-tweġiba tal-Portugall għall-Parti II, q. (a) u (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

[107] Pereżempju, skont l-Uffiċċju Federali tal-Ġustizzja tal-Iżvizzera, "[l]-att ta' mħallef barrani jew ta' persuna maħtura minnu jew, kif permess skont is-sistema tad-dritt komuni, tar-rappreżentanti tal-partijiet li ġejjin l-Iżvizzera biex iwettqu proċeduri legali dejjem jikkostitwixxi att uffiċjali li jista' jitwettaq biss skont ir-regoli dwar l-assistenza ġudizzjarja. In-nuqqas li jsir dan jitqies bħala ksur tas-sovranità Żvizzera kemm jekk il-persuni affettwati minn dawn il-proċeduri legali huma lesti li jikkooperaw kif ukoll jekk le": *Guidelines on International Judicial Assistance in Civil Matters* , it-tielet edizzjoni, Bern, Jannar 2013, p. 20, disponibbli fl-indirizz li ġej: < http://www.rhf.admin.ch >[ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020]. Ara wkoll M. Davies (*op. cit.* fin-nota 15), pp. 217–218.

## A2.8 L-identifikazzjoni tax-xhud/tal-espert u ta' atturi oħrajn

33 L-identifikazzjoni tax-xhud/tal-espert tista' tvarja skont il-ġurisdizzjoni.

34 Proċeduri aktar stretti jistgħu jkunu meħtieġa jekk l-Istat Rikjedenti jrid jidentifika x-xhud/l-espert, minħabba l-użu tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo fil-proċedimenti, u d-distanza bejn l-awtorità rikjedenti u x-xhud.

87. B'mod simili għall-proċedimenti fil-qorti fejn il-kumpilazzjoni tal-provi ssir bi preżenza fiżika, ix-xhud/l-espert normalment ikun meħtieġ juri dokument tal-identità (ID) validu għall-finijiet ta' identifikazzjoni fi proċedimenti b'konnessjoni bil-vidjo.[108] F'xi ġurisdizzjonijiet, il-ġurament mogħti jew id-dikjarazzjoni magħmula jkunu biżżejjed.[109] Skont l-Artikolu 9(1) tal-Konvenzjoni, dawn il-proċeduri għandhom jiġu ddeterminati mid-dritt intern tal-Istat Rikjest, sakemm ma jkunx rikjest mod ieħor permezz ta' metodu jew proċedura speċjali skont l-Artikolu 9(2).

88. Fil-każ tal-kumpilazzjoni indiretta ta' provi, huwa l-Istat Rikjest li jwettaq l-identifikazzjoni tax-xhud. B'kuntrast, fil-każ ta' kumpilazzjoni diretta ta' provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, l-identifikazzjoni tax-xhud tista' ssir mill-Istat Rikjest u/jew mill-Istat Rikjedenti. F'dan l-aħħar każ, madankollu, jista' jkun li jkunu meħtieġa proċeduri aktar stretti biex tiġi vverifikata l-identità tax-xhud/tal-espert. Fil-prattika, mod konvenjenti ta' kif isir dan ikun li x-xhud/l-espert jintalab juri l-karta tal-identità tiegħu lill-uffiċjal ġudizzjarju rikjedenti permezz tal-vidjokamera. Kamera tad-dokumenti tista' wkoll tintuża għal dan il-għan.[110]

89. L-identità tal-atturi l-oħrajn kollha fil-proċedimenti li jkunu preżenti, kemm fiżikament kif ukoll permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, probabbilment ukoll tkun trid tiġi vverifikata kif xieraq. Għal darb'oħra, dan huwa soġġett għar-rekwiżiti tad-dritt tal-Istat Rikjest, sakemm ma jkunx mitlub bħala metodu jew proċedura speċjali. Bħala tali, il-parteċipanti nfushom huma responsabbli biex jiżguraw li huma kapaċi jaderixxu ma' kwalunkwe dritt jew proċedura rilevanti fis-seħħ fl-Istat Rikjest fir-rigward tal-identifikazzjoni.[111]

---

108 Ara, pereżempju, it-tweġibiet tal-Belarussja, taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), ta' Ċipru, tar-Repubblika Ċeka, ta' Franza, tal-Ġermanja, tal-Ungerija, tal-Iżrael, tal-Korea (ir-Repubblika ta'), tal-Litwanja, ta' Malta, tal-Messiku, tan-Norveġja, tal-Polonja, tal-Portugall, ta' Singapore, tas-Slovenja, tal-Afrika t'Isfel u tal-Venezwela għall-Parti VII, q. (j) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

109 Ara, pereżempju, it-tweġibiet tal-Awstralja (żewġ stati), tal-Kroazja, tar-Rumanija, tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) għall-Parti VII, q. (j) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż(*ibid*.). Fl-Indja, il-Qorti Għolja ta' Karnataka f'*Twentieth Century Fox Film Corporation* vs *NRI Film Production Associates Ltd.* AIR 2003 SC KANT 148 riedet aktar dokumentazzjoni biex tistabbilixxi l-identità tax-xhud, fil-forma ta' affidavit ta' identifikazzjoni" .

110 It-tweġiba tal-Ungerija għall-Parti VII, q. (h) u (j) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid*.).

111 Ara l-Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 87), p. 18.

## A2.9 Dispożizzjonijiet penali

35 Li wieħed jixhed permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo normalment ikun volontarju, għalkemm l-isperġur u d-disprezz lejn il-qorti jistgħu jiġu penalizzati.

36 F’xi każijiet, it-tħaddim ta’ dispożizzjonijiet penali taż-żewġ (jew ta’ diversi) ġurisdizzjonijiet involuti jista’ jagħti lok għal trikkib ġurisdizzjonali jew għal lakuna ġurisdizzjonali.

90. Dawk li abbozzaw il-Konvenzjoni għamlu d-deċiżjoni konxja li jeskludu kull referenza għal kwistjonijiet kriminali marbuta mal-kumpilazzjoni tal-provi, partikolarment id-*disprezz lejn il-qorti* (jiġifieri, li tirrifjuta li tixhed jew li tisfratta l-proċedimenti) u l-*isperġur* (jiġifieri, l-għoti ta’ testimonjanza falza). Fl-istess ħin, dawk li abbozzaw il-Konvenzjoni nnotaw li dawn il-kwistjonijiet jistgħu jinvolvu trikkib ġurisdizzjonali bejn l-Istat Rikjedenti u l-Istat Rikjest, li permezz tiegħu l-persuna li tkun qed tixhed tkun soġġetta għal dispożizzjonijiet penali fit-tnejn li huma.[112]

91. Pereżempju, ġeneralment ix-xhud jingħata l-ġurament jew tittieħed id-dikjarazzjoni tiegħu skont il-liġijiet tal-Istat Rikjest. Għaldaqstant, ikun soġġett għal sanzjonijiet jew prosekuzzjoni ċivili hemmhekk. Jekk ġurament jew dikjarazzjoni partikolari jintużaw permezz ta’ metodu jew proċedura speċjali u x-xhud iwettaq sperġur jew jinsab ħati ta’ disprezz lejn il-qorti, għandu jitqies jekk ix-xhud jistax jiġi ssanzjonat jew imħarrek skont il-liġijiet tal-Istat Rikjedenti. Huwa daqstant ieħor possibbli li la d-dispożizzjonijiet penali tal-Istat Rikjest u lanqas dawk tal-Istat Rikjedenti ma jkunu japplikaw, jew li l-ebda wieħed minnhom ma jkollu ġurisdizzjoni għall-prosekuzzjoni tax-xhud ikkonċernat, u b’hekk jinħoloq vojt ġurisdizzjonali.

92. Is-soluzzjoni għat-trikkib potenzjali fl-applikazzjoni potenzjali ta’ dispożizzjonijiet kriminali differenti, jew għal-lakuni ġurisdizzjonali bejniethom, mhijiex indirizzata fil-Konvenzjoni dwar il-Provi. Minflok, dan jitħalla għall-arranġamenti bejn l-Istati (pereżempju, skont il-ftehimiet ta’ assistenza legali reċiproka fi kwistjonijiet kriminali),[113] id-dritt intern,[114] jew il-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali pubbliku. Għaldaqstant, huwa rakkomandat li, qabel is-seduta, ix-xhud jew l-espert jiġu informati debitament dwar il-konsegwenzi jekk jixhdu b’mod falz jew qarrieq.[115]

---

112 Ara r-Rapport ta’ Spjegazzjoni, il-paragrafi 256 sa 257.

113 Ara, pereżempju, il-Konvenzjoni tad-29 ta’ Mejju 2000 dwar Assistenza Reċiproka f’Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 197/1, l-Artikolu 10(8). Ara, ukoll,l-Att tal-2010 dwar il-Proċedimenti TransTażmani (Cth)), it-Taqsima 61, li hija l-leġiżlazzjoni Awstraljana rilevanti li timplimenta il-Ftehim Trans-Tażman tal-2008) (*op. cit.* fin-nota 60). Din id-dispożizzjoni tassenja l-ġurisdizzjoni għad-disprezz għal persuni fl-Awstralja li jidhru mill-bogħod fi proċedimenti quddiem il-Qorti ta’ New Zealand.

114 Pereżempju, xi stati fl-Awstralja għandhom leġiżlazzjoni li tindirizza speċifikament it-trikkib ġurisdizzjonali li jirriżulta mill-użu ta’ teknoloġija ta’ konnessjoni bil-vidjo meta tkun qed issir kumpilazzjoni tal-provi. Ara, pereżempju, l-Att tal-1958 dwar il-Provi (Dispożizzjonijiet Mixxellanji) (Victoria), it-Taqsima 42W; L-Att tal-1998 dwar il-Provi (Konnessjonijiet Awdjo u Awdjoviżivi) (New South Wales), it-Taqsima 5C.

115 Proġett “Handshake” (*loc. cit.* fin-nota 111). Ara wkoll, it-tweġibiet tal-Awstralja (stat wieħed), tar-Repubblika Ċeka u tal-Venezwela għall-Parti V, q. (d) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12). Fil-prattika, xi qrati b’mod prammatiku għażlu li sempliċiment jinjoraw jew li ma jemmnux it-testimonjanza meta ma jkunux jistgħu jissanzjonaw lil xhud li jkun ikkommetta sperġur waqt li jkun qed jixhed permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo. Ara, pereżempju, il-Qorti Suprema tal-Indja fl- *Istat ta' Maharashtra* vs *Dr Praful B Desai* AIR 2003 SC KANT 148.

## A2.10 Privileġġi u salvagwardji oħra

37 Xhud/espert jista' jinvoka privileġġi skont l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni.

38 Madankollu, peress li l-kumpilazzjoni tal-provi bl-użu ta' konnessjoni bil-vidjo tibqa', f'ħafna każijiet, volontarja, ix-xhud/l-espert mhuwiex obbligat li speċifikament juża konnessjoni bil-vidjo biex jixhed u jista' jirrifjuta li jagħmel dan mingħajr il-ħtieġa li jinvoka kwalunkwe privileġġ jew dmir.

93. F'każijiet fejn ix-xhud ikun imġiegħel jixhed permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, jew fejn ikun hemm fatt jew komunikazzjoni li xhud/espert li jkun qed jixhed volontarjament ma jkunx jista' jiżvela, jista' jiġi invokat privileġġ jew dmir fuq il-bażi tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni sakemm ikun ikkontemplat skont:

(1) id-dritt tal-Istat Rikjest (l-Artikolu 11(1)(a));

(2) id-dritt tal-Istat Rikjedenti, jekk il-privileġġ jew id-dmir ikun ġie speċifikat fl-Ittra ta' Talba jew, meta fl-istanza tal-awtorità rikjesta tkun ġiet ikkonfermata b'mod ieħor mill-awtorità rikjedenti (l-Artikolu 11(1)(b)); jew

(3) id-dritt ta' Stat terz, soġġett għal kundizzjonijiet (l-Artikolu 11(2)).

94. Għalkemm il-privileġġi ġeneralment jistgħu jiġu invokati bħalma jkunu invokati fil-każ ta' talbiet skont il-Konvenzjoni aktar tradizzjonali għal kumpilazzjoni tal-provi, l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo jista' joħloq salvagwardji aktar kumplessi. Dawn jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, miżuri protettivi biex tiġi żgurata s-sikurezza tax-xhud/tal-espert fil-post l-ieħor,[116] id-dritt għal rappreżentanza legali u l-possibbiltà ta' konsultazzjoni kunfidenzjali ma' dan ir-rappreżentant legali,[117] id-dritt ta' rimborż għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar/akkomodazzjoni u għat-telf ta' dħul,[118] kif ukoll l-għoti ta' interpretazzjoni. Ħafna minn dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu indirizzati waqt l-arranġamenti tal-konnessjoni bil-vidjo.

*Għal aktar informazzjoni dwar l-aspetti li għandhom jitqiesu fit-tħejjija u t-twettiq ta' seduti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, ara l-**Parti B**.*

116 Inkluż, pereżempju, l-iżgurar li x-xhud/l-espert "ma jingħatax istruzzjonijiet minn parteċipanti oħra": Proġett "Handshake" (*ibid.*).

117 F'xi sistemi legali, mhuwiex meħtieġ li x-xhud jiġi assistit minn avukat matul il-kumpilazzjoni tal-provi. Ara t-tweġibiet ta' Malta u tal-Messiku għall-Parti V, q. (d) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

118 Ara l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni dwar il-Provi. Ara wkoll, it-tweġibiet tar-Rumanija u tas-Slovenja għall-Parti V, q. (d) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

## A2.11 Spejjeż

39 L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo fl-eżekuzzjoni ta' Ittra ta' Talba jista' jwassal għal spejjeż skont l-Artikolu 14(2).

40 Qabel ma titlob l-użu ta' konnessjoni bil-vidjo fl-eżekuzzjoni ta' Ittra ta' Talba, ivverifika jekk humiex involuti spejjeż kemm fl-Istat Rikjedenti u kemm fl-Istat Rikjest, u min ikun responsabbli li jġarrab tali spejjeż.

*Ara l-**Profil tal-Pajjiż** tal-Parti Kontraenti rilevanti.*

95. Minħabba li l-ispejjeż assoċjati mat-teknoloġiji attwali tal-konnessjoni bil-vidjo jistgħu jkunu għoljin,[119] il-kwistjoni tal-ispejjeż hija forsi aktar sensittiva fil-kuntest tal-użu tal-konnessjoni bil-vidjo milli altrimenti hija skont il-Konvenzjoni.

96. Ġeneralment, l-awtorità rikjesta teżegwixxi l-Ittra ta' Talba mingħajr ebda rimborż ta' taxxi jew spejjeż ta' kwalunkwe natura (l-Artikolu 14(1)). Il-partijiet, ir-rappreżentanti tagħhom u/jew il-membri tal-ġudikatura tal-awtorità rikjedenti jġorru l-ispejjeż tagħhom stess biex ikunu preżenti waqt l-eżekuzzjoni.

97. Jekk tintalab konnessjoni bil-vidjo bħala metodu jew proċedura speċjali skont l-Artikolu 9(2), l-awtorità rikjesta tista' titlob rimborż tal-ispejjeż ikkawżati mill-użu tal-konnessjoni bil-vidjo, inklużi t-tariffi tat-trażmissjoni, u t-tariffi għall-kiri ta' tagħmir u appoġġ tekniku (l-Artikolu 14(2)).

98. Ir-rikorrenti għandhom iżommu f'moħħhom li anki jekk l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo ma jkunx mitlub speċifikament bħala metodu jew proċedura speċjali skont l-Artikolu 9, huwa possibbli li l-awtorità fl-Istat Rikjest tista' madankollu tikkunsidrah bħala talba simili u għalhekk tista' titlob rimborż ta' mill-inqas xi spejjeż.

99. Spejjeż oħra assoċjati mal-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu I jistgħu jinkludu: tariffi tal-prenotazzjoni u rata fis-siegħa għall-użu ta' tagħmir għall-konnessjoni bil-vidjo, tariffi ta' komunikazzjoni bħall-użu tal-internet jew tat-telefon, tariffi għal tekniċi u fornituri ta' servizzi ta' konnessjonijiet bil-vidjo esterni, tariffi għall-interpretazzjoni, spejjeż ġudizzjarji (inklużi tariffi għall-kiri ta' awla b'faċilitajiet għall-konnessjoni bil-vidjo u l-użu ta' xeriff għan-notifika ta' taħrikiet), u pagi tal-persunal (pereżempju, il-ħlas ta' sahra meta ssir konnessjoni bil-vidjo barra l-ħinijiet tal-uffiċċju).[120] Xi Stati rispondenti rrapportaw li jitolbu tariffa b'rata fissa għall-użu ta' konnessjoni bil-vidjo,[121] filwaqt li oħrajn jitolbu ħlas fuq bażi ta' każ b'każ skont iċ-ċirkostanzi u r-riżorsi li tali użu jkun jinvolvi.[122]

119 R. A. Williams (*op. cit.* fin-nota 1), p. 21.

120 Ara Synopsis of Response (*op. cit.* fin-nota 4), Parti VII, q. (m).

121 Ara, pereżempju, it-tweġibiet tal-Awstralja (stat wieħed), tal-Ungerija (għall-konnessjoni bil-vidjo barra Budapest) u ta' Malta għall-Parti VII, q. (m) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

122 Ara, pereżempju, it-tweġiba tal-Brażil għall-Parti VII, q. (m) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

100. Fl-aħħar mill-aħħar, filwaqt li l-Konvenzjoni hija pjuttost ċara dwar l-ispejjeż b'mod ġenerali, tibqa' siekta dwar il-metodu/i eżatt(i) li bih(om) dawn għandhom jiġu rimborżati. Il-prattika turi li l-awtorità rikjedenti hija normalment responsabbli għall-ispejjeż li jirriżultaw mill-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu I (inkluża l-interpretazzjoni) u li l-metodu ta' pagament preferut huwa permezz ta' trasferiment elettroniku.[123]

[123] Ara Synopsis of Responses (*op. cit.* fin-nota 4), Parti VII, q. (n), (o) (p).

# A3 L-UŻU TAL-KONNESSJONI BIL-VIDJO SKONT IL-KAPITOLU II

## A3.1 Konsli u Kummissarji

41 Huwa importanti li wieħed jinnota li l-Partijiet Kontraenti jistgħu, bis-saħħa ta' dikjarazzjoni skont l-Artikolu 33, jeskludu l-applikazzjoni tal-Kapitolu II, kompletament jew parzjalment. L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk il-Parti Kontraenti rilevanti tkunx għamlet dikjarazzjoni bħal din.[124]

*Biex tara d-dikjarazzjonijiet jew ir-riżervi magħmula minn Parti Kontraenti partikolari, ara t-Tabella tal-Istatus għall-Konvenzjoni dwar il-Provi, fil-kolonna intitolata "Res/D/N/DC"*.

42 Ix-xenarju l-aktar komuni skont il-Kapitolu II huwa fejn il-Kummissarju li jinsab fl-Istat ta' Oriġini jikkumpila provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo fl-Istat ta' Eżekuzzjoni.

43 Meta jkun prattikament possibbli, il-partijiet, ir-rappreżentanti tagħhom u/jew il-persunal ġudizzjarju fl-Istat ta' Oriġini jkunu jistgħu jkunu preżenti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo matul il-kumpilazzjoni tal-provi minn Kummissarju jew Konslu, u/jew ikunu jistgħu jieħdu sehem fl-eżami tax-xhud. Tali preżenza u parteċipazzjoni jkunu permessi sakemm ma jkunux inkompatibbli mad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni u xorta waħda jkunu soġġetti għal kwalunkwe kundizzjoni speċifikata meta jingħata l-permess.

101. Skont il-Kapitolu II, Konslu, jew persuna debitament maħtura bħala Kummissarju għal dan il-għan, jistgħu, soġġett għall-kunsens tal-Istat ta' Eżekuzzjoni, jikkumpilaw provi fl-Istat ta' Eżekuzzjoni, jiġifieri, jagħmlu kumpilazzjoni "diretta" ta' provi.

102. L-ewwel xenarju (u dak l-aktar komuni) huwa fejn il-konnessjoni bil-vidjo tiġi stabbilita bejn post fl-Istat ta' Oriġini fejn jinsab il-Kummissarju u l-post fl-Istat ta' Eżekuzzjoni fejn tkun qed tingħata t-testimonjanza. Il-Kummissjoni Speċjali rrikonoxxiet espressament din il-possibbiltà, filwaqt li nnotat li l-Artikolu 17 ma jipprekludix membru tal-persunal ġudizzjarju tal-qorti ta' oriġini (jew persuna oħra debitament maħtura), li jinsab f'Parti Kontraenti waħda, milli jeżamina persuna li tinsab f'Parti Kontraenti oħra permezz ta' konnessjoni bil-vidjo[125].

124 Skont l-Artikolu 33(3) tal-Konvenzjoni, "kwalunkwe Stat ieħor affettwat" (pereżempju l-Istat ta' Eżekuzzjoni vis-à-vis l-Istat ta' Oriġini) jista' japplika r-reċiproċità. Għalhekk, huwa rrakkomandat li jiġi vverifikat jekk kemm l-Istat tal-Oriġini kif ukoll l-Istat tal-Eżekuzzjoni oġġezzjonawx għad-dispożizzjoni rilevanti tal-Kapitolu II.

125 K & R Nru 20 tal-KS tal-2014.

103. Xenarji alternattivi oħrajn jistgħu jinkludu, pereżempju, każijiet (pereżempju, fil-każ ta' żoni ġeografikament kbar) li fihom Konslu jew Kummissarju jista' juża konnessjoni bil-vidjo biex jeżamina xhud li jinsab f'post (imbiegħed) li xorta jkun għadu fl-Istat ta' Eżekuzzjoni. F'xi każijiet rari, jista' jiġi previst xenarju ieħor (għalkemm improbabbli), li fih Konslu jew Kummissarju la jinsab fl-Istat ta' Oriġini u lanqas fl-Istat ta' Eżekuzzjoni, iżda fi Stat terz, u huwa inkarigat li jikkumpila l-provi ta' xhud/espert li fiżikament jinsab fl-Istat ta' Eżekuzzjoni (pereżempju, meta l-missjoni diplomatika tal-Istat ta' Oriġini akkreditata għall-Istat ta' Eżekuzzjoni tinsab fi Stat terz, ara l-paragrafu 104). Preżumibbilment f'ħafna minn dawn il-każijiet, il-Konslu jew il-Kummissarju jivvjaġġaw biex jikkumpilaw il-provi, iżda huwa possibbli li f'xi każijiet il-provi jkunu jistgħu jinkisbu permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.

104. Fil-każ ta' Konslu din is-sitwazzjoni tista' teoretikament tkun possibbli, peress li skont l-Artikolu 15a Konslu jista' jikkumpila l-provi "fit-territorju ta' Stat ieħor u fiż-żona fejn huwa jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu". Għalhekk, meta tinqara flimkien mal-Artikolu 7 tal-*Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari*, li tippermetti li l-funzjonijiet konsulari jiġu eżerċitati minn uffiċċju fi Stat ieħor, dan jidher li jippermetti l-possibbiltà li Konslu jista' jikkumpila l-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo minn uffiċċju konsulari tal-Istat akkreditanti tiegħu li ma jkunx fl-Istat ta' Eżekuzzjoni, iżda f'Parti Kontraenti oħra għall-Konvenzjoni dwar il-Provi[126].

105. Tista' tintuża wkoll konnessjoni bil-vidjo biex jiġu ffaċilitati l-preżenza u l-parteċipazzjoni tal-partijiet jew tar-rappreżentanti u tal-persunal ġudizzjarju li jinsabu fl-Istat ta' Oriġini fil-kumpilazzjoni tal-provi mill-Konslu jew mill-Kummissarju fl-Istat ta' Eżekuzzjoni. Fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni mill-Istat ta' Eżekuzzjoni li l-permess mhuwiex meħtieġ, tali preżenza jew parteċipazzjoni jkunu soġġetti għal kwalunkwe kundizzjoni speċifikata meta jingħata l-permess.

*Għal aktar dwar l-attendenza, il-preżenza u l-parteċipazzjoni, ara **A3.4**.*

*Għal aktar informazzjoni dwar id-diversi sitwazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu fil-prattika, ara l-**Eżempji Prattiċi** fl-**Anness III**.*

106. Skont il-Konvenzjoni, sabiex Konslu jew Kummissarju jeżaminaw xhud/espert permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, iridu jiġu ssodisfati għadd ta' kundizzjonijiet. L-Istat ta' Eżekuzzjoni ma jridx ikun eskluda (skont l-Artikolu 33), l-applikazzjoni tal-Artikolu/i rilevanti tal-Kapitolu II. Barra minn hekk, il-persuna trid tkun jew Konslu akkreditat għall-Istat ta' Eżekuzzjoni (l-Artikoli 15(1) u 16(1)), jew tkun ġiet maħtura kif xieraq bħala Kummissarju (l-Artikolu 17(1)). F'każijiet fejn ikun meħtieġ permess minn qabel, il-Konslu jew il-Kummissarju jridu jikkonformaw ma' kwalunkwe kundizzjoni speċifikata mill-awtorità kompetenti fl-għoti tal-permess tagħha.

107. Il-ħatra ta' Kummissarju normalment issir mill-qorti ta' oriġini, iżda tista' ssir ukoll minn awtorità tal-Istat ta' Eżekuzzjoni, skont id-dispożizzjonijiet legali rilevanti. Madankollu, il-Konvenzjoni ma tipprovdix li l-Istat ta' Eżekuzzjoni jikkundizzjona l-ħatra ta' Kummissarju mill-Istat ta' Oriġini. Hemm ukoll rekwiżiti speċifiċi relatati mal-permess mill-Istat ta' Eżekuzzjoni, li huma dettaljati f'**A3.2**. Fl-aħħar nett, l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo jrid ikun ipprovdut, jew b'mod espliċitu jew

---

126 L-Artikolu 7 tal-*Konvenzjoni ta' Vjenna tal-24 ta' April 1963 dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari* jiddikjara "L-Istat akkreditanti jista', wara li jinnotifika lill-Istati kkonċernati, jafda uffiċċju konsulari stabbilit fi Stat partikolari bl-eżerċizzju ta' funzjonijiet konsulari fi Stat ieħor, sakemm ma jkunx hemm oġġezzjoni espliċita minn wieħed mill-Istati kkonċernati".

impliċitu, mid-dritt tal-Istat ta' Oriġini, u ma jridx ikun ipprojbit mid-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni (l-Artikolu 21(d)).

108. L-eżami tax-xhud/tal-espert skont il-Kapitolu II isir f'konformità mad-dritt u l-proċedura tal-Istat ta' Oriġini sakemm dan ma jkunx ipprojbit mill-Istat ta' Eżekuzzjoni. Peress li l-kumpilazzjoni tal-provi skont il-Kapitolu II ma tinvolvix (neċessarjament) l-awtoritajiet tal-Istat ta' Eżekuzzjoni (ħlief għall-finijiet tal-għoti ta' permessi meħtieġa jew l-għoti ta' assistenza biex jinkisbu provi b'ġegħil), il-Kummissarju jista', f'każijiet bħal dawn, ikun responsabbli għall-arranġamenti għall-konnessjoni bil-vidjo fiż-żewġ postijiet. Minkejja dan, xi Partijiet Kontraenti rabtu l-kundizzjoni, permezz ta' dikjarazzjoni, mal-kumpilazzjoni tal-provi minn Konsli jew Kummissarji, li l-awtoritajiet tal-Istat ta' Eżekuzzjoni jkollhom aktar kontroll fuq il-kumpilazzjoni tal-provi.[127]

*Għal aktar informazzjoni dwar l-aspetti li għandhom jitqiesu fit-tħejjija u t-twettiq ta' seduti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, ara l-**Parti B**.*

## A3.2 Ħtieġa għal permess mill-Istat ta' Eżekuzzjoni

44 Skont l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni, *mhuwiex* meħtieġ permess sakemm Parti Kontraenti ma tkunx għamlet dikjarazzjoni. L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk l-Istat ta' Eżekuzzjoni jkunx għamel dikjarazzjoni skont dan l-Artikolu[128].

45 Skont l-Artikoli 16 u 17 tal-Konvenzjoni, permess *huwa* meħtieġ sakemm il-Parti Kontraenti ma tkunx għamlet dikjarazzjoni li tista' ssir kumpilazzjoni tal-provi mingħajr il-permess tagħha minn qabel. L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk l-Istat ta' Eżekuzzjoni jkunx għamel dikjarazzjoni skont dawn l-Artikoli[129].

*Biex tara d-dikjarazzjonijiet jew ir-riżervi magħmula minn Parti Kontraenti partikolari, ara t-Tabella tal-Istatus tal-Konvenzjoni dwar il-Provi, fil-kolonna intitolata "Res/D/N/DC".*

---

127 Ara, pereżempju, id-dikjarazzjonijiet ta' Franza u tal-Ġermanja, disponibbli fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH taħt "Updated list of Contracting Parties" (Lista aġġornata ta' Partijiet Kontraenti).

128 Ara wkoll, *supra*, fin-nota 124 b'rabta mar-reċiproċità.

129 *Ibid*.

46 It-talba għal permess għandha tispeċifika li l-kumpilazzjoni tal-provi se ssir permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, u jekk tkunx meħtieġa kwalunkwe assistenza speċifika mill-Istat ta' Eżekuzzjoni. Il-Formola Mudell tista' tintuża għal dan l-iskop.

47 Il-Konsli u l-Kummissarji jridu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet speċifikati mill-Istat ta' Eżekuzzjoni fl-għoti tal-permess tiegħu.

109. Skont l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni dwar il-Provi, Konslu jista' jeżamina, mingħajr ġegħil, xhud/espert li huwa ċittadin tal-Istat li l-Konslu jirrappreżenta (l-Istat akkreditanti), meta l-kumpilazzjoni tal-provi trid issir mill-Konslu li jaġixxi fiż-żona li fiha jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu. Sabiex jagħmel dan, l-Artikolu 15(2) jeżiġi li l-Konslu jitlob il-permess tal-Istat ta' Eżekuzzjoni, iżda biss jekk dik il-Parti Kontraenti tkun għamlet dikjarazzjoni f'dan is-sens. Meta l-Konslu jkollu jikkumpila l-provi minn ċittadin ta' kwalunkwe Stat ieħor, japplika l-Artikolu 16.

110. Konslu (skont l-Artikolu 16) jew persuna maħtura kif xieraq bħala Kummissarju (skont l-Artikolu 17) jistgħu, mingħajr ġegħil, jikkumpilaw il-provi biss jekk awtorità kompetenti maħtura mill-Istat ta' Eżekuzzjoni tkun tat il-permess tagħha, inġenerali jew f'dak il-każ partikolari (l-Artikoli 16(1)(a) u 17(1)(a)). Dan sakemm l-Istat ta' Eżekuzzjoni inkwistjoni ma jkunx għamel dikjarazzjoni li tista' ssir kumpilazzjoni tal-provi mingħajr il-permess tiegħu minn qabel (l-Artikoli 16(2) u 17(2)). Il-Konslu jew il-Kummissarju jridu jikkonformaw ukoll ma' kwalunkwe kundizzjoni speċifikata mill-awtorità kompetenti fil-permess tagħha (l-Artikoli 16(1)(b) u 17(1)(b)).

111. Kif indikat fil-Manwal dwar il-Provi, il-Konvenzjoni ma tispeċifikax min japplika għal permess; fil-prattika, spiss hija l-qorti ta' oriġini jew l-ambaxxata jew il-konsulat tal-Istat ta' Oriġini li japplikaw għall-permess[130]. Għalkemm ma hemm l-ebda Formola Mudell biex jintalab permess skont il-Kapitolu II (peress li din tibqa' kwistjoni għall-Istat ta' Eżekuzzjoni), xi esperti kkunsidraw li l-Formola Mudell għall-Ittri ta' Talba skont il-Kapitolu I tista' tkun utli meta wieħed japplika għal permess biex jiġu kkumpilati l-provi skont il-Kapitolu II. F'każijiet bħal dawn, il-Formola Mudell għandha tiġi adattata kif xieraq[131]. Fuq kollox, it-talba għal permess għandha tispeċifika li ser jiġu kkumpilati provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo u jekk tkunx meħtieġa kwalunkwe assistenza mill-Istat ta' Eżekuzzjoni.

*Għal aktar informazzjoni dwar it-tipi ta' assistenza possibbli, inkluż l-ittestjar tat-tagħmir qabel is-seduta u l-prenotazzjoni ta' faċilitajiet xierqa, ara l-**Parti B**, flimkien mal-**Profil tal-Pajjiż** tal-Parti Kontraenti rilevanti.*

130 Manwal dwar il-Provi (*op. cit.* fin-nota 29), il-paragrafu 380.

131 *Ibid.*, l-Anness 4, "Linji gwida għall-mili tal-Formola Mudell".

112. Kif imsemmi hawn fuq, f'każijiet fejn hemm bżonn ta' permess minn qabel, il-Konslu jew il-Kummissarju jridu jikkonformaw ma' kwalunkwe kundizzjoni speċifikata mill-awtorità kompetenti fl-għoti tal-permess tagħha, u dan jinkludi rekwiżiti ta' kontenut u forma. Pereżempju, l-Istat ta' Eżekuzzjoni jista' jeżiġi li l-konnessjoni bil-vidjo titħejja b'mod partikolari bħala kundizzjoni għall-għoti ta' permess (pereżempju, li tiġi stabbilita minn persuna partikolari, li jintuża post partikolari, li jintuża tagħmir partikolari jew appoġġ tekniku partikolari, jew li jattendi persunal partikolari, bħal uffiċjal tal-Istat ta' Eżekuzzjoni).

## A3.3 In-notifika tax-xhud

48 Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 21(b) u (c) tal-Konvenzjoni, huwa importanti li l-Konslu jew il-Kummissarju jinnotifika lix-xhud li l-provi se jiġu kkumpilati permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.

113. Wara li jikseb il-permessi meħtieġa, il-Konslu jew il-Kummissarju jinnotifika lix-xhud bil-miktub, fejn jitolbu jixhed f'ħin u f'post partikolari.

114. Minbarra li tinforma lix-xhud li l-kumpilazzjoni tal-provi se ssir permezz ta' konnessjoni bil-vidjo u jekk il-partijiet, ir-rappreżentanti jew il-persunal ġudizzjarju humiex se jkunu preżenti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, talba bħal din trid:

(1) sakemm id-destinatarju ma jkunx ċittadin tal-Istat ta' Oriġini, tinkiteb bil-lingwa tal-Istat ta' Eżekuzzjoni jew tkun akkumpanjata bi traduzzjoni f'tali lingwa (l-Artikolu 21(b)), u;

(2) tinforma lid-destinatarju li huwa jista' jkun rappreżentat legalment u, jekk l-Istat ta' Eżekuzzjoni ma jkunx ippreżenta dikjarazzjoni skont l-Artikolu 18, trid tinforma lid-destinatarju li mhuwiex imġiegħel jidher jew jixhed (l-Artikolu 21(c)).

115. Kif indikat fil-Manwal dwar il-Provi, fil-prattika, ix-xhud spiss jiġi kkuntattjat mill-parti li tkun qed tfittex li jiġu kkumpilati l-provi qabel l-involviment jew il-ħatra tal-Konslu jew il-Kummissarju biex tiddetermina li x-xhud lest li jixhed[132]. F'każijiet bħal dawn, huwa importanti ħafna li x-xhud ikun konxju li l-kumpilazzjoni tal-provi se ssir permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.

[132] *Ibid.*, il-paragrafu 388.

## A3.4 L-attendenza, il-preżenza, il-parteċipazzjoni tal-partijiet, tar-rappreżentanti tagħhom, u/jew ta' persunal ġudizzjarju

49 Jekk ma jkunux kuntrarji għad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni, il-preżenza u l-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet, tar-rappreżentanti tagħhom, u ta' persunal ġudizzjarju permezz ta' konnessjoni bil-vidjo għandhom isegwu l-istess regoli bħallikieku l-kumpilazzjoni tal-provi tkun saret fiżikament fl-Istat ta' Oriġini.

50 Il-persunal ġudizzjarju tal-qorti ta' oriġini jista' jinħatar bħala Kummissarju biex jeżamina persuna li tinsab fl-Istat ta' Eżekuzzjoni permezz ta' konnessjoni bil-vidjo u jista' jmexxi s-seduta skont id-dritt domestiku tal-Istat ta' Oriġini.

116. Il-Konslu jew il-Kummissarju għandhom iwettqu l-eżami tax-xhud permezz ta' konnessjoni bil-vidjo skont id-dritt tal-Istat ta' Oriġini u l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni. F'każijiet fejn ikun meħtieġ permess minn qabel, kwalunkwe kundizzjoni li l-Istat ta' Eżekuzzjoni jkun għamel mal-għoti ta' tali permess trid tiġi rrispettata, inklużi dawk li huma relatati mal-preżenza ta', pereżempju, rappreżentanti tal-awtorità kompetenti tal-Istat ta' Eżekuzzjoni. Barra minn hekk, id-dritt intern jew proċedura interna jistgħu jippreskrivu li x-xhud għandu dritt għal avukat jew għal rappreżentanza legali.

117. Għall-kuntrarju tal-Kapitolu I, il-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet, tar-rappreżentanti tagħhom, u/jew tal-persunal ġudizzjarju hija soġġetta għad-dritt tal-Istat ta' Oriġini, sakemm din ma tkunx inkompatibbli mad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni, u soġġetta għal kwalunkwe kundizzjoni speċifikata mill-Istat ta' Eżekuzzjoni meta ta l-permess. B'mod partikolari, f'każijiet fejn l-uffiċjal li jippresiedi tal-qorti ta' oriġini (jew persuna oħra maħtura debitament) ikun inħatar bħala Kummissarju biex jeżamina persuna li tinsab fl-Istat ta' Eżekuzzjoni permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, il-partijiet u r-rappreżentanti tagħhom għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw daqslikieku l-eżami kellu jsir fiżikament fl-Istat ta' Oriġini (sakemm il-kundizzjonijiet speċifikati mill-Istat ta' Eżekuzzjoni ma jkunux jillimitaw jew ifixklu din il-possibbiltà).

118. Il-prattika tal-Partijiet Kontraenti li tirregola kif l-uffiċjali diplomatiċi u konsulari jikkumpilaw il-provi, b'mod partikolari jekk il-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom, u l-persunal ġudizzjarju jistgħux jipparteċipaw fil-kumpilazzjoni tal-provi, tvarja. Għal mill-inqas Parti Kontraenti waħda, il-preżenza u l-parteċipazzjoni attiva ta' rappreżentanti legali fil-kumpilazzjoni tal-provi minn Konsli huma sinifikanti minħabba li huwa r-rappreżentant legali li jieħu d-depożizzjoni fil-preżenza tal-Konslu, u f'xi każijiet ir-rappreżentant legali jista' wkoll jitlob lill-Konslu biex jassenta ruħu.[133] F'dawn il-każijiet, ir-rwol primarju tal-Konslu huwa li jivverifika l-identità tax-xhud u li jagħtih il-ġurament u/jew li jassisti bit-testimonjanza billi jorganizza l-interpreti u l-istenografi jekk ikunu meħtieġa.

133 B. Ristau, *International Judicial Assistance (Civil and Commercial)*Washington, D.C., International Law Institute, Georgetown University Law Center, Vol. I, Parti V, reviżjoni tal-2000, p. 326.

### A3.5 Miżuri koerċittivi u ġegħil

51 Ix-xhud/l-espert mhuwiex imġiegħel jixhed sakemm l-Istat ta' Eżekuzzjoni ma jkunx għamel dikjarazzjoni skont l-Artikolu 18 u l-awtorità kompetenti tkun aċċettat it-talba biex tipprovdi assistenza biex tinkiseb it-testimonjanza b'ġegħil. L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk l-Istat ta' Eżekuzzjoni għamilx dikjarazzjoni bħal din.

*Biex tara d-dikjarazzjonijiet jew ir-riżervi magħmula minn Parti Kontraenti partikolari, ara t-Tabella tal-Istatus għall-Konvenzjoni dwar il-Provi, fil-kolonna intitolata "Res/D/N/DC".*

52 Anki jekk l-awtorità ta' Parti Kontraenti ġġiegħel lix-xhud jixhed, din mhux neċessarjament tkun tista' ġġiegħel lix-xhud *juża l-konnessjoni bil-vidjo* sabiex jixhed.

119. Skont il-Kapitolu II, il-Konvenzjoni ma tippermettix lill-Konsli jew lill-Kummissarji jġiegħlu lil xi ħadd jixhed. Minflok, l-Artikolu 18 jippermetti lil Parti Kontraenti li tiddikjara li Konslu jew Kummissarju awtorizzat biex jikkumpila l-provi jista' japplika mal-awtorità kompetenti (kif indikat minn dik il-Parti Kontraenti) għal assistenza xierqa biex jikseb provi b'ġegħil, soġġett għal tali kundizzjonijiet li jista' jkun fiha d-dikjarazzjoni. Għalhekk, skont il-Kapitolu II, ix-xhud/l-espert mhuwiex imġiegħel jixhed sakemm l-Istat ta' Eżekuzzjoni ma jkunx għamel dikjarazzjoni bħal din u ma jilqax talba għall-assistenza biex jiġu kkumpilati provi b'ġegħil (l-Artikolu 21(c)). Mill-Profili tal-Pajjiżi tal-Istati rispondenti, madwar 25 % jippermettu l-użu ta' dan il-mekkaniżmu.

120. Kif imsemmi hawn fuq fil-kuntest tal-Kapitolu I (ara **A2.6**), f'xi każijiet jista' jkun hemm il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn il-ġegħil ta' xhud/espert biex jidhed u l-ġegħil tax-xhud/tal-espert biex jixhed speċifikament permezz tal-konnessjoni bil-vidjo. Barra minn hekk, mill-Profili tal-Pajjiżi, xi Stati rispondenti li japplikaw l-Artikolu 18 semmew li l-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu II trid issir fuq bażi volontarja.[134]

121. Għandu jiġi nnotat ukoll li, skont l-Artikolu 22, il-falliment ta' kumpilazzjoni tal-provi permezz tal-proċeduri previsti fil-Kapitolu II la jeskludi u lanqas għandu jkollu xi effett fuq li ssir applikazzjoni sussegwenti biex issir kumpilazzjoni tal-provi skont il-Kapitolu I.

134 It-tweġiba tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) u tal-Istati Uniti għall-Parti IV, q. (g) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12). L-Istati Uniti żiedu wkoll li fil-kuntest ta' mozzjoni ta' 28 Kodiċi tal-Istati Uniti § 1782(a) biex jintalab li qorti distrettwali tal-Istati Uniti toħroġ ordni biex iġġiegħel lil xhud jixhed biex jgħin proċedimenti barranin, "[h]uwa improbabbli li qorti tal-Istati Uniti ġġiegħel xhud biex jixhed direttament permezz ta' konnessjoni bil-vidjo quddiem qorti barranija".

## A3.6 Ġurament/dikjarazzjoni

53 Il-Konslu jew il-Kummissarju għandu s-setgħa li jagħti ġurament jew li jieħu dikjarazzjoni skont id-dritt tal-Istat ta' Oriġini sakemm ma jkunx inkompatibbli mad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni, jew kuntrarju għal kwalunkwe permess mogħti mill-Istat ta' Eżekuzzjoni (l-Artikolu 21(a) u (d)).

54 Skont strumenti nazzjonali jew internazzjonali, ġuramenti mogħtija/dikjarazzjonijiet meħuda minn Konsli jew Kummissarji jista' jkollhom effetti ekstraterritorjali fl-Istat ta' Eżekuzzjoni.

122. L-importanza tal-għoti tal-ġurament jew tat-teħid tad-dikjarazzjoni ma għandhiex tiġi sottovalutata[135]. Madankollu, il-kumpilazzjoni tal-provi skont il-Kapitolu II ġeneralment issir mingħajr l-użu tal-ġegħil, u għandu jiġi nnotat ukoll li f'xi ġurisdizzjonijiet xhud ma jistax jiġi mġiegħel jaħlef jew jiddikjara l-verità tad-dikjarazzjonijiet tiegħu[136]. Minkejja dan, in-nuqqas ta' ġurament jew dikjarazzjoni, jista' jaffettwa b'mod negattiv il-valur probatorju ta' kwalunkwe provi kkumpilati.

123. Fi proċedimenti skont il-Kapitolu II, il-Konslu jew il-Kummissarju għandu s-setgħa li jagħti ġurament jew li jieħu dikjarazzjoni sa fejn dan ma jkunx inkompatibbli jew mad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni, jew kuntrarju għal kwalunkwe permess mogħti mill-Istat ta' Eżekuzzjoni (l-Artikolu 21(a) u (d)). Jistgħu jinqalgħu diversi mistoqsijiet possibbli, pereżempju: jekk il-ġurament iridx jingħata/id-dikjarazzjoni tridx tittieħed mill-Konslu jew mill-Kummissarju;[137] jekk il-ġurament hux meħtieġ li jingħata/id-dikjarazzjoni hix meħtieġa li tittieħed fl-istess post tax-xhud; jekk il-ġurament iridx jingħata/id-dikjarazzjoni tridx tittieħed (għalkemm mhux probabbli) minn persuna kompetenti tal-Istat ta' Eżekuzzjoni;[138] u jekk id-dritt jeżiġix li l-ġurament jingħata jew li d-dikjarazzjoni tittieħed f'konformità mad-dritt tal-Istat ta' Oriġini jew mad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni.[139]

124. Fil-każ ta' Konslu li juża konnessjoni bil-vidjo biex jikkumpila xiehda skont il-Kapitolu II, il-Konslu jista' jagħti l-ġurament jew jieħu d-dikjarazzjoni skont il-liġi domestika tal-Istat akkreditanti (jiġifieri, l-Istat li l-Konslu jirrappreżenta) u, f'xi każijiet, biss fil-konfini tal-Ambaxxata li l-Konslu

---

[135] Ara, pereżempju, id-diskjussjoni tal-Qorti Suprema tal-Indja rigward il-bgħit ta' Konslu biex jagħti ġurament fi *l-Istat ta' Maharashtra* vs *Dr Praful B Desai* AIR 2003 SC KANT 148. Il-Qorti qieset il-preżenza tal-uffiċjal waqt li x-xhud kien qed jixhed bħala salvagwardja li tiżgura li x-xhud ma kienx imħarreġ, mgħallem jew mogħti suġġerimenti dwar dak li għandu jgħid.

[136] It-tweġiba tal-Iżvizzera għall-Parti VI, q (d) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

[137] Il-maġġoranza tal-Istati rispondenti (fejn japplika l-Kapitolu II) esprimew preferenza għal din l-għażla sakemm din tkun konformi mar-regoli tal-Istat ta' Oriġini u tkun konformi mal-Artikolu 21(a) u (d) tal-Konvenzjoni. Ara, pereżempju, it-tweġibiet tal-Awstralja, ta' Franza, tal-Ġermanja, tal-Litwanja, tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) u tal-Venezwela għall-Parti VI, q. (d) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid*.).

[138] Ara, pereżempju, it-tweġiba tal-Iżvizzera għall-Parti VI, q. (d) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid*.).

[139] R. A. Williams (*op. cit.* fin-nota 1), p. 20; Ara, ukoll, Synopsis of Responses (*op. cit.* fin-nota 4), Parti VI, q. (i).

jirrappreżenta[140]. Pereżempju, Konslu jista' jieħu l-ġurament ta' xhud waqt li l-partijiet u r-rappreżentanti tagħhom u l-persunal ġudizzjarju jkunu preżenti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, jekk id-dritt tal-Istat akkreditanti hekk jipprovdi. Għandu jiġi nnotat li meta l-kumpilazzjoni tal-provi ssir minn Konslu, preżumibbilment din isseħħ fl-Istat ta' Eżekuzzjoni peress li huwa hemmhekk li l-Konslu jkun qed jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu.

125. Fil-każ ta' Kummissarju, il-ġurament jista' jingħata jew id-dikjarazzjoni tista' tittieħed permezz ta' konnessjoni bil-vidjo mill-Istat ta' Oriġini (u għalhekk bix-xhud jieħu l-ġurament jew jagħmel id-dikjarazzjoni fl-Istat ta' Eżekuzzjoni),[141] sakemm il-Kummissarju għandu s-setgħa li jagħmel dan skont id-dritt tal-Istat ta' Oriġini.

## A3.7 L-identifikazzjoni tax-xhud/tal-espert u ta' atturi oħrajn

> 55 Il-Konslu jew il-Kummissarju huwa responsabbli għall-identifikazzjoni tax-xhud/tal-espert skont id-dritt tal-Istat ta' Oriġini, sakemm dan ma jkunx inkompatibbli jew mad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni jew mal-kundizzjonijiet marbuta mal-permess tiegħu.

126. Għall-kuntrarju tal-Kapitolu I tal-Konvenzjoni dwar il-Provi, id-dritt applikabbli għall-proċeduri għall-identifikazzjoni ta' xhud/espert skont il-Kapitolu II huwa d-dritt tal-Istat ta' Oriġini.[142] Dan sakemm tali proċeduri mhumiex ipprojbiti mid-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni (l-Artikolu 21(d) tal-Konvenzjoni), u sakemm kwalunkwe kundizzjoni imposta mill-Istat ta' Eżekuzzjoni fil-mument li ta l-permess (l-Artikoli 16(1)(b) jew 17(1)(b)) hija ssodisfata.

127. Peress li l-eżami jsir mill-Konslu jew mill-Kummissarju, loġikament isegwi li l-Konslu jew il-Kummissarju jidentifikaw formalment ukoll ix-xhud. Il-Profili tal-Pajjiżi jindikaw li l-aktar proċedura komuni fl-Istati rispondenti li japplikaw il-Kapitolu II hija l-verifika tad-dokumenti tal-identità tax-xhud/tal-espert (għall-kuntrarju tal-għoti ta' ġurament jew it-teħid ta' dikjarazzjoni

---

140 Ara, pereżempju, 22 Kodiċi tal-Istati Uniti § 4221.

141 Għalkemm mhux skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Provi, eżempju transfruntier analogu jirriżulta mill-Ftehim Trans-Tażman tal-2008 (*op. cit.* fin-nota 60), fejn il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni Awstraljana tispeċifika li għall-finijiet ta' dehra remota mill-Awstralja b'rabta ma' proċedimenti fi New Zealand, il-post fl-Awstralja li minnu ssir id-dehra remota "huwa mifhum li jagħmel parti mill-qorti jew it-tribunal ta' [New Zealand]". Il-leġiżlazzjoni tippermetti espressament ukoll li qorti jew tribunal ta' New Zealand (skont id-dritt Awstraljan) jagħtu ġurament lill-persuna li tkun qed tixhed mill-bogħod (mill-Awstralja) jew jieħdu d-dikjarazzjoni tagħha. Ara l-*Att tal-2010 dwar il-Proċedimenti TransTażmani* (Cth), it-Taqsimiet 59, 62. B'kuntrast, f'xi każijiet, il-ġurament jista' jkun meħtieġ li jingħata fl-Istat ta' Eżekuzzjoni u mhux fejn jinsab il-Kummissarju. Ara, pereżempju, D. Epstein, J. Snyder & C.S. Baldwin IV, *International Litigation: A Guide to Jurisdiction, Practice, and Strategy*, ir-raba' edizzjoni, Leiden/Boston, Martinus Nijhoff Publishers, 2010, il-paragrafu 10.24, fejn jiġu diskussi d-depożizzjonijiet b'mezzi remoti, filwaqt li jiġi nnotat li l-*Fed. R. Civ. P.* 30(b)(4) tal-Istati Uniti f'mill-inqas okkażjoni waħda ġiet interpretata li teħtieġ li l-ġurament jingħata fil-post fejn jinsab ix-xhud. Ara wkoll, *Fed. R. Civ. P.* 30(b)(4) Depositions by Oral Examination, by Remote Means, "Il-partijiet jistgħu jistipulaw, jew il-qorti tista' tagħti ordni fuq mozzjoni, li depożizzjoni tittieħed bit-telefown jew b'mezzi remoti oħrajn. Għall-finijiet ta' din ir-regola u r-Regoli 28(a), 37(a)(2), u 37(b)(1), id-depożizzjoni sseħħ fejn ix-xhud iwieġeb il-mistoqsijiet."

142 It-tweġibiet tal-Ġermanja u tal-Venezwela għall-Parti VII, q. (r) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

dwar l-identità tiegħu).[143] Għalkemm mhux irrapportati b'mod speċifiku fil-Profili tal-Pajjiżi, f'xi każijiet l-użu tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo fil-proċedimenti jista' jeħtieġ proċeduri aktar stretti milli fi proċedimenti fiżiċi regolari.

128. Huwa probabbli li l-atturi l-oħrajn kollha fil-proċedimenti li huma preżenti, kemm fiżikament kif ukoll permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, ukoll ikollhom bżonn li l-identità tagħhom tiġi vverifikata b'mod xieraq. Għal darb'oħra, dan huwa soġġett għar-rekwiżiti tad-dritt tal-Istat ta' Oriġini, dment li ma jkunx inkompatibbli jew mad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni jew mal-kundizzjonijiet marbuta mal-permess tiegħu.

## A3.8 Dispożizzjonijiet penali

56 Il-possibbiltà ta' trikkib fl-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet penali differenti, jew lakuni ġurisdizzjonali bejniethom, jitħallew għal strumenti domestiċi u/jew internazzjonali, kif ukoll għal kwalunkwe arranġament applikabbli.

129. Kif diskuss hawn fuq f'**A2.9** (fil-kuntest tal-Kapitolu I), dawk li abbozzaw il-Konvenzjoni ħadu deċiżjoni konxja li jeskludu kull referenza għal kwistjonijiet kriminali (bħad-disprezz lejn il-qorti jew l-isperġur) konnessi mal-kumpilazzjoni tal-provi, filwaqt li nnotaw il-potenzjal li jinħoloq trikkib ġurisdizzjonali fir-rigward ta' kwistjonijiet bħal dawn.

130. Skont il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni, peress li l-kumpilazzjoni tal-provi hija diretta, il-Konslu jew il-Kummissarju ġeneralment iwettaq il-proċedimenti skont id-dritt tiegħu stess (jiġifieri, id-dritt tal-Istat akkreditanti għal Konslu jew id-dritt tal-Istat ta' Oriġini), sa fejn ma jkunx kuntrarju għad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni, kif previst fl-Artikolu 21(d), jew għal kwalunkwe kundizzjoni speċifikata meta ngħata l-permess (l-Artikolu 21(a)). B'mod partikolari, kif inhu l-każ f'numru żgħir ta' Stati rispondenti, il-permess mogħti mill-Istat tal-Eżekuzzjoni jista' jeżiġi li ċ-ċitazzjoni tiddikjara b'mod ċar li n-nuqqas ta' dehra tax-xhud ma jistax iwassal għal prosekuzzjoni fl-Istat ta' Oriġini[144].

131. Bħala eżempju, meta Kummissarju li jinsab fl-Istat ta' Oriġini jkun qed jikkumpila l-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo ta' xhud/espert li jinsab fl-Istat ta' Eżekuzzjoni, huwa possibbli li kemm il-liġijiet tal-Istat ta' Oriġini kif ukoll dawk tal-Istat ta' Eżekuzzjoni dwar l-isperġur u d-disprezz ikunu japplikaw għall-eżami ta' xhud/espert permezz ta' konnessjoni bil-vidjo. Dan jista' potenzjalment jesponi lix-xhud/espert għal prosekuzzjoni multipla. B'kuntrast ma' dan, huwa ugwalment possibbli li la d-dritt tal-Istat ta' Oriġini u lanqas dak tal-Istat ta' Eżekuzzjoni ma japplikaw, jew li l-ebda wieħed minnhom ma jkollu ġurisdizzjoni effettiva biex iressaq il-qorti xhud/espert akkużat bi sperġur jew b'disprezz.[145]

---

143 Ara, pereżempju, it-tweġibiet tal-Bulgarija, tal-Estonja, tal-Afrika t'Isfel u tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) għall-Parti VII, q. (r) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

144 Ara, pereżempju, id-dikjarazzjonijiet magħmula minn Franza u mil-Lussemburgu, disponibbli fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH (ara l-indirizz indikat fin-nota 127).

145 Dan huwa evidenti mill-Profili tal-Pajjiżi (ara Synopsis of Responses (*op. cit.* fin-nota 4), Parti VI, q. (j)). L-Istati rispondenti kienu kważi diviżi b'mod ugwali dwar jekk id-dritt tal-Istat ta' Oriġini jew id-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni jirregolax l-isperġur meta jiġu kkumpilati provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu II.

132. Dan it-trikkib ġurisdizzjonali jista' jseħħ b'mod simili meta l-kumpilazzjoni tal-provi ssir minn Konslu skont il-Kapitolu II. F'każijiet bħal dawn, Il-Konslu jagħti l-ġurament skont id-dritt tal-Istat ta' Oriġini, li jista' jkollu applikazzjoni "ekstraterritorjali" speċifika,[146] fis-sens li l-ġurament/id-dikjarazzjoni jitqiesu, għal kull fini u għal kull użu, li jkollhom l-istess effett daqslikieku ngħata jew ittieħdet, rispettivament, fit-territorju tal-Istat ta' Oriġini[147]. Dan jista' jqajjem kwistjonijiet ta' prosekuzzjoni u eżekuzzjoni bħala sanzjoni sussegwenti peress li l-isperġur ikollu effett biss fl-Istat ta' Oriġini[148].

133. Fil-fehma ta' xi kummentaturi, dan in-nuqqas ta' ċarezza regolatorja jista' jkollu implikazzjonijiet sinifikanti, inkluż possibbilment it-tnaqqis tal-valur probatorju tat-testimonjanza kollha, li jqajjem dubji dwar l-effettività ta' dawn il-ġurament(i)/dikjarazzjon(ijiet).[149] Fil-każ ta' sperġur, il-kwistjonijiet li jqumu huma tnejn: l-ewwel nett, fl-Istat ta' Oriġini, jekk dikjarazzjoni magħmula barra mill-pajjiż tistax titqies bħala sperġur; u t-tieni nett, fl-Istat ta' Eżekuzzjoni, jekk dikjarazzjoni magħmula lil qorti barranija, Konslu, jew Kummissarju tistax titqies bħala sperġur.[150] Fil-każ ta' disprezz, xi kummentaturi ssuġġerew li disprezz lejn il-qorti x'aktarx jiġi ttrattat mil-*lex fori*, minħabba l-"preżenza virtwali" tax-xhud/tal-espert fl-awla tal-qorti.[151]

134. Jekk it-testimonjanza permezz ta' konnessjoni bil-vidjo ikollha tikkompeti ma' testimonjanza bi preżenza fiżika f'termini ta' utilità ġudizzjarja, ikun importanti ħafna li dawn l-inċertezzi jiġu solvuti. Madankollu, is-soluzzjoni għat-trikkib potenzjali fl-applikazzjoni potenzjali ta' dispożizzjonijiet kriminali differenti, jew għal-lakuni ġurisdizzjonali bejniethom, mhijiex indirizzata fil-Konvenzjoni dwar il-Provi. Minflok, din titħalla għad-dritt intern, għall-arranġamenti bejn l-Istati (pereżempju, skont il-ftehimiet ta' assistenza legali reċiproka fi kwistjonijiet kriminali), jew għall-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali pubbliku.

*Għal aktar informazzjoni dwar il-kwistjonijiet relatati mal-isperġur u d-disprezz skont il-Kapitolu I, ara wkoll **A2.9**.*

[146] Din il-possibbiltà hija rikonoxxuta mill-Ġermanja anki b'rabta mad-dritt dwar il-provi u d-dritt kriminali, ara t-tweġiba tal-Ġermanja għall-Parti VI, q. (d) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

[147] Ara,pereżempju, 22 Kodiċi tal-Istati Uniti § 4221: "[...] Kull ġurament mogħti, dikjarazzjoni meħuda, affidavit magħmul, depożizzjoni mogħtija, u att notarili disponibbli u magħmul minn jew quddiem kwalunkwe uffiċjal bħal dan, meta ċċertifikat minnu u bis-siġill tal-kariga, għandu jkun validu, u tal-istess forza u effett fl-Istati Uniti, għal kull fini u skop, daqslikieku mogħti, meħuda, magħmula, mogħtija, disponibbli u magħmul minn jew quddiem kwalunkwe persuna oħra fl-Istati Uniti debitament awtorizzata u kompetenti biex tagħmel dan [...]."

[148] *Ibid.*, § 4221: "[...] Jekk kwalunkwe persuna xjentement u b'mod korrott, jew bi kwalunkwe mezz tipperswadi lil kwalunkwe persuna biex twettaq sperġur fi kwalunkwe ġurament, dikjarazzjoni, affidavit, jew depożizzjoni bħal dawn, fl-intenzjoni u t-tifsira ta' kwalunkwe Att tal-Kungress attwali jew futur, tali awtur jista' jiġi akkużat, imressaq il-qorti, ipproċessat, ikkundannat, u ttrattat fi kwalunkwe distrett tal-Istati Uniti, bl-istess mod, f'kull aspett, daqslikieku tali reat ikun twettaq fl-Istati Uniti, quddiem kwalunkwe uffiċjal bħal dan debitament awtorizzat biex jagħti ġurament, jieħu dikjarazzjoni, jagħti affidavit jew jieħu depożizzjoni bħal dawn, u għandu jkun soġġett għall-istess piena u diżabbiltà li huma, jew għandhom jiġu, preskritti minn kwalunkwe att bħal dan għal tali reat [...]."

[149] Ara, pereżempju, M. Davies (*op. cit.* fin-nota 15), pp. 206, 229 (ara, inġenerali, pp. 221–227 dwar l-isperġur, u pp. 228–232 dwar id-disprezz lejn il-qorti).

[150] *Ibid.*, pp. 221–222.

[151] *Ibid.*, p. 228; R. A. Williams (*op. cit.* fin-nota 1), p. 19. Il-kunċett ta' disprezz kif inhu magħruf fil-pajjiżi tad-dritt komuni jista' ma jiġix implimentat bis-sħiħ fis-sistemi legali ta' xi Partijiet Kontraenti. Ara t-tweġiba tal-Ġermanja għall-Parti VI, q. (d) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

## A3.9 Privileġġi u salvagwardji oħra

57 L-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni jipprovdi diversi salvagwardji għax-xhud, li jinkludu: il-mod kif għandha ssir il-kumpilazzjoni tal-provi, il-lingwa li fiha għandha ssir it-talba lix-xhud, u l-informazzjoni li għandha tingħata f'tali talba.

135. Minbarra l-estensjoni tal-privileġġi li jinsabu fl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni jipprovdi diversi salvagwardji għal persuna mitluba li tixhed permezz ta' konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu II. L-ewwel nett, it-"tipi ta' provi" li jistgħu jiġu kkumpilati huma limitati għal tipi "mhux inkompatibbli mad-dritt tal-Istat fejn il-provi jiġu kkumpilati jew mhux kuntrarja għal kwalunkwe permess mogħti" (l-Artikolu 21(a)). Kif diskuss f'**A3.6**, l-għoti tal-ġurament jew it-teħid ta' dikjarazzjoni huma limitati bl-istess mod, mill-istess Artikolu. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 21(d), il-"mod" li bih għandhom jiġu kkumpilati l-provi huwa dak previst mid-dritt tal-Istat ta' Oriġini, iżda bl-istess mod dan huwa soġġett għal kwalunkwe inkompatibbiltà mad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni.

136. It-tieni nett, l-Artikolu 21(b) jimponi salvagwardja relatata mal-lingwa, billi jeżiġi li t-talba (jiġifieri t-taħrika) magħmula lix-xhud prospettiv issir bil-lingwa tal-Istat ta' Eżekuzzjoni jew tkun akkumpanjata minn traduzzjoni f'dik il-lingwa. L-unika eċċezzjoni għal dan ir-rekwiżit hija jekk ix-xhud prospettiv ikun ċittadin tal-Istat ta' Oriġini (u għalhekk huwa preżunt li jifhem il-lingwa tal-Istat ta' Oriġini).

137. It-tielet nett, l-Artikolu 21(c) jirrikjedi li t-talba tinforma wkoll lix-xhud prospettiv bid-dritt tiegħu li jkun rappreżentat legalment (kif minqux fl-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni) u, fi kwalunkwe Parti Kontraenti li ma tkunx għamlet dikjarazzjoni tal-Artikolu 18 fir-rigward tal-ġegħil (ara **A3.5**), li x-xhud "mhuwiex imġiegħel jidher jew jixhed".

138. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 21(e) jipprovdi element kumplimentari ulterjuri għas-salvagwardji msemmija hawn fuq, billi jipprovdi li x-xhud prospettiv jista' jinvoka wkoll l-istess privileġġi u dmirijiet li jirrifjuta li jixhed li huma stabbiliti fl-Artikolu 11 tal-Kapitolu I.

*Għal aktar informazzjoni dwar il-privileġġi u d-dmirijiet li jistgħu jiġu invokati skont il-Kapitolu I, ara **A2.10**.*

## A3.10 Spejjeż

58 L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo jista' jwassal għal spejjeż addizzjonali. Jekk dawn l-ispejjeż għandhomx jitħallsu mill-partijiet huwa stabbilit mid-dritt tal-Istat ta' Oriġini.

*Ara l-**Profil tal-Pajjiż** tal-Parti Kontraenti rilevanti.*

139. Għalkemm il-Konvenzjoni ma tindirizzax b'mod espliċitu l-kwistjoni tal-ispejjeż għal talbiet skont il-Kapitolu II, hemm numru ta' xenarji possibbli u f'kull wieħed minnhom, hemm il-possibbiltà li jistgħu jiġġarrbu spejjeż addizzjonali minħabba l-użu ta' konnessjoni bil-vidjo fil-kumpilazzjoni tal-provi.

140. Kif deskritt fil-Manwal dwar il-Provi, hemm firxa ta' spejjeż li jistgħu jiġġarrbu, inklużi tariffi għas-servizzi tal-Konslu jew tal-Kummissarju, tariffi għal interpreti jew stenografi, kif ukoll spejjeż ta' vvjaġġar u ta' akkomodazzjoni relatati[152]. L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo jista' jwassal ukoll għal spejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-kiri tal-post biex issir il-konnessjoni bil-vidjo, l-ispejjeż tal-persunal, jew għall-kiri ta' appoġġ tekniku[153]. Huwa f'idejn id-dritt tal-Istat ta' Oriġini li jiddetermina jekk dawn l-ispejjeż iridux jitħallsu mill-partijiet. Ġeneralment, dawn l-ispejjeż jitħallsu mill-parti li tkun qed titlob il-kumpilazzjoni tal-provi[154].

141. Fil-każ ta' Konsli, id-dritt tal-Istat akkreditanti jista' jeħtieġ (jiġifieri, l-Istat ta' Oriġini) il-ġbir ta' tariffi għall-involviment fil-kumpilazzjoni tal-provi,[155] filwaqt li għal Kummissarji l-ispejjeż ħafna drabi huma ddeterminati jew mid-dritt intern jew speċifikati fit-termini tal-kummissjoni[156]. F'każijiet fejn ikun meħtieġ permess minn qabel, l-Istat ta' Eżekuzzjoni jista' jitlob ir-rimborż ta' ċerti spejjeż imġarrba fl-involviment u/jew fl-assistenza tal-Istat ta' Eżekuzzjoni bħala kundizzjoni għall-għoti ta' permess (pereżempju, l-ispejjeż assoċjati mal-użu tal-faċilitajiet fejn ikun ser jintuża post speċifiku, bħal awla, jew spejjeż amministrattivi oħra)[157]. Barra minn hekk, l-Istat ta' Eżekuzzjoni jista' jeħtieġ ir-rimborż tal-ispejjeż f'kawżi fejn jipprovdi assistenza lill-Konslu jew lill-Kummissarju biex jikkumpilaw provi b'ġegħil[158].

152 Manwal dwar il-Provi (*op. cit.* fin-nota 29), il-paragrafi 403 *et seq*.

153 It-tweġibiet tal-Bulgarija u tal-Litwanja għall-Parti VII, q. (w) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

154 Manwal dwar il-Provi (*op. cit.* fin-nota 29), il-paragrafu 405.

155 Fl-Istati Uniti, l-iskeda għat-tariffi għal servizzi konsulari hija stabbilita fit-22 CFR § 22.1 (din l-Iskeda tippromulga tariffi għal servizzi ta' assistenza ġudizzjarja kemm f'kuntesti tal-Konvenzjoni kif ukoll f'dawk mhux tal-Konvenzjoni). Fl-Awstralja, it-tariffi għas-servizzi konsulari, inkluż "[l]-għoti ta' ġurament jew it-teħid ta' dikjarazzjoni", huma stabbiliti fir-Regolamenti tal-2018 dwar it-Tariffi Konsulari.

156 Fir-Renju Unit (l-Ingilterra), it-tariffi għal Kummissarju (magħrufa bħala l-"eżaminaturi tal-qorti") huma stabbiliti fil-Practice Direction 34B.

157 It-tweġiba tal-Iżvizzera għall-Parti VII, q. (w) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

158 Dan ix-xenarju huwa kkontemplat fir-Rapport ta' Spjegazzjoni, il-paragrafu 163.

*Għal aktar informazzjoni dwar l-użu tal-ġegħil skont il-Kapitolu II, ara **A3.5**.*

142. Fil-prattika, il-Kummissarji huma mistennija li jagħmlu l-arranġamenti neċessarji kollha għall-kumpilazzjoni tal-provi. Fejn tintuża l-konnessjoni bil-vidjo, dan jista' jinkludi li jinstab post għall-eżami tax-xhud, jiġi pprenotat it-tagħmir tal-konnessjoni bil-vidjo, u li jinstab l-appoġġ tekniku meħtieġ[159]. Meta ċ-ċirkostanzi jiddettaw li tista' tkun meħtieġa l-assistenza tal-Istat ta' Eżekuzzjoni (pereżempju sabiex ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet li jakkumpanjaw kwalunkwe permess mogħti), l-awtoritajiet huma mħeġġa jipprovdu assistenza fl-organizzazzjoni tal-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, fejn possibbli u xieraq.

159 Il-Manwal dwar il-Provi (*op. cit.* fin-nota 29), Anness 6 "Gwida dwar l-użu tal-konnessjonijiet bil-vidjo", il-paragrafi 26 *et seq*.

# PARTI B

## IT-TĦEĦĦIJA GĦAS-SEDUTI PERMEZZ TAL-KONNESSJONI BIL-VIDJO U KIF GĦANDHOM JITMEXXEW

B1 IL-KUNSIDERAZZJONI TA’ OSTAKLI PRATTIĊI POTENZJALI

B2 SKEDAR U TTESTJAR

B3 APPOĠĠ U TAĦRIĠ TEKNIKU

B4 PRENOTAZZJONI TA’ FAĊILITAJIET XIERQA

B5 L-UŻU TAL-INTERPRETAZZJONI

B6 REĠISTRAZZJONI, RAPPORTAR U REVIŻJONI

B7 L-AMBJENT, IL-POŻIZZJONAMENT U L-PROTOKOLLI

59 Jekk ikun possibbli, l-awtoritajiet huma mħeġġa jippubblikaw informazzjoni prattika ġenerali u/jew linji gwida (preferibbilment online) biex jassistu lil dawk li jkunu qed iħejju biex jagħmlu jew jeżegwixxu talba bl-użu tal-konnessjoni bil-vidjo. Jekk possibbli, l-awtoritajiet huma mistiedna jaqsmu din l-informazzjoni mal-Bureau Permanenti għall-pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-HCCH. Informazzjoni aktar speċifika u sensittiva tista' tingħata lill-partijiet involuti wara talba.

60 Hija r-responsabbiltà tal-atturi kollha fit-tħejjija u fl-eżekuzzjoni ta' konnessjoni bil-vidjo li jiżguraw li tinżamm komunikazzjoni effettiva.

143. Kif ġie spjegat qabel, l-użu tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo fil-kumpilazzjoni tal-provi barra mill-pajjiż ma jistax jiġi indirizzat biss minn perspettiva purament legali, jeħtieġ ukoll approċċ olistiku u interdixxiplinarju (ara **A1**).

144. Studju komprensiv riċenti f'waħda mill-Partijiet Kontraenti sab li r-riżultati u l-effettività tal-konnessjoni bil-vidjo fl-iffaċilitar tal-ġustizzja huma marbuta b'mod inseparabbli mal-provvista tas-servizz u l-implimentazzjoni prattika, li sempliċiment iservi biex jikkonferma li l-mod li bih is-sistemi tal-konnessjoni bil-vidjo huma mfassla, imħaddma u użati, huwa importanti.[160] Barra minn hekk, il-liġijiet infushom jistgħu jiddettaw jew jinfluwenzaw diversi aspetti prattiċi u tekniċi, kif se jiġi diskuss fil-**Partijiet B** u **C**.

145. Sabiex jassistu lil dawk li qed ifittxu l-użu ta' konnessjoni bil-vidjo meta jħejju t-talbiet, l-Awtoritajiet Ċentrali huma mħeġġa jippubblikaw informazzjoni ġenerali dwar rekwiżiti organizzattivi, sistemi ta' prenotazzjoni, tagħmir u kapaċitajiet tekniċi, u/jew informazzjoni ta' kuntatt tal-individwu jew diviżjoni responsabbli għall-eżekuzzjoni ta' talba għall-kumpilazzjoni tal-provi li tinvolvi konnessjoni bil-vidjo, u jaqsmuha mal-awtoritajiet rilevanti. Jekk ma jkunux diġà stabbiliti, l-Awtoritajiet Ċentrali u Awtoritajiet oħrajn huma mħeġġa wkoll jistabbilixxu linji gwida u protokolli mmirati, li jiddeskrivu l-proċessi u jallokaw b'mod ċar ir-responsabbiltajiet assoċjati ma': l-iskedar u l-prenotazzjoni tal-faċilitajiet xierqa; it-twettiq ta' testijiet u ta' manutenzjoni; il-bidu, il-kontroll u t-tmiem tal-konnessjoni bil-vidjo; kif ukoll mal-ġbir ta' feedback wara.[161] Sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' hacking ta' infrastruttura tal-IT sikura jew li tiġi kompromessa b'xi mod ieħor, xi awtoritajiet jistgħu jagħżlu li jikkondividu informazzjoni speċifika u sensittiva wara talba biss, jekk l-awtorità tal-Istat rilevanti tqis li jkun meħtieġ jew xieraq li tagħmel dan.

146. Informazzjoni utli oħra li wieħed jista' jikkunsidra li jippubblika tista' tinkludi, pereżempju, il-lingwi prinċipali ta' komunikazzjoni tal-persunal involut, jekk hemmx persuni ta' kuntatt speċifiċi għal pariri tekniċi u s-sejbien ta' soluzzjonijiet, jew, b'mod aktar ġenerali, jekk l-awtoritajiet fl-Istat ta' Oriġini humiex f'pożizzjoni li jipprovdu assistenza għall-organizzazzjoni jew għall-post meta ssir it-talba skont il-Kapitolu II. Ħafna minn din l-informazzjoni ġiet ipprovduta fil-Profili tal-Pajjiżi individwali tal-Partijiet Kontraenti.

160 Għal diskussjoni sħiħa dwar dan l-istudju, li sar fl-Awstralja, ara E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), p. 10.

161 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit.* fin-nota 16), p. 14.

147. Irrispettivament mill-informazzjoni prattika u proċedurali li hija diġà disponibbli, il-komunikazzjoni tibqa' aspett kritiku fl-istadji kollha tal-proċess: qabel, matul u wara s-seduta b'konnessjoni bil-vidjo. B'mod partikolari, huwa essenzjali li r-rwol u l-pożizzjoni legali ta' kull parteċipant jiġu stabbiliti b'mod ċar, speċjalment għall-benefiċċju tax-xhud[162].

162 Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 15), p. 36.

# B1 Il-kunsiderazzjoni ta' ostakli prattiċi potenzjali

61 Dawk li jkunu qed iħejju biex jippreżentaw talba għal konnessjoni bil-vidjo jenħtieġ li jistaqsu lill-awtorità rilevanti biex jikkonfermaw li ma hemm l-ebda ostaklu prattiku jew limitazzjoni għall-eżekuzzjoni ta' talba biex tintuża konnessjoni bil-vidjo fil-kumpilazzjoni tal-provi (speċjalment skont il-Kapitolu II).

*Ara l-**Profil tal-Pajjiż** tal-Parti Kontraenti rilevanti.*

148. Mill-Profili tal-Pajjiżi, jidher li l-aktar diffikultajiet prattiċi fundamentali seħħew skont il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni.

149. L-ostakli prattiċi skont il-Kapitolu I jinkludu primarjament in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' tagħmir għall-vidjokonferenzi u ta' riżorsi ta' appoġġ,[163] il-kwalità tat-trażmissjoni u l-kompatibbiltà tas-sistemi,[164] kif ukoll id-differenza fil-ħin bejn l-Istat Rikjedenti u l-Istat Rikjest.[165] Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-Istati rispondenti indikaw li ma kinux esperjenzaw ostakli prattiċi.[166]

150. L-ostakli prattiċi skont il-Kapitolu II huma aktar diversi u kumplessi. Għall-kuntrarju tal-Kapitolu I tal-Konvenzjoni (fejn il-post fejn issir il-kumpilazzjoni tal-provi huwa normalment il-qorti), il-post tal-kumpilazzjoni tal-provi skont il-Kapitolu II jista' jvarja skont l-Artikolu li jkun qed jiġi invokat peress li kemm missjoni diplomatika jew konsulari (l-Artikoli 15 u 16), kif ukoll Kummissarju (l-Artikolu 17) jistgħu jiġu fdati b'dan il-kompitu. B'mod partikolari, peress li l-missjonijiet diplomatiċi u konsulari huma ħafna u jista' jkollhom riżorsi (pereżempju, aċċess għall-konnessjoni tal-Internet u l-veloċità tagħha) u faċilitajiet (pereżempju, tagħmir tal-vidjokonferenzi) differenti, jista' jkun aktar diffiċli li tiġi ddeterminata d-disponibbiltà tagħhom għall-kumpilazzjoni tal-provi skont il-Kapitolu II.

151. Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni għall-fatt li l-post fejn tkun se ssir il-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu II jeħtieġ li jkun aċċessibbli, mgħammar tajjeb, b'numru suffiċjenti ta' persunal espert fl-IT jew b'assistenza remota tal-IT, u fejn applikabbli, jikkonforma mal-kundizzjonijiet speċifikati fil-permess mogħti mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' Eżekuzzjoni u ma' kwalunkwe tħassib dwar is-sigurtà tal-Istat ta' Oriġini.

---

163 It-tweġibiet tal-Awstralja, tal-Bulgarija, tal-Kroazja (fir-rigward ta' xi awtoritajiet), tal-Greċja, tal-Ungerija, tal-Iżvizzera u tal-Venezwela għall-Parti VII, q. (i) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

164 It-tweġibiet tal-Ġermanja u tal-Polonja għall-Parti VII q. (i) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

165 It-tweġibiet tal-Awstralja, ta' Franza u tal-Ġermanja għall-Parti VII, q. (i) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

166 It-tweġibiet tal-Brażil, taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), tal-Kroazja, ta' Ċipru, tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, tal-Finlandja, tal-Iżrael, tal-Korea (ir-Repubblika ta'), tal-Latvja, tal-Litwanja, ta' Malta, tan-Norveġja, tal-Portugall, tar-Rumanija, ta' Singapore, tas-Slovenja, tal-Afrika t'Isfel, tal-Iżvezja, tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) għall-Parti VII, q. (i) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

152. Fir-rigward ta' kumpilazzjoni tal-provi minn uffiċjali diplomatiċi jew aġenti konsulari, għandu jiġi nnotat li mhux l-Istati rispondenti kollha jippermettu l-użu ta' konnessjoni bil-vidjo fil-missjonijiet diplomatiċi u konsulari rispettivi tagħhom biex jassistu fil-kumpilazzjoni tal-provi skont il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni.

153. L-Istati rispondenti li *ma oġġezzjonawx* għall-Artikolu rilevanti tal-Kapitolu II, iżda *ma jippermettux* l-użu ta' konnessjoni bil-vidjo biex jassistu fil-kumpilazzjoni tal-provi skont il-Kapitolu II fil-missjonijiet diplomatiċi jew konsulari tagħhom (jew jagħmlu dan f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss), taw ir-raġunijiet li ġejjin: l-inkapaċità jew in-nuqqas ta' kapaċità tal-awtoritajiet jew tal-missjonijiet diplomatiċi u konsulari biex jipprovdu assistenza fil-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo,[167] in-nuqqas ta' tagħmir tekniku fil-missjonijiet diplomatiċi u konsulari,[168] in-nuqqas ta' prattika, regolamenti jew involviment tal-missjonijiet diplomatiċi u konsulari tagħhom f'dan is-suġġett,[169] l-impossibbiltà li s-servizzi konsulari jipproċessaw talbiet li joħorġu,[170] u tħassib dwar is-sigurtà.[171]

154. Żewġ Stati rispondenti semmew li l-proċedura tas-soltu hija li wieħed jirreferi lir-rikorrent jew lill-partijiet għal fornituri kummerċjali bħal ċentri tal-konferenzi,[172] b'wieħed minnhom jinnota li tali arranġamenti jridu jiġu miftiehma privatament u ma jinvolvux lill-Awtorità Ċentrali.[173]

155. L-Istati rispondenti li *ma oġġezzjonawx* għall-Artikolu rilevanti tal-Kapitolu II, u *jippermettu* l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo biex jassistu fil-kumpilazzjoni tal-provi skont il-Kapitolu II fil-missjonijiet diplomatiċi jew konsulari tagħhom, semmew uħud mid-diffikultajiet prattiċi li ġejjin: id-disponibbiltà limitata ta' tagħmir għall-vidjokonferenzi[174] jew ta' kamra xierqa fil-missjoni diplomatika jew konsulari,[175] u l-ħtieġa għal awtorizzazzjonijiet ta' sigurtà mwettqa minn missjoni diplomatika biex jiġi evalwat jekk persuna li għandha tinstema' hijiex theddida fiżika jew ta' sigurtà.[176] Xi Stati rispondenti indikaw li kien hemm ostakli prattiċi għall-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu II iżda ma speċifikawx liema kienu.[177]

156. Barra minn hekk, Stat rispondenti indika li f'ħafna mill-missjonijiet diplomatiċi u konsulari tiegħu, it-tagħmir għall-vidjokonferenzi jinsab f'żoni siguri fejn l-uffiċjali biss jistgħu jidħlu. Madankollu, dan l-Istat rispondenti nnota wkoll li Skype tista' tkun opzjoni u kompla jispjega li fil-futur it-tagħmir għall-videokonferenzi jista' jkun disponibbli wkoll fiż-żoni pubbliċi tal-missjonijiet diplomatiċi u konsulari.[178]

---

167 It-tweġiba tal-Awstralja għall-Parti VII, q. (q) u t-tweġiba tal-Iżvizzera għall-Parti VII, q. (q) u (t) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

168 It-tweġibiet tas-Slovenja u tal-Greċja għall-Parti VII, q. (q) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

169 It-tweġibiet tal-Iżrael u tal-Finlandja għall-Parti VII, q. (q) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

170 It-tweġiba tal-Polonja għall-Parti VII, q. (q) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

171 It-tweġiba tal-Istati Uniti għall-Parti VII, q. (u) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

172 It-tweġibiet tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) (u għalhekk li l-kumpilazzjoni tal-provi bl-użu tal-konnessjoni bil-vidjo f'missjonijiet diplomatiċi tintuża biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali) u tal-Istati Uniti għall-Parti VII, q. (t) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

173 It-tweġiba tal-Istati Uniti għall-Parti I, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

174 It-tweġiba ta' Franza għall-Parti VII, q. (q) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

175 It-tweġiba tal-Bulgarija għall-Parti VII, q. (u) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

176 It-tweġiba tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) għall-Parti IV, q. (d) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

177 It-tweġiba tar-Repubblika Ċeka u tal-Afrika t'Isfel għall-Parti VII, q. (q) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

178 It-tweġiba tal-Estonja għall-Parti VII, q. (q) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

157. Fir-rigward tal-kumpilazzjoni tal-provi minn Kummissarju, il-post m'għandux joħloq ħafna diffikultajiet peress li l-Kummissarju jista' jagħżel il-post xieraq u b'hekk jista' jagħżel ċentru tal-konferenzi jew lukanda b'faċilitajiet u persunal xierqa. Madankollu, fejn applikabbli, il-post irid jikkonforma mal-kundizzjonijiet speċifikati fil-permess mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' Eżekuzzjoni.

158. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li xi Stati rispondenti jippermettu l-kumpilazzjoni tal-provi skont ċerti Artikoli tal-Kapitolu II bil-kundizzjoni li l-post jew il-kamra jkunu aċċessibbli mill-pubbliku,[179] kundizzjoni li tista' ma tiġix sodisfatta fejn jintużaw iż-żoni ristretti ta' missjonijiet diplomatiċi u konsulari (jew kamra privata f'lukanda fil-każ tal-Kummissarju).

*Għal aktar tagħrif dwar il-post li minnu għandha ssir il-kumpilazzjoni tal-provi, ara **B4**.*

[179] Ara d-dikjarazzjonijiet ta' Franza, disponibbli fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH (ara l-indirizz indikat fin-nota 127).

## B2 Skedar u ttestjar

62 Meta jkunu se jiskedaw seduta li se tuża l-konnessjoni bil-vidjo, l-awtoritajiet huma mħeġġa jżommu f'moħħhom id-differenzi fiż-żoni tal-ħin u l-implikazzjonijiet tal-ħidma barra s-sigħat tax-xogħol regolari, bħall-possibbiltà ta' spejjeż addizzjonali u disponibbiltà limitata ta' persunal ta' appoġġ.

63 L-awtoritajiet huma mħeġġa wkoll jittestjaw il-konnessjoni qabel seduta, kif ukoll jagħmlu manutenzjoni regolari tat-tagħmir.

159. L-awtoritajiet rikjedenti u dawk rikjesti għandhom jikkonsultaw lil xulxin fir-rigward tal-iskedar u l-ittestjar minn qabel[180]. Dawk li jorganizzaw il-konnessjoni bil-vidjo għandhom jikkunsidraw aspetti bħad-disponibbiltà tal-parteċipanti, il-faċilitajiet u t-tagħmir li għandhom jintużaw, u l-preżenza ta' persunal jew ta' terzi biex tipprovdi appoġġ tekniku. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet iżommu reġistru ċentrali tal-faċilitajiet, tat-tagħmir, kif ukoll tal-persunal ta' appoġġ rilevanti, biex jiffaċilitaw il-proċess ta' evalwazzjoni ta' liema spazji huma disponibbli fl-istadju tal-iskedar.[181]

160. Meta jkun qiegħed jiġi stabbilit il-ħin tal-ġurnata għall-proċedimenti b'konnessjoni bil-vidjo, kwalunkwe differenza f'żoni tal-ħin bejn il-postijiet tal-partijiet kollha involuti għandha titqies u tiġi speċifikata meta jiġu kkonfermati l-arranġamenti.[182] Barra minn hekk, meta jkunu qed jiġu skedati kemm l-ittestjar minn qabel kif ukoll is-seduti bil-konnessjoni bil-vidjo għall-kumpilazzjoni tal-provi, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-ħidma barra l-ħinijiet normali tan-negozju tista' tirriżulta fi spejjeż addizzjonali.

161. Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri tista' tkun ukoll ta' benefiċċju kbir għall-ippjanar u l-iskedar mill-ġdid tal-prenotazzjonijiet, il-kisba tal-permessi meħtieġa minn awtorità partikolari, u l-kisba tal-kunsens tal-partijiet jew ta' parteċipanti oħra. L-awtoritajiet huma mħeġġa jagħmlu użu minn għodod online siguri biex jiffaċilitaw dan. [183]

162. It-tagħmir u l-parametri tax-xogħol fis-siti kollha għandhom jiġu ttestjati regolarment, b'mod partikolari qabel seduta bil-konnessjoni bil-vidjo, biex tiġi vverifikata l-interoperabbiltà u l-funzjonament tajjeb tat-tagħmir [184] . Dan għandu jsir bil-quddiem biżżejjed biex it-tekniċi

---

180 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit.* fin-nota 16), p. 10.

181 E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), p. 52.

182 L-elenkar tal-ħinijiet rilevanti kemm f'ħin lokali kif ukoll f'ħin universali koordinat (UTC) jista' jgħin f'dan ir-rigward, filwaqt li jitqiesu l-aġġustamenti possibbli tal-ħin tas-sajf (DST). Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit.* in-nota 16), p. 17; Il-Qorti Federali tal-Awstralja (*op. cit.* fin-nota 15), p. 3.

183 E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), pp. 52–53.

184 Ara, perpereżempju, *London Borough of Islington* vs *M, R (rappreżentat mill-gwardjan tiegħu)* [2017] EWHC 364 (Fam), fejn il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja tal-Ingilterra u Wales (Sezzjoni tal-Familja) (ir-Renju Unit) enfasizzat l-importanza tal-ittestjar tat-tagħmir tal-vidjo qabel is-seduta. Ara, ukoll, il-Qorti Federali tal-Awstralja (*op. cit.* fin-nota 15), p. 7. Għal eżempju ta' "Pjan ta' Ttestjar", ara l-Proġett "Handshake", "Pjan ta' Ttestjar D2.2", pp. 8–9.

jingħataw żmien adegwat biex isiru l-aġġustamenti meħtieġa.[185] Kemm jekk isiru aġġustamenti matul it-testijiet kif ukoll jekk le, fl-aħħar mill-aħħar jibqa' f'idejn l-uffiċjal li jkun qed jippresiedi li jiddetermina jekk is-seduta tistax tipproċedi, jew jekk humiex meħtieġa modifiki jew appoġġ addizzjonali.[186]

163. Fil-prattika, il-biċċa l-kbira tal-Istati rispondenti fil-Profili tal-Pajjiżi indikaw li hemm proċeduri fis-seħħ għat-twettiq ta' testijiet tal-konnessjoni bil-vidjo,[187] speċjalment qabel seduta u normalment mill-persunal tekniku jew mill-fornitur tas-servizz. Barra minn hekk, mill-Istati rispondenti li rrapportaw li ma kellhomx proċedura formali fis-seħħ, ħafna minnhom irrapportaw li xorta waħda jsir ittestjar jew jingħata appoġġ tekniku qabel is-seduta, iżda dan normalment jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ[188].

185 E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), p. 55. Ara wkoll, il-Qorti Federali tal-Awstralja (*op. cit.* fin-nota 15), p. 7, li tirrakkomanda konnessjoni bi prova "fi żmien xieraq qabel is-seduta", u test addizzjonali ftit sigħat qabel is-seduta jekk ikun meħtieġ.

186 E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), p. 55.

187 It-tweġibiet tal-Awstralja (il-biċċa l-kbira tal-istati), tal-Belarussja, tal-Bożnija-Ħerzegovina, tal-Brażil, tal-Bulgarija, taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), ta' Ċipru, tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, tal-Finlandja, ta' Franza, tal-Ġermanja, tal-Ungerija, tal-Iżrael, tal-Korea (ir-Repubblika ta'), tal-Latvja, tal-Litwanja, ta' Malta, tal-Portugall, tar-Rumanija, ta' Singapore, tas-Slovenja, tal-Afrika t'Isfel, tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales), u tal-Venezwela għall-Parti III, q. (d) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

188 It-tweġibiet tal-Messiku, tan-Norveġja u tal-Polonja għall-Parti III, q. (d) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

## B3 Appoġġ u taħriġ tekniku

64 L-awtoritajiet huma mħeġġa, fejn applikabbli, biex jipprovdu d-dettalji ta' kuntatt meħtieġa biex jiżguraw li kull parteċipant f'seduta b'konnessjoni bil-vidjo jkollu aċċess għal appoġġ tekniku xieraq.

*Ara l-**Profil tal-Pajjiż** tal-Parti Kontraenti rilevanti jew uża d-dokument mehmuż fakultattiv għall-**Formola Mudell** għall-provi bil-konnessjoni bil-vidjo fl-**Anness IV**.*

65 Huwa rakkomandat li kwalunkwe membru tal-persunal li jista' jkun involut fil-kontroll jew fit-tħaddim tat-tagħmir tal-konnessjoni bil-vidjo jingħata mill-inqas livell bażiku ta' taħriġ.

164. Peress li l-appoġġ tekniku effettiv huwa kritiku għal operazzjonijiet ta' konnessjoni bil-vidjo, huwa importanti ferm li l-persunal ta' appoġġ tekniku jiġi involut kmieni kemm jista' jkun meta tiġi organizzata seduta li matulha trid tintuża konnessjoni bil-vidjo.

165. Għal proċedimenti skont il-Kapitolu I, ġeneralment l-awtorità rikjedenti għandha tiżgura li jingħata biżżejjed appoġġ tekniku fis-sit lokali, filwaqt li l-awtorità rikjesta għandha l-istess responsabbiltà fis-sit remot. Għal proċedimenti skont il-Kapitolu II, il-Konslu jew il-Kummissarju huwa ġeneralment responsabbli biex jagħmel tali arranġamenti fiż-żewġ siti. Dawn ir-responsabbiltajiet jistgħu jkunu maqsuma ftit differenti skont liema wieħed mill-erba' tipi ewlenin ta' konnessjoni qed jintuża, pereżempju jekk ikun qed jiġi pprovdut pont għall-vidjokonferenzi minn terzi.

*Għal aktar dwar dawn it-tipi ta' konnessjoni, inkluż l-użu ta' pont għall-vidjokonferenzi, ara **C2**.*

166. L-operaturi u l-persunal ta' appoġġ xierqa għandhom ikunu fuq il-post fiż-żewġ postijiet matul is-seduta (jew tal-anqas disponibbli permezz ta' terzi jekk ikun qed jintuża servizz ta' pont) sabiex iħaddmu t-tagħmir u jirreaġixxu għal kwalunkwe diffikultà teknika li tista' tinqala'. Taħriġ fis-sejbien ta' soluzzjonijiet u fil-proċedura ta' manutenzjoni tat-tagħmir applikabbli huwa rakkomandat ukoll għal persuni oħrajn, bħal persunal legali u interpreti, li jista' jkollhom bżonn li jħaddmu t-teknoloġija (anki inċidentalment).[189]

189 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit.* fin-nota 16).

*Għal aktar informazzjoni dwar kwistjonijiet oħra ta' natura teknika u ta' sigurtà, ara l-**Parti C**.*

167. Minħabba d-differenzi kbar fl-istruttura tas-sistemi ġudizzjarji u d-diffikultajiet li jirriżultaw fid-determinazzjoni tal-persuna ta' kuntatt it-tajba, jista' jkun ta' benefiċċju li jiġu ppubblikati (pereżempju fil-Profil tal-Pajjiż jew fuq is-siti web nazzjonali) punti ta' kuntatt tekniċi speċifiċi jew fi ħdan l-Awtorità Ċentrali (il-Kapitolu I), jew kuntatti tekniċi oħra li jistgħu jgħinu lill-konslu jew lill-kummissarju (il-Kapitolu II).[190] Dawn il-punti ta' kuntatt huma mħeġġa wkoll biex iżommu komunikazzjoni regolari ma' xulxin, anki jekk mhux fil-kuntest ta' kawża jew ta' seduta speċifika, sabiex jaqsmu l-aħjar prattiki. Maż-żmien dan se jgħin biex titjieb l-effiċjenza, jitnaqqsu l-ispejjeż u jiġi ffaċilitat aktar l-użu tat-teknoloġija skont il-Konvenzjoni.

190 Ara l-mistoqsijiet fil-Parti I b) u c) u l-Parti II d) u e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12). Ara wkoll, Proġett "Handshake", "D3 Recommendations on the practical application of technical standards for cross-border videoconferencing" , p. 23.

## B4 Prenotazzjoni ta' faċilitajiet xierqa

66 L-awtoritajiet għandhom jikkonfermaw kwalunkwe rekwiżit jew restrizzjoni b'rabta mal-faċilitajiet li għandhom jiġu pprenotati, bħat-tip ta' kamra tas-seduta (pereżempju, awla tal-qorti, kamra tal-konferenzi) jew il-post ta' dik il-kamra (pereżempju f'bini tal-qorti, f'missjoni diplomatika jew konsulari, f'lukanda).

*Ara **B1** u **A1.3**, u l-**Profil tal-Pajjiż** tal-Parti Kontraenti rilevanti.*

67 L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk il-faċilitajiet għandhomx jiġu pprenotati minn qabel u huma mħeġġa jagħmlu użu mill-għodod online biex jiffaċilitaw il-proċess ta' prenotazzjoni.

168. Il-faċilitajiet iridu jiġu pprenotati kemm għas-siti lokali kif ukoll għal dawk remoti. Kif innotat hawn fuq, għal proċedimenti skont il-Kapitolu I, l-awtorità rikjesta u l-awtorità rikjedenti huma lkoll responsabbli għat-tħejjija tal-postijiet rispettivi għall-konnessjoni bil-vidjo, filwaqt li għal proċedimenti skont il-Kapitolu II, il-Konslu jew il-Kummissarju huwa ġeneralment responsabbli biex jagħmel arranġamenti għall-preparazzjonijiet fiż-żewġ postijiet.

169. Bħalma s-siti jistgħu jvarjaw, pereżempju, awla, kamra tal-konferenzi, jew faċilità speċjalizzata għall-vidjokonferenzi, anki r-rekwiżiti prattiċi, pereżempju, tagħmir għall-użu ta' dokumenti u/jew ta' esibiti (ara **B4.1**), jew il-proċeduri li jiżguraw komunikazzjonijiet kunfidenzjali bejn xhud/espert u r-rappreżentant legali tiegħu jistgħu jvarjaw (ara **B4.2**). Jista' jkun hemm ukoll restrizzjonijiet legali u/jew limitazzjonijiet prattiċi fuq it-tip ta' post jew sit li jista' jintuża għall-finijiet ta' kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo (ara wkoll **A1.3**). Pereżempju, minn perspettiva prattika, ħafna Stati rispondenti indikaw fil-Profili tal-Pajjiżi li l-post għal kumpilazzjoni tal-provi jista' jkun kwalunkwe awla tas-seduti, sakemm tkun tinsab f'bini tal-qorti[191]. Żewġ Stati rispondenti indikaw li hemm kamra apposta fil-bini tal-qorti rilevanti li għandha tintuża[192]. Stat rispondenti ieħor irrapporta li l-kamra għas-seduta trid tkun f'qorti għal xhieda ġenerali, għalkemm fil-każ ta' testimonjanza minn xhud espert, jista' jintuża wkoll sit ieħor (barra minn qorti)[193]. Stat rispondenti ieħor indika li l-post jista' jkun jew f'qorti jew fil-faċilità ta'

191 Ara, pereżempju, it-tweġibiet tal-Awstralja (il-biċċa l-kbira tal-istati), tal-Belarussja, tal-Bulgarija, ta' Ċipru, tal-Finlandja, ta' Franza, tal-Greċja, ta' Singapore (jekk Uffiċjal Ġudizzjarju ta' Singapore jkun qed jassisti fil-kumpilazzjoni tal-provi, irid ikun f'awla tal-Qorti Suprema), u tal-Afrika t'Isfel għall-Parti III, q. (e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

192 Ara, pereżempju, it-tweġibiet taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong) u Malta għall-Parti III, q. (e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

193 It-tweġiba tal-Korea (ir-Repubblika ta') għall-Parti III, q. (e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

awtorità oħra, sakemm din tkun kamra separata[194].

170. Stati rispondenti oħrajn indikaw b'mod aktar ġenerali li r-rekwiżiti jirriżultaw jew mid-dritt intern, jew mill-ftehimiet internazzjonali applikabbli,[195] filwaqt li ieħor irrapporta li l-uffiċjal li jippresiedi jista' jimponi rekwiżiti addizzjonali fejn meħtieġ[196]. Bħala tali, dawk li jagħmlu t-talba għandhom iqisu bir-reqqa t-tagħmir u l-faċilitajiet li huma disponibbli, biex jiżguraw li jiġu ssodisfati ħtiġijiet speċifiċi. [197]

171. F'dan ir-rigward, filwaqt li mhux kull tip ta' seduta tkun tista' ssir bl-użu tal-istess struttura ta' awla tal-qorti, madankollu hemm xi aspetti ġenerali li għandhom jiġu kkunsidrati biex ikun żgurat li jiġu pprenotati l-faċilitajiet xierqa. Pereżempju, l-użu ta' post fejn l-intrużjonijiet jew it-tfixkil ikunu minimi, kif ukoll il-ħtieġa ta' żona sigura fejn ix-xhud/l-espert ikun jista' jistenna (jekk meħtieġ b'entrata li hija separata mill-bieb ta' dħul tal-pubbliku jew dak prinċipali).[198]

172. Il-Komunikazzjoni bejn il-persunal rilevanti (speċjalment il-persunal tekniku) hija għalhekk vitali biex jiġi żgurat li faċilitajiet adegwati jkunu disponibbli u, jekk meħtieġ, prenotati. Xi awtoritajiet jista' jkollhom ukoll sistema ta' prenotazzjoni speċifika għall-faċilitajiet, għalhekk huwa rrakkomandat li wieħed jiċċekkja l-informazzjoni pprovduta fil-Profil tal-Pajjiż tal-Parti Kontraenti rilevanti.

## B4.1 L-użu ta' dokumenti u esibiti

68 Jekk iridu jintużaw dokumenti jew esibiti, għandu jintlaħaq ftehim u jsiru arranġamenti dwar mezz xieraq għall-kondiviżjoni u l-preżentazzjoni formali tagħhom qabel jew waqt is-seduta.

*Ara **C2.6** u l-**Profil tal-Pajjiż** tal-Parti Kontraenti rilevanti.*

173. Il-preżentazzjoni ta' dokumenti jew esibiti hija rregolata mid-dritt tal-Istat Rikjest (Kapitolu I) jew mid-dritt tal-Istat ta' Oriġini (Kapitolu II). Skont id-dritt applikabbli, il-partijiet għandhom, qabel is-seduta, jippruvaw jaqblu dwar liema dokumenti jew esibiti se jkunu meħtieġa, u jistabbilixxu skadenza għall-identifikazzjoni tal-esibiti (pereżempju, diversi ġranet qabel is-seduta) sabiex iħejju pakkett ta' dokumenti rilevanti u jagħmluh disponibbli fiż-żewġ siti qabel is-seduta[199]. Alternattivament, id-dokumenti jistgħu jkunu magħmula disponibbli permezz ta' repożitorji ta'

194 It-tweġiba tal-Ungerija għall-Parti III, q. (e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

195 It-tweġibiet tal-Iżvezja u tal-Venezwela għall-Parti III, q. (e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

196 It-tweġiba tas-Slovenja għall-Parti III, q. (e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

197 Il-Qorti Federali tal-Awstralja (*op. cit.* fin-nota 15), p. 2.

198 E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), pp. 56, 62-63.

199 Ara, pereżempju, *Il-Kummissarju Federali tat-Tassazzjoni* vs *Grbich* (1993) 25 ATR 516, fejn il-Qorti Federali tal-Awstralja ddikjarat li l-għoti ta' pakkett ta' dokumenti lix-xhud qabel l-eżami jelimina "ostakli proċedurali biex issir interrogazzjoni soda fil-qorti".

dokumenti elettroniċi kondiviżi.[200] Sa fejn ikun possibbli, kwalunkwe dokument u/jew esibit li tkun se ssir referenza għalih matul il-proċedimenti għandu jingħata wkoll lill-interpreti qabel is-seduta.[201]

174. Fejn permess skont id-dritt applikabbli, jista' jkun hemm bżonn ukoll li jsiru arranġamenti biex tiġi akkomodata l-introduzzjoni ta' dokumenti addizzjonali jew ta' esibiti waqt is-seduta. Fejn xieraq, il-preżentazzjoni ta' tali dokumenti jew esibiti għandha ssir minn uffiċjal tal-qorti jew minn xi persuna imparzjali oħra.[202] Dan jista' jsir permezz ta' kamera tad-dokumenti,[203] ta' funzjoni ta' kondiviżjoni ta' skrin diġitali jew b'mezzi oħra, bħal permezz ta' faks, li jistgħu jkunu meħtieġa biex isiru diskussjonijiet privati bejn ix-xhud u l-avukat tiegħu b'rabta mad-dokument jew l-esibit.[204] Fil-Profili tal-Pajjiżi, żewġ Stati rispondenti rrapportaw li l-kameras tad-dokumenti jistgħu jkunu permessi jew tabilħaqq meħtieġa mill-uffiċjal li jkun qed jippresiedi, sa fejn ikun meħtieġ[205].

## B4.2 Komunikazzjonijiet privati

69 Linji addizzjonali (kunfidenzjali) ta' komunikazzjoni jistgħu jkunu rakkomandati jew meħtieġa, pereżempju jekk parti/xhud u r-rappreżentant legali tiegħu jkunu qed jipparteċipaw minn postijiet differenti.

175. Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet li fihom ikunu meħtieġa konsultazzjonijiet kunfidenzjali, pereżempju bejn ix-xhud u r-rappreżentant(i) legali tiegħu, jew bejn ir-rappreżentant(i) legali u l-eżaminatur jew il-persunal ġudizzjarju.[206] Għalkemm ikun preferibbli li l-avukat ikun preżenti ħdejn il-klijent tiegħu,[207] fejn dawn l-atturi ma jkunux preżenti fl-istess post, għandhom ikunu disponibbli mezzi (pereżempju, linji telefoniċi siguri, telefowns ċellulari, jew tagħmir tal-vidjokonferenzi separat) biex dawn ikunu jistgħu jitkellmu privatament mingħajr ma jismagħhom ħaddieħor. Mikrofoni u f'xi każijiet kameras li huma mqabbda mal-konnessjoni bil-vidjo prinċipali jistgħu wkoll ikollhom jintfew matul tali konsultazzjoni.

176. Din il-linja supplimentari ta' komunikazzjoni tista' tkun teħtieġ ukoll li tintuża jekk ikun hemm

200 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit.* fin-nota 16), p. 21.

201 Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 15), p. 40.

202 Proġett "Handshake" (*loc. cit.* fin-nota 111).

203 Ara, pereżempju, il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Renju Unit, *Practice Direction 32 – Evidence*,, Anness 3 "Video Conferencing Guidance", p. 18: f'każ li trid tintuża kamera tad-dokumenti, il-partijiet iridu jinfurmaw lill-operatur tal-pannell bin-numru u d-daqs tad-dokumenti jew tal-oġġetti (disponibbli f'dan l-indirizz: < https://www.justice.gov.uk/courts/procedure-rules/civil/rules/part32/pd_part32 > [ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020]).

204 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*loc. cit*. in-nota 16); Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 190), p. 20.

205 Ara, pereżempju, it-tweġiba tal-Ungerija u tas-Slovenja għall-Parti III, q. (e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit*. fin-nota 12).

206 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit.* fin-nota 16), p. 15.

207 Proġett "Handshake" (*loc. cit.* fin-nota 111). Għandu jiġi nnotat ukoll li xi sistemi legali ma jeħtiġux li xhud jiġi assistit minn avukat waqt il-kumpilazzjoni tal-provi, ara, *supra*, fin-nota 117.

kwistjonijiet dwar il-kwalità tal-konnessjoni jew problemi tekniċi oħra, jew fil-każ ta' xi raġuni oħra biex tiġi interrotta s-seduta (pereżempju, xi ħadd iħossu ma jiflaħx).[208] Bl-istess mod, tista' tintuża biex tippermetti komunikazzjoni kunfidenzjali mal-parteċipant remot kemm qabel kif ukoll wara l-eżami proprju (pereżempju, biex wieħed jinforma lill-parteċipant u jiddiskuti miegħu l-protokolli jew biex jingħataw struzzjonijiet finali).[209]

## B4.3 Każijiet speċjali

70 F'ċirkostanzi speċjali, jistgħu jkunu meħtieġa parteċipanti addizzjonali jew miżuri addizzjonali ta' sigurtà/protezzjoni, b'mod partikolari fil-każ ta' xhieda vulnerabbli.

177. Hemm ċerti każijiet fejn kunsiderazzjonijiet addizzjonali huma ġġustifikati minħabba n-natura tal-eżami jew tar-relazzjoni tal-persuna li għandha tiġi eżaminata ma' parteċipanti oħra. Filwaqt li dan jista' jkun aktar komuni fi proċedimenti kriminali,[210] xorta waħda jista' jkun rilevanti għall-proċedimenti f'materji ċivili u kummerċjali. Eżempji jinkludu każijiet fejn ikollhom jixhdu persuni vulnerabbli, bħal minuri, anzjani, jew persuni b'kundizzjoni mentali jew fiżika jew b'diżabilità. F'dawn il-każijiet, it-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo tista' tkun ta' benefiċċju sinifikanti, peress li x-xhud jista' jixhed mingħajr it-tensjoni, l-inkonvenjent, l-iskumdità jew l-intimidazzjoni li jistgħu jirriżultaw mill-preżenza fiżika fl-awla tal-qorti[211].

178. Jista' jkun jeħtieġ ukoll li jiġu kkunsidrati aspetti addizzjonali u jekk ikun hemm bżonn, li jsiru aġġustamenti sabiex tiġi ffaċilitata l-kumpilazzjoni tal-provi f'ċirkostanzi delikati bħal dawn. Il-proċess innifsu jista' wkoll ikun jeħtieġ li jiġi modifikat skont id-dritt applikabbli, pereżempju billi jkollok xhud jixhed quddiem l-uffiċjal li jippresiedi fl-assenza tal-partijiet, jew billi jkollok psikologu jew espert simili disponibbli biex jassisti fil-monitoraġġ tax-xhud[212].

208 E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), p. 63.

209 *Ibid.*, p. 56.

210 Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 15), p. 21.

211 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit*. fin-nota 16). Għandu jiġi nnotat ukoll li il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja (l-Ingilterra u Wales) fir-Renju Unit sostniet li ma kkunsidratx li l-iżvantaġġi potenzjali tal-konnessjoni bil-vidjo (pereżempju, il-limiti tal-evalwazzjoni tal-kredibilità) jiġu aktar aggravati purament minħabba l-użu tat-teknoloġija fir-rigward ta' xhieda vulnerabbli jew ta' dawk li jeħtieġu interpretazzjoni: *Kimathi & Ors* VS *L-Uffiċċju għall-Affarijiet Barranin u l-Commonwealth* [2015] EWHC 3684 (QB).

212 Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 15), p. 35.

## B5 L-użu tal-interpretazzjoni

71 Minħabba n-natura diffiċli tal-ambjent tal-konnessjoni bil-vidjo, huwa rrakkomandat li jiġu ingaġġati biss interpreti bi kwalifiki u esperjenza xierqa, fejn possibbli.

72 Il-parteċipanti għandhom jiddeċiedu, filwaqt li jżommu f'moħħhom ir-rekwiżiti tad-dritt intern u kwalunkwe struzzjoni mill-qorti, jekk għandhiex tintuża interpretazzjoni konsekuttiva jew simultanja (l-ewwel waħda ġeneralment tiġi rrakkomandata fil-kuntest tal-konnessjoni bil-vidjo) u fejn se jkun l-interpretu (preferibbilment fl-istess post bħax-xhud).

179. Jekk tkun meħtieġa interpretazzjoni għal xhud jew espert, dawk li jorganizzaw il-konnessjoni bil-vidjo għandhom jikkunsidraw il-kwalifiki, it-taħriġ u l-esperjenza tal-interpretu fil-kuntest speċifiku tal-użu tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo u fl-iżvolġiment tas-seduta.[213] Ħafna Partijiet Kontraenti għandhom sistema ta' reġistrazzjoni għal interpreti u tradutturi kwalifikati jew ġuramentati[214].

180. Fil-kuntest tal-kumpilazzjoni tal-provi, normalment tintuża interpretazzjoni konsekuttiva, u din hija ppreferuta meta l-interpretu u x-xhud jew l-espert ikunu f'żewġ postijiet differenti, prinċipalment minħabba li l-kjarifiki u l-interventi, b'mod partikolari mill-uffiċjal li jkun qed jippresiedi, huma aktar faċli.[215] L-interpretazzjoni simultanja, li hija aktar diffiċli, teħtieġ kabina u tagħmir speċjali, u tista' tinvolvi wkoll żewġ interpreti li jalternaw bejniethom.[216]

181. Għandu jiġi kkunsidrat minn qabel ukoll fejn se jkunu l-interpreti li se jintużaw għas-seduta, jiġifieri, jekk humiex se jkunu fil-post remot fejn huwa preżenti x-xhud, jew fis-sit ewlieni.[217] Skont il-Kapitolu I, l-interpretu li jkun qed jassisti lix-xhud ġeneralment ikun jinsab fl-Istat Rikjest, minħabba li l-Ittra ta' Talba tiġi eżegwita skont il-metodi u l-proċeduri ta' dan l-Istat (sakemm ma jintalabx metodu speċifiku jew proċedura speċifika). Meta l-provi jiġu kkumpilati permezz ta' konnessjoni bil-vidjo minn Kummissarju, l-interpretu jista' jkun fl-Istat ta' Oriġini jew fl-Istat ta' Eżekuzzjoni. Għandu jiġi nnotat ukoll li f'xi każijiet, sabiex jiġu żgurati servizzi ta' interpretazzjoni ta' kwalità għolja, jista' jiġi maħtur interpretu li la jinsab fl-Istat ta' Oriġini u lanqas fl-Istat ta' Eżekuzzjoni, iżda fi Stat terz.

---

213 Il-Qorti Federali tal-Awstralja (*op. cit.* fin-nota 15), p. 3. Ara wkoll, *Stuke* vs *ROST Capital Group Pty Ltd* (*op cit.* in-nota 55), fejn il-Qorti Federali tal-Awstralja qagħdet lura milli tippermetti l-użu ta' konnessjoni bil-vidjo biex tikseb provi minn xhud li kien jeħtieġ interpretazzjoni meta l-provi kienu relatati ma' kwistjoni fattwali kontenzjuża jew kritika.

214 Għal aktar informazzjoni, ara l-**Profil tal-Pajjiż** tal-Parti Kontraenti rilevanti.

215 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit.* fin-nota 16), p. 11.

216 *Ibid.*

217 Il-Qorti Federali tal-Awstralja (*op. cit.* fin-nota 15), p. 3.

182. Meta l-interpretu jkun fil-post remot (jiġifieri, fl-istess post mal-persuna li tkun qed tixhed), l-arranġamenti tekniċi hemmhekk, inklużi l-akustika u l-kwalità tal-ħoss, għandhom jiġu ċċekkjati sabiex ikun żgurat li l-interpretazzjoni tkun tista' tinftiehem. Jekk l-interpretu jkun fis-sit ewlieni u għalhekk mhux max-xhud, huwa saħansitra aktar kruċjali li t-trażmissjoni tkun ta' kwalità għolja. Għalkemm il-kwalità tal-awdjo għandha ovvjament tkun tal-ogħla standard possibbli, hija l-kwalità tal-vidjo li hija importanti ħafna, minħabba l-kapaċità tal-interpreti li jużaw il-movimenti tax-xofftejn, espressjonijiet u komunikazzjoni mhux verbali oħra sabiex jevitaw l-ambigwità u jipprovdu interpretazzjoni aktar preċiża[218]**.** Kemm jekk ikun jinsab fl-awla tal-qorti prinċipali, bix-xhud fis-sit remot, kif ukoll jekk ikun f'xi post terz, l-interpretu għandu dejjem ikun qed jara lill-parteċipanti remoti kollha li jkunu se jitkellmu minn quddiem.[219]

218 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit.* fin-nota 16), p. 12.

219 Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 15), p. 37.

## B6 Reġistrazzjoni, rapportar u reviżjoni

73 Il-parteċipanti għandhom jikkonfermaw kif se jiġu rreġistrati l-proċedimenti, filwaqt li jingħad li fejn ikun possibbli u permess, reġistrazzjoni bil-vidjo tista' tkun preferibbli minn reġistrazzjoni bil-miktub. L-awtoritajiet għandhom jiżguraw li l-immaniġġjar u l-ħżin sussegwenti ta' kwalunkwe reġistrazzjoni jew rapport prodott ikunu siguri.

*Ara l-**Profil tal-Pajjiż** tal-Parti Kontraenti rilevanti.*

74 Għandhom isiru l-arranġamenti meħtieġa għat-tagħmir ta' reġistrazzjoni u/jew għal stenografu jew reporter tal-qorti biex jattendu s-seduta.

75 L-awtoritajiet għandhom jiżguraw li t-trażmissjoni diretta permezz ta' konnessjoni bil-vidjo tkun sigura u jekk possibbli, kriptata.

*Għal aktar tagħrif dwar il-kriptaġġ, ara **C2.4**.*

76 Fejn applikabbli, il-parteċipanti huma mħeġġa jirrapportaw kwalunkwe kwistjoni jew problema ta' natura prattika lill-awtoritajiet ikkonċernati. L-awtoritajiet huma mħeġġa wkoll li jkunu proattivi u jitolbu dan il-feedback biex itejbu aktar il-forniment tas-servizzi ta' konnessjoni bil-vidjo.

183. Meta jintużaw teknoloġiji tal-konnessjoni bil-vidjo fil-kumpilazzjoni tal-provi, ċerti awtoritajiet u parteċipanti jippreferu jirreġistraw il-proċedimenti bil-vidjo, minflok ma jiddependu fuq tekniki ta' traskrizzjoni tradizzjonali.[220] Bħala tali, m'għandhiex tkun sorpriża li tista' tkun meħtieġa l-kapaċità ta' reġistrazzjoni,[221] u dan għandu jitqies meta tiġi organizzata l-konnessjoni bil-vidjo. Minkejja dan, xi Stati rispondenti għadhom jiddependu fuq it-traskrizzjonijiet u jqisu r-reġistrazzjoni tat-testimonjanza permezz tal-awdjo jew tal-vidjo bħala metodu jew proċedura speċjali (għal talbiet tal-Kapitolu I), li jkunu jridu jiġu approvati minn uffiċjal tal-qorti tal-Istat

---

220 It-tweġibiet taċ-Ċina (SAR tal-Macao) (b'xi eċċezzjonijiet, pereżempju id-depożizzjoni bil-miktub għandha tkun fil-qosor jekk ikun hemm konfessjoni ta' min jagħmel id-depożizzjoni), tar-Repubblika Ċeka, tal-Litwanja u tan-Norveġja għall-Parti VII, q. (f) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12). Ara wkoll, R. A. Williams (*op. cit.* fin-nota 1), p. 22.

221 E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), p. 118.

Rikjest fuq bażi ta' każ b'każ[222].

184. Għal proċedimenti skont il-Kapitolu I, l-awtorità rikjesta se ssegwi l-liġi tagħha stess sabiex tiddetermina kif għandha tirreġistra s-seduta. L-awtorità ġudizzjarja tista' titlob ukoll li s-seduta tiġi rreġistrata skont metodu jew proċedura speċifika skont l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni. Fejn tali talba tintlaqa', l-awtorità rikjedenti hija responsabbli li tipprovdi t-tagħmir ta' reġistrazzjoni, jekk meħtieġ.

185. Għal proċedimenti skont il-Kapitolu II, ir-reġistrazzjoni ġeneralment tista' tintuża b'mod konsistenti mal-proċeduri fl-Istat ta' Oriġini sakemm ir-reġistrazzjoni ma tkunx ipprojbita mil-liġi tal-Istat ta' Eżekuzzjoni, jew inkella tkun soġġetta għal kundizzjonijiet speċifikati mill-Istat ta' Eżekuzzjoni. F'xi Stati rispondenti, il-partijiet huma liberi li jagħmlu reġistrazzjoni tat-testimonjanza permezz ta' awdjo jew vidjo skont dan il-Kapitolu sakemm dawn jipprovdu l-mezzi[223]. Jekk jintuża reporter tal-qorti fis-sit ewlieni biex jiġu traskritti l-proċedimenti, ir-reporter għandu jkun f'pożizzjoni li jara u jisma' b'mod ċar il-konnessjoni bil-vidjo.

186. Fl-eżekuzzjoni ta' talbiet skont iż-żewġ Kapitoli I u II, huwa importanti li jiġu kkunsidrati r-regoli u l-proċeduri rilevanti li għandhom x'jaqsmu mar-reġistrazzjoni jew ir-rapport li jiġi prodott. Is-sigurtà tat-trażmissjoni diretta hija importanti ħafna (ara l-**Parti D**, hawn taħt), iżda l-immaniġġjar u l-ħażna sikuri sussegwenti ta' kwalunkwe reġistrazzjoni jew rapport prodott huma importanti ħafna wkoll[224]. Barra minn hekk, l-awtoritajiet għandhom jikkunsidraw kif jinkorporaw jew jehmżu kwalunkwe dokumentazzjoni jew esibit ieħor mar-reġistrazzjoni jew mar-rapport finali.[225] Ħafna drabi dawn ir-reġistrazzjonijiet jew rapporti jkunu soġġetti għall-istess regoli u proċeduri tar-reġistrazzjonijiet jew tar-rapporti ta' seduti li ma jużawx il-konnessjoni bil-vidjo.[226] F'każijiet oħra, jista' jkun hemm rekwiżiti speċifiċi għar-reġistrazzjoni jew għar-rapportar ta' eżami bil-konnessjoni bil-vidjo inkluż l-immaniġġjar jew il-ħżin tagħhom[227].

187. Il-ġarr tat-tagħmir tekniku bejn il-fruntieri jista' jwassal għal spejjeż u jista' jwassal għal problemi doganali fl-Istat ta' Eżekuzzjoni jekk ma jkunux inkisbu l-permessi kollha meħtieġa[228]. Ikkonsulta lill-Istat rilevanti dwar jekk tagħmir bħal dan jistax jidħol fit-territorju tiegħu. Għaldaqstant, jista' jkun rakkomandabbli li t-tagħmir tekniku jinkera fl-Istat ta' Eżekuzzjoni.

---

222 It-tweġibiet ta' Franza, tal-Ġermanja, ta' Malta u tal-Korea (ir-Repubblika ta') għall-Parti VII, q. (f) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit*. fin-nota 12).

223 It-tweġibiet tal-Istati Uniti u tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) għall-Parti VII, q. (g) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid*.).

224 Qorti fl-Indja ħejjiet linji gwida biex tiżgura li jinżammu arranġamenti xierqa ta' sigurtà fl-immaniġġjar u l-ħażna tar-reġistrazzjoni. Ara, pereżempju, il-Qorti Għolja ta' Delhi, *Delhi High Court Rules*, 2018, l-Anness B "Guidelines for the Conduct of Court Proceedings between Courts and Remote Sites", 6.9: "Kopja ewlenija kriptata b'valur hash għandha tinżamm fil-Qorti bħala parti mir-rekord. Kopja oħra għandha tinħażen ukoll f'kull post ieħor sikur għal [back-up] f'każ ta' emerġenza. Traskrizzjoni tat-testimonjanza rreġistrata mill-Qorti għandha tingħata lill-partijiet skont ir-regoli applikabbli. Parti tista' titħalla tara l-kopja oriġinali tar-reġistrazzjoni [awdjoviżiva] miżmuma fil-Qorti fuq rikors li għandu jiġi deċiż mill-Qorti b'mod konsistenti mal-issoktar tal-interessi tal-ġustizzja."

225 Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 87), p. 19.

226 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit*. fin-nota 16).

227 Ċerti Stati għandhom stabbiliti proċeduri għall-immaniġġar u l-ħażna tar-reġistrazzjoni tat-testimonjanza. Ara t-tweġibiet tal-Kroazja, tal-Litwanja, tas-Slovenja, tal-Iżvezja u tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) għall-Parti VII, q. (f) u (g) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12). Fi Stat wieħed, l-awdjo tat-testimonjanza jiġi rreġistrat awtomatikament mill-qorti skont il-kodiċi tal-proċedura ċivili tagħha (ara t-tweġiba tal-Portugall għall-Parti VII, q. (g) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid*.)).

228 D. Epstein *et al.* (*op. cit.* fin-nota 141), il-paragrafu 10.25.

188. Inġenerali, l-Ambaxxati u l-Konsulati ma jkunux f'pożizzjoni li jipprovdu s-servizzi ta' stenografi/interpreti jew joffru tagħmir ta' reġistrazzjoni bil-vidjo/bl-awdjo. Bħala tali, il-parti rikjedenti għandha tagħmel l-arranġamenti kollha meħtieġa minn qabel[229].

*Għal aktar tagħrif dwar l-Ispejjeż speċifikament, ara **A2.11** (Kapitolu I) u **A3.10** (Kapitolu II).*

189. Barra minn hekk, il-mekkaniżmi u l-proċeduri stabbiliti fir-rigward tar-reġistrazzjoni u r-rapportar m'għandhomx ikunu ristretti biss għall-kontenut sostantiv tal-provi kkumpilati. Għandhom jiġu rrapportati wkoll kwistjonijiet prattiċi, b'mod partikolari problemi jew diffikultajiet, flimkien ma' *data* ġenerali dwar l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo minn dik l-awtorità partikolari jew f'dik il-ġurisdizzjoni partikolari. B'dan il-mod, jistgħu jsiru aġġustamenti regolari għall-aspetti operazzjonali, abbażi ta' esperjenzi reali u rakkomandazzjonijiet[230].

190. Għalhekk huwa ta' benefiċċju konsiderevoli għall-awtoritajiet li jżommu rekords preċiżi tal-użu u li jipprovdu mekkaniżmu adegwat u aċċessibbli għall-ġbir ta' feedback mingħand il-parteċipanti f'seduta b'konnessjoni bil-vidjo, sabiex jiġu riveduti diversi aspetti tal-proċess, inkluża t-teknoloġija nnifisha, l-ispazji użati, il-protokolli ta' qabel u dawk ta' wara, kif ukoll l-esperjenza perċepita b'mod ġenerali, li fl-aħħar mill-aħħar jgħinu għal allokazzjoni aħjar ta' riżorsi u għal eżekuzzjoni aktar effiċjenti tal-proċedimenti li jinvolvu konnessjoni bil-vidjo[231].

---

229 B. Ristau (*op. cit.* fin-nota 133), p. 328. Jista' jkun utli wkoll li jsir backup tar-reġistrazzjoni, li hija salvagwardja effettiva kontra kwalunkwe deterjorament fil-kwalità tal-awdjo jew tal-vidjo matul it-trażmissjoni. Ara, pereżempju, il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Renju Unit, *Practice Direction 32 – Evidence* (*op. cit.* fin-nota 203), p. 15.

230 M. E. Gruen u C. R. Williams (*op. cit.* fin-nota 14), p. 25.

231 E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), p. 77.

## B7 L-ambjent, il-pożizzjonament u l-protokolli

77 Il-kundizzjonijiet fil-kmamar jew l-ispazji kollha li jridu jiġu konnessi matul is-seduta għandhom jiġu ottimizzati għall-użu tal-konnessjoni bil-vidjo, inkluż id-daqs tal-kamra, it-tqassim, l-aċċess, l-akustika u d-dawl.

78 It-tagħmir għandu jiġi ppreparat b'tali mod li jissimula seduta "fiżika", billi jiġi żgurat numru xieraq ta' kameras u mikrofoni b'mod li kull parteċipant ikun jista' jidher u jinstema' bl-inqas diffikultà jew tfixkil.

191. Il-kmamar jew l-ispazji użati jista' jkollhom influwenza sinifikanti fuq il-mod li bih issir is-seduta u fl-aħħar mill-aħħar l-effettività tal-proċedimenti. Għal xhud, l-esperjenza li jixhed permezz ta' konnessjoni bil-vidjo minn post remot tista' tkun differenti ħafna milli kieku jixhed f'awla u għalhekk, jista' jkun diffiċli li tiġi rreplikata l-atmosfera meħtieġa[232]. Madankollu, waqt li jkunu qegħdin jiġu kkumpilati l-provi, l-ispazju fil-post remot għandu jiġi kkunsidrat ukoll, għal kull fini u għal kull użu, bħala estensjoni tal-istess awla tal-qorti.[233]

192. Il-proġett "Gateways to Justice"[234] fl-Awstralja, li beda minn dan il-kunċett ta' estensjoni tal-qorti, għamel għadd ta' rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-ambjent, il-pożizzjonament u l-protokolli b'rabta mal-konnessjoni bil-vidjo. Il-proġett irrakkomanda li sabiex jiġi ppreservat l-ambjent formali meħtieġ, l-uffiċjal li jkun qed jippresiedi għandu jiżgura li l-persuna jew il-persuni fil-post remot ikunu informati dwar l-aspettattivi ta' imġiba xierqa.[235]

193. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet tal-atmosfera u tal-imġiba, il-kmamar fiżiċi spiss huma importanti daqs it-teknoloġija li tkun qed tintuża. It-tqassim tal-kamra fil-post remot għandu għalhekk jiġi organizzat b'mod li jżid is-sensazzjoni tax-xhud li qed jipparteċipa f'ambjent tradizzjonali ta' awla tal-qorti[236]. Bħala tali, il-proġett "Gateways to Justice" irrakkomanda wkoll li, bil-ħsieb li jinkisbu l-aħjar kundizzjonijiet u fejn ir-riżorsi u l-kapaċitajiet jippermettu, il-qrati u forrnituri oħra tal-faċilitajiet għandhom jadottaw approċċ li jintegra l-aspetti tekniċi kemm mal-arkitettura kif ukoll mal-ambjent fiżiku, u b'mod partikolari li:

- il-kamra tas-seduta fiż-żewġ siti tkun kbira biżżejjed biex takkomoda lill-parteċipanti kollha u, fejn applikabbli, lill-membri tal-pubbliku preżenti;
- jitqiesu fatturi oħrajn ta' disinn, bħal dawl u dekor xieraq, akustika tajba, temperatura kkontrollata, u l-pożizzjonament kemm tal-parteċipanti kif ukoll tat-tagħmir; u

232 Pereżempju, f'*Campaign Master (UK) Ltd* vs *Forty Two International Pty Ltd (No. 3)* (2009) 181 FCR 152, il-Qorti Federali tal-Awstralja esprimiet tħassib li l-użu tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo itellef minn xi effetti importanti assoċjati ma' meta wieħed jixhed f'awla, filwaqt li enfasizzat li xhud jista' jkun inqas konxju mis-"solennità tal-okkażjoni u mill-obbligi tiegħu".

233 Ara, pereżempju, *l-Att tal-2010 dwar il-Proċedimenti TransTażmani* (Cth), it-Taqsima 59, kif diskuss aktar 'il fuq fin-nota 141.

234 Ara, *supra*, id-diskussjoni fin-nota 45.

235 E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), pp. 63–64.

236 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit.* fin-nota 16), p. 18.

- r-rikonfigurazzjoni, l-adattament jew għall-inqas "irfinar" tal-ispazju jittieħed inkunsiderazzjoni irrispettivament minn jekk il-kmamar ikunux ġew iddisinjati bil-ħsieb tal-użu ta' konnessjoni bil-vidjo.[237]

194. L-esperjenza turi li r-rekwiżiti tad-dawl tal-ispazji li jridu jintużaw għall-konnessjoni bil-vidjo huma wħud mill-aktar onerużi minn perspettiva ta' disinn. Dan huwa prinċipalment minħabba li l-ispazji f'kull post involut fil-konnessjoni bil-vidjo jeħtieġ li jkollhom kombinazzjoni kemm ta' dawl aktar qawwi f'żoni speċifiċi, biex il-fattizzi tal-wiċċ u l-espressjonijiet tal-parteċipanti jkunu jistgħu jidhru kollha, kif ukoll dawl ftit iktar baxx għall-bqija tal-ambjent, biex ma jfixkilx il-viżjoni tal-iskrins li jkunu qed juru l-postijiet konnessi l-oħrajn.[238] L-organizzaturi għalhekk jeħtieġ li jikkunsidraw l-użu tad-dawl dirett fuq l-uċuħ tal-parteċipanti kollha fil-postijiet kollha, minbarra li jiżguraw li d-dawl regolari f'kull kamra jkun ħieles minn riflessjonijiet, dellijiet u dija.[239]

195. Minn perspettiva akustika, dawk responsabbli għall-faċilità tal-konnessjoni bil-vidjo għandhom jiżguraw li l-ispazju jkun iddisinjat kemm biex jimminimizza l-intrużjoni ta' storbju u distrazzjonijiet, iżda wkoll biex iżomm il-ħoss f'dak l-ispazju, għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità u ta' privatezza.[240] Barra minn hekk, sabiex tiġi massimizzata l-intelliġibbiltà ta' dik li qed jingħad waqt is-seduta, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fatturi bħall-ħin tar-riverberazzjoni, l-assorbiment tal-ħoss u d-diffużjoni tal-ħsejjes.[241]

196. Il-parteċipanti għandhom ikunu fil-kamra b'mod li jkunu qegħdin iħarsu fil-kamera meta jitkellmu, li huwa imperattiv għall-promozzjoni ta' komunikazzjoni tajba. Dan jgħin biex jiġi ddeterminat in-numru ta' kameras meħtieġa u l-pożizzjonament tagħhom.[242] Meta ma tintużax awla tal-qorti, l-individwu li jkun qed imexxi s-seduta jista' jkollu bżonn jiddetermina fejn se jpoġġu l-parteċipanti. Jekk ikun hemm interpretu preżenti, dan għandu jitpoġġa f'post fejn jara sew il-movimenti tal-wiċċ u tax-xofftejn ta' dawk li jitkellmu.

197. Kif imsemmi f'**A1** u diskuss hawn taħt f'**C1** (*L-adegwatezza tat-Tagħmir*), l-objettiv ewlieni ta' seduta b'konnessjoni bil-vidjo huwa li l-ambjent ikun jixbah kemm jista' jkun dak ta' seduta fiżika, li huwa importanti b'mod speċjali meta wieħed jippjana l-pożizzjonament tat-tagħmir. Fil-Profili tal-Pajjiżi, Stat rispondenti għamel referenza speċifika għall-fatt li l-parteċipanti għandhom ikunu jistgħu "[...] jaraw, jisimgħu u jifhmu b'mod ċar x'inhu jiġri [kemm] fl-awla u fil-kamra fejn ikun min qed jiġi intervistat" , u enfasizza wkoll il-ħtieġa li l-parteċipanti kollha jkollhom kemm veduta tal-kamra inġenerali iżda wkoll ta' aspetti aktar dettaljati tal-komunikazzjoni reċiproka tagħhom, inklużi l-"[komunikazzjoni] verbali, il-lingwaġġ tal-ġisem, l-espressjonijiet korrispondenti tal-wiċċ, [u] l-ġesti."[243] B'hekk, il-kameras għandhom ikunu ppożizzjonati b'mod li jippermettu lil dawk li jkunu qegħdin jitkellmu jħarsu fil-kamera u jżommu kuntatt dirett bl-għajnejn,[244] li huwa importanti biex tiġi vvalutata l-imġiba u l-kredibbiltà tal-kelliem[245].

198. Huwa daqstant importanti li jkun hemm numru adegwat ta' skrins tal-vidjo ta' daqs suffiċjenti,

237 E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), pp. 53, 57, vi.

238 J. R. Benya, *Lighting for Teleconferencing Spaces*, Lutron Electronics, Inc., 1998, iċċitat f'M. E. Gruen u C. R. Williams (*op. cit.* fin-nota 14), p. 16.

239 Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 190), p. 22; E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), pp. 122–123.

240 M. E. Gruen u C. R. Williams (*op. cit.* fin-nota 14), p. 18.

241 Proġett Handshake (*op. cit.* fin-nota 190), pp. 21–22.

242 M. E. Gruen u C. R. Williams (*op. cit.* fin-nota 14), p. 12.

243 It-tweġiba tal-Litwanja għall-Parti III, q. (e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* in-nota 12).

244 E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), p. 120.

245 Għal diskussjoni dwar l-effett tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo fuq il-valutazzjoni tal-kredibbiltà ta' xhud, ara wkoll, *supra*, in-nota 42.

imqiegħda b'tali mod li l-parteċipanti kollha f'sit wieħed ikunu jistgħu jaraw il-kelliem fis-sit l-ieħor b'angolu ta' viżjoni u distanza simili. Il-parteċipanti jridu jkunu jistgħu jaraw lix-xhud jew lill-espert, u dak l-individwu jrid ikun jista' jara min qed isaqsi l-mistoqsijiet u lil kull min jikkumenta dwar it-testimonjanza. Il-perċezzjonijiet u l-fehmiet huma partikolarment importanti, sabiex jagħtu lill-parteċipanti sens xieraq ta' "preżenza", filwaqt li jiżguraw l-oġġettività billi jinkwadraw lid-diversi parteċipanti b'mod identiku fuq l-iskrin.[246] Għandu jkun hemm ukoll numru adegwat ta' mikrofoni, li jkunu ppożizzjonati b'mod li l-kelliema jkunu jinstemgħu b'mod ċar u b'mod li jnaqqsu l-interferenzi ta' ħsejjes.[247]

199. Għalkemm l-ispazji li jkunu se jintużaw u l-ambjent tal-madwar huma importanti ħafna, jista' jkun hemm ukoll il-ħtieġa għal protokolli jew struzzjonijiet speċifiċi mill-uffiċjal li jippresiedi, inkluż fir-rigward tad-dħul u l-ħruġ, il-pożizzjoni u l-kontroll tat-tagħmir, kif ukoll l-ordni tal-kelliema u l-arranġamenti tal-pożizzjonijiet bilqiegħda.[248]

## B7.1 Il-kontroll tal-kameras/tal-awdjo

79 Huwa rrakkomandat li tintuża interfaċċa faċli għall-utent u li tippermetti tħaddim faċli tat-tagħmir, preferibbilment mill-uffiċjal li jkun qed jippresiedi.

200. L-uffiċjal li jkun qed jippresiedi fis-sit ewlieni idealment għandu jkollu kontroll sħiħ tat-tagħmir matul il-proċedimenti,[249] bl-assistenza ta' persunal ta' appoġġ tekniku jekk ikun meħtieġ, pereżempju biex jaġġusta l-kameras jew il-volum tal-mikrofonu kif mixtieq, u fl-aħħar mill-aħħar jiġi żgurat li kull persuna li titkellem f'wieħed mis-siti tkun tista' tidher u tinstema' b'mod ċar. Huwa rrakkomandat li, jekk ikun possibbli, tintuża kamera ta' traċċar li tkun tista' tiġi diretta lejn il-persuna li tkun qet titkellem, kif ukoll kamera oħra li tkun tista' tipprovdi veduta ġenerali tas-sala tas-seduta mit-tarf l-ieħor.

201. Għall-benefiċċju tal-uffiċjal li jippresiedi li għandu l-kontroll aħħari tas-sistema tal-vidjo/awdjo waqt is-seduta, huwa rrakkomandat li t-tħaddim ikun kemm jista' jkun faċli għall-utent u limitat għall-għażliet bażiċi meħtieġa.[250] Jekk ikunu disponibbli veduti tal-kamera differenti jew settings tal-awdjo differenti, ikun aħjar li numru minn dawn l-għażliet ikunu ssettjati bħala konfigurazzjonijiet standard fis-sistema qabel is-seduta.[251]

*Għal aktar informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tekniċi b'rabta mal-awdjo u l-vidjo, ara **C2.5** u **C2.6**.*

[246] Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit.* fin-nota 16), pp. 19, 21.
[247] E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), p. 118.
[248] Il-Qorti Federali tal-Awstralja (*op. cit.* fin-nota 15), p. 8.
[249] *Ibid.*
[250] Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit*. fin-nota 16).
[251] E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), p. 57.

## B7.2 Il-protokoll biex wieħed jitkellem

80 Biex inaqqsu t-tfixkil ikkawżat minn dewmien possibbli fil-konnessjoni, l-awtoritajiet jistgħu jkunu jixtieqū jikkunsidraw protokoll għal min jitkellem fost il-parteċipanti waqt is-seduta, speċjalment jekk tkun se tintuża l-interpretazzjoni.

202. Minħabba l-kumplessità addizzjonali ta' konnessjoni bil-vidjo meta mqabbla ma' seduta tradizzjonali fiżika, jistgħu jkunu meħtieġa protokolli addizzjonali biex jiġi żgurat li s-seduta nnifisha tkun tista' tipproċedi mingħajr problemi. Fin-nuqqas ta' protokoll formali, l-uffiċjal li jkun qed jippresiedi għandu jfakkar lill-parteċipanti dwar l-aspetti li jeħtieġu kunsiderazzjoni addizzjonali minħabba l-kundizzjonijiet differenti ta' konnessjoni bil-vidjo.

203. B'mod partikolari, meta tintuża t-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo, tipikament ikun hemm dewmien qasir bejn il-wasla tal-istampa u l-ħoss li jakkumpanjaha, anki bl-aħjar teknoloġija disponibbli bħalissa[252]. Dan huwa minħabba li s-sinjali awdjo u vidjo jiġu trażmessi separatament u dan jikkawża lakuni u interferenzi.[253] Jista' jkun utli li wieħed jiġbed l-attenzjoni tal-parteċipanti għal dan qabel il-bidu tas-seduta, sabiex jiġi evitat diskors fuq ieħor. L-uffiċjal li jkun qed jippresiedi jista' jikkunsidra li jispjega mill-bidu nett il-proċedura ta' kif tiġi interrotta l-parti l-oħra jew ta' kif wieħed joġġezzjona għall-mistoqsijiet waqt is-seduta. Il-parteċipanti għandhom jiġu mfakkra wkoll biex jitkellmu direttament fil-mikrofoni.[254]

204. Dawn l-aspetti huma estremament importanti jekk ikun hemm interpretu preżenti, peress li jista' jkun hemm aktar bżonn ta' interruzzjonijiet biex isiru mistoqsijiet jew biex jiġu ċċarati xi punti, f'liema każ ikun partikolarment utli li l-uffiċjal li jkun qed jippresiedi jikkoordina l-ordni li fih jitkellmu n-nies.[255] Meta tkun qed tintuża l-interpretazzjoni, il-parteċipanti għandhom ikunu wkoll konxji li jitkellmu b'pass xieraq, billi jartikolaw u jipproġettaw il-vuċi tagħhom, kif ukoll jużaw lingwaġġ ċar b'użu minimu ta' lingwaġġ tekniku, lingwaġġ mitkellem jew espressjonijiet oħra li jistgħu jintilfu fit-traduzzjoni.[256]

252 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit*. fin-nota 16).

253 M. Dunn u R. Norwick (*op. cit.* fin-nota 20), p. 2.

254 Il-Qorti Federali tal-Awstralja (*op. cit.* fin-nota 15), p. 8.

255 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit.* fin-nota 16), pp. 11–12.

256 Proġett "Handshake" (*loc. cit.* fin-nota 15).

## B7.3 Protokoll f'każ ta' qtugħ fil-komunikazzjoni

81 Il-parteċipanti kollha għandhom ikunu mgħarrfa bil-proċedura ta' kif jiġbdu l-attenzjoni tal-uffiċjal li jkun qed jippresiedi fuq diffikultajiet tekniċi li jiltaqgħu magħhom waqt is-seduta u bid-dettalji tal-kuntatt tal-persunal ta' appoġġ tekniku, inkluż is-servizz ta' pont minn terzi, jekk applikabbli.

205. Matul is-seduta, it-tekniċi għandhom ikunu preżenti jew tal-anqas disponibbli wara talba biex jindirizzaw kwalunkwe problema teknika li tista' titfaċċa. Skont it-tip ta' konnessjoni, jista' jkun meħtieġ persunal fis-sit ewlieni kif ukoll fis-sit remot, pereżempju, jew jekk ikun qed jintuża servizz ta' pont minn parti terzi, ikun aċċessibbli permezz ta' dak is-servizz. Kemm it-tekniċi kif ukoll il-parteċipanti għandhom ikunu jistgħu jkellmu helpdesk għal appoġġ tekniku estern jekk tkun meħtieġa aktar assistenza.

206. Għalkemm huwa essenzjali li jkun hemm tali kontinġenzi fis-seħħ minn qabel, jenħtieġ li l-parteċipanti jiġu informati wkoll bil-protokoll xieraq għar-rapportar ta' problema teknika lill-uffiċjal li jippresiedi fi kwalunkwe stadju matul is-seduta u għandhom jibqgħu attenti għal kwalunkwe kwistjoni bħal din. [257]

207. Jekk is-seduta tiġi interrotta minn qtugħ ta' komunikazzjonijiet bejn is-siti li ma jkunx jista' jiġi solvut faċilment, l-uffiċjal li jkun qed jippresiedi għandu jkollu l-awtorità, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fid-dritt li taħtu jkunu qed jitmexxew il-proċedimenti, biex jiddeċiedi jekk itemmx is-sessjoni tal-konnessjoni bil-vidjo u jipposponiha għal data oħra[258].

---

[257] Il-Qorti Federali tal-Awstralja (*op. cit.* fin-nota 15), p. 8; E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), p. 71.

[258] Pereżempju, fl-għoti ta' permess jew ordni li jippermettu l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo fil-proċedimenti, il-qorti tista' tistabbilixxi protokoll f'każ ta' qtugħ fil-komunikazzjonijiet, kif ġie artikolat fid-dispożizzjoni finali tal-ordni mill-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti għad-Distrett ta' Connecticut f'*Sawant* vs *Ramsey* (*op. cit.* fin-nota 55).

# PARTI C

# ASPETTI TEKNIĊI U TA' SIGURTÀ

C1 L-ADEGWATEZZA TAT-TAGĦMIR

C2 STANDARDS TEKNIĊI MINIMI

208. It-teknoloġija timxi ferm aktar malajr mid-dritt, u b'hekk toħloq diskrepanzi li jaggravaw il-kwistjonijiet ta' kompatibbiltà bejn is-sistemi fil-kuntest tal-kooperazzjoni ġudizzjarja moderna. F'xi partijiet tad-dinja, l-iżviluppi teknoloġiċi ilhom jittrasformaw l-awli tagħna u s-sistemi ta' ġestjoni tal-kawżi għal aktar minn għaxar snin, bil-Proġett "Handshake" juri li ċerti Stati Ewropej huma saħansitra kapaċi li "jivvirtwalizzaw" il-proċedimenti skont il-kodiċi ċivili nazzjonali tagħhom.[259]

209. Din il-parti tal-Gwida għandha l-għan li tindirizza ħafna mill-aspetti konvenzjonali assoċjati mal-kunsiderazzjoni tat-teknoloġija u s-sigurtà fil-kuntest tal-użu tal-konnessjoni bil-vidjo transfruntiera. Minħabba r-ritmu mgħaġġel tal-iżviluppi teknoloġiċi, din il-parti ma għandhiex titqies bħala waħda komprensiva, iżda kienet preċiża fid-data tal-pubblikazzjoni. L-awtoritajiet u l-utenti huma mħeġġa biex kemm jista' jkun iżommu l-pass ma' tali żviluppi biex jiżguraw li tinżamm infrastruttura ta' kwalità għolja. Jekk ikunu se jiġu implimentati tagħmir jew teknoloġiji ġodda, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea rrakkomanda li l-ewwel isir programm pilota, u jekk jirnexxi, li l-implimentazzjoni sseħħ fi stadji jew fażijiet separati.[260]

259 M. Davies (*op. cit.* fin-nota 15), p. 205; Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 15), p. 22.

260 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit.* fin-nota 16), p. 13.

## C1 L-adegwatezza tat-tagħmir

82 L-awtoritajiet huma mħeġġa jużaw tagħmir tal-aħjar kwalità disponibbli sabiex jimitaw kemm jista' jkun seduta fiżika.

83 Il-persunal responsabbli biex jagħmel l-arranġamenti għandu jkun konxju tal-kapaċitajiet u l-faċilitajiet teknoloġiċi, inkluż liema postijiet huma mgħammra bit-teknoloġija meħtieġa.

210. L-użu tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo ċertament għandu s-setgħa li jirrevoluzzjona l-mod kif jiġu kkumpilati l-provi, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet transfruntiera, ħafna aktar minn kemm setgħu qatt jagħmlu dan it-teknoloġiji bbażati fuq it-telefown u fuq l-awdjo. Dan huwa dovut għall-fatt li l-konnessjoni bil-vidjo tippermetti mhux biss li tinstema' testimonjanza verbali minn post remot, iżda wkoll li ssir valutazzjoni ta' aspetti kruċjali ta' komunikazzjoni mhux verbali, inklużi tal-lingwaġġ tal-ġisem u tal-espressjonijiet tal-wiċċ.[261]

211. Kif imsemmi aktar 'il fuq (**A1**), l-għan ewlieni ta' seduta bil-konnessjoni bil-vidjo huwa li sa fejn ikun possibbli tkun tixbah seduta fiżika. Minn dan isegwi, għalhekk, li l-utilità kbira tal-konnessjoni bil-vidjo tiġi mminata jekk it-tagħmir li jkun qed jintuża ma jkunx ta' standard adegwat; il-vantaġġi ewlenin jintilfu u l-limitazzjonijiet jiġu aggravati[262].

212. Fil-Profili tal-Pajjiżi, xi Stati rispondenti rrapportaw li huwa rekwiżit li l-vidjo u l-awdjo jkunu ta' kwalità suffiċjenti biex l-uffiċjal li jkun qed jippresiedi jara u jisma' b'mod ċar lill-persuna li tidher permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, speċjalment meta dik il-persuna tkun xhud[263].

213. Minbarra li jiżguraw li t-tagħmir ikun ta' *kwalità* adegwata, dawk responsabbli għandhom jiżguraw ukoll li l-persunal f'kull stadju tal-proċess ikollu *għarfien* adegwat tal-infrastruttura teknoloġika fis-seħħ.[264] Pereżempju, dawk li jirrevedu t-talbiet jista' jkollhom bżonn jikkomunikaw ma' persunal ieħor sabiex jiddeterminaw jekk it-talba għal konnessjoni bil-vidjo tistax titwettaq b'mod prattiku, b'kont meħud tal-faċilitajiet u tal-infrastruttura disponibbli f'dik l-awtorità jew reġjun partikolari. Dan l-għarfien mhux biss jiffaċilita bil-kbir l-għażla u l-allokazzjoni ta' faċilitajiet xierqa minn persunal amministrattiv jew legali, iżda wkoll itejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, b'mod partikolari meta l-persunal tekniku jkun irid jiddetermina l-interoperabbiltà tas-sistemi.

*Għal aktar tagħrif dwar l-appoġġ u t-taħriġ tekniku tal-persunal, ara **B3**.*

261 M. E. Gruen u C. R. Williams (*op. cit.* fin-nota 14), p. 4.

262 Kemm il-qorti kif ukoll il-partijiet fil-proċedimenti jsofru żvantaġġi meta t-teknoloġija tkun difettuża jew ma taħdimx. Ara, pereżempju, *Stuke* vs *ROST Capital Group Pty Ltd* (*op cit.* fin-nota 55) , fejn il-Qorti Federali tal-Awstralja iddiskutiet in-nuqqas ta' kapaċità li tiddetermina "jekk id-dewmien biex tingħata tweġiba għal mistoqsija kritika huwiex dovut għall-evażività jew l-inċertezza tax-xhud jew sempliċiment diffikultà fit-trażmissjoni."

263 Ara, pereżempju, it-tweġiba tal-Awstralja, tal-Finlandja, tal-Ungerija, tal-Iżrael u tal-Polonja għall-Parti III, q. (e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

264 Proġett "Handshake" (*loc. cit.* fin-nota 190).

214. F'termini ġenerali, it-tagħmir tal-konnessjoni bil-vidjo nnifsu jkun jew integrat f'post (jiġifieri, fiss) jew jista' jiġi ttrasportat lejn postijiet differenti (jiġifieri, portabbli). Filwaqt li t-tagħmir fiss normalment joffri funzjonalità ikbar, it-tagħmir portabbli jista' jkun soluzzjoni aktar kosteffettiva, b'mod partikolari għal postijiet fejn il-konnessjoni bil-vidjo ma tintużax ta' spiss.

### C1.1 L-użu ta' software liċenzjat

84 L-użu ta' software liċenzjat huwa ta' vantaġġ speċjalment minħabba d-disponibbiltà ta' appoġġ tekniku, u l-prattika tal-awtoritajiet tikkonferma li l-użu tiegħu huwa preferut.

215. Fil-Profili tal-Pajjiżi, il-maġġoranza tal-Istati rispondenti indikaw li jużaw software liċenzjat, li jiżgura appoġġ għal kwistjonijiet tekniċi u ta' sigurtà, meta jiġu kkumpilati l-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.[265] Uħud mis-software liċenzjat użat mill-Istati rispondenti huma Cisco infrastructure (inkluż Cisco Jabber),[266] Lifesize,[267] Polycom,[268] Skype for Business,[269] Sony IPELA Video Communication System,[270] Tandberg,[271] Telkom,[272] u Vidyo conference.[273] Stat rispondenti wieħed indika li juża software bla ħlas.[274]

216. Barra minn hekk, jista' jintuża software differenti skont in-natura tat-talba, peress li l-awtoritajiet u l-postijiet involuti jkunu differenti skont jekk tkunx talba skont il-Kapitolu I jew il-Kapitolu II. Pereżempju, Stat rispondenti nnota li filwaqt li ġeneralment ma jużax software liċenzjat skont il-Kapitolu I, jista' jkun il-każ li jagħmel dan skont il-Kapitolu II[275].

265 Jiġifieri, 23 Stat rispondenti. Ara t-tweġibiet tal-Belarussja, tal-Bożnija-Ħerzegovina, tal-Bulgarija, taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), tal-Kroazja, ta' Ċipru, tar-Repubblika Ċeka, tal-Finlandja, ta' Franza, tal-Ġermanja, tal-Ungerija, tal-Iżrael, tal-Korea (ir-Repubblika ta'), tal-Latvja, tal-Litwanja, ta' Malta, tan-Norveġja, tal-Polonja, tal-Portugall, tar-Rumanija, ta' Singapore, tal-Afrika t'Isfel u tal-Iżvezja għall-Parti III, q. (a) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

266 Ara, pereżempju, it-tweġibiet tal-Awstralja (stat wieħed), tal-Bożnija-Ħerzegovina, tal-Ġermanja (xi stati), tan-Norveġja u tal-Iżvezja għall-Parti III, q. (a) u (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

267 It-tweġiba tal-Belarussja u tal-Ġermanja (xi stati) għall-Parti III, q. (a) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

268 It-tweġibiet tal-Awstralja (stat wieħed), tar-Repubblika Ċeka, tal-Ġermanja (xi stati), ta' Malta u ta' Singapore għall-Parti III, q. (a) u (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

269 It-tweġiba tal-Iżrael għall-Parti III, q. (a) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

270 It-tweġiba tal-Ġermanja (xi stati) għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż *(ibid.*).

271 *Ibid.*

272 It-tweġiba tal-Afrika t'Isfel għall-Parti III, q. (a) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

273 It-tweġiba tal-Korea (ir-Repubblika ta') għall-Parti III, q. (a) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

274 It-tweġiba tal-Venezwela għall-Parti III, q. (a) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*) (li tindika li l-Venezwela tuża s-software Apache Openmeetings, Verżjoni 3.0.6 Release).

275 It-tweġiba tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) għall-Parti III, q. (a) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

## C1.2 L-użu ta' fornituri kummerċjali

85 Dawk li jfittxu li jużaw teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo għall-kumpilazzjoni tal-provi jenħtieġ li jivverifikaw jekk l-użu ta' fornituri kummerċjali disponibbli b'mod wiesa' huwiex permess mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati.

86 Jekk se jintuża fornitur kummerċjali għall-kumpilazzjoni tal-provi, il-parteċipanti u l-awtoritajiet huma mħeġġa biex jiżguraw li jkunu fis-seħħ il-miżuri ta' sigurtà xierqa.

217. Biż-żieda fl-użu ta' applikazzjonijiet ta' software ta' messaġġi instantanji disponibbli faċilment li jippermettu trażmissjoni awdjo u vidjo f'ħin reali, tqajmu dubji dwar jekk jistax jintuża fornitur kummerċjali (bħal Skype) biex jiġu kkumpilati l-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo u jekk dan jipprovdix livell suffiċjenti ta' sigurtà fit-trażmissjoni.

218. Filwaqt li fil-Profili tal-Pajjiżi xi Stati rispondenti rrapportaw li jużaw fornituri kummerċjali bħal Skype[276] u Skype for Business,[277] jew Polycom Realpresence (mobile jew desktop)[278] għall-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, oħrajn jippermettu dan biss bħala eċċezzjoni u biss jekk jintalab mill-qorti ta' oriġini.[279] Ħafna Stati rispondenti ma jippermettux dan fl-ebda ċirkostanza.[280]

219. Stat wieħed rispondenti indika li jkun possibbli li jiġu kkumpilati l-provi permezz ta' fornitur kummerċjali ladarba n-network sikur tal-qrati jkun jista' jieħu konnessjonijiet tal-IP (peress li bħalissa huma permessi biss telefonati ISDN li jidħlu), għalkemm dan ikun fid-diskrezzjoni tal-imħallef fuq bażi ta' każ b'każ.[281]

220. Uħud mill-Istati rispondenti esprimew dan it-tħassib li ġej fir-rigward tal-użu tal-fornituri kummerċjali: konnessjoni sikura stabbilita b'mod individwali bejn l-awtoritajiet rikjedenti u dawk rikjesti hija ppreferuta;[282] fornitur kummerċjali jista' jaħżen il-kontenut tal-konnessjoni bil-vidjo, sitwazzjoni li għandha tiġi evitata;[283] Skype jew fornituri kummerċjali oħra mhumiex integrati fl-infrastruttura tal-vidjokonferenzi tal-awtoritajiet rilevanti.[284]

276 It-tweġibiet tal-Awstralja (stat wieħed), tal-Brażil, tal-Iżrael, ta' Malta u tal-Messiku għall-Parti III, q. (c) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

277 It-tweġibiet tal-Iżrael u tal-Portugall għall-Parti III, q. (a) u (c) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*). It-tweġiba tal-Portugall indikat ukoll li fejn il-kumpilazzjoni tal-provi tista' ssir permezz ta' fornituri kummerċjali, jiġi ssuġġerit l-użu ta' Skype minħabba l-interoperabbiltà tiegħu ma' Skype for Business.

278 It-tweġiba ta' Singapore għall-Parti III, q. (c) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

279 It-tweġibiet tal-Finlandja u tal-Polonja għall-Parti III q. (c) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

280 It-tweġibiet tal-Awstralja (żewġ stati), tal-Belarussja, tal-Bożnija-Ħerzegovina, tal-Bulgarija, taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), tal-Kroazja, ta' Ċipru, tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, tal-Ġermanja, tal-Greċja, tal-Ungerija, tal-Latvja, tan-Norveġja, tas-Slovenja, tal-Iżvezja u tal-Iżvizzera għall-Parti III, q. (c) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

281 It-tweġiba tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) għall-Parti III, q. (c) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*) Għal diskussjoni dwar il-IP u l-ISDN (li t-tnejn huma tipi ta' networks), ara **C2.2**.

282 It-tweġiba tal-Polonja għall-Parti III, q. (c) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

283 It-tweġiba taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong) għall-Parti III q. (c) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

284 It-tweġiba tal-Latvja għall-Parti III, q. (c) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

# C2 Standards tekniċi minimi

87 L-istandards tekniċi fi kwalunkwe sistema ta' konnessjoni bil-vidjo għandhom jiġu kkunsidrati b'mod olistiku, biex jiġi żgurat li kull komponent jappoġġja t-tħaddim effettiv tas-sistema.

88 Fost il-modi prinċipali kif tista' tiġi stabbilita konnessjoni bil-vidjo, l-awtoritajiet huma mħeġġa jikkunsidraw l-użu ta' pont ta' vidjokonferenzi jew unità ta' kontroll b'diversi punti (MCU) jew inkorporati fis-sistema jew permezz ta' servizz ta' terzi, sabiex jittaffa t-tħassib dwar l-interoperabbiltà, partikolarment meta tkun se tiġi stabbilita konnessjoni transfruntiera.

221. Filwaqt li huwa ovvjament importanti li l-komponenti jkunu tal-ogħla standard possibbli, bħal kull tip ta' infrastruttura teknoloġika, it-teknoloġija li tippermetti l-konnessjoni bil-vidjo tista' tkun b'saħħitha biss daqs l-aktar ħolqa dgħajfa tagħha. Bħala tali, huwa meħtieġ approċċ olistiku meta jiġu ddeterminati l-kwalità u l-istandards meħtieġa għal kull komponent.

222. Bħala punt ta' tluq, huwa importanti li wieħed jinnota l-erba' modi prinċipali kif tista' tiġi stabbilita konnessjoni bil-vidjo, jiġifieri: "b'mod dirett" bejn is-sistemi, permezz ta' "pont" għall-vidjokonferenzi, jew billi l-awla tal-qorti prinċipali tiġi estiża sal-punt remot, jew bil-maqlub, billi jinġieb il-punt remot fis-sistema tal-awla tal-qorti prinċipali. Kull waħda minnhom għandha l-vantaġġi tagħha, iżda l-użu jiddependi primarjament mit-tipi ta' sistemi u kapaċitajiet f'kull sit involut.

223. L-ewwel nett, sabiex tiġi stabbilita konnessjoni bl-vidjo diretta u effettiva, it-tagħmir f'kull post irid ikun interoperabbli (pereżempju, it-tip ta' network u l-protokolli tal-codec)[285]. Biex dan jiġi żgurat, it-tagħmir użat għandu, fejn applikabbli, jikkonforma ma' standards rikonoxxuti tal-industrija, jiġifieri dawk rakkomandati mill-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni - Settur tal-Istandardizzazzjoni tat-Telekomunikazzjoni (ITU-T).[286] Il-vantaġġi ta' dan l-istil ta' telefonata diretta "punt sa punt" huma li jiġu ppreservati l-funzjonalità u l-firxa sħiħa tal-kapaċitajiet tas-sistemi, bħall-użu ta' kameras u/jew skrins multipli.

224. It-tieni, safejn it-tagħmir ma jkunx interoperabbli, is-siti huma konnessi bl-użu ta' networks differenti jew protokolli inkompatibbli, jew iridu jiġu konnessi aktar minn żewġ siti, jista' jkun hemm bżonn li jintuża servizz ta' pont.[287] Kif indikat fil-Glossarju, pont għall-vidjokonferenzi (xi kultant imsejjaħ sempliċement "pont", magħruf ukoll bħala unità ta' kontroll b'diversi punti (MCU) jew "gateway") huwa taħlita ta' software u hardware li toħloq kamra tal-laqgħat virtwali u li taġixxi bħala "pont" billi tgħaqqad is-siti u twettaq konverżjonijiet fejn ikun meħtieġ (pereżempju, tikkonverti s-sinjal tan-network, il-protokolli tal-codec jew id-definizzjoni tal-

[285] Ara, pereżempju, **C2.1** u **C2.2**.

[286] L-istandards tal-ITU-T jinħarġu bħala "rakkomandazzjonijiet", u huma aċċessibbli mil-lista "Recommendations by series", disponibbli fl-indirizz li ġej: < https://www.itu.int/ITU-T/recommendations/index.aspx? > [ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020].

[287] Proġett "Handshake", "D2.1 Overall Test Report" , pp. 18–19.

awdjo/vidjo)[288]. Il-"pont" jista' jkun jew mibni fl-infrastruttura tal-konnessjoni bil-vidjo f'sit partikolari, jew ikun ipprovdut minn terzi li jistgħu wkoll joffru servizzi addizzjonali, bħal pereżempju telefonati lis-siti u monitoraġġ tal-konnessjoni u tal-kwalità globali. Bħala tali, xi awtoritajiet jistgħu jippreferu li jkollhom pont inkorporat fl-infrastruttura tagħhom stess, biex jiġu evitati kwistjonijiet potenzjali ta' sigurtà meta jkollhom terzi li jipprovdu s-servizz ta' pont. Irrispettivament minn kif din tiġi ġestita, l-aktar kunsiderazzjoni importanti hija li l-MCU tiġi kkonfigurata biex timmaniġġja kif xieraq it-telefonati li jkunu deħlin u ħerġin, fejn jippermettu l-prattiki ta' sigurtà jew il-protokolli. Pereżempju, huwa rakkomandat li MCU tiġi kkonfigurata biex tippermetti telefonati diretti lejn il-punt ta' tmiem barrani u b'mod simili biex tippermetti telefonati li jkunu ġejjin minn punti ta' tmiem barranin[289]. Dan se jevita li jkun hemm sitwazzjoni fejn l-MCUs taż-żewġ awtoritajiet jippermettu biss li jidħlu telefonati u li essenzjalment toħloq imblokk u l-ebda MCU ma tkun tista' tistabbilixxi konnessjoni[290].

225. L-aħħar żewġ għażliet joperaw b'mod simili, bit-tielet għażla tkun fejn is-sistema tal-konnessjoni bil-vidjo tal-awla tal-qorti tkun "estiża" għas-sit remot permezz ta' konnessjoni remota, u applikazzjoni installata fis-sit remot iċċempel fil-codec integrat tal-awla tal-qorti prinċipali. Dan, madankollu, jeħtieġ mhux biss li l-awla tkun tappoġġja konnessjonijiet tan-network tal-IP iżda wkoll li tkun konnessa mal-internet, li jista' jwassal għal tħassib dwar is-sigurtà għal xi awtoritajiet.

226. B'kuntrast ma' dan, ir-raba' għażla biex tiġi stabbilita konnessjoni bil-vidjo hija li s-sit remot jiġi inkorporat fis-sistema tal-konnessjoni bil-vidjo tal-awla tal-qorti prinċipali, iżda sempliċement bħala input "awżiljarju", li jippermetti li s-sit remot jagħmel konnessjoni iżda jinżamm ikkonfinat u separat b'mod sigur mis-sistema tal-konnessjoni bil-vidjo tal-awli prinċipali.

227. Ikunu xi jkunu s-soluzzjonijiet teknoloġiċi użati, dawn li ġejjin huma standards tekniċi "minimi" li jiżguraw konnessjoni ta' kwalità suffiċjenti, li fl-aħħar mill-aħħar jiffaċilita l-forniment ta' aċċess għall-ġustizzja lil dawk li jkunu qegħdin jipparteċipaw b'mod remot, meta mqabblin ma' dawk li jidhru fiżikament.

---

288 Huwa importanti li wieħed jinnota li jekk il-pont jipprovdi kapaċità effettiva ta' transkowdjar, il-persuni jkunu konnessi permezz tal-pont għall-vidjokonferenzi "bl-ogħla veloċità u bl-aqwa kwalità possibbli li s-sistema individwali tagħhom tista' tappoġġa" (bħala riżultat, il-parteċipanti jistgħu jgawdu minn livelli ta' kwalità differenti ta' vidjo u awdjo). Jekk ma jkunx ipprovdut transkowdjar effettiv, il-pont jistabbilixxi l-konnessjonijiet fl-inqas denominatur komuni (jiġifieri, il-konnessjoni l-aktar baxxa). Għal aktar informazzjoni, ara Polycom, White Paper, *An Introduction to the Basics of Video Conferencing*, 2013, disponibbli fl-indirizz li ġej: < http://www.polycom.com/content/dam/polycom/common/documents/whitepapers/intro-video-conferencing-wp-engb.pdf > [ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020].

289 Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 190), p. 24.

290 It-testijiet li saru fil-kuntest tal-Proġett "Handshake" urew ukoll li jekk iż-żewġ punti ta' tmiem ta' telefonata bil-konnessjoni bil-vidjo qegħdin iċemplu minn MCU, jistgħu jinqalgħu problemi bħal looping jew terminazzjoni tal-konnessjoni. Ara, l- Proġett "Handshake" ( ibid. ), pp. 17–18.

## C2.1 Codec

89 Il-codecs għandhom jikkonformaw mal-istandards rilevanti tal-industrija, billi jippermettu tal-inqas trażmissjoni awdjo u vidjo simultanja.

228. Il-codec, li huwa ddefinit fil-Glossarju, huwa komponent ewlieni tas-sistema tal-konnessjoni bil-vidjo u għandu jkun kompatibbli mal-komponenti l-oħra fis-sistema. Is-sistemi tal-konnessjoni bil-vidjo ġeneralment jinkludu kemm codec vidjo kif ukoll codec awdjo, kif ukoll codec tad-*data* jew tat-test.

229. Mill-Profili tal-Pajjiżi, huwa evidenti li hemm firxa wiesgħa ta' codecs disponibbli[291]. Il-biċċa l-kbira tal-Istati rispondenti indikaw li l-awtoritajiet tagħhom jużaw Cisco codecs (inkluż minn Cisco Tandberg) jew Polycom codecs [292]. Codecs oħrajn li jintużaw, kif irrapportat mill-Istati rispondenti, huma prodotti minn manifatturi bħal Aethra,[293] Avaya,[294] AVer,[295] Google,[296] Huawei,[297] LifeSize,[298] Openmeetings,[299] Sony,[300] u Vidyo.[301]

230. Jintgħażel liema manifattur jintgħażel, il-codecs li jintużaw għandhom ikunu konformi mal-istandards tal-ITU-T, jew ma' standard ekwivalenti. L-istandards tal-ITU-T għall-codecs tal-vidjo huma ddefiniti fir-rakkomandazzjonijiet H.261, H.263, H.264 u H.265[302]. L-istandards tal-codecs tal-awdjo tal-ITU-T huma ddefiniti fir-rakkomandazzjonijiet G.711, G.719, G.722, G.722.1, G.723.1, G.728, u G.729[303]. Codecs tal-awdjo oħrajn użati fl-Istati rispondenti jinkludu: AAC-LD,[304]

291 Ara Synopsis of Responses (*op. cit.* fin-nota 4), Parti III, q. (b).

292 Għall-codecs Cisco (u/jew Cisco Tandberg), ara t-tweġibiet tal-Awstralja (stat wieħed), tal-Belarussja (ċerti qrati), tal-Bożnija-Ħerzegovina, tal-Bulgarija, taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), ta' Franza, tal-Ġermanja (xi postijiet), tal-Latvja, tan-Norveġja u tal-Iżvezja fil-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12). Għall-codecs Polycom, ara t-tweġibiet tal-Awstralja (stat wieħed), tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, tal-Finlandja, tal-Ġermanja (xi postijiet), tal-Ungerija, ta' Malta, ta' Singapore, tas-Slovenja, u tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

293 It-weġibiet ta' Ċipru u tar-Rumanija (ara l-Anness II) għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

294 It-tweġiba taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong) għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

295 It-tweġiba tal-Bulgarija għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

296 It-tweġiba tal-Venezwela għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

297 It-tweġiba tal-Litwanja għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

298 It-tweġibiet tal-Belarussja (ċerti qrati) u l-Ġermanja (xi postijiet) għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

299 It-tweġiba tal-Venezwela għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

300 It-tweġibiet tal-Kroazja u tal-Ġermanja (xi postijiet) għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

301 It-tweġiba tal-Korea (ir-Repubblika ta') għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

302 Ara l-Lista ta' "Recommendations by series" (*op. cit.* fin-nota 286), Serje H.

303 *Ibid.*, Serje G.

304 It-tweġibiet tal-Bożnija-Ħerzegovina, tal-Litwanja, tar-Rumanija u tal-Iżvezja għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

SPEEX,[305] HWA-LD,[306] Siren,[307] u ASAO.[308] L-istandard għal codec tad-*data* (pereżempju, għat-trażmissjoni ta' didaskaliji jew testi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo) huwa kopert mir-rakkomandazzjoni T.120[309].

## C2.2 Networks

90 Huwa rakkomandat li jintuża network tal-IP, filwaqt li l-ISDN (jekk ikun disponibbli) [310] jintuża bħala back-up jew kontinġenza.

91 Jekk ikun possibbli, l-awtoritajiet huma mħeġġa jgħammru n-network b'kapaċitajiet b'diversi punti.

231. L-aktar networks komuni li jintużaw għat-trażmissjonijiet bil-konnessjoni bil-vidjo huma n-Network Diġitali ta' Servizzi Integrati (ISDN) u l-Protokoll tal-Internet (IP).[311] L-ISDN, li inizjalment kienet il-mezz aċċettat għall-konnessjoni bil-vidjo, tipprovdi komunikazzjoni diġitali fuq linja telefonika. B'kuntrast ma' dan, l-IP, li juża l-Internet għat-trażmissjoni, sar in-network predominanti għall-vidjokonferenzi, peress li tipikament jipprovdi wisa' tal-banda ikbar, li tippermetti kwalità aqwa ta' vidjo u ta' awdjo.[312]

232. Fil-Profili tal-Pajjiżi, il-maġġoranza tal-Istati rispondenti indikaw li jintużaw kemm il-konnessjoni bl-IP kif ukoll bl-ISDN biex tkun tista' ssir konnessjoni bil-vidjo.[313] Xi Stati rispondenti rrapportaw li jużaw esklużivament in-network tal-IP.[314]

305 It-tweġiba tal-Korea (ir-Repubblika ta') għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

306 It-tweġiba tal-Litwanja għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

307 It-tweġiba ta' Singapore għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

308 It-tweġiba tal-Venezwela għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*) (dan il-codec partikolari huwa magħruf ukoll bħala "Nellymoser").

309 Ara l-Lista ta' "Recommendations by series" (*op. cit.* fin-nota 286), Serje T.

310 Fis-snin li ġejjin, l-ISDN se jitneħħa gradwalment f'ħafna partijiet tal-Ewropa. Xi Stati Membri tal-UE diġà lestew il-migrazzjoni mill-ISDN għal networks ibbażati fuq l-IP, b'oħrajn huma mistennija li jlestu l-migrazzjoni sa mhux aktar tard mill-2025. Ara, il-Kumitat tal-Komunikazzjoni Elettronika (ECC) tal-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet tal-Posta u t-Telekomunikazzjonijiet) (CEPT), *ECC Report 265: Migration from PSTN/ISDN to IP-based networks and regulatory aspects*, 2017, disponibbli fl-indirizz li ġej:

< https://www.ecodocdb.dk/download/754b9fdf-e4c5/ECCRep265.pdf > [ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' Marzu 2020].

311 M. E. Gruen u C. R. Williams (*op. cit.* fin-nota 14), p. 6–7. Ara wkoll il-Glossarju.

312 Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 190), p. 18.

313 It-tweġibiet tal-Awstralja (xi stati rrapportaw li għandhom jew ISDN jew IP biss), tal-Brażil, taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), tal-Kroazja, ta' Ċipru, ta' Franza (fil-proċess ta' tranżizzjoni minn ISDN għal IP, b'75 % diġà lest), tal-Ġermanja, tal-Korea (ir-Repubblika ta') (bl-użu tal-Asymmetric Digital Subscriber Line (ADSL) biex jaqbdu mal-fornitur tas-servizz), tal-Latvja, tal-Litwanja, tan-Norveġja, tal-Polonja, tal-Portugall, ta' Singapore, tas-Slovenja, tal-Iżvezja u tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

314 It-tweġibiet tal-Belarussja, tal-Bożnija-Ħerzegovina, tal-Bulgarija, tar-Repubblika Ċeka (tuża l-ISDN għall-ittestjar), tal-Estonja, tal-Finlandja, tal-Ungerija, tal-Iżrael, ta' Malta u tal-Venezwela għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

233. Fil-kuntest tal-ISDN, m'hemmx standard globali wieħed, u għalhekk jeżistu forom differenti tat-teknoloġija. Madankollu, sistemi ta' vidjokonferenzi li jużaw l-ISDN jikkonvertu b'mod awtomatiku għal standard komuni, li huwa stabbilit fir-rakkomandazzjoni H.320 tal-ITU-T, rakkomandazzjoni globali għat-trażmissjoni bil-vidjo u bl-awdjo permezz ta' ISDN[315]. B'kuntrast ma' dan, il-konverżjoni mhijiex meħtieġa għall-IP, peress li l-istandard huwa konsistenti globalment, permezz ta' komunikazzjonijiet bl-Internet. L-ITU-T ippromulgat rakkomandazzjoni f'dan ir-rigward: H.323, li huwa standard applikat f'ħafna Stati rispondenti[316]. Il-Protokoll tal-Bidu tas-Sessjoni (SIP) huwa standard alternattiv għall-IP li wkoll jintuża f'ħafna Stati rispondenti[317].

234. L-eżiti tal-Proġett "Handshake" jenfasizzaw diversi aspetti importanti oħra relatati mal-parametri tan-network. L-ewwel nett, is-software "Gatekeeper" għandu idealment jiġi inkorporat fis-sistema tal-vidjokonferenzi biex jiġi ġestit in-network (inkluż il-prefiss u l-iddajljar) u l-interazzjoni tiegħu ma' firewall[318]. It-tieni nett, sa fejn it-tagħmir ma jkunx interoperabbli jew konness ma' networks differenti (jiġifieri, konnessjonijiet ISDN għal IP), jista' jkun meħtieġ li jintuża servizz ta' pont għall-vidjokonferenzi (kif diskuss hawn fuq fil-paragrafu 224)[319]. It-tielet nett, tali pont jista' jkun meħtieġ ukoll sabiex l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo jiġi kkoordinat permezz ta' tliet punti ta' tmiem diskreti jew iktar, jew sabiex jiġu ġestiti simultanjament diversi telefonati bil-konnessjoni bil-vidjo[320]. Fil-Profili tal-Pajjiżi, il-maġġoranza tal-Istati rispondenti indikaw li l-konnessjonijiet b'diversi punti huma possibbli fis-sistemi tal-awtoritajiet tagħhom[321].

---

315 Ara l-Lista ta' "Recommendations by series" (*op. cit.* fin-nota 286), Serje H.

316 It-tweġibiet tal-Bożnija-Ħerzegovina, taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), ta' Ċipru, tar-Repubblika Ċeka, tal-Finlandja, ta' Franza, tal-Ġermanja (xi postijiet), tal-Ungerija, tal-Iżrael, ta' Malta, tal-Portugall, ta' Singapore u tas-Slovenja għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

317 It-tweġibiet tal-Bożnija-Ħerzegovina, taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), tar-Repubblika Ċeka, tal-Finlandja, ta' Franza, tal-Ġermanja (xi postijiet), tal-Iżrael, ta' Malta, tal-Portugall (qed jiġi żviluppat) u tal-Iżvezja għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

318 Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 190), p. 25.

319 *Ibid*. Ara wkoll, it-tweġiba tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) (juża network sigur b'"konnessjoni pont") għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit*. in-nota 12).

320 Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 190), p. 17. Ara, pereżempju, it-tweġibiet tal-Latvja, tan-Norveġja, tal-Portugall u tal-Iżvezja għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*), li jagħmlu referenza speċifika għal MCU.

321 It-tweġibiet tal-Awstralja (żewġ stati),tal-Belarussja, tal-Brażil (fil-biċċa l-kbira tal-każijiet), tal-Bożnija-Ħerzegovina, taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, tal-Finlandja, ta' Franza (permezz ta' servizz pont tal-Ministeru tal-Ġustizzja), tal-Ġermanja (xi postijiet), tal-Ungerija, tal-Iżrael, tal-Korea (ir-Repubblika ta') (sa 100 parteċipant), tal-Latvja, tal-Litwanja (sa 46 parteċipant), ta' Malta, tan-Norveġja, tal-Polonja (mhux fil-qrati kollha), tal-Portugall, tar-Rumanija, ta' Singapore, tas-Slovenja (sa 20 parteċipant), tal-Iżvezja (sa massimu ta' 5 parteċipanti għal kull unità, jew aktar permezz tal-MCU), u tal-Venezwela għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

## C2.3 Wisa’ tal-banda

92 L-awtoritajiet huma mħeġġa jipprovdu n-network tagħhom bil-kapaċità massima ta’ wisa' tal-banda possibbli.

93 Skont in-network, il-wisa' tal-banda rrakkomandata bħalissa hija minimu ta’ 1.5-2 megabits kull sekonda għal networks tal-IP (jew għallinqas 384 kilobits kull sekonda għal networks tal-ISDN).

235. Il-forniment ta’ wisa' tal-banda suffiċjenti huwa wieħed mill-aktar komponenti importanti, u potenzjalment wieħed mill-aktar komponenti għaljin tal-forniment ta’ servizz ta’ konnessjoni bil-vidjo. Il-codecs jistgħu jipprovdu kwalità adegwata ta’ stampa u ħoss biss b’wisa' tal-banda suffiċjenti. Is-sistemi ta’ konnessjoni bil-vidjo għandhom ikunu mfassla b’dan il-ħsieb, billi jiżguraw l-ogħla kapaċità ta’ wisa' tal-banda possibbli, anki jekk il-wisa' tal-banda tista’ aktar tard tkun limitata fil-prattika minn kapaċitajiet tan-network jew tal-wisa' tal-banda tal-internet.[322] Bl-istess mod, anki għal sistemi bl-ogħla kapaċitajiet ta’ wisa' tal-banda, jenħtieġ li wieħed iżomm f’moħħu l-affidabbiltà u l-prestazzjoni tal-konnessjoni tan-network, peress li l-inqas interruzzjoni jew inkonsistenza jistgħu jinibixxu l-kapaċità tas-sistema li twassal l-aħjar servizz possibbli. Pereżempju, it-testijiet li saru waqt il-proġett “Handshake” ikkonfermaw li l-kapaċità tal-wisa' tal-banda ta’ konnessjoni ISDN hija ferm inqas (jiġifieri, b’veloċità inqas ta’ trażmissjoni, tipikament madwar 384 kilobit fis-sekonda) minn dak ta’ konnessjoni tan-network IP (jiġifieri, tipikament mill-inqas 1.5 megabits kull sekonda),[323] u din hija r-raġuni għaliex sistemi bħal dawn għandhom jibqgħu bħala soluzzjoni sekondarja jew ta’ “riżerva”.

236. Il-biċċa l-kbira tat-tagħmir tal-vidjokonferenzi illum jippermetti trażmissjonijiet b’definizzjoni għolja (HD) (ġeneralment 720–1080 linja ta’ riżoluzzjoni) u r-rekwiżit tal-wisa' tal-banda għal tali trażmissjoni għal telefonata waħda minn punt għal ieħor huwa minimu ta’ 1.2–1.5 megabits kull sekonda.[324] Għalhekk, loġikament, kif josservaw Gruen u Williams, telefonati b’diversi punti jeħtieġu wisa’ tal-banda ikbar, li essenzjalment jimmultiplika l-wisa' tal-banda b’tal-inqas in-numru ta’ punti meħtieġa (pereżempju 5 megabits kull sekonda għal konnessjoni b’erba’ punti).[325] Il-konklużjonijiet tal-Proġett “Handshake” ukoll irrakkomandaw li l-wisa' tal-banda ta’ kwalunkwe sistema ta’ konnessjoni bil-vidjo għandha għalhekk tkun kbira biżżejjed biex tappoġġja l-għadd massimu ta’ sessjonijiet meħtieġa li għandhom jiġu offruti simultanjament matul il-perjodi l-aktar intensivi.[326] Ta’ min jinnota li dan it-tħassib jista’, parzjalment, jiġi mtaffi permezz tal-użu ta’ pont għall-vidjokonferenzi (kif diskuss hawn fuq fil-paragrafu 224),

322 E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), p. 121; Il-Qorti Federali tal-Awstralja (*op. cit.* fin-nota 15), p. 2.

323 Proġett “Handshake” (*op. cit.* fin-nota 190), p. 19.

324 M. E. Gruen u C. R. Williams (*op. cit.* fin-nota 14), p. 8–9. Ara wkoll, it-tweġibiet tal-Bulgarija, taċ-Ċina (SAR ta’ Hong Kong), tal-Estonja, ta’ Franza, tal-Ġermanja, tal-Ungerija, tal-Latvja, ta’ Malta, tan-Norveġja, tal-Polonja, tal-Portugall, u tas-Slovenja għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* in-nota 12), li kollha kemm huma rrapportaw li għandhom jew kapaċitajiet ta’ definizzjoni għolja (HD) jew kapaċitajiet *kemm* ta’ definizzjoni għolja kif ukoll standard(HD/SD). Ara wkoll, it-tweġibiet tal-Belarussja u tal-Kroazja, li rrapportaw li għandhom biss kapaċitajiet ta’ definizzjoni standard (SD) għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

325 M. E. Gruen u C. R. Williams (*op. cit.* fin-nota 14), p. 9.

326 Għall-konnessjonijiet IP, il-Proġett irrakkomanda wkoll bafer addizzjonali fil-“wisa’ tal-banda ta’ prijorità garantita” (jiġifieri l-wisa' tal-banda minima, u 20 %). Ara, Proġett “Handshake” (*loc. cit.* fin-nota 323).

għalkemm il-pont innifsu jrid ikollu wisa' tal-banda suffiċjenti.

237. Fil-Profili tal-Pajjiżi, l-Istati rispondenti rrapportaw firxa wiesgħa ta' wisgħat tal-banda u veloċitajiet ta' trażmissjoni potenzjali, anki fiż-żewġ tipi ewlenin ta' konnessjoni tan-network[327]. Ħafna Stati rispondenti rrapportaw kapaċitajiet massimi ta' 2 megabits kull sekonda jew ogħla,[328] bl-ogħla kapaċità ta' wisa' tal-banda rrapportata tkun ta' 8 megabits kull sekonda (għal konnessjoni tal-IP)[329]. Kif ġie nnotat hawn fuq, id-determinant ewlieni huwa t-tip ta' network li qed jintuża, peress li l-konnessjonijiet tan-network tal-IP tipikament jippermettu kapaċità ta' wisa' tal-banda akbar b'mod sinifikanti.

## C2.4 Kriptaġġ

94 Il-kriptaġġ ta' sinjali sal-istandard tal-industrija huwa rrakkomandat, bil-prattika tal-awtoritajiet li tikkonferma li qed jintuża b'mod wiesa'.

95 Jekk jintuża l-kriptaġġ, dan għandu jiġi ssettjat għal "awtomatiku" jew "best effort" biex jiġu minimizzati l-problemi ta' kompatibbiltà ma' tipi oħra ta' kriptaġġ.

238. Filwaqt li normalment jista' jidher li huwa aktar essenzjali f'kawżi kriminali, it-trażmissjonijiet bil-vidjo transfruntiera f'materji ċivili u kummerċjali għandhom ukoll ikunu magħmula siguri minn interċettazzjoni illegali minn partijiet terzi, bl-użu ta' mezzi proporzjonati għas-sensittività tal-kwistjoni.[330] L-użu ta' firewall u/jew ta' network tal-ISDN jista' jnaqqas ir-riskju ta' aċċess illegali għat-trażmissjoni, għalkemm il-konnessjonijiet tal-IP kienu għal xi żmien ippreferuti minn dawk tal-ISDN[331].

239. Ikun liema jkun in-network li jintuża, il-Proġett "Handshake" ikkonkluda li mezzi addizzjonali biex jiġi minimizzat l-aċċess mhux awtorizzat, bħall-kriptaġġ tas-sinjali proprji li jkunu qed jiġu trażmessi, huma rrakkomandati ħafna.[332] Fil-Profili tal-Pajjiżi, il-biċċa l-kbira tal-Istati rispondenti rrapportaw li jużaw xi forma ta' sigurtà jew kriptaġġ addizzjonali[333]. It-tip ta' kriptaġġ l-aktar

327 Ara, ġeneralment, Synopsis of Responses (*op. cit.* fin-nota 4), Parti III, q. (b).

328 Ara, pereżempju, it-tweġibiet tal-Belarussja, tal-Bożnija-Ħerzegovina, taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), tar-Repubblika Ċeka, ta' Franza, tal-Ungerija, tal-Litwanja, ta' Malta, tal-Polonja, u tal-Portugall għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

329 It-tweġiba tal-Litwanja għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

330 Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 15), p. 19.

331 Ara, pereżempju, M. Reid, "Multimedia conferencing over ISDN and IP Networks using ITU-T H-series recommendations: architecture, control and coordination", *Computer Networks*, vol. 31, 1999, p. 234.

332 Il-Proġett "Handshake" (*loc. cit.* fin-nota 323).

333 Jiġifieri, 22 Stat rispondenti. Ara t-tweġibiet tal-Belarussja, tal-Bożnija-Ħerzegovina, tal-Bulgarija, taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong), tal-Kroazja, ta' Ċipru, tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, tal-Finlandja, ta' Franza, tal-Ġermanja (xi postijiet), tal-Ungerija, tal-Iżrael, tal-Korea (ir-Repubblika ta'), tal-Latvja, tal-Litwanja, ta' Malta, tan-Norveġja, tal-Portugall, tar-Rumanija, tas-Slovenja u tal-Iżvezja għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

komuni rrapportat fost l-Istati rispondenti kien dak tal-AES (standard ta’ kriptaġġ avvanzat),[334] li jintuża f’madwar nofs l-Istati rispondenti[335]. Metodi oħra ta’ kriptaġġ jiddependu fuq it-tip ta’ network u ta’ sistema li jkunu qed jintużaw, iżda huma ġeneralment konsistenti mal-istandard tal-ITU-T fir-rakkomandazzjoni H.235[336].

240. Barra minn hekk, sabiex jiġu minimizzati l-kwistjonijiet ta’ kompatibbiltà kkawżati mill-użu ta’ metodi differenti ta’ kriptaġġ, huwa rrakkomandat ukoll li fuq it-tagħmir wieħed jagħżel is-setting ta’ kriptaġġ “auto” jew “best effort”.[337] L-awtoritajiet rikjedenti u dawk rikjesti jistgħu saħansitra jeħtieġu li jiftiehmu fuq metodu speċifiku ta’ kriptaġġ, skont in-networks li jużaw (pereżempju, fil-każ ta’ network tal-IP).

### C2.5 L-awdjo (Mikrofoni u Speakers)

96 L-awtoritajiet huma mħeġġa jinstallaw sistema awdjo addizzjonali biex itejbu l-kwalità tal-ħoss tat-tagħmir eżistenti tal-konnessjoni bil-vidjo.

97 Huwa rrakkomandat li l-kamra tas-seduta tkun mgħammra b’numru suffiċjenti ta’ mikrofoni u speakers biex jintlaħqu l-atturi kollha.

241. Il-kamra tas-seduta ġeneralment għandu jkollha sistema awdjo konnessa mat-tagħmir għall-konnessjoni bil-vidjo, inkluż volum aġġustabbli u ammont suffiċjenti ta’ speakers biex il-ħoss jixxandar b’mod ċar madwar il-kamra (jiġifieri, ma jkunx jiddependi biss fuq l-ispeakers li normalment jinstabu fuq l-iskrin tal-vidjo)[338]. Sa fejn ikun possibbli, għandhom jitpoġġew mikrofoni quddiem kull parteċipant li se jitkellem fil-kamra, iżda jitqiegħdu b’tali mod li jimminimizzaw id-distrazzjoni jew it-tfixkil.[339]

242. Fl-aħħar mill-aħħar, kif identifikat matul studju komprensiv f’Parti Kontraenti minnhom, hemm ħames aspetti ewlenin li għandhom jiġu kkunsidrati meta wieħed jagħżel sistema tal-awdjo xierqa: l-intelliġibilità; in-naturalezza tat-ton; l-amplifikazzjoni (mingħajr feedback); il-

334 Ara, pereżempju, l-Istitut Nazzjonali tal-Istandards u t-Teknoloġija tal-Istati Uniti (NIST), “Announcing the Advanced Encryption Standard (AES)”, , *Federal Information Processing Standards Publication*, vol. 197, 2001.

335 It-tweġibiet tal-Belarussja, tal-Bożnija-Ħerzegovina, taċ-Ċina (SAR ta’ Hong Kong), tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, tal-Finlandja, ta’ Franza, tal-Ġermanja (xi postijiet), tal-Korea (ir-Repubblika ta'), tal-Litwanja, tan-Norveġja, tal-Portugall, tar-Rumanija, tas-Slovenja u tal-Iżvezja għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

336 Ara l-Lista ta’ “Recommendations by series” (*op. cit.* fin-nota 286), Serje H. Ara, pereżempju, it-tweġibiet tal-Litwanja (H.235), tal-Portugall (H.235), u tar-Rumanija (H.233, H.234, H.235) għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

337 Proġett “Handshake” (*loc. cit.* fin-nota 204).

338 M. E. Gruen u C. R. Williams (*op. cit.* fin-nota 14), p. 12.

339 E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), p. 118. Ara wkoll, it-tweġiba tal-Ungerija għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12), li indikat li hemm żewġ mikrofoni disponibbli għal kull sett ta’ konnessjoni bil-vidjo.

lokalizzazzjoni tas-sors; u l-kumdità akustika.[340]

## C2.6 Vidjo (Kameras u Skrins)

98 Sa fejn ikun possibbli, il-kameras għandhom ikunu mgħammra b'funzjonijiet ta' ppannjar, inklinar u ffukar.

99 Huwa rakkomandat li l-kameras u l-iskrins ikunu kapaċi jxandru vidjo b'definizzjoni għolja (720p), u jappoġġjaw riżoluzzjoni ta' mill-inqas 1280x720 pixels.

100 Il-parteċipanti u l-awtoritajiet huma mħeġġa jiċċekkjaw rekwiżiti addizzjonali qabel is-seduta (bħal pereżempju veduta tal-kamra sħiħa, kapaċitajiet ta' skrin maqsum, jew kameras tad-dokumenti).

243. F'termini ta' kapaċitajiet ta' kameras, kif imsemmi hawn fuq (**B7.1**), hija rakkomandata varjetà ta' veduti, inklużi veduti mill-qrib jew minn angolu wiesa' li jkunu ssettjati minn qabel fejn disponibbli.[341] L-esperjenza fl-Unjoni Ewropea wriet li fejn ikun possibbli, il-kameras għandu jkollhom il-funzjonijiet meħtieġa "ppannjar" "inklinar" u "iffukar", filwaqt li wieħed għandu jżomm f'moħħu l-ħtieġa li tinżamm dehra proporzjonata, kif ukoll il-possibbiltà li l-uffiċjal li jippresiedi jista' jeħtieġ aktar għażliet jew veduti minn parteċipanti oħrajn[342].

244. Minħabba li, kif osservaw xi kummentaturi, il-kapaċità tal-uffiċjali li jippresiedu li jivvalutaw l-imġiba u l-bidliet sottili huma partikolarment importanti fi proċedimenti b'konnessjoni bil-vidjo,[343] kemm il-kameras kif ukoll l-iskrins għandhom ikunu mgħammra biex jappoġġjaw l-ogħla definizzjoni possibbli. Testijiet reċenti fl-Unjoni Ewropea wrew li l-parametri rrakkomandati għal definizzjoni għolja huma minimu ta' 720p b'riżoluzzjoni ta' 1280x720 pixels, u rata ta' frame ta' 25-30 frame kull sekonda.[344] Skont ir-rakkomandazzjoni H.265 tal-ITU-T, l-istandard il-ġdid stabbilit għall-ikkowdjar tal-vidjo b'effiċjenza għolja jappoġġja riżoluzzjonijiet sa 8192x4320 pixels (li jinkludu kemm 4K kif ukoll 8K),[345] iżda l-kapaċità ta' sistema ta' vidjokonferenzi li tagħmel użu minn tali definizzjoni għolja ħafna tiddependi ħafna mill-wisa' tal-banda li hija disponibbli (ara wkoll **C2.3**)[346].

245. Id-daqs ottimali tal-iskrin ikun jiddependi minn fatturi bħad-daqs tal-kamra tas-seduta u jekk l-iskrin huwiex maqsum jew sħiħ. Ġeneralment, ikun aħjar jekk l-immaġni tkun qrib id-daqs reali,

---

340 Għal diskussjoni sħiħa dwar dan l-istudju, li sar fl-Awstralja, ara E. Rowden *et al.* (*op. cit.* in-nota 45), p. 117.

341 *Ibid.*, p. 58.

342 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit.* fin-nota 16), pp. 18–19. Ara wkoll t-tweġiba tal-Ġermanja għall-Parti III, q. (e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12); E. Rowden *et al.* (*op. cit.* fin-nota 45), pp. 120–121.

343 Ara, pereżempju, R. A. Williams (*op. cit.* fin-nota 1), p. 21.

344 Il-Proġett "Handshake" (*loc. cit.* fin-nota 323).

345 Ara l-Lista ta' "Recommendations by series" (*op. cit.* fin-nota 286), Serje H.

346 Il-Proġett "Handshake" (*op. cit.* fin-nota 190), p. 27.

peress li dan jipprovdi stampa ċara tal-individwu.[347] L-iskrins għandu jkollhom riżoluzzjoni minima tal-istandard Wide Extended Graphics Array (WXGA).[348]

246. Skont ir-rekwiżiti tal-uffiċjal li jkun qed jippresiedi, tal-partijiet, tal-persuna li qed tiġi eżaminata, jew ta' xi persuni oħra interessati, is-seduta tista' tkun teħtieġ l-użu ta' skrins b'kapaċità ta' "skrin maqsum". Fil-Profili tal-Pajjiżi, il-maġġoranza l-kbira tal-Istati rispondenti rrapportaw li għandhom kapaċitajiet ta' skrin "maqsum" jew "multiplu", li jippermettu kanali tal-vidjo multlipli fi trażmissjoni ta' konnessjoni bil-vidjo waħda[349]. Il-wiri ta' żewġ immaġnijiet (jew aktar) huwa ffaċilitat mill-istandard stabbilit mir-rakkomandazzjoni H.239 tal-ITU-T[350].

247. Fil-Profili tal-Pajjiżi, ħafna Stati rispondenti indikaw li l-kamera(s) li jintużaw irid ikollhom il-kapaċità li jaqbdu veduta tal-kamra kollha jew tal-parteċipanti kollha, b'mod partikolari tal-uffiċjal li jippresiedi u tal-persuna/i li jkunu qegħdin jidhru permezz tal-konnessjoni bil-vidjo[351]. Stat rispondenti wieħed irrapporta wkoll li l-kamera ma tridx tiġi mċaqilqa waqt is-seduta u l-ħin irid jidher il-ħin kollu fuq l-iskrin[352].

248. Kif innotat f'**B4.1**, f'xi każijiet, huwa preferibbli jew meħtieġ li jkun hemm kamera tad-dokumenti jew kapaċità oħra ta' preżentazzjoni jew ta' kondiviżjoni tal-iskrin biex tippermetti l-wiri ta' dokumenti jew esibiti. F'każijiet bħal dawn, il-partijiet li jkunu jridu jiddependu fuq dawn il-kapaċitajiet ta' viżjoni matul il-proċedimenti mmexxija permezz ta' konnessjoni bil-vidjo għandhom jagħmlu l-mistoqsijiet xierqa lill-awtorità rikjesta minn qabel.

347 M. E. Gruen u C. R. Williams (*op. cit.* fin-nota 14), p. 12.

348 Gwida dwar vidjokonferenzi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera (*op. cit.* fin-nota 16), p. 19.

349 Ara t-tweġibiet tal-Awstralja (il-parti l-kbira tal-istati) tal-Belarussja, tal-Brażil (fil-parti l-kbira tal-każijiet), tal-Bożnija-Ħerzegovina, tal-Bulgarija, taċ-Ċina (SAR ta' Hong Kong) (f'post wieħed biss), tal-Kroazja, ta' Ċipru, tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, tal-Finlandja, ta' Franza, tal-Ġermanja (xi postijiet), tal-Ungerija, tal-Iżrael, tal-Korea (ir-Repubblika ta') (kapaċità massima ta' tmien skrins maqsuma), tal-Latvja (kapaċità massima ta' 16-il skrin maqsum), tal-Litwanja, ta' Malta, tan-Norveġja (skont it-tagħmir), tal-Portugall, tar-Rumanija, ta' Singapore, tas-Slovenja, tal-Iżvezja u tal-Venezwela għall-Parti III, q. (b) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*op. cit.* fin-nota 12).

350 Ara l-Lista ta' "Recommendations by series" (*op. cit.* fin-nota 286), Serje H.

351 Ara, pereżempju, it-tweġiba tal-Awstralja, tal-Finlandja, tal-Ġermanja, tal-Ungerija, tal-Portugall u tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) għall-Parti III, q. (e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (op. cit. fin-nota 12).

352 Ara t-tweġiba tal-Ungerija għall-Parti III, q. (e) tal-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż (*ibid.*).

# ANNESSI

# ANNESS I

# Kumpilazzjoni ta’ Prattiki Tajbin

# PARTI A IL-BIDU TAL-UŻU TA' KONNESSJONI BIL-VIDJO

## A1 KUNSIDERAZZJONIJIET PRELIMINARI

### A1.1 Bażijiet ġuridiċi

#### a. L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont id-dritt intern

1 Skont l-Artikolu 27, il-Konvenzjoni ma timpedixxix l-użu tad-dritt intern biex issir kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo f'kundizzjonijiet inqas restrittivi.

2 L-ewwel nett, l-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk il-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo hijiex permessa skont id-dritt intern tal-post fejn il-proċedimenti jkunu pendenti.

3 It-tieni nett, l-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk il-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo tmurx kontra d-dritt intern tal-post li minnu għandha ssir il-kumpilazzjoni tal-provi, inkluż kwalunkwe "statut ta' mblukkar" jew liġi kriminali eżistenti.

#### b. L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont strumenti oħrajn

4 Peress li l-Konvenzjoni ma tidderogax minn strumenti oħra (l-Artikolu 32), l-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk xi strumenti oħra bilaterali jew multilaterali jistgħux jipprevalu fil-kawża partikolari.

#### c. L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi

5 La l-ispirtu u lanqas l-ittra tal-Konvenzjoni ma jikkostitwixxu ostaklu għall-użu ta' teknoloġiji ġodda u l-operazzjoni tal-Konvenzjoni tista' tibbenefika mill-użu tagħhom.

6 Il-Partijiet Kontraenti għadhom ma jistgħux jaqblu dwar jekk il-Konvenzjoni hijiex ta' natura mandatorja (jiġifieri, jekk il-Konvenzjoni tridx tiġi applikata kull meta ssir kumpilazzjoni tal-provi barra mill-pajjiż, kemm jekk fiżikament jew permezz ta' konnessjoni bil-vidjo). Minkejja dan in-nuqqas ta' qbil, il-Kummissjoni Speċjali rrakkomandat li l-Partijiet Kontraenti jagħtu prijorità lill-Konvenzjoni meta tkun qed tintalab kumpilazzjoni tal-provi barra mill-pajjiż (il-prinċipju tal-ewwel għażla).

7 Li wieħed jirrikorri għall-Konvenzjoni jew għal trattati oħra applikabbli huwa ġeneralment konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' statuti ta' mblukkar.

### A1.2 Kumpilazzjoni diretta kontra kumpilazzjoni indiretta ta' provi

8 Il-partijiet kontraenti ma jaqblux dwar jekk il-kumpilazzjoni diretta ta' provi hijiex permessa skont il-Kapitolu I tal-Konvenzjoni. L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk il-kumpilazzjoni diretta ta' provi hijiex permessa fil-post fejn jinsabu l-provi qabel ma jippreżentaw Ittra ta' Talba għal dan il-għan.

9 Skont il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni, il-Kummissarju jista' jikkumpila l-provi fl-Istat ta' Oriġini jew fl-Istat ta' Eżekuzzjoni, soġġett għal kwalunkwe kundizzjoni speċifikata fil-permess mogħti. L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk l-Istat ta' Eżekuzzjoni għamilx riżerva skont l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni.

10 Skont il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni, il-Konslu jista' jikkumpila l-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo minn xhieda/esperti li jinsabu f'post imbiegħed fl-Istat ta'

Eżekuzzjoni, soġġett għal kwalunkwe kundizzjoni speċifikata fil-permess mogħti. L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk dan ikunx possibbli fil-Parti Kontraenti rilevanti.

11 Irrispettivament minn jekk il-provi jiġux ikkumpilati direttament jew indirettament, il-partijiet u r-rappreżentanti jistgħu jkunu preżenti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.

### A1.3 Restrizzjonijiet legali fuq il-kumpilazzjoni tal-provi

12 Il-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo normalment tkun limitata għall-eżami tax-xhud jew tal-espert.

13 Tipikament, japplikaw l-istess restrizzjonijiet legali għal eżami ta' xhud li jsir permezz ta' konnessjoni bil-vidjo daqslikieku jkun xehed bi preżenza fiżika. L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw fid-dritt intern tal-Parti Kontraenti rilevanti jekk humiex imposti xi restrizzjonijiet addizzjonali.

14 L-awtoritajiet huma mħeġġa jipprovdu informazzjoni dwar ir-restrizzjonijiet fil-leġiżlazzjonijiet domestiċi tagħhom relatati mal-użu ta' konnessjoni bil-vidjo għall-kumpilazzjoni tal-provi (pereżempju billi jirrapportaw dawn id-dispożizzjonijiet fil-Profil tal-Pajjiż tagħhom).

## A2 L-UŻU TAL-KONNESSJONI BIL-VIDJO SKONT IL-KAPITOLU I

### A2.1 L-Ittri ta' Talba

15 L-Ittri ta' Talba jistgħu jiġu eżegwiti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo skont l-Artikolu 9(1) jew 9(2) tal-Konvenzjoni.

16 L-Artikolu 9(1) jistabbilixxi l-metodu jew il-proċedura prestabbiliti ta' kumpilazzjoni tal-provi, pereżempju, minn xhud/espert li jinsab f'post (imbiegħed) fl-istess territorju tal-awtorità rikjesta.

17 L-għażla tal-kumpilazzjoni tal-provi permezz ta' konnessjoni bil-vidjo bħala metodu jew proċedura speċjali skont l-Artikolu 9(2) jista' jkollha implikazzjonijiet ta' spejjeż anki relatati mal-abilità li jintalab rimborż.

### A2.2 Il-kontenut, il-forma u t-trażmissjoni tal-Ittra ta' Talba

18 Il-permess biex issir konnessjoni bil-vidjo jista' jintalab kemm fl-Ittra ta' Talba nnifisha kif ukoll sussegwentement b'mezzi ta' komunikazzjoni informali. Madankollu, huwa rrakkomandat li dan jiġi speċifikat fl-Ittra ta' Talba. Huwa rakkomandat ukoll li l-Awtorità Ċentrali tal-Istat Rikjest tiġi kkuntattjata qabel ma tiġi ppreżentata formalment l-Ittra ta' Talba, biex wieħed jikkonferma jekk l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo huwiex possibbli.

19 L-awtoritajiet huma mħeġġa jużaw il-Formola Mudell għall-Ittri ta' Talba u, fejn possibbli u xieraq, jużaw mezzi elettroniċi biex iħaffu t-trażmissjoni tal-Ittri ta' Talba u/jew ta' domandi.

### A2.3 Tweġiba għall-Ittra ta' Talba

20 L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jirrikonoxxu minnufih il-wasla ta' Ittri ta' Talba u jwieġbu għall-mistoqsijiet (inkluż dwar l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo) mil-awtoritajiet rikjedenti u/jew minn partijiet interessati.

## A2.4 In-notifika jew it-taħrika tax-xhud/tal-espert u ta' atturi oħra

21 Il-proċedura għan-notifika jew it-taħrika tax-xhud tista' tvarja skont jekk il-kumpilazzjoni tal-provi ssirx direttament jew indirettament. Għal proċedimenti skont il-Kapitolu I, huwa tipikament l-Istat Rikjest li jinnotifika jew iħarrek lix-xhud/lill-espert.

22 Jekk, u meta, tkun mixtieqa l-kumpilazzjoni diretta ta' provi, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rikjedenti jiżguraw li x-xhud ikun lest li jixhed permezz ta' konnessjoni bil-vidjo qabel ma jippreżentaw Ittra ta' Talba.

## A2.5 Il-Preżenza u l-parteċipazzjoni fl-eżekuzzjoni tal-Ittra ta' Talba

### a. Il-preżenza tal-partijiet u/jew tar-rappreżentanti tagħhom (l-Artikolu 7)

23 Il-preżenza tal-partijiet u tar-rappreżentanti b' konnessjoni bil-vidjo hija soġġetta għal permess, jew għal metodu jew proċedura speċjali skont l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni.

24 L-awtoritajiet rikjedenti għandhom jispeċifikaw fl-Ittra ta' Talba (fil-punti 13 u 14 tal-Formola Mudell), jekk il-preżenza tal-partijiet u tar-rappreżentanti hijiex mitluba li sseħħ permezz ta' konnessjoni bil-vidjo u jekk ikunx meħtieġ kontroeżami.

25 Il-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet u tar-rappreżentanti tagħhom fis-seduta permezz ta' konnessjoni bil-vidjo (jiġifieri, mhux sempliċi preżenza) hija ddeterminata mid-dritt intern tal-Istat Rikjest. Id-dritt intern jista' jippermetti lill-qorti rikjesta teżerċita d-diskrezzjoni tagħha f'dan ir-rigward fuq bażi ta' każ b'każ.

### b. Preżenza ta' membri tal-persunal ġudizzjarju (l-Artikolu 8)

26 Ivverifika jekk l-Istat Rikjest għamilx dikjarazzjoni skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

27 Fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni, il-preżenza ta' persunal ġudizzjarju tista' madankollu tkun possibbli skont id-dritt intern jew il-prattika interna tal-Istat Rikjest.

28 Meta jitolbu awtorizzazzjoni mill-Istat Rikjest, l-awtoritajiet rikjedenti għandhom jispeċifikaw b'mod ċar li l-preżenza tal-persunal ġudizzjarju se sseħħ permezz ta' konnessjoni bil-vidjo u jipprovdu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti tat-tagħmir tal-konnessjoni bil-vidjo tiegħek.

29 Il-parteċipazzjoni attiva tal-persunal ġudizzjarju fis-seduta permezz ta' konnessjoni bil-vidjo (jiġifieri, mhux sempliċi preżenza) hija ddeterminata mid-dritt intern tal-Istat Rikjest. Id-dritt intern jista' jippermetti lill-qorti rikjesta teżerċita d-diskrezzjoni tagħha f'dan ir-rigward fuq bażi ta' każ b'każ.

## A2.6 Miżuri koerċittivi u ġegħil

30 Għall-kuntrarju ta' talbiet ordinarji għal assistenza ġudizzjarja, xhud ġeneralment ma jistax ikun imġiegħel juża speċifikament il-konnessjoni bil-vidjo biex jixhed.

## A2.7 Ġurament/dikjarazzjoni

31 L-għoti ta' ġuramenti jew it-teħid ta' dikjarazzjonijiet jista' jvarja skont jekk il-kumpilazzjoni tal-provi tkunx diretta jew indiretta. Tista' tintalab forma speċifika ta' ġurament jew ta' dikjarazzjoni skont l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni.

32 L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw ir-rekwiżiti rilevanti tad-dritt intern tal-Istat Rikjest,

tal-Istat Rikjedenti jew tat-tnejn, sabiex jiżguraw l-ammissibilità ta’ kwalunkwe provi mogħtija.

### A2.8 L-identifikazzjoni tax-xhud/tal-espert u ta’ atturi oħrajn

33 L-identifikazzjoni tax-xhud/tal-espert tista’ tvarja skont il-ġurisdizzjoni.

34 Proċeduri aktar stretti jistgħu jkunu meħtieġa jekk l-Istat Rikjedenti jrid jidentifika x-xhud/l-espert, minħabba l-użu tat-teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo fil-proċedimenti, u d-distanza bejn l-awtorità rikjedenti u x-xhud.

### A2.9 Dispożizzjonijiet penali

35 Li wieħed jixhed permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo normalment ikun volontarju, għalkemm l-isperġur u d-disprezz lejn il-qorti jistgħu jiġu penalizzati.

36 F’xi każijiet, it-tħaddim ta’ dispożizzjonijiet penali taż-żewġ (jew ta’ diversi) ġurisdizzjonijiet involuti jista’ jagħti lok għal trikkib ġurisdizzjonali jew għal lakuna ġurisdizzjonali.

### A2.10 Privileġġi u salvagwardji oħra

37 Xhud/espert jista’ jinvoka privileġġi skont l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni.

38 Madankollu, peress li l-kumpilazzjoni tal-provi bl-użu ta’ konnessjoni bil-vidjo tibqa’, f’ħafna każijiet, volontarja, ix-xhud/l-espert mhuwiex obbligat li speċifikament juża konnessjoni bil-vidjo biex jixhed u jista’ jirrifjuta li jagħmel dan mingħajr il-ħtieġa li jinvoka kwalunkwe privileġġ jew dmir.

### A2.11 Spejjeż

39 L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo fl-eżekuzzjoni ta’ Ittra ta’ Talba jista’ jwassal għal spejjeż skont l-Artikolu 14(2).

40 Qabel ma titlob l-użu ta’ konnessjoni bil-vidjo fl-eżekuzzjoni ta’ Ittra ta’ Talba, ivverifika jekk humiex involuti spejjeż kemm fl-Istat Rikjedenti u kemm fl-Istat Rikjest, u min ikun responsabbli li jġarrab tali spejjeż.

## A3 L-UŻU TAL-KONNESSJONI BIL-VIDJO SKONT IL-KAPITOLU II

### A3.1 Konsli u Kummissarji

41 Huwa importanti li wieħed jinnota li l-Partijiet Kontraenti jistgħu, bis-saħħa ta’ dikjarazzjoni skont l-Artikolu 33, jeskludu l-applikazzjoni tal-Kapitolu II, kompletament jew parzjalment. L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk il-Parti Kontraenti rilevanti tkunx għamlet dikjarazzjoni bħal din.

42 Ix-xenarju l-aktar komuni skont il-Kapitolu II huwa fejn il-Kummissarju li jinsab fl-Istat ta’ Oriġini jikkumpila provi permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo fl-Istat ta’ Eżekuzzjoni.

43 Meta jkun prattikament possibbli, il-partijiet, ir-rappreżentanti tagħhom u/jew il-persunal ġudizzjarju fl-Istat ta’ Oriġini jkunu jistgħu jkunu preżenti permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo matul il-kumpilazzjoni tal-provi minn Kummissarju jew Konslu,

u/jew ikunu jistgħu jieħdu sehem fl-eżami tax-xhud. Tali preżenza u parteċipazzjoni jkunu permessi sakemm ma jkunux inkompatibbli mad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni u xorta waħda jkunu soġġetti għal kwalunkwe kundizzjoni speċifikata meta jingħata l-permess.

## A3.2 Ħtieġa għal permess mill-Istat ta' Eżekuzzjoni

44 Skont l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni, *mhuwiex* meħtieġ permess sakemm Parti Kontraenti ma tkunx għamlet dikjarazzjoni. L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk l-Istat ta' Eżekuzzjoni jkunx għamel dikjarazzjoni skont dan l-Artikolu.

45 Skont l-Artikoli 16 u 17 tal-Konvenzjoni, permess *huwa* meħtieġ sakemm il-Parti Kontraenti ma tkunx għamlet dikjarazzjoni li tista' ssir kumpilazzjoni tal-provi mingħajr il-permess tagħha minn qabel. L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk l-Istat ta' Eżekuzzjoni jkunx għamel dikjarazzjoni skont dawn l-Artikoli.

46 It-talba għal permess għandha tispeċifika li l-kumpilazzjoni tal-provi se ssir permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, u jekk tkunx meħtieġa kwalunkwe assistenza speċifika mill-Istat ta' Eżekuzzjoni. Il-Formola Mudell tista' tintuża għal dan l-iskop.

47 Il-Konsli u l-Kummissarji jridu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet speċifikati mill-Istat ta' Eżekuzzjoni fl-għoti tal-permess tiegħu.

## A3.3 In-notifika tax-xhud

48 Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 21(b) u (c) tal-Konvenzjoni, huwa importanti li l-Konslu jew il-Kummissarju jinnotifika lix-xhud li l-provi se jiġu kkumpilati permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.

## A3.4 L-attendenza, il-preżenza, il-parteċipazzjoni tal-partijiet, tar-rappreżentanti tagħhom, u/jew ta' persunal ġudizzjarju

49 Jekk ma jkunux kuntrarji għad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni, il-preżenza u l-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet, tar-rappreżentanti tagħhom, u ta' persunal ġudizzjarju permezz ta' konnessjoni bil-vidjo għandhom isegwu l-istess regoli bħallikieku l-kumpilazzjoni tal-provi tkun saret fiżikament fl-Istat ta' Oriġini.

50 Il-persunal ġudizzjarju tal-qorti ta' oriġini jista' jinħatar bħala Kummissarju biex jeżamina persuna li tinsab fl-Istat ta' Eżekuzzjoni permezz ta' konnessjoni bil-vidjo u jista' jmexxi s-seduta skont id-dritt domestiku tal-Istat ta' Oriġini.

## A3.5 Miżuri koerċittivi u ġegħil

51 Ix-xhud/l-espert mhuwiex imġiegħel jixhed sakemm l-Istat ta' Eżekuzzjoni ma jkunx għamel dikjarazzjoni skont l-Artikolu 18 u l-awtorità kompetenti tkun aċċettat it-talba biex tipprovdi assistenza biex tinkiseb it-testimonjanza b'ġegħil. L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk l-Istat ta' Eżekuzzjoni għamilx dikjarazzjoni bħal din.

52 Anki jekk l-awtorità ta' Parti Kontraenti ġġiegħel lix-xhud jixhed, din mhux neċessarjament tkun tista' ġġiegħel lix-xhud juża l-konnessjoni bil-vidjo sabiex jixhed.

## A3.6 Ġurament/dikjarazzjoni

53 Il-Konslu jew il-Kummissarju għandu s-setgħa li jagħti ġurament jew li jieħu dikjarazzjoni skont id-dritt tal-Istat ta' Oriġini sakemm ma jkunx inkompatibbli mad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni, jew kuntrarju għal kwalunkwe permess mogħti mill-Istat ta' Eżekuzzjoni (l-Artikolu 21(a) u (d)).

54 Skont strumenti nazzjonali jew internazzjonali, ġuramenti mogħtija/dikjarazzjonijiet meħuda minn Konsli jew Kummissarji jista' jkollhom effetti ekstraterritorjali fl-Istat ta' Eżekuzzjoni.

### A3.7 L-identifikazzjoni tax-xhud/tal-espert u ta' atturi oħrajn

55 Il-Konslu jew il-Kummissarju huwa responsabbli għall-identifikazzjoni tax-xhud/tal-espert skont id-dritt tal-Istat ta' Oriġini, sakemm dan ma jkunx inkompatibbli jew mad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni jew mal-kundizzjonijiet marbuta mal-permess tiegħu.

### A3.8 Dispożizzjonijiet penali

56 Il-possibbiltà ta' trikkib fl-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet penali differenti, jew lakuni ġurisdizzjonali bejniethom, jitħallew għal strumenti domestiċi u/jew internazzjonali, kif ukoll għal kwalunkwe arranġament applikabbli.

### A3.9 Privileġġi u salvagwardji oħra

57 L-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni jipprovdi diversi salvagwardji għax-xhud, li jinkludu: il-mod kif għandha ssir il-kumpilazzjoni tal-provi, il-lingwa li fiha għandha ssir it-talba lix-xhud, u l-informazzjoni li għandha tingħata f'tali talba.

### A3.10 Spejjeż

58 L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo jista' jwassal għal spejjeż addizzjonali. Jekk dawn l-ispejjeż għandhomx jitħallsu mill-partijiet huwa stabbilit mid-dritt tal-Istat ta' Oriġini.

## PARTI B IT-TĦEĦĦIJA GĦAS-SEDUTI PERMEZZ TAL-KONNESSJONI BIL-VIDJO U KIF GĦANDHOM JITMEXXEW

59 Meta jkun possibbli, l-awtoritajiet huma mħeġġa jippubblikaw informazzjoni prattika ġenerali u/jew linji gwida (preferibbilment online) biex jassistu lil dawk li jkunu qed iħejju biex jagħmlu jew jeżegwixxu talba bl-użu tal-konnessjoni bil-vidjo. Fejn possibbli, l-awtoritajiet huma mistiedna jaqsmu din l-informazzjoni mal-Bureau Permanenti għall-pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-HCCH. Informazzjoni aktar speċifika u sensittiva tista' tingħata lill-partijiet involuti wara talba.

60 Hija r-responsabbiltà tal-atturi kollha fit-tħejjija u fl-eżekuzzjoni ta' konnessjoni bil-vidjo li jiżguraw li tinżamm komunikazzjoni effettiva.

### B1 Il-kunsiderazzjoni ta' ostakli prattiċi potenzjali

61 Dawk li jkunu qed iħejju biex jippreżentaw talba għal konnessjoni bil-vidjo jenħtieġ li

jistaqsu lill-awtorità rilevanti biex jikkonfermaw li ma hemm l-ebda ostaklu prattiku jew limitazzjoni għall-eżekuzzjoni ta' talba biex tintuża konnessjoni bil-vidjo fil-kumpilazzjoni tal-provi (speċjalment skont il-Kapitolu II).

## B2 Skedar u ttestjar

62 Meta jkunu se jiskedaw seduta li se tuża l-konnessjoni bil-vidjo, l-awtoritajiet huma mħeġġa jżommu f'moħħhom id-differenzi fiż-żoni tal-ħin u l-implikazzjonijiet tal-ħidma barra s-sigħat tax-xogħol regolari, bħall-possibbiltà ta' spejjeż addizzjonali u disponibbiltà limitata ta' persunal ta' appoġġ.

63 L-awtoritajiet huma mħeġġa wkoll jittestjaw il-konnessjoni qabel seduta, kif ukoll jagħmlu manutenzjoni regolari tat-tagħmir.

## B3 Appoġġ u taħriġ tekniku

64 L-awtoritajiet huma mħeġġa, fejn applikabbli, biex jipprovdu d-dettalji ta' kuntatt meħtieġa biex jiżguraw li kull parteċipant f'seduta b'konnessjoni bil-vidjo jkollu aċċess għal appoġġ tekniku xieraq.

65 Huwa rakkomandat li kwalunkwe membru tal-persunal li jista' jkun involut fil-kontroll jew fit-tħaddim tat-tagħmir tal-konnessjoni bil-vidjo jingħata mill-inqas livell bażiku ta' taħriġ.

## B4 Prenotazzjoni ta' faċilitajiet xierqa

66 L-awtoritajiet għandhom jikkonfermaw kwalunkwe rekwiżit jew restrizzjoni b'rabta mal-faċilitajiet li għandhom jiġu pprenotati, bħat-tip ta' kamra tas-seduta (pereżempju, awla tal-qorti, kamra tal-konferenzi) jew il-post ta' dik il-kamra (pereżempju f'bini tal-qorti, f'missjoni diplomatika jew konsulari, f'lukanda).

67 L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw jekk il-faċilitajiet għandhomx jiġu pprenotati minn qabel u huma mħeġġa jagħmlu użu mill-għodod online biex jiffaċilitaw il-proċess ta' prenotazzjoni.

### B4.1 L-użu ta' dokumenti u esibiti

68 Jekk iridu jintużaw dokumenti jew esibiti, għandu jintlaħaq ftehim u jsiru arranġamenti dwar mezz xieraq għall-kondiviżjoni u l-preżentazzjoni formali tagħhom qabel jew waqt is-seduta.

### B4.2 Komunikazzjonijiet privati

69 Linji addizzjonali (kunfidenzjali) ta' komunikazzjoni jistgħu jkunu rakkomandati jew meħtieġa, pereżempju jekk parti/xhud u r-rappreżentant legali tiegħu jkunu qed jipparteċipaw minn postijiet differenti.

### B4.3 Każijiet speċjali

70 F'ċirkostanzi speċjali, jistgħu jkunu meħtieġa parteċipanti addizzjonali jew miżuri

addizzjonali ta’ sigurtà/protezzjoni, b’mod partikolari fil-każ ta’ xhieda vulnerabbli.

## B5 L-użu tal-interpretazzjoni

71 Minħabba n-natura diffiċli tal-ambjent tal-konnessjoni bil-vidjo, huwa rrakkomandat li jiġu ingaġġati biss interpreti bi kwalifiki u esperjenza xierqa, fejn possibbli.

72 Il-parteċipanti għandhom jiddeċiedu, filwaqt li jżommu f’moħħhom ir-rekwiżiti tad-dritt intern u kwalunkwe struzzjoni mill-qorti, jekk għandhiex tintuża interpretazzjoni konsekuttiva jew simultanja (l-ewwel waħda ġeneralment tiġi rrakkomandata fil-kuntest tal-konnessjoni bil-vidjo) u fejn se jkun l-interpretu (preferibbilment fl-istess post bħax-xhud).

## B6 Reġistrazzjoni, rapportar u reviżjoni

73 Il-parteċipanti għandhom jikkonfermaw kif se jiġu rreġistrati l-proċedimenti, filwaqt li jingħad li fejn ikun possibbli u permess, reġistrazzjoni bil-vidjo tista’ tkun preferibbli minn reġistrazzjoni bil-miktub. L-awtoritajiet għandhom jiżguraw li l-immaniġġjar u l-ħżin sussegwenti ta’ kwalunkwe reġistrazzjoni jew rapport prodott ikunu siguri.

74 Għandhom isiru l-arranġamenti meħtieġa għat-tagħmir ta’ reġistrazzjoni u/jew għal stenografu jew reporter tal-qorti biex jattendu s-seduta.

75 L-awtoritajiet għandhom jiżguraw li t-trażmissjoni diretta permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo tkun sigura u jekk possibbli, kriptata.

76 Fejn applikabbli, il-parteċipanti huma mħeġġa jirrapportaw kwalunkwe kwistjoni jew problema ta’ natura prattika lill-awtoritajiet ikkonċernati. L-awtoritajiet huma mħeġġa wkoll li jkunu proattivi u jitolbu dan il-feedback biex itejbu aktar il-forniment tas-servizzi ta’ konnessjoni bil-vidjo.

## B7 L-ambjent, il-pożizzjonament u l-protokolli

77 Il-kundizzjonijiet fil-kmamar jew l-ispazji kollha li jridu jiġu konnessi matul is-seduta għandhom jiġu ottimizzati għall-użu tal-konnessjoni bil-vidjo, inkluż id-daqs tal-kamra, it-tqassim, l-aċċess, l-akustika u d-dawl.

78 It-tagħmir għandu jiġi ppreparat b’tali mod li jissimula seduta “fiżika”, billi jiġi żgurat numru xieraq ta’ kameras u mikrofoni b’mod li kull parteċipant ikun jista’ jidher u jinstema’ bl-inqas diffikultà jew tfixkil.

### B7.1 Il-kontroll tal-kameras/tal-awdjo

79 Huwa rrakkomandat li tintuża interfaċċa faċli għall-utent u li tippermetti tħaddim faċli tat-tagħmir, preferibbilment mill-uffiċjal li jkun qed jippresiedi.

### B7.2 Il-protokoll biex wieħed jitkellem

80 Biex inaqqsu t-tfixkil ikkawżat minn dewmien possibbli fil-konnessjoni, l-awtoritajiet jistgħu jkunu jixtiequ jikkunsidraw protokoll għal min jitkellem fost il-parteċipanti waqt is-seduta, speċjalment jekk tkun se tintuża l-interpretazzjoni.

### B7.3 Protokoll f'każ ta' qtugħ fil-komunikazzjoni

81 Il-parteċipanti kollha għandhom ikunu mgħarrfa bil-proċedura ta' kif jiġbdu l-attenzjoni tal-uffiċjal li jkun qed jippresiedi fuq diffikultajiet tekniċi li jiltaqgħu magħhom waqt is-seduta u bid-dettalji tal-kuntatt tal-persunal ta' appoġġ tekniku, inkluż is-servizz ta' pont minn terzi, jekk applikabbli.

# PARTI C ASPETTI TEKNIĊI U TA' SIGURTÀ

## C1 L-adegwatezza tat-tagħmir

82 L-awtoritajiet huma mħeġġa jużaw tagħmir tal-aħjar kwalità disponibbli sabiex jimitaw kemm jista' jkun seduta fiżika.

83 Il-persunal responsabbli biex jagħmel l-arranġamenti għandu jkun konxju tal-kapaċitajiet u l-faċilitajiet teknoloġiċi, inkluż liema postijiet huma mgħammra bit-teknoloġija meħtieġa.

### C1.1 L-użu ta' software liċenzjat

84 L-użu ta' software liċenzjat huwa ta' vantaġġ speċjalment minħabba d-disponibbiltà ta' appoġġ tekniku, u l-prattika tal-awtoritajiet tikkonferma li l-użu tiegħu huwa preferut.

### C1.2 L-użu ta' fornituri kummerċjali

85 Dawk li jfittxu li jużaw teknoloġija tal-konnessjoni bil-vidjo għall-kumpilazzjoni tal-provi jenħtieġ li jivverifikaw jekk l-użu ta' fornituri kummerċjali disponibbli b'mod wiesa' huwiex permess mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati.

86 Jekk se jintuża fornitur kummerċjali għall-kumpilazzjoni tal-provi, il-parteċipanti u l-awtoritajiet huma mħeġġa biex jiżguraw li jkunu fis-seħħ il-miżuri ta' sigurtà xierqa.

## C2 Standards tekniċi minimi

87 L-istandards tekniċi fi kwalunkwe sistema ta' konnessjoni bil-vidjo għandhom jiġu kkunsidrati b'mod olistiku, biex jiġi żgurat li kull komponent jappoġġja t-tħaddim effettiv tas-sistema.

88 Fost il-modi prinċipali kif tista' tiġi stabbilita konnessjoni bil-vidjo, l-awtoritajiet huma mħeġġa jikkunsidraw l-użu ta' pont ta' vidjokonferenzi jew unità ta' kontroll b'diversi punti (MCU) jew inkorporati fis-sistema jew permezz ta' servizz ta' terzi, sabiex jittaffa t-tħassib dwar l-interoperabbiltà, partikolarment meta tkun se tiġi stabbilita konnessjoni transfruntiera.

### C2.1 Codec

89 Il-codecs għandhom jikkonformaw mal-istandards rilevanti tal-industrija, billi jippermettu tal-inqas trażmissjoni awdjo u vidjo simultanja.

### C2.2 Networks

90 Huwa rakkomandat li jintuża network tal-IP, filwaqt li l-ISDN (jekk ikun disponibbli) jintuża bħala back-up jew kontinġenza.

91 Jekk ikun possibbli, l-awtoritajiet huma mħeġġa jgħammru n-network b'kapaċitajiet b'diversi punti.

### C2.3 Wisa' tal-banda

92 L-awtoritajiet huma mħeġġa jipprovdu n-network tagħhom bil-kapaċità massima ta' wisa' tal-banda possibbli.

93 Skont in-network, il-wisa' tal-banda rrakkomandata bħalissa hija minimu ta' 1.5-2 megabits kull sekonda għal networks tal-IP (jew għallinqas 384 kilobits kull sekonda għal networks tal-ISDN).

### C2.4 Kriptaġġ

94 Il-kriptaġġ ta' sinjali sal-istandard tal-industrija huwa rrakkomandat, bil-prattika tal-awtoritajiet li tikkonferma li qed jintuża b'mod wiesa'.

95 Jekk jintuża l-kriptaġġ, dan għandu jiġi ssettjat għal "awtomatiku" jew "best effort" biex jiġu minimizzati l-problemi ta' kompatibbiltà ma' tipi oħra ta' kriptaġġ.

### C2.5 L-awdjo (Mikrofoni u Speakers)

96 L-awtoritajiet huma mħeġġa jinstallaw sistema awdjo addizzjonali biex itejbu l-kwalità tal-ħoss tat-tagħmir eżistenti tal-konnessjoni bil-vidjo.

97 Huwa rrakkomandat li l-kamra tas-seduta tkun mgħammra b'numru suffiċjenti ta' mikrofoni u speakers biex jintlaħqu l-atturi kollha.

### C2.6 Vidjo (Kameras u Skrins)

98 Sa fejn ikun possibbli, il-kameras għandhom ikunu mgħammra b'funzjonijiet ta' ppannjar, inklinar u ffukar.

99 Huwa rakkomandat li l-kameras u l-iskrins ikunu kapaċi jxandru vidjo b'definizzjoni għolja (720p), u jappoġġjaw riżoluzzjoni ta' mill-inqas 1280x720 pixels.

100 Il-parteċipanti u l-awtoritajiet huma mħeġġa jiċċekkjaw rekwiżiti addizzjonali qabel is-seduta (bħal pereżempju veduta tal-kamra sħiħa, kapaċitajiet ta' skrin maqsum, jew kameras tad-dokumenti).

# ANNESS II

## Tabelli ta' Spjegazzjoni

L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi
Kapitolu I

Kumpilazzjoni indiretta ta' provi (użu possibbli tal-konnessjoni bil-vidjo skont l-Arti 7, 8, 9)




Kumpilazzjoni diretta ta' provi (possibbli f'xi Stati skont l-Art. 9(2))



L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi
Kapitolu II[1]

Kumpilazzjoni diretta ta' provi minn Konslu (Arti 15, 16, 21)




Kumpilazzjoni diretta ta' provi minn Kummissarju (Arti 17, 21)




[1] Skont l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni, Parti Kontraenti tista' teskludi, kompletament jew parzjalment, l-applikazzjoni tal-Kapitolu II. Biex tara d-dikjarazzjonijiet jew ir-riżervi magħmula minn Parti Kontraenti partikolari, ara t-Tabella tal-Istatus għall-Konvenzjoni dwar il-Provi, fil-kolonna intitolata "Res/D/N/DC".

# Annex III

# Practical Examples

## I. L-Użu ta’ Konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu I tal-Konvenzjoni dwar il-Provi

### Eżempju (1)

(i) Kawża ċivili titressaq quddiem qorti tal-Istat X.

(ii) Xhud li joqgħod fl-Istat Y ikun meħtieġ li jixhed.

(iii) L-imħallef li jippresiedi fl-Istat X (l-Istat Rikjedenti) joħroġ Ittra ta’ Talba fejn jitlob lill-Awtorità Ċentrali (maħtura skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi) tal-Istat Y (l-Istat Rikjest) biex tikseb it-testimonjanza permezz tal-awtorità kompetenti xierqa fl-Istat Y.

(iv) Fl-Ittra ta’ Talba, l-awtorità rikjedenti fl-Istat X talbet li jiġu segwiti metodu jew proċedura speċjali skont l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni, jiġifieri li r-rappreżentanti tal-partijiet jitħallew jistaqsu mistoqsijiet ta’ segwitu u li t-testimonjanza tiġi traskritta *verbatim*. L-awtorità rikjesta fl-Istat Y trid tikkonforma ma’ din it-talba skont l-Artikolu 9 sakemm ma tkunx inkompatibbli mad-dritt intern tal-Istat Rikjest jew impossibbli minħabba prattika u proċedura interni, jew diffikultajiet prattiċi.

(v) Wara li tintbagħat l-Ittra ta’ Talba, il-partijiet fil-kawża jaqblu dwar l-użu ta’ konnessjoni bil-vidjo li tippermettilhom li josservaw fl-Istat X it-testimonjanza li għandha tingħata lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat Y. L-awtorità rikjedenti fl-Istat X għalhekk tikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Y, li tikkonferma li l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istat Y għandhom il-faċilitajiet neċessarji u li l-eżami tax-xhud huwa possibbli permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo.

(vi) L-awtorità rikjedenti fl-Istat X imbagħad timla d-dokument fakultattiv mehmuż mal-Formola Mudell għal testimonjanza b’konnessjoni bil-vidjo u tippreżentah lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Y.

(vii) L-Awtorità Ċentrali tal-Istat Y taċċetta l-Ittra ta’ Talba u tgħaddiha lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti, filwaqt li tinnota li l-Ittra ta’ Talba għandha tiġi eżegwita bil-forniment ta’ konnessjoni bil-vidjo.

(viii) L-awtorità ġudizzjarja kompetenti tistabbilixxi li x-xhud fl-Istat Y huwa lest li jixhed, u għalhekk it-talba tista’ tiġi eżegwita mingħajr il-ħtieġa ta’ miżuri ta’ ġegħil.

(ix) L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat Y teżegwixxi l-Ittra ta’ Talba, billi tagħmel l-eżami tax-xhud skont il-liġijiet, il-metodi u l-proċeduri tagħha stess (inkluż, pereżempju, kif jingħata l-ġurament/kif tittieħed id-dikjarazzjoni), iżda b’konformità mat-talbiet ta’ metodu jew proċedura speċjali tal-Artikolu 9 magħmula mill-awtorità rikjedenti fl-Istat X.

(x) Il-proċedimenti jixxandru permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo lil awla fl-Istat X fejn huma preżenti l-partijiet u r-rappreżentanti legali tagħhom, skont kif inhuma permessi mill-Artikolu 7.

(xi) Għalkemm l-Istat Y ma għamilx dikjarazzjoni skont l-Artikolu 8 fir-rigward tal-preżenza ta’ persunal ġudizzjarju tal-awtorità rikjedenti, ir-regoli domestiċi tal-Istat Rikjest madankollu jippermettu l-preżenza tagħhom. Għaldaqstant, l-imħallef fl-Istat X huwa preżenti wkoll waqt is-seduta permezz ta’ konnessjoni bil-vidjo.

(xii) Id-dritt tal-Istat Y lanqas ma jipprojbixxi t-talbiet speċjali magħmula mill-Istat X, u għalhekk, sa fejn huma wkoll possibbli, se jiġu osservati.

(xiii) F’dan il-każ, hija meħtieġa interpretazzjoni u ġie miftiehem li l-awtorità rikjedenti fl-Istat X tagħmel arranġamenti biex interpretu kkwalifikat mir-reġistru nazzjonali tagħha jkun preżenti mal-partijiet, ir-rappreżentanti tagħhom u l-persunal ġudizzjarju fl-Istat X.

(xiv) Għalkemm id-dritt tal-Istat Y ma jippermettix li l-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom, u/jew il-persunal ġudizzjarju fl-Istat X jipparteċipaw b’mod attiv matul il-proċedimenti, skont it-talba magħmula bħala metodu jew proċedura speċjali skont l-Artikolu 9, ir-rappreżentanti legali tal-partijiet jistgħu jistaqsu mistoqsijiet ta’ segwitu, sakemm dawn jiġu mistoqsija permezz tal-imħallef li jippresiedi fl-Istat Y, bl-użu tal-interpretazzjoni fl-Istat X.

(xv) Skont it-talba skont l-Artikolu 9, isiru arranġamenti (skont liema awtorità tkun fl-aħjar pożizzjoni biex tagħmel dan) għal stenografu jew reporter tal-qorti li jkun preżenti biex jittraskrivi l-proċedimenti *verbatim*. It-traskrizzjoni *verbatim* tal-proċedimenti tiġi ppreparata u mbagħad

tintbagħat lill-awtorità rikjedenti fl-Istat X, flimkien mad-dokumenti li jistabbilixxu l-eżekuzzjoni skont l-Artikolu 13.

(xvi) Ġeneralment, l-awtorità rikjesta teżegwixxi l-Ittra ta' Talba mingħajr ebda rimborż ta' spejjeż, ħlief, skont l-Artikolu 14(2), għat-tariffi li għandhom jitħallsu lill-esperti u/jew lill-interpreti jew l-ispejjeż ikkawżati mill-użu ta' metodu jew proċedura speċjali. F'dan il-każ, ma hemmx bżonn li l-Istat Y jiġi rrimborżat għat-tariffi mħallsa lill-interpretu minħabba li l-interpretu kien organizzat mill-awtorità fl-Istat X. It-talbiet magħmula mill-awtorità ġudizzjarja fl-Istat X għal stenografu jew reporter tal-qorti li jipproduċi traskrizzjoni *verbatim* bħala metodu jew proċedura speċjali x'aktarx twassal għal spejjeż addizzjonali li jkollhom jiġu rrimborżati. Peress li l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo ma ntalabx skont l-Artikolu 9 u kien sempliċement talba informali lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Y, l-ispejjeż assoċjati mal-użu tal-faċilitajiet għall-konnessjoni bil-vidjo jistgħu ma jkunux neċessarjament meħtieġa li jiġu rrimborżati, skont id-dritt u l-proċedura interni tal-Istat Rikjest. Madankollu, huwa possibbli li l-Istat Y jista' jikkunsidra li talba informali għall-użu ta' konnessjoni bil-vidjo xorta waħda taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9(2) u għalhekk l-ispejjeż ikollhom jiġu rrimborżati.

Eżempju (2)

(i) Kawża tal-familja titressaq quddiem qorti fl-Istat X.

(ii) Xhud li joqgħod fl-Istat Y ikun meħtieġ li jixhed.

(iii) Il-partijiet fil-kawża jaqblu dwar l-użu ta' konnessjoni vidjo li tippermettilhom li josservaw fl-Istat X it-testimonjanza li għandha tingħata lill-awtorità kompetenti xierqa fl-Istat Y.

(iv) L-imħallef li jippresiedi fl-Istat X (l-Istat Rikjedenti) joħroġ Ittra ta' Talba li titlob lill-Awtorità Ċentrali (skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi) tal-Istat Y (l-Istat Rikjest) biex tikseb it-testimonjanza permezz tal-awtorità kompetenti xierqa fl-Istat Y. Fl-Ittra ta' Talba, l-awtorità rikjedenti fl-Istat X titlob li t-testimonjanza tittieħed permezz tal-konnessjoni bil-vidjo u tiġi rreġistrata bil-vidjo bħala metodu jew proċedura speċjali skont l-Artikolu 9. Barra minn hekk, l-awtorità rikjedenti fl-Istat X inkludiet talba addizzjonali skont l-Artikolu 9 biex jiġi kontroeżaminat ix-xhud. L-awtorità rikjesta fl-Istat Y trid tikkonforma ma' dawn it-talbiet skont l-Artikolu 9 sakemm ma jkunx inkompatibbli mad-dritt intern tal-Istat Rikjest jew sakemm dawn it-talbiet ma jkunux impossibbli minħabba prattika u proċedura interni, jew minħabba diffikultajiet prattiċi.

(v) L-awtorità Ċentrali tal-Istat Y taċċetta l-Ittra ta' Talba u tgħaddiha lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti, filwaqt li tinnota li peress li mhijiex inkompatibbli mad-dritt intern u l-awtorità ġudizzjarja għandha l-faċilitajiet meħtieġa biex tagħmel il-konnessjoni bil-vidjo possibbli (u li tista' tiġi rreġistrata), l-Ittra ta' Talba trid għalhekk tiġi eżegwita permezz ta' konnessjoni bil-vidjo. Barra minn hekk, id-dritt intern tal-Istat Y mhuwiex inkompatibbli mat-talba għal kontroeżami u għalkemm ma jintużax ta' spiss, huwa possibbli.

(vi) L-awtorità ġudizzjarja fl-Istat Y tħarrek ix-xhud iżda dan ma jidhirx. B'riżultat ta' dan u skont l-Artikolu 10, l-awtorità ġudizzjarja ddur għad-dispożizzjonijiet tad-dritt domestiku tagħha, li jipprevedulha li toħroġ taħrika li teħtieġ li x-xhud jixhed soġġett għal penali għal nuqqas ta' konformità. F'konformità mat-taħrika, ix-xhud jidher quddiem il-qorti.

(vii) L-Istat Y iddikjara, skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar il-Provi, li l-persunal ġudizzjarju tal-awtorità rikjedenti jista' wkoll ikun preżenti, soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel minn awtorità kompetenti. F'dan il-każ, l-awtorità kompetenti (li hija wkoll l-Awtorità Ċentrali) fl-Istat Y tat il-permess tagħha biex il-persunal ġudizzjarju tal-Istat X ikun preżenti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.

(viii) L-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat Y twettaq l-eżami tax-xhud skont il-metodi u l-proċeduri tal-Istat Rikjest, inkluż fir-rigward tal-ġurament mogħti jew tad-dikjarazzjoni meħuda.

(ix) Skont it-talba tal-Artikolu 9 għal metodu jew proċedura speċjali, il-proċedimenti jixxandru wkoll permezz ta' konnessjoni bil-vidjo ma' awla fl-Istat X, fejn il-partijiet u r-rappreżentanti legali

tagħhom huma preżenti. Skont il-parti l-oħra tat-talba tal-Artikolu 9, il-kontroeżami jsir mir-rappreżentant ta' waħda mill-partijiet fl-Istat X billi jistaqsi l-mistoqsijiet tiegħu direttament lix-xhud. Interpretu li jinsab fl-Istat X jittraduċi kemm il-mistoqsijiet tar-rappreżentant kif ukoll it-tweġibiet mogħtija mix-xhud.

(x) Skont it-talba magħmula skont l-Artikolu 9, il-proċedimenti jiġu rreġistrati wkoll bil-vidjo. F'konsultazzjoni mal-awtorità rikjedenti fl-Istat X, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti fl-Istat Y tagħmel l-arranġamenti biex ir-reġistrazzjoni tal-vidjo tiġi kriptata u trażmessa b'mod diġitali lill-awtorità rikjedenti b'mod sigur u kompatibbli mad-dritt intern taż-żewġ Stati.

(xi) Ġeneralment, l-awtorità rikjesta teżegwixxi l-Ittra ta' Talba mingħajr ebda rimborż ta' spejjeż, ħlief, skont l-Artikolu 14(2), għat-tariffi li għandhom jitħallsu lill-esperti u/jew lill-interpreti jew l-ispejjeż ikkawżati mill-użu ta' metodu jew proċedura speċjali. F'dan il-każ, minħabba li l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo u r-reġistrazzjoni vidjo sussegwenti kienu mitluba skont l-Artikolu 9 bħala metodu jew proċedura speċjali, l-ispejjeż assoċjati mal-użu tal-faċilitajiet tal-konnessjoni bil-vidjo u l-kriptaġġ/it-trażmissjoni sussegwenti x'aktarx li wkoll ikollhom jiġu rrimborżati.

## Eżempju (3)

(i) Kawża kummerċjali ġiet ippreżentata f'qorti fl-Istat X.

(ii) Huwa meħtieġ li xhud li joqgħod fl-Istat Y jixhed.

(iii) Ir-rappreżentanti legali ta' waħda mill-partijiet jitolbu lill-Qorti tibgħat Ittra ta' Talba biex tinkiseb it-testimonjanza ta' xhud fl-Istat Y, billi t-testimonjanza tittieħed permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.

(iv) Il-Qorti fl-Istat X (bħala l-awtorità rikjedenti) tibgħat l-Ittra ta' Talba lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Y (bħala l-awtorità rikjesta), inkluża talba għal metodu jew proċedura speċjali skont l-Artikolu 9 biex il-provi jiġu kkumpilati direttament mill-Istat Rikjedenti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.

### *Eżempju 3A*

(v) Bis-saħħa tad-dritt intern tal-Istat Y, il-kumpilazzjoni diretta tal-provi mhijiex permessa skont il-Kapitolu I tal-Konvenzjoni. Bħala tali, il-metodu jew proċedura speċjali skont l-Artikolu 9 ma jistgħux jiġu eżegwiti, peress li huma inkompatibbli mad-dritt tal-Istat Rikjest.

(vi) Wara li informat lill-awtorità rikjedenti fl-Istat X, l-awtorità rikjesta fl-Istat Y għalhekk tipproċedi (f'konsultazzjoni mal-awtorità rikjedenti) biex teżegwixxi l-Ittra ta' Talba indirettament, billi tuża l-liġijiet u l-proċeduri tagħha stess. L-awtorità kompetenti fl-Istat Y għalhekk twettaq l-eżami bl-użu ta' mistoqsijiet mill-awtorità rikjedenti (probabbli pprovduti mir-rappreżentanti legali tal-partijiet) fl-Istat X.

### *Eżempju 3B*

(v) Bis-saħħa tad-dritt intern tal-Istat Y, il-kumpilazzjoni diretta ta' provi hija permessa skont il-Kapitolu I tal-Konvenzjoni. Għalhekk, il-metodu jew il-proċedura speċjali skont l-Artikolu 9 jistgħu jiġu sodisfatti.

(vi) L-awtorità rikjesta fl-Istat Y tevalwa t-talba u tagħti permess biex il-provi jiġu kkumpilati direttament, bil-kundizzjoni li: ix-xhud ikun jinsab f'awla tal-qorti fl-Istat Y; l-eżami jsir mill-qorti rikjedenti; u li uffiċjal ġudizzjarju mill-Istat Y ikun preżenti biex iwettaq ċerti kompiti u jissorvelja l-proċedimenti.

(vii) Ir-rappreżentanti legali fl-Istat X, f'konsultazzjoni mal-awtorità rikjedenti fl-Istat X, jagħmlu l-arranġamenti prattiċi meħtieġa skont il-kundizzjonijiet marbuta mal-permess

tal-awtorità rikjesta fl-Istat Y. Dan jinkludi li jinformaw lix-xhud, li jikkuntattjaw lill-Istat Y biex jipprenotaw awla f'data u f'ħin xierqa, kif ukoll li jagħmlu arranġamenti biex jattendi uffiċjal ġudizzjarju mill-Istat Y.

(viii) Biex jassisti fil-kumpilazzjoni diretta tal-provi, jiġi appuntat ukoll interpretu fl-Istat X.

(ix) Fil-bidu tas-seduta bil-konnessjoni bil-vidjo, l-uffiċjal ġudizzjarju li jirrappreżenta lill-Istat Y jidentifika lix-xhud.

(x) Uffiċjal ġudizzjarju tal-awtorità rikjedenti fl-Istat X u l-uffiċjal ġudizzjarju preżenti u li jirrappreżenta lill-Istat Y jinformaw kull wieħed lix-xhud bil-privileġġi li jistgħu jiġu invokati matul is-seduta, skont il-liġijiet u l-proċeduri tal-Istat X u tal-Istat Y rispettivament.

(xi) Il-provi jiġu kkumpilati skont il-liġijiet u l-proċeduri tal-Istat X, billi t-testimonjanza tkun qiegħda tittieħed direttament mill-qorti rikjedenti fl-Istat X.

(xii) Skont il-kundizzjonijiet imposti mill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Y, l-uffiċjal ġudizzjarju tal-Istat Y huwa responsabbli biex jissorvelja l-proċedimenti, b'mod partikolari billi jiżgura li x-xhud bl-ebda mod ma jkun mġiegħel jew inkella ggwidat meta jixhed.

(xiii) Relatur tal-qorti fl-Istat X iħejji rapport tat-testimonjanza.

## II. L-Użu ta' Konnessjoni bil-vidjo skont il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni dwar il-Provi

*Nota: Skont l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni dwar il-Provi, Parti Kontraenti tista' teskludi l-applikazzjoni kollha jew parzjali tal-Kapitolu II. Dawn l-eżempji jassumu li l-Istat ta' Eżekuzzjoni ma għamilx tali esklużjoni, u li l-Istat ta' Oriġini ma ressaqx riżerva li għaliha l-Istat ta' Eżekuzzjoni "li ma joġġezzjonax" madankollu japplika r-reċiproċità skont l-Artikolu 33(3).*

Eżempju (4)

(i) Kawża tal-familja titressaq quddiem qorti (il-qorti ta' oriġini) fl-Istat X.

(ii) Xhud li joqgħod fl-Istat Y ikun meħtieġ li jixhed.

(iii) Peress li x-xhud huwa wkoll ċittadin tal-Istat X, il-partijiet u l-qorti ta' oriġini jaqblu li Konslu tal-Istat X (l-Istat ta' Oriġini) li jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu fl-Istat Y (l-Istat ta' Eżekuzzjoni) għandu jieħu t-testimonjanza tax-xhud.

(iv) Il-partijiet jitolbu li tiġi stabbilita konnessjoni bil-vidjo sabiex l-eżami tax-xhud li jsir mill-Konslu jixxandar f'awla tal-qorti fl-Istat X, fejn il-partijiet u r-rappreżentanti legali tagħhom ikunu preżenti.

(v) L-użu tal-konnessjoni bil-vidjo huwa espliċitament previst mid-dritt tal-Istat X, u mhuwiex ipprojbit mid-dritt tal-Istat Y.

(vi) Peress li x-xhud huwa ċittadin tal-Istat X, skont l-Artikolu 15 ma hemmx bżonn li jintalab permess mingħand l-awtorità kompetenti maħtura fl-Istat Y.

(vii) Ix-xhud lest li jixhed u, billi huwa ċittadin tal-Istat X, jitkellem tajjeb fil-lingwa tal-qorti ta' oriġini. Għaldaqstant, f'dan il-każ la l-ġegħil u lanqas l-interpretazzjoni mhuma meħtieġa.

(viii) Madankollu, minħabba li l-Istat Y huwa Stat ġeografikament kbir u x-xhud huwa f'post imbiegħed sew mill-belt fejn il-Konslu huwa bbażat, il-Konslu jiddeċiedi (b'konsultazzjoni mal-qorti ta' oriġini) li jkun iktar effiċjenti li tiġi stabbilita konnessjoni bil-vidjo fi tliet direzzjonijiet. Din il-konnessjoni bil-vidjo għalhekk tgħaqqad lill-qorti ta' oriġini fl-Istat X, lill-Konslu li jirrappreżenta lill-Istat X fl-Ambaxxata fl-Istat Y, u lix-xhud li huwa wkoll fl-Istat Y, iżda f'lokalità differenti, imbiegħda u fil-preżenza ta' persuna oħra kompetenti li tidentifika lix-xhud u li tiżgura li x-xhud ma jkunx iggwidat u/jew imġiegħel f'kull ħin.

(ix) L-eżami tax-xhud isir skont id-dritt u l-proċedura tal-Istat ta' Oriġini, sa fejn dan mhuwiex

ipprojbit mill-Istat ta' Eżekuzzjoni.

(x) Skont it-talba tal-partijiet u skont id-dritt tal-Istat X, il-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom, u/jew il-persunal ġudizzjarju tal-Istat ta' Oriġini huma preżenti waqt is-seduta permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, peress li dan mhuwiex ipprojbit mid-dritt tal-Istat Y.

(xi) Il-Konslu, kif mogħti s-setgħa mill-Istat ta' Oriġini, jagħti l-ġurament/jieħu d-dikjarazzjoni peress li dan mhuwiex inkompatibbli mad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni.

(xii) F'dan il-każ, l-ispejjeż jitħallsu mill-parti li qed titlob li jiġu kkumpilati l-provi.

Eżempju (5)

(i) Kawża ċivili titressaq quddiem qorti (il-qorti tal-oriġini) fl-Istat X.

(ii) Xhud li joqgħod fl-Istat Y ikun meħtieġ li jixhed.

(iii) Il-Kummissarju jinħatar mill-qorti ta' oriġini fl-Istat X (l-Istat ta' Oriġini) biex jieħu t-testimonjanza tax-xhud li jinsab fl-Istat Y (l-Istat ta' Eżekuzzjoni).

(iv) Il-partijiet għall-kawża jaqblu li l-Kummissarju jibqa' fl-Istat X u juża konnessjoni bil-vidjo biex jieħu t-testimonjanza mix-xhud fl-Istat Y, peress li l-użu tat-teknoloġija huwa previst fid-dritt tal-Istat ta' Oriġini.

(v) Barra minn hekk, l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo ma jridx ikun ipprojbit mid-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni. F'dan il-każ, id-dritt tal-Istat Y jippermetti l-użu ta' konnessjoni bil-vidjo biex tiffaċilita l-kumpilazzjoni tal-provi.

(vi) L-Istat Y għamel dikjarazzjoni skont l-Artikolu 17 fejn tenna li se jkun meħtieġ il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti nnominata tiegħu. Ir-rappreżentanti tal-partijiet jipproċedu biex jitolbu l-permess tal-awtorità kompetenti tal-Istat Y.

(vii) L-awtorità kompetenti tagħti permess, soġġett għall-kundizzjoni li x-xhud jiġi identifikat minn uffiċjal tal-awtorità kompetenti qabel ma tittieħed it-testimonjanza.

(viii) Il-Kummissarju huwa responsabbli biex jagħmel l-arranġamenti prattiċi meħtieġa, kif ukoll biex jibgħat it-talba li tindika d-data, il-ħin, il-post u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra lix-xhud.

(ix) Peress li x-xhud huwa lest u jaqbel li jixhed, ma hemmx bżonn li jiġu kkunsidrati kwistjonijiet relatati mal-ġegħil.

(x) F'dan il-każ, hija meħtieġa l-interpretazzjoni kemm għall-Kummissarju kif ukoll għax-xhud. Il-Kummissarju jagħmel arranġamenti biex interpretu kkwalifikat ikun preżenti max-xhud fl-Istat Y.

(xi) Il-Kummissarju jmexxi l-eżami tax-xhud skont id-dritt u l-proċedura tal-Istat ta' Oriġini, sakemm dan ma jkunx inkompatibbli mad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni. Dan isir permezz ta' konnessjoni bil-vidjo minn sit fl-Istat X, fejn il-partijiet u r-rappreżentanti legali tagħhom huma preżenti wkoll, kif inhuma intitolati li jkunu skont id-dritt tal-Istat X.

(xii) Il-Kummissarju, skont is-setgħa mogħtija lilu mid-dritt tal-Istat X bħala l-Istat ta' Oriġini, jagħti l-ġurament/jieħu d-dikjarazzjoni permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, peress li dan mhuwiex inkompatibbli mad-dritt tal-Istat Y bħala l-Istat ta' Eżekuzzjoni.

(xiii) Il-parteċipazzjoni tal-partijiet u tar-rappreżentanti legali tagħhom (inkluż kwalunkwe kontroeżami jew mistoqsija ta' segwitu), hija ddeterminata bl-istess mod b'referenza għad-dritt tal-Istat X, sa fejn din ma tkunx inkompatibbli mad-dritt tal-Istat Y.

(xiv) Kif huwa ġeneralment il-każ, l-ispejjeż tal-proċedimenti (inklużi l-ispejjeż tal-interpretazzjoni u tal-kiri tal-post) jitħallsu mill-parti li qed titlob il-kumpilazzjoni tal-provi.

Eżempju (6)

(i) Kawża kummerċjali titressaq quddiem qorti (il-qorti ta' oriġini) fl-Istat X.

(ii) Xhud li joqgħod fl-Istat Y ikun meħtieġ li jixhed.

(iii) Il-Kummissarju jinħatar mill-qorti ta' oriġini fl-Istat X (l-Istat ta' Oriġini) biex jieħu t-testimonjanza tax-xhud li jinsab fl-Istat Y (l-Istat ta' Eżekuzzjoni).

(iv) Il-Kummissarju huwa avukat li jinsab fl-Istat Y u jaf jitkellem tajjeb kemm bil-lingwa tal-Istat X kif ukoll b'dik tal-Istat Y.

(v) Minħabba li l-użu tat-teknoloġija huwa previst fid-dritt tal-Istat ta' Oriġini, il-partijiet iressqu petizzjoni quddiem il-qorti ta' oriġini biex din tippermetti lill-Kummissarju juża konnessjoni bil-vidjo meta jikkumpila l-provi tax-xhud fl-Istat Y, waqt li l-partijiet u r-rappreżentanti tagħhom ikunu qed josservaw il-proċedimenti mill-post fejn ikunu jinsabu fl-Istat X.

(vi) Barra minn hekk, l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo ma jridx ikun ipprojbit mid-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni. F'dan il-każ, id-dritt tal-Istat Y ma jipprojbixxix l-użu tal-konnessjoni bil-vidjo.

(vii) L-Istat Y ma għamel l-ebda dikjarazzjoni skont l-Artikolu 17. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni li tagħti permess b'mod ġenerali, se jkun meħtieġ il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti maħtura tiegħu għal dan il-każ partikolari.

(viii) L-awtorità kompetenti tagħti l-permess, iżda mal-permess tagħha żżid il-kundizzjoni li l-provi jittieħdu f'awla tal-qorti tal-Istat Y fil-preżenza ta' uffiċjal ġudizzjarju tal-Istat Y.

(ix) Il-Kummissarju huwa responsabbli biex jagħmel l-arranġamenti prattiċi meħtieġa, kif ukoll biex jibgħat it-talba li tindika d-data, il-ħin, il-post u kwalunkwe informazzjoni rilevanti lix-xhud.

(x) Wara li jinforma lix-xhud, il-Kummissarju jirrealizza li x-xhud mhuwiex lest li jixhed. Minħabba li l-Istat Y għamel dikjarazzjoni skont l-Artikolu 18, il-Kummissarju jista' jissupplimenta t-talba oriġinali b'talba addizzjonali għall-assistenza tal-awtorità kompetenti biex il-provi jinkisbu b'ġegħil.

(xi) L-awtorità kompetenti tilqa' t-talba tal-Kummissarju u għalhekk tapplika l-miżuri xierqa ta' ġegħil kif preskritt mid-dritt tagħha biex tiżgura l-attendenza tax-xhud.

(xii) Il-Kummissarju mbagħad jagħmel l-eżami tax-xhud skont id-dritt u l-proċedura tal-Istat ta' Oriġini, sakemm dan ma jkunx inkompatibbli mad-dritt tal-Istat ta' Eżekuzzjoni. Dan isir fl-awla tal-qorti tal-Istat Y, bil-partijiet u r-rappreżentanti legali tagħhom preżenti wkoll permezz ta' konnessjoni bil-vidjo mill-Istat X, kif inhuma intitolati li jagħmlu skont id-dritt tal-Istat X.

(xiii) Il-Kummissarju, skont is-setgħa mogħtija lilu mid-dritt tal-Istat X bħala l-Istat ta' Oriġini, jagħti l-ġurament/jieħu d-dikjarazzjoni, peress li dan mhuwiex inkompatibbli mad-dritt tal-Istat Y bħala l-Istat ta' Eżekuzzjoni.

(xiv) Il-parteċipazzjoni tal-partijiet u tar-rappreżentanti legali tagħhom (inkluż kwalunkwe kontroeżami jew mistoqsija ta' segwitu), hija ddeterminata bl-istess mod b'referenza għad-dritt tal-Istat X, sa fejn din ma tkunx inkompatibbli mad-dritt tal-Istat Y.

(xv) F'dan il-każ, peress li l-Kummissarju jaf jitkellem kemm bil-lingwa tal-Istat X kif ukoll b'dik tal-Istat Y, l-interpretazzjoni tista' ma tkunx meħtieġa, iżda tista' tintuża għall-benefiċċju ta' dawk preżenti permezz ta' konnessjoni bil-vidjo fl-Istat X.

(xvi) Kif ġeneralment huwa l-każ, l-ispejjeż tal-proċedimenti (pereżempju dawk l-ispejjeż għall-użu tal-awla tal-qorti jew biex ix-xhud jiġi mġiegħel jidher) jitħallsu mill-parti li qed titlob il-kumpilazzjoni tal-provi.

# Annex IV

# Optional Video-Link Form

This form is intended to be used as an attachment to the Recommended Model Form for Letters of Request, available on the Evidence Section of the HCCH website

ITTRA TA’ TALBA –

FORMOLA MHUX OBBLIGATORJA GĦALL-KUMPILAZZJONI TAL-PROVI PERMEZZ TA’ KONNESSJONI BIL-VIDJO

*COMMISSION ROGATOIRE –*
*FORMULAIRE FACULTATIF POUR DES PREUVES PAR LIAISON VIDEO*

**Konvenzjoni ta' The Hague tat-18 ta’ Marzu 1970 dwar il-Kumpilazzjoni tal-Provi Barra l-Pajjiż f’Materji Ċivili jew Kummerċjali**
*Convention de La Haye du 18 mars 1970 sur*

*l’obtention des preuves à l’étranger en matière civile ou commerciale*

**Parametri tekniċi tal-apparat ta’ konnessjoni bil-vidjo**
*Paramètres techniques des appareils de liaison vidéo*

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | **Id-ditta u l-mudell tal-apparat** *Marque et modèle de l’Appareil* | Daħħal l-isem tad-ditta tal-apparat tal-konnessjoni bil-vidjo li għandha tintuża mill-Istat Rikjedenti |
| **2.** | **Tip ta’ unità ta’ kontroll** *Type d’unité de commande* | Jekk jogħġbok innota li hija rrakkomandata unità b’diversi punti. *Veuillez noter qu’une unité de commande multipoint est recommandée.* <br> ☐ Punt finali *Point de terminaison* ☐ Diversi punti |

<table>
<tr>
<td>3.</td>
<td>Tip ta’ network<br>Type de réseau<br><br>Eżempji ta’ sekwenzi ta’ parametri tal-IP u tal-ISDN huma pprovduti f’paġna 3.<br><br>Des exemples de séquences de paramètres IP et RNIS sont donnés en page 3</td>
<td>Jekk jogħġbok innota li network tal-IP huwa n-network rrakkomandat.<br>Veuillez noter qu’un réseau IP est le réseau recommandé.<br><br>
<table>
<tr><th>IP (SIP jew/ou H.323)</th><th>ISDN</th></tr>
<tr><td>Indirizz IP:<br>Adresse IP:<br><br>Daħħal l-indirizz IP<br><br>Isem tal-ospitant:<br>Nom de l’hôte:<br><br>Daħħal l-isem tal-ospitant<br><br>(inkludi isem tad-dominju kkwalifikat b’mod sħiħ)<br><br>Numru tal-estensjoni:<br>Numéro de poste:<br><br>Daħħal l-estensjoni (jekk applikabbli)</td>
<td>Numru tal-ISDN:<br>Numéro RNIS:<br><br>Daħħal in-numru tal-ISDN<br><br>Numru tal-estensjoni:<br>Numéro de poste:<br><br>Daħħal l-estensjoni (jekk applikabbli)</td></tr>
<tr><td colspan="2">Kummenti Addizzjonali:<br>Autres remarques:<br><br>Daħħal kwalunkwe komment jew nota rilevanti hawnhekk</td></tr>
</table>
</td>
</tr>
<tr>
<td>4.</td>
<td>Kamra Virtwali<br><br>(permezz ta’ Unità ta’ Kontroll b’Diversi Punti)<br>Salle virtuelle (via une unité de commande multipoint</td>
<td>Jekk jogħġbok imla biss jekk se tintuża kamra ta’ laqgħa virtwali.<br>Ne compléter que si compléter si une salle de réunion virgin autilée.<br><br>Indirizz/Isem tal-ospitant<br>Adresse/Nom de l’hôte<br><br>Daħħal l-indirizz u/jew l-isem tal-ospitant<br><br>(inkludi isem tad-dominju kkwalifikat b’mod sħiħ)<br><br>PIN<br>Code d’accès<br><br>Daħħal il-PIN ta’ aċċess għall-kamra virtwali</td>
</tr>
<tr>
<td>5.</td>
<td>Codec<br>Codec</td>
<td>Daħħal id-dettalji tal-kodifikatur/dekodifikatur użat.</td>
</tr>
</table>

| | | |
|---|---|---|
| **6.** | **Tip ta' kriptaġġ**<br>*Type de chiffrement* | Daħħal id-dettalji dwar it-tip ta' kriptaġġ użat (*pereżempju* AES, 3DES) u l-bit użat (*pereżempju* 128bit, 192 bit)<br><br>Se jintuża s-setting "automatic" jew "best effort"?<br>*Le paramètre « automatique » ou « au mieux » sera-t-il utilisé?*<br><br>☐ Iva ☐ Le<br>*Oui* *Non* |

**Dettalji ta' kuntatt tat-tekniku/tekniċi**
*Coordonnées des interlocuteurs techniques*

Dawn huma persuni ta' kuntatt oħrajn minbarra dawk imsemmija fl-Ittra ta' Talba, speċifikament għal kwistjonijiet tekniċi (jekk applikabbli).
*Il y a des interlocuteurs techniques outre ceux qui sont mentionnés dans la Commission rogatoire, en particulier pour les questions techniques (le cas échéant)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **7a.** | **Persuna ta' kuntatt 1**<br>*Interlocuteur 1* | **7b.** | **Persuna ta' kuntatt 2**<br>*Interlocuteur 2* |
| | **Isem**<br>*Nom* | | **Isem**<br>*Nom* |
| | **Kariga**<br>*Fonction* | | **Kariga**<br>*Fonction* |
| | **Posta elettronika** | | **Posta elettronika** |
| | **Numru tat-telefown**<br>*Téléphone* | | **Numru tat-telefown**<br>*Téléphone* |
| | **Lingwi**<br>*Langues* | | **Lingwi**<br>*Langues* |

**Wara li tlestiet l-Inizjattiva b'ħafna aspetti għal titjib tal-vidjokonferenzi transfruntiera (il-Proġett "Handshake"), il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea pprovda l-eżempji tas-sekwenzi li ġejjin biex jgħin lill-utenti b'tipi differenti ta' konnessjonijiet tan-network:**[1]
*À la suite de la conclusion du projet «* Handshake *»* (Multi-aspect initiative to improve cross-border videoconferencing), *le Conseil de l'Union européenne a donné les exemples de séquences suivants pour aider les utilisateurs en fonction des types de connexions réseau*:

1 Il-"Proġett Handshake", "D4: Form for requesting / confirming a cross-border videoconference" , p. 20.

**Eżempji ta' sekwenzi ta' parametri u delimitaturi biex tibda vidjokonferenza**
*Exemples de séquences de paramètres et de délimiteurs pour lancer une visioconférence*

Jista' jkun hemm il-ħtieġa li jintużaw sekwenzi ta' parametri differenti skont id-ditti tal-apparati involuti.
*Dépendent de la marque des appareils – il sera peut-être nécessaire d'utiliser différentes séquences de paramètres.*

**Jekk tuża IP:**
*IP:*

Isem tal-ospitant/indirizz IP segwit min-numru ta' estensjoni bid-delimitatur ##: 111.22.33.4##5656
Isem tal-ospitant/indirizz IP segwit min-numru ta' estensjoni bid-delimitatur #: 111.22.33.4#5656

*Nom de l'hôte/adresse IP suivi du numéro de poste avec le délimiteur ##: 111.22.33.4##5656*
*Nom de l'hôte/adresse IP suivi du numéro de poste avec le délimiteur #: 111.22.33.4#5656*

**Jekk tuża SIP:**
*SIP:*

In-numru tal-estensjoni segwit mill-isem tal-ospitant/l-indirizz IP segwit mid-delimitatur @: 5656@videoconf.host.eu
5656@111.22.33.4

*Numéro de poste suivi du nom de l'hôte/de l'adresse IP avec le délimiteur @: 5656@videoconf.host.eu*
*5656@111.22.33.4*

**Sekwenzi ISDN:**
*Séquences RNIS:*

In-numru tal-ISDN u n-numru tal-estensjoni flimkien: + 43 1 0000895656
In-numru tal-ISDN u n-numru tal-estensjoni separati bid-delimitatur #: + 43 1 000089#5656

*Numéro RNIS et numéro de poste ensemble: + 43 1 0000895656*
*Numéro RNIS et numéro de poste séparés par un délimiteur #: + 43 1 000089#5656*

# ANNESS V

# It-test tal-Konvenzjoni

# KONVENZJONI DWAR IL-KUMPILAZZJONI TAL-PROVI BARRA L-PAJJIŻ F'MATERJI ĊIVILI U KUMMERĊJALI[1]

*(Konkluża fit-18 ta' Marzu 1970)*

L-Istati firmatarji għal din il-Konvenzjoni,
Billi jixtiequ jiffaċilitaw it-trażmissjoni u l-eżekuzzjoni ta' Ittri ta' Talba u li jkomplu jakkomodaw il-metodi differenti li jużaw għal dan l-iskop,
Billi jixtiequ jtejbu l-kooperazzjoni ġudizzjarja reċiproka f'materji ċivili jew kummerċjali,
Iddeċidew li jikkonkludu Konvenzjoni għal dan il-għan u ftiehmu dwar id-dispożizzjonijiet li ġejjin -

## KAPITOLU I – ITTRI TA' TALBA

### Artikolu 1

F'materji ċivili jew kummerċjali, awtorità ġudizzjarja ta' Stat Kontraenti tista', skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt ta' dak l-Istat, titlob lill-awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti ieħor, permezz ta' Ittra ta' Talba, biex jinkisbu provi, jew biex twettaq xi att ġudizzjarju ieħor.

Ittra ma għandhiex tintuża sabiex jinkisbu provi li mhumiex intenzjonati għal użu fi proċedimenti ġudizzjarji li nbdew jew li huma maħsuba li jinbdew.

L-espressjoni "att ġudizzjarju ieħor" ma tkoprix in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew il-ħruġ ta' xi proċess li permezz tiegħu sentenzi jew ordnijiet jiġu eżegwiti jew infurzati, jew ordnijiet għal miżuri provviżorji jew protettivi.

### Artikolu 2

Stat Kontraenti għandu jinnomina Awtorità Ċentrali li tintrabat li tirċievi Ittri ta' Talba li jkunu ġejjin minn awtorità ġudizzjarja ta' Stat Kontraenti ieħor u li tibgħathom lill-awtorità kompetenti biex teżegwihom. Kull Stat għandu jorganizza l-Awtorità Ċentrali skont id-dritt tiegħu.

L-ittri għandhom jintbagħtu lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat ta' eżekuzzjoni mingħajr ma jintbagħtu minn kwalunkwe awtorità oħra ta' dak l-Istat.

### Artikolu 3

Ittra ta' Talba għandha tispeċifika –
a) l-awtorità rikjedenti li titlob l-eżekuzzjoni tagħha u l-awtorità rikjesta biex teżegwiha, jekk tkun magħrufa mill-awtorità rikjedenti;
b) l-ismijiet u l-indirizzi tal-partijiet fil-proċedimenti u r-rappreżentanti tagħhom, jekk ikun hemm;
c) in-natura tal-proċedimenti li għalihom huma meħtieġa l-provi, filwaqt li tingħata l-informazzjoni

[1] Din il-Konvenzjoni, inklużi l-materjali relatati, hija aċċessibbli fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH. Għall-istorja sħiħa tal-Konvenzjoni, ara HCCH, *Actes et documents de la Onzième session (1968)*, Volum IV, *Obtention des preuves* (219 pp.).

kollha meħtieġa fir-rigward tagħha;

d) il-provi li għandhom jinkisbu jew att ġudizzjarju ieħor li għandu jitwettaq.

Fejn xieraq, l-Ittra għandha tispeċifika, *inter alia* –

e) l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni li għandhom jiġu eżaminati;

f) il-mistoqsijiet li għandhom isiru lill-persuni li għandhom jiġu eżaminati jew dikjarazzjoni tas-suġġett li dwaru għandhom jiġu eżaminati;

g) id-dokumenti jew proprjetà oħra, immobbli jew personali, li għandhom jiġu spezzjonati;

h) kwalunkwe rekwiżit li l-provi għandhom jingħataw b'ġurament jew dikjarazzjoni, u kwalunkwe forma speċjali li għandha tintuża;

i) kwalunkwe metodu speċjali li għandu jiġi segwit jew proċedura speċjali li għandha tiġi segwita skont l-Artikolu 9.

Ittra tista' ssemmi wkoll kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 11.

L-ebda legalizzazzjoni jew formalità oħra simili ma tista' tkun meħtieġa.

## Artikolu 4

Ittra ta' Talba għandha tkun bil-lingwa tal-awtorità rikjesta biex teżegwiha jew tkun akkumpanjata minn traduzzjoni f'dik il-lingwa.

Madankollu, Stat Kontraenti għandu jaċċetta Ittra bl-Ingliż jew bil-Franċiż, jew traduzzjoni f'waħda minn dawn il-lingwi, sakemm ma jkunx għamel ir-riżerva awtorizzata mill-Artikolu 33.

Stat Kontraenti li għandu aktar minn lingwa uffiċjali waħda u ma jistax, għal raġunijiet ta' dritt intern, jaċċetta Ittri f'waħda minn dawn il-lingwi għat-territorju kollu tiegħu, għandu, permezz ta' dikjarazzjoni, jispeċifika l-lingwa li biha l-Ittra jew it-traduzzjoni tagħha għandha tiġi miktuba għall-eżekuzzjoni fil-partijiet speċifikati tat-territorju tiegħu. F'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' din id-dikjarazzjoni, mingħajr skuża ġustifikabbli, l-ispejjeż tat-traduzzjoni bil-lingwa meħtieġa għandhom jitħallsu mill-Istat tal-oriġini.

Stat Kontraenti jista', permezz ta' dikjarazzjoni, jispeċifika l-lingwa jew lingwi oħra minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi preċedenti, li bihom Ittra tista' tintbagħat lill-Awtorità Ċentrali tiegħu.

Kwalunkwe traduzzjoni li takkumpanja Ittra għandha tiġi ċċertifikata bħala korretta, jew minn uffiċjal diplomatiku jew minn aġent konsulari jew minn traduttur ġuramentat jew minn kwalunkwe persuna oħra li tkun hekk awtorizzata fi kwalunkwe wieħed mill-Istati.

## Artikolu 5

Jekk l-Awtorità Ċentrali tqis li t-talba ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, hija għandha tinforma minnufih lill-awtorità tal-Istat ta' oriġini li jkun bagħat l-Ittra ta' Talba, u tispeċifika l-oġġezzjonijiet għall-Ittra.

## Artikolu 6

Jekk l-awtorità li lilha ntbagħtet Ittra ta' Talba mhijiex kompetenti biex teżegwiha, l-Ittra għandha tintbagħat minnufih lill-awtorità fl-istess Stat li hija kompetenti li teżegwiha skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt tagħha stess.

## Artikolu 7

L-awtorità rikjedenti għandha, jekk tkun tixtieq dan, tiġi informata bil-ħin meta, u l-post fejn, se jseħħu l-proċedimenti, sabiex il-partijiet ikkonċernati, u r-rappreżentanti tagħhom, jekk ikun hemm, ikunu jistgħu jkunu preżenti. Din l-informazzjoni għandha tintbagħat direttament lill-partijiet jew lir-rappreżentanti tagħhom meta l-awtorità tal-Istat ta' oriġini titlob dan.

## Artikolu 8

Stat Kontraenti jista' jiddikjara li membri tal-persunal ġudizzjarju tal-awtorità rikjedenti ta' Stat Kontraenti ieħor jistgħu jkunu preżenti fl-eżekuzzjoni ta' Ittra ta' Talba. Tista' tkun meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti maħtura mill-Istat dikjarant.

## Artikolu 9

L-awtorità ġudizzjarja li teżegwixxi Ittra ta' Talba għandha tapplika d-dritt tagħha stess għall-metodi u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti.

Madankollu, hija għandha ssegwi talba tal-awtorità rikjedenti biex jiġu segwiti metodu jew proċedura speċjali, sakemm dawn ma jkunux inkompatibbli mad-dritt intern tal-Istat ta' eżekuzzjoni jew ikun impossibbli li jsiru minħabba l-prattika u l-proċedura interni tagħha jew minħabba diffikultajiet prattiċi.

Ittra ta' Talba għandha tiġi eżegwita malajr kemm jista' jkun.

## Artikolu 10

Fl-eżekuzzjoni ta' Ittra ta' Talba l-awtorità rikjesta għandha tapplika l-miżuri xierqa ta' ġegħil fil-każijiet previsti, u sa fejn huwa previst, mid-dritt intern tagħha għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet maħruġa mill-awtoritajiet ta' pajjiżha jew ta' talbiet magħmula minn partijiet fi proċedimenti interni.

## Artikolu 11

Fl-eżekuzzjoni ta' Ittra ta' Talba l-persuna kkonċernata tista' tirrifjuta li tixhed sa fejn ikollha privileġġ jew dmir li tirrifjuta li tixhed –

a) skont id-dritt tal-Istat ta' eżekuzzjoni; jew

b) skont id-dritt tal-Istat ta' oriġini, u l-privileġġ jew id-dmir ġie speċifikat fl-Ittra, jew, fl-istanza tal-awtorità rikjesta, ġie kkonfermat b'mod ieħor lil dik l-awtorità mill-awtorità rikjedenti.

Stat Kontraenti jista' jiddikjara li, barra minn hekk, huwa ser jirrispetta l-privileġġi u d-dmirijiet eżistenti skont id-dritt ta' Stati oħrajn għajr l-Istat ta' oriġini u l-Istat ta' eżekuzzjoni, sal-punt speċifikat f'dik id-dikjarazzjoni.

## Artikolu 12

L-eżekuzzjoni ta' Ittra ta' Talba tista' tiġi rrifjutata biss sa fejn –

a) fl-Istat ta' eżekuzzjoni l-eżekuzzjoni tal-Ittra ma taqax taħt il-funzjonijiet tal-ġudikatura; jew

b) l-Istat indirizzat iqis li s-sovranità jew is-sigurtà tiegħu jkunu ppreġudikati b'dan.

L-eżekuzzjoni ma tistax tiġi rrifjutata biss għar-raġuni li skont id-dritt intern tiegħu l-Istat ta' eżekuzzjoni

jallega ġurisdizzjoni esklużiva *ratione materiae* tal-azzjoni jew li d-dritt intern tiegħu ma jippermettix li tittieħed azzjoni fuqha.

## Artikolu 13

Id-dokumenti li jistabbilixxu l-eżekuzzjoni tal-Ittra ta' Talba għandhom jintbagħtu mill-awtorità rikjesta lill-awtorità rikjedenti bl-istess mezz li jkun intuża minn din tal-aħħar.

F'kull każ fejn parti mill-Ittra jew l-Ittra kollha ma tiġix eżegwita, l-awtorità rikjedenti għandha tiġi informata immedjatament u mogħtija r-raġunijiet bl-istess mezz.

## Artikolu 14

L-eżekuzzjoni tal-Ittra ta' Talba ma għandhiex tagħti lok għal xi rimborż ta' taxxi jew spejjeż ta' kwalunkwe natura.

Madankollu, l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu d-dritt li jeżiġi li l-Istat ta' oriġini jirrimborża t-tariffi mħallsa lill-esperti u lill-interpreti, kif ukoll l-ispejjeż li jirriżultaw mill-użu ta' proċedura speċjali mitluba mill-Istat ta' oriġini, skont l-Artikolu 9(2).

L-awtorità rikjesta li d-dritt tagħha jobbliga lill-partijiet infushom biex jiġbru l-provi, u li ma tistax teżegwixxi l-Ittra hija stess, tista', wara li tkun ġabet il-kunsens tal-awtorità rikjedenti, taħtar persuna xierqa biex tagħmel dan. Meta titlob dan il-kunsens, l-awtorità rikjesta għandha tindika l-ispejjeż approssimattivi li jirriżultaw minn din il-proċedura. Jekk l-awtorità rikjedenti tagħti l-kunsens tagħha, hija għandha tirrimborża kwalunkwe spiża mġarrba; mingħajr kunsens bħal dan, l-awtorità rikjedenti ma għandhiex tkun responsabbli għall-ispejjeż.

# KAPITOLU II - KUMPILAZZJONI TAL-PROVI MINN UFFIĊJALI DIPLOMATIĊI, AĠENTI KONSULARI U KUMMISSARJI

## Artikolu 15

F'materja ċivili jew kummerċjali, uffiċjal diplomatiku jew aġent konsulari ta' Stat Kontraenti jista', fit-territorju ta' Stat Kontraenti ieħor u fiż-żona fejn jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu, jikkumpila l-provi mingħajr ġegħil ta' ċittadini ta' Stat li huwa jirrappreżenta biex jassisti fi proċedimenti mibdija fil-qrati ta' Stat li huwa jirrappreżenta.

Stat Kontraenti jista' jiddikjara li l-provi jistgħu jiġu kkumpilati minn uffiċjal diplomatiku jew aġent konsulari biss jekk jingħata permess għal dak il-għan wara talba magħmula minnu jew f'ismu lill-awtorità xierqa nnominata mill-Istat dikjarant.

## Artikolu 16

Uffiċjal diplomatiku jew aġent konsulari ta' Stat Kontraenti jista' wkoll, fit-territorju ta' Stat Kontraenti ieħor u fiż-żona fejn jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu, jikkumpila l-provi, mingħajr ġegħil, ta' ċittadini tal-Istat li fih huwa jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu jew ta' Stat terz, biex jassisti fi proċedimenti mibdija fil-qrati ta' Stat li huwa jirrappreżenta, jekk –

a) awtorità kompetenti maħtura mill-Istat li fih jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu tkun tat il-permess tagħha b'mod ġenerali jew fil-każ partikolari, u

b) jikkonforma mal-kundizzjonijiet li l-awtorità kompetenti speċifikat fil-permess.

Stat Kontraenti jista' jiddikjara li jistgħu jiġu kkumpilati provi skont dan l-Artikolu mingħajr il-permess tiegħu minn qabel.

## Artikolu 17

F'materja ċivili jew kummerċjali, persuna debitament maħtura bħala kummissarju għal dak l-iskop tista', mingħajr ġegħil, tikkumpila provi fit-territorju ta' Stat Kontraenti biex jassisti fi proċedimenti mibdija fil-qrati ta' Stat Kontraenti ieħor jekk –

a) awtorità kompetenti maħtura mill-Istat li fih għandha jiġu kkumpilati l-provi tkun tat il-permess tagħha b'mod ġenerali jew fil-każ partikolari; u
b) jikkonforma mal-kundizzjonijiet li l-awtorità kompetenti speċifikat fil-permess.

Stat Kontraenti jista' jiddikjara li jistgħu jiġu kkumpilati provi skont dan l-Artikolu mingħajr il-permess tiegħu minn qabel.

## Artikolu 18

Stat Kontraenti jista' jiddikjara li uffiċjal diplomatiku, aġent konsulari jew kummissarju awtorizzat biex jikkumpila provi skont l-Artikoli 15, 16 jew 17, jista' jitlob lill-awtorità kompetenti maħtura mill-Istat dikjarant għal assistenza xierqa biex jikseb il-provi b'ġegħil. Id-dikjarazzjoni tista' tinkludi dawk il-kundizzjonijiet li l-Istat dikjarant jista' jqis li għandhom jiġu imposti.

Jekk l-awtorità taċċetta t-talba għandha tapplika kwalunkwe miżura ta' ġegħil li tkun xierqa u preskritta mid-dritt tagħha għall-użu fi proċedimenti interni.

## Artikolu 19

L-awtorità kompetenti, meta tagħti l-permess imsemmi fl-Artikoli 15, 16 jew 17, jew meta taċċetta t-talba msemmija fl-Artikolu 18, tista' tistabbilixxi dawk il-kundizzjonijiet li hija tqis adattati, *inter alia*, dwar il-ħin u l-post tal-kumpilazzjoni tal-provi. Bl-istess mod, tista' teżiġi li tingħata avviż raġonevoli bil-quddiem dwar il-ħin, id-data u l-post tal-kumpilazzjoni tal-provi; f'dan il-każ rappreżentant tal-awtorità għandu jkun intitolat li jkun preżenti fil-kumpilazzjoni tal-provi.

## Artikolu 20

Fil-kumpilazzjoni tal-provi skont kwalunkwe Artikolu ta' dan il-Kapitolu persuni kkonċernati jistgħu jkunu rrappreżentati legalment.

## Artikolu 21

Meta uffiċjal diplomatiku, aġent konsulari jew kummissarju jkun awtorizzat skont l-Artikoli 15, 16 jew 17 biex jagħmel kumpilazzjoni tal-provi –

a) huwa jista' jikkumpila kull tip ta' provi li ma jkunux inkompatibbli mad-dritt tal-Istat fejn jiġu kkumpilati l-provi jew kontra kwalunkwe permess mogħti skont l-Artikoli ta' hawn fuq, u għandu jkollu s-setgħa f'tali limiti li jagħti ġurament jew li jieħu dikjarazzjoni;
b) talba lil persuna biex tidher jew biex tixhed għandha ssir fil-lingwa tal-post fejn jiġu kkumpilati l-provi jew tkun akkumpanjata minn traduzzjoni f'dik il-lingwa, kemm-il darba r-riċevitur ma jkunx ċittadin tal-Istat fejn l-azzjoni tkun pendenti;

c) it-talba għandha tinforma lill-persuna li tista' tkun irrappreżentata legalment u, fi kwalunkwe Stat li ma jkunx ippreżenta dikjarazzjoni skont l-Artikolu 18, għandha tinformaha wkoll li mhijiex imġiegħla tidher jew tixhed;

d) il-provi jistgħu jiġu kkumpilati bil-mod previst mid-dritt applikabbli għall-qorti fejn tkun pendenti l-kawża sakemm dan il-mod ma jkunx ipprojbit mid-dritt tal-Istat fejn jiġu kkumpilati l-provi;

e) persuna li tintalab tixhed tista' tinvoka l-privileġġi u d-dmirijiet li tirrifjuta li tixhed dwar il-provi msemmija fl-Artikolu 11.

### Artikolu 22

Il-fatt li tentattiv ta' kumpilazzjoni tal-provi skont il-proċedura stabbilita f'dan il-Kapitolu jkun falla, minħabba r-rifjut ta' persuna li tixhed, ma għandux iżomm milli ssir talba sussegwenti biex issir kumpilazzjoni tal-provi skont il-Kapitolu I.

## KAPITOLU III - KLAWŻOLI ĠENERALI

### Artikolu 23

Stat Kontraenti jista' fil-mument tal-firma, tar-ratifika jew tal-adeżjoni, jiddikjara li mhux se jeżegwixxi Ittri ta' Talba maħruġa sabiex jinkiseb *editio instrumentorum* qabel il-proċess kif magħruf f'pajjiżi tad-Dritt Komuni.

### Artikolu 24

Stat Kontraenti jista' jinnomina awtoritajiet oħra flimkien mal-Awtorità Ċentrali u għandu jiddetermina l-limitu tal-kompetenza tagħhom. Madankollu, l-Ittri ta' Talba jistgħu jintbagħtu, fi kwalunkwe każ, lill-Awtorità Ċentrali.

L-Istati Federali għandhom ikunu ħielsa li jaħtru iktar minn Awtorità Ċentrali waħda.

### Artikolu 25

Stat Kontraenti li għandu aktar minn sistema legali waħda jista' jinnomina l-awtoritajiet ta' waħda minn dawn is-sistemi, li għandu jkollhom kompetenza esklużiva biex jeżegwixxu Ittri ta' Talba skont din il-Konvenzjoni.

### Artikolu 26

Stat Kontraenti jista' jitlob ir-rimborż ta' tariffi u spejjeż relatati mal-eżekuzzjoni ta' Ittri ta' Talba, għan-notifika ta' proċess meħtieġa biex persuna tiġi mġiegħla tidher sabiex tixhed, l-ispejjeż ta' attendenza ta' tali persuni, u l-ispiża ta' kwalunkwe traskrizzjoni tal-provi, jekk ikun meħtieġ li jagħmel dan minħabba limitazzjonijiet kostituzzjonali.

Fejn Stat ikun għamel talba skont il-paragrafu ta' hawn fuq, kwalunkwe Stat Kontraenti ieħor jista' jitlob mingħand dak l-Istat ir-rimborż ta' tariffi u spejjeż simili.

## Artikolu 27

Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni ma għandhomx iżommu Stat Kontraenti milli –

a) jiddikjara li Ittri ta' Talba jistgħu jintbagħtu lill-awtoritajiet ġudizzjarji tiegħu permezz ta' kanali oħrajn minbarra dawk previsti fl-Artikolu 2;
b) jippermetti, permezz tad-dritt jew tal-prattika interni, li kwalunkwe att previst f'din il-Konvenzjoni jitwettaq fuq kundizzjonijiet inqas restrittivi;
c) jippermetti, permezz tad-dritt jew tal-prattika interni, metodi ta' kumpilazzjoni tal-provi oħrajn minbarra dawk previsti f'din il-Konvenzjoni.

## Artikolu 28

Din il-Konvenzjoni ma għandhiex twaqqaf ftehim bejn kwalunkwe żewġ Stati Kontraenti jew aktar biex jidderogaw minn –

a) id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 fir-rigward ta' metodi ta' trażmissjoni ta' Ittri ta' Talba;
b) id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 fir-rigward tal-lingwi li jistgħu jintużaw;
c) id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 fir-rigward tal-preżenza ta' persunal ġudizzjarju fl-eżekuzzjoni tal-Ittri;
d) id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11 fir-rigward tal-privileġġi u d-dmirijiet tax-xhieda li jirrifjutaw li jixhdu;
e) id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 fir-rigward tal-metodi ta' bgħit lura tal-Ittri eżegwiti lill-awtorità rikjedenti;
f) id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 fir-rigward ta' tariffi u spejjeż;
g) id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II.

## Artikolu 29

Bejn il-Partijiet għal din il-Konvenzjoni li huma wkoll Partijiet għal waħda jew aktar mill-Konvenzjonijiet dwar il-Proċedura Ċivili ffirmati f'The Hague fis-17 ta' Lulju 1905 u fl-1 ta' Marzu 1954, din il-Konvenzjoni għandha tissostitwixxi l-Artikoli 8–16 tal-Konvenzjonijiet preċedenti.

## Artikolu 30

Din il-Konvenzjoni ma għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni tal-1905, jew tal-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni tal-1954.

## Artikolu 31

Ftehimiet Supplimentari bejn il-Partijiet għall-Konvenzjonijiet tal-1905 u tal-1954 għandhom jitqiesu applikabbli b'mod ugwali għal din il-Konvenzjoni sakemm il-Partijiet ma jkunux ftiehmu mod ieħor.

## Artikolu 32

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 29 u 31, din il-Konvenzjoni ma għandhiex tidderoga minn konvenzjonijiet li fihom dispożizzjonijiet dwar il-materji koperti minn din il-Konvenzjoni li għalihom l-Istati Kontraenti huma, jew għandhom isiru Partijiet.

## Artikolu 33

Stat jista', fil-mument tal-iffirmar, tar-ratifika jew tal-adeżjoni jeskludi, kompletament jew parzjalment, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(2) u tal-Kapitolu II. L-ebda riżerva oħra mhija

permessa.

Kwalunkwe Stat jista’ fi kwalunkwe mument jirtira riżerva li jkun għamel; ir-riżerva għandha tieqaf milli jkollha effett fis-sittin jum wara n-notifika tal-irtirar.

Meta Stat ikun għamel riżerva, kwalunkwe Stat ieħor affettwat minnha jista’ japplika l-istess regola kontra l-Istat li jagħmel ir-riżerva.

## Artikolu 34

Stat jista’ fi kwalunkwe ħin jirtira jew jimmodifika dikjarazzjoni.

## Artikolu 35

Stat Kontraenti għandu, fil-ħin tad-depożitu tal-istrument tiegħu ta’ ratifika jew adeżjoni, jew f’data aktar tard, jinforma lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tan-Netherlands bil-ħatra tal-awtoritajiet, skont l-Artikoli 2, 8, 24 u 25.

Stat Kontraenti għandu bl-istess mod jinforma lill-Ministeru, fejn xieraq, b’dan li ġej -

a) il-ħatra tal-awtoritajiet li jridu jiġu nnotifikati, li jista’ jkun meħtieġ il-permess tagħhom u li l-assistenza tagħhom tista’ tintalab fil-kumpilazzjoni tal-provi minn uffiċjali diplomatiċi u aġenti konsulari, skont l-Artikoli 15, 16 u 18 rispettivament;
b) il-ħatra tal-awtoritajiet li l-permess tagħhom jista’ jkun meħtieġ fil-kumpilazzjoni tal-provi mill-kummissarji skont l-Artikolu 17 u ta’ dawk li jistgħu jagħtu l-assistenza prevista fl-Artikolu 18;
c) dikjarazzjonijiet skont l-Artikoli 4, 8, 11, 15, 16, 17, 18, 23 u 27;
d) kull irtirar jew modifika tal-ħatriet u d-dikjarazzjonijiet ta’ hawn fuq;
e) l-irtirar ta’ kwalunkwe riżerva.

## Artikolu 36

Kwalunkwe diffikultà li tista’ tinħoloq bejn l-Istati Kontraenti b’konnessjoni mal-operazzjoni ta’ din il-Konvenzjoni għandha tiġi solvuta permezz ta’ mezzi diplomatiċi.

## Artikolu 37

Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-iffirmar mill-Istati rrappreżentati fil-Ħdax-il Sessjoni tal-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

Hija għandha tiġi rratifikata, u l-istrumenti ta’ ratifika għandhom jiġu ddepositati mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tan-Netherlands.

## Artikolu 38

Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-sittin jum wara d-depożitu tat-tielet strument ta’ ratifika msemmi fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 37.
Il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ għal kull Stat firmatarju li jirratifika sussegwentement fis-sittin jum wara d-depożitu tal-istrument tiegħu tar-ratifika.

## Artikolu 39

Kwalunkwe Stat mhux irrappreżentat fil-Ħdax-il Sessjoni tal-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat li huwa Membru ta' din il-Konferenza jew tan-Nazzjonijiet Uniti jew ta' aġenzija speċjalizzata ta' dik l-Organizzazzjoni, jew Parti għall-Istatut tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja jista' jaċċedi għal din il-Konvenzjoni wara li tkun daħlet fis-seħħ skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 38.

L-istrument ta' adeżjoni għandu jiġi ddepositat mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tan-Netherlands.

Il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ għal Stat li jaċċedi għaliha fis-sittin jum wara d-depożitu tal-istrument ta' adeżjoni tiegħu.

L-adeżjoni jkollha effett biss fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-Istat aderenti u dawk l-Istati Kontraenti li jkunu ddikjaraw li aċċettaw l-adeżjoni. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi ddepożitata mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tan-Netherlands; dan il-Ministeru għandu jibgħat, permezz ta' kanali diplomatiċi, kopja ċċertifikata lil kull wieħed mill-Istati Kontraenti.

Il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ bejn l-Istat aderenti u l-Istat li jkun iddikjara l-aċċettazzjoni tiegħu tal-adeżjoni fis-sittin jum wara d-depożitu tad-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni.

## Artikolu 40

Kwalunkwe Stat jista', fil-waqt tal-iffirmar, tar-ratifika jew tal-adeżjoni, jiddikjara li din il-Konvenzjoni għandha testendi għat-territorji kollha li għar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom huwa responsabbli, jew għal wieħed jew aktar minnhom. Tali dikjarazzjoni ssir effettiva fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni għall-Istat ikkonċernat.

Fi kwalunkwe żmien wara dan, tali estensjonijiet għandhom jiġu nnotifikati lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tan-Netherlands.

Il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ għat-territorji msemmija f'tali estensjoni fis-sittin jum wara n-notifika indikata fil-paragrafu preċedenti.

## Artikolu 41

Din il-Konvenzjoni għandha tibqa' fis-seħħ għal ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 38, anki għal Stati li rratifikawha jew aderixxew magħha sussegwentement.

Jekk ma ssir ebda denunzja, hija għandha tiġġedded b'mod taċitu kull ħames snin.

Kwalunkwe denunzja għandha tiġi nnotifikata lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tan-Netherlands mill-anqas sitt xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin.

Din tista' tkun limitata għal ċerti territorji li għalihom tapplika l-Konvenzjoni.

Id-denunzja għandu jkollha effett biss fir-rigward tal-Istat li nnotifikaha. Il-Konvenzjoni għandha tibqa' fis-seħħ għall-Istati Kontraenti l-oħra.

## Artikolu 42

Il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tan-Netherlands għandu javża lill-Istati msemmija fl-Artikolu 37, u lill-Istati li jkunu aderixxew skont l-Artikolu 39, dwar dan li ġej –

a) il-firem u r-ratifiki msemmija fl-Artikolu 37;
b) id-data li fiha din il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 38;

c) l-adeżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 39 u d-dati li fihom jidħlu fis-seħħ;
d) l-adeżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 40 u d-dati li fihom jidħlu fis-seħħ;
e) il-ħatriet, ir-riżervi u d-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 33 u 35;
f) id-denunzji msemmija fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 41.

B'xhieda ta' dan, il-firmatarji, awtorizzati kif xieraq, iffirmaw din il-Konvenzjoni.

Magħmul f'The Hague, fit-18-il jum ta' Marzu 1970, bl-Ingliż u bil-Franċiż, biż-żewġ testi ugwalment awtentiċi, b'kopja waħda li għandha tiġi ddepożitat fl-arkivji tal-Gvern tan-Netherlands, u li tagħha kopja ċċertifikata għandha tintbagħat, permezz tal-mezz diplomatiku, lil kull wieħed mill-Istati rrappreżentati fil-Ħdax-il Sessjoni tal-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

# ANNESS VI

## Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni Speċjali

## Laqgħa tal-2003

### K & R Nru 4

Il-KS saħqet li l-Konvenzjonijiet dwar l-Apostille, dwar il-Provi u dwar in-Notifika joperaw f'ambjent li huwa soġġett għal żviluppi tekniċi importanti. Għalkemm din l-evoluzzjoni ma setgħetx tiġi prevista fiż-żmien tal-adozzjoni tat-tliet Konvenzjonijiet, il-KS saħqet li t-teknoloġiji moderni huma parti integrali mis-soċjetà tal-lum u li l-użu tagħhom huwa punt ta' fatt. F'dan ir-rigward, il-KS innotat li l-ispirtu u l-kelma tal-Konvenzjonijiet ma jikkostitwixxux ostaklu għall-użu tat-teknoloġija moderna u li l-applikazzjoni u l-operazzjoni tagħhom jistgħu jittejbu aktar billi jiddependu fuq teknoloġiji bħal dawn. Is-Sessjoni ta' ħidma li saret qabel il-KS (jiġifieri, fis-27 ta' Ottubru 2003) żvelat b'mod ċar il-mezzi, il-possibbiltajiet u l-vantaġġi tal-użu ta' teknoloġiji moderni f'suġġetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjonijiet.

### K & R Nru 42

Il-KS esprimiet appoġġ ġenerali għall-użu ta' teknoloġiji moderni biex jiffaċilitaw aktar l-operazzjoni effiċjenti tal-Konvenzjoni. Il-KS innotat li ma jidher li hemm l-ebda ostaklu legali għall-użu tat-teknoloġiji moderni skont il-Konvenzjoni. Madankollu, l-użu ta' xi tekniki jista' jkun soġġett għal rekwiżiti legali differenti fi Stati differenti (pereżempju, il-kisba tal-kunsens tal-partijiet kollha involuti fl-eżekuzzjoni). F'dan ir-rigward, il-KS rrakkomandat li l-Istati parti jipprovdu informazzjoni rilevanti dwar rekwiżiti legali relatati ma' tekniki speċifiċi disponibbli lill-Bureau Permanenti.

### K & R Nru 43

Il-KS saħqet li fejn jintalbu metodu jew proċedura speċjali għall-kumpilazzjoni tal-provi (l-Artikolu 9(2)), l-eċċezzjoni għal metodi li huma "inkompatibbli mad-dritt intern tal-Istat ta' eżekuzzjoni jew [...] impossibbli li jsiru hemm minħabba l-prattika u l-proċedura interni tagħha jew minħabba diffikultajiet prattiċi" għandha tiġi interpretata b'mod ristrett biex tippermetti, kemm jista' jkun, l-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni moderna.

### K & R Nru 44

Il-KS saħqet li l-kuntatt informali bikri bejn l-awtoritajiet xierqa biex jikkoordinaw il-preżentazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' Ittri ta' talba jista' jiġi ffaċilitat bl-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni moderna bħall-posta elettronika.

## Laqgħa tal-2009

### K & R Nru 44

Il-KS tinkoraġġixxi komunikazzjoni aħjar bejn l-Awtoritajiet Ċentrali u bejn l-awtoritajiet rikjedenti u l-Awtorità Ċentrali rilevanti fl-istadji kollha tal-eżekuzzjoni ta' Ittra ta' Talba. Kwalunkwe komunikazzjoni informali tista' ssir bi kwalunkwe mezz xieraq, inklużi l-posta elettronika u l-faks.

### K & R Nru 55

Il-KS tfakkar fil-Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet Nri 42 sa 44 tal-Kummissjoni Speċjali tal-2003 u tinnota li l-użu ta' konnessjonijiet bil-vidjo u ta' teknoloġiji simili biex jassistu fil-kumpilazzjoni tal-provi barra mill-pajjiż huwa konsistenti mal-qafas attwali tal-Konvenzjoni. B'mod partikolari, il-KS tinnota li:

a. Il-Konvenzjoni tippermetti lill-partijiet u lir-rappreżentanti tagħhom li jkunu preżenti (l-Artikolu 7), u ma tipprekludix li l-persunal ġudizzjarju tal-awtorità rikjedenti jkun preżenti (l-Artikolu 8), permezz ta' konnessjoni bil-vidjo fl-eżekuzzjoni tal-Ittra ta' Talba mill-Istat Rikjest, bl-istess mod li dawn il-persuni jistgħu jkunu fiżikament preżenti.
b. Il-Konvenzjoni tippermetti li tintuża konnessjoni bil-vidjo biex tgħin fl-eżekuzzjoni ta' Ittra ta' Talba fejn il-liġi tal-Istat Rikjest tippermetti dan l-użu (l-Artikolu 9(1)).
c. Konnessjoni bil-vidjo tista' tintuża biex tassisti fl-eżekuzzjoni ta' Ittra ta' Talba skont l-Artikolu 9(2).
d. Il-Konvenzjoni tippermetti li tintuża konnessjoni bil-vidjo biex tgħin fil-kumpilazzjoni tal-provi minn uffiċjal diplomatiku, aġent konsulari jew kummissarju, sakemm il-prattika ma tkunx ipprojbita mill-Istat fejn għandha ssir il-kumpilazzjoni tal-provi, u sakemm il-permess rilevanti jkun ingħata (l-Artikoli 15, 16, 17 u 21).

## Laqgħa tal-2014

### K & R Nru 9

Il-KS tinnota li l-operazzjoni prattika tal-Konvenzjoni dwar il-Provi tkun imtejba aktar permezz ta' eżekuzzjoni aktar f'waqtha tal-Ittri ta' Talba, u komunikazzjoni aħjar mal-Awtoritajiet Ċentrali, inkluż permezz tal-posta elettronika, fl-istadji kollha tal-eżekuzzjoni ta' Ittra ta' Talba.

### K & R Nru 10

Il-KS tilqa' l-prattika rrapportata mill-Istati Kontraenti li permezz tagħha l-Awtoritajiet Ċentrali:

a. jirrikonoxxu minnufih il-wasla ta' Ittri ta' Talba lill-awtorità rikjedenti u/jew lill-partijiet interessati;
b. iwieġbu fil-pront għal mistoqsijiet minn awtoritajiet rikjedenti u/jew mill-partijiet interessati dwar l-istatus tal-eżekuzzjoni;
c. jindikaw lill-awtorità rikjedenti u/jew lill-partijiet interessati l-passi li għandhom jittieħdu għall-eżekuzzjoni.

### K & R Nru 20

Il-KS tfakkar li l-użu tal-konnessjonijiet bil-vidjo bħala għajnuna fil-kumpilazzjoni tal-provi barra mill-pajjiż huwa konsistenti mal-qafas tal-Konvenzjoni dwar il-Provi (ara K & R Nru 55 tal-KS tal-2009). Il-KS tirrikonoxxi li l-Artikolu 17 ma jipprekludix membru tal-persunal ġudizzjarju tal-qorti ta' oriġini (jew persuna oħra debitament maħtura), li jinsab fi Stat Kontraenti wieħed, milli jeżamina persuna li tinsab fi Stat Kontraenti ieħor permezz ta' konnessjoni bil-vidjo.

### K & R Nru 21

B'segwitu għal proposta mid-delegazzjoni tal-Awstralja biex jiġi kkunsidrat protokoll fakultattiv biex tiġi ffaċilitata l-kumpilazzjoni tal-provi, mingħajr ġegħil, permezz ta' konnessjoni bil-vidjo skont il-Konvenzjoni dwar il-Provi, u bil-ħsieb li jiġi promoss l-użu ulterjuri ta' teknoloġiji moderni, il-KS tirrakkomanda li l-Kunsill jistabbilixxi Grupp ta' Esperti fil-laqgħa li jmiss tiegħu biex jinvestiga l-kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu bl-użu ta' konnessjoni bil-vidjo u ta' teknoloġiji moderni oħrajn fil-

kumpilazzjoni tal-provi barra mill-pajjiż. Il-KS tirrakkomanda wkoll li l-Grupp ta' Esperti jistudja l-istrumenti eżistenti u l-prattika attwali, u jesplora modi potenzjali sabiex jindirizza dawn il-kwistjonijiet, inklużi x-xewqa u l-fattibbiltà ta' protokoll fakultattiv jew ta' kwalunkwe strument ieħor.

## K & R Nru 39

Il-KS tinkoraġġixxi t-trażmissjoni u r-riċevuta ta' talbiet b'mezzi elettroniċi sabiex tiġi ffaċilitata l-eżekuzzjoni rapida. L-Istati Kontraenti għandhom jikkunsidraw il-kwistjonijiet ta' sigurtà meta jevalwaw metodi ta' trażmissjoni elettronika.

# INDIĊI TAL-ĠURISPRUDENZA ĊĊITATA

## Australia

*Campaign Master (UK) Ltd v. Forty Two International Pty Ltd (No. 3)* (2009)
181 FCR 152 ........ 16, 66
*Federal Commissioner of Taxation v. Grbich* (1993) 25 ATR 516 ........ 60
*Kirby v. Centro Properties* [2012] FCA 60 ........ 19
*Stuke v. ROST Capital Group Pty Ltd* [2012] FCA 1097 ........ 16, 19, 62, 71
*Tetra Pak Marketing Pty Ltd v. Musashi Pty Ltd* [2000] FCA 1261 ........ 19

## Canada

*Chandra v. Canadian Broadcasting Corporation* 2016 ONSC 5385 ........ 16
*Davies v. Clarington* 2011 ONSC 4540 ........ 16
*Paiva v. Corpening* [2012] ONCJ 88 ........ 16
*Slaughter v. Sluys* 2010 BCSC 1576 ........ 16

## Hong Kong SAR (People's Republic of China)

*Raj Kumar Mahajan v. HCL Technologies (Hong Kong) Ltd* 5 HKLRD ........ 119
*Skyrun Light Industry (Hong Kong) Co Ltd v. Swift Resources Ltd* [2017] HKEC 1239 ........ 15

## India

*State of Maharashtra v. Dr Praful B Desai* AIR 2003 SC KANT 148 ........ 39, 46
*Twentieth Century Fox Film Corporation v. NRI Film Production Associates Ltd* AIR 2003
SC KANT 148 ........ 37

## United Kingdom

*Kimathi & Ors v. Foreign and Commonwealth Office* [2015] EWHC 3684 (QB) ........ 62
*London Borough of Islington v. M, R* [2017] EWHC 364 (Fam) ........ 57
*Rowland v. Bock* [2002] EWHC 692 (QB) ........ 15

## United States

*DynaSteel Corp. v. Durr Systems, Inc.*, No. 2:08-cv-02091-V, 2009 WL 10664458 (W.D. Tenn.
26 June 2009) ........ 19
*In re Rand International Leisure Products, LLC,* No. 10-71497-ast, 2010 WL 2507634
(Bankr. E.D.N.Y. 16 June 2010) ........ 15
*Sawant v. Ramsey,* No. 3:07-cv-980 (VLB), 2012 WL 1605450 (D. Conn. 8 May 2012) ........ 19, 70
*U.S. v. Philip Morris USA, Inc.*, No. CIV.A. 99-2496 (GK), 2004 WL 3253681
(D.D.C. 30 August 2004) ........ 19

## BIBLJOGRAFIJA

# BIBLJOGRAFIJA

Conférence de La Haye de droit international privé/Il-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat:

- Tweġibiet għall-Kwestjonarju tal-Profil tal-Pajjiż, disponibbli fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH taħt "Taking of evidence by video-link".

- Synopsis of Responses to the Country Profile Questionnaire on the Taking of Evidence by Video-link under the *Hague Convention of 18 March 1970 on the Taking of Evidence Abroad in Civil or Commercial Matters* (Evidence Convention), disponibbli fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH taħt "Taking of evidence by video-link".

- Il-Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet adottati mil-laqgħat tal-2003, tal-2009 u tal-2014 tal-Kummissjoni Speċjali dwar l-operazzjoni prattika Konvenzjonijiet ta' The Hague dwar in-Notifika, il-Provi u l-Aċċess għall-Ġustizzja, disponibbli fit-Taqsima dwar il-Provi tas-sit web tal-HCCH taħt "Special Commissions".

- Il-Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet adottati mil-laqgħat tal-2015 u tal-2016 tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u l-Politika, disponibbli fuq is-sit web tal-HCCH taħt "Governance", imbagħad "Council on General Affairs and Policy".

- Evidence Handbook: Practical Handbook on the Operation of the Evidence Convention, it-tielet edizzjoni, The Hague, 2016.

- Explanatory Report on the 1970 Evidence Convention, minn P. W. AMRAM, f' *Actes et documents de la Onzième session (1968)*, Volum IV, *Obtention des preuves à l'étranger*, The Hague, SDU, 1970.

- *Report of the Experts' Group on the Use of Video-link and Other Modern Technologies in the Taking of Evidence Abroad*, Dok. Prel. Nru 8 ta' Diċembru 2015 għall-attenzjoni tal-laqgħa tal-2016 tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u l-Politika, disponibbli fit-Taqsima dwar il-Provi fuq is-sit web tal-HCCH.

****

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA – *Gwida dwar vidjokonferenzjar fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera*; Il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2013, disponibbli fl-indirizz li ġej: < https://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/publications/guide-videoconferencing-cross-border-proceedings/ >.

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA – Kunsill tal-Unjoni Ewropea, *Inizjattiva b'ħafna aspetti għal Titjib tal-Vidjokonferenzi Transfruntiera (Proġett "Handshake")*; 2017, disponibbli f'dan l-indirizz: < https://beta.e-justice.europa.eu/69/MT/general_information?init=true >.

DAVIES, M. – Bypassing the Hague Evidence Convention: Private International Law Implications of the Use of Video and Audio Conferencing Technology in Transnational Litigation; (2007) *American Journal of Comparative Law* 55(2), p. 206.

DUNN, M. & NORWICK, R. – *Report of a Survey of Videoconferencing in the Courts of Appeals*; Federal Judicial Center, 2006, disponibbli fl-indirizz li ġej: < https://www.fjc.gov/sites/default/files/2012/VidConCA.pdf >.

EPSTEIN, D., SNYDER, J. & BALDWIN IV, C.S. – *International Litigation: A Guide to Jurisdiction, Practice, and Strategy*; ir-raba'edizzjoni, Leiden/Boston, Martinus Nijhoff Publishers, 2010.

IL-KUMITAT TAL-KOMUNIKAZZJONI ELETTRONIKA (ECC) TAL-KONFERENZA EWROPEA TAL-

AMMINISTRAZZJONIJIET TAL-POSTA U T-TELEKOMUNIKAZZJONIJIET (CEPT) – *ECC Report 265: Migration from PSTN/ISDN to IP-based networks and regulatory aspects;* 2017, disponibbli f'dan l-indirizz: < https://www.ecodocdb.dk/download/754b9fdf-e4c5/ ECCRep265.pdf >.

NETWORK ĠUDIZZJARJU EWROPEW FIL-MATERJI ĊIVILI U KUMMERĊJALI – *L-użu tal-vidjokonferenzi biex tinkiseb xhieda f'materji ċivili u kummerċjali skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001*: *Gwida prattika*; Brussell, il-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea, 2009, disponibbli fl-indirizz li ġej: < file:///C:/Users/ll/ Downloads/guide_videoconferencing_EU_en.pdf >.

Il-QORTI FEDERALI TAL-AWSTRALJA – *Guide on Videoconferencing*; ; 2016, disponibbli f'dan l-indirizz: < http://www.fedcourt.gov.au/services/videoconferencing-guide >.

L-UFFIĊĊJU FEDERALI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-IŻVIZZERA – Guidelines on International Judicial Assistance in Civil Matters; it-tielet edizzjoni, Bern, Jannar 2013, p. 20, disponibbli fl-indirizz li ġej: < http://www.rhf.admin.ch >.

GRUEN, M. E. & WILLIAMS, C. R. – *Handbook on Best Practices for Using Video Teleconferencing in Adjudicatory Hearings*; Konferenza Amministrattiva tal-Istati Uniti, 2015, disponibbli fl-indirizz li ġej: < https://www.acus.gov/report/handbook-best-practices-using-video-teleconferencing-adjudicatory-hearings >.

UNJONI INTERNAZZJONALI TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI – *Standardization*; disponibbli fl-indirizz li ġej: < https://www.itu.int/ITU-T/recommendations/index.aspx? >.

UNJONI INTERNAZZJONALI TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI – *Y.1001: IP framework – A framework for convergence of telecommunications network and IP network technologies*; ; 2000, disponibbli f'dan l-indirizz: < https://www.itu.int/rec/T-REC-Y.1001-200011-I >.

Uffiċċju tal-Assistenza Ġudizzjarja Internazzjonali tad-Dipartiment tal-Ġustizzja tal-Istati Uniti, OIEJA Evidence and Service Guidance (il-11 ta' Ġunju 2018); disponibbli fl-indirizz li ġej: < https://www.justice.gov/civil/evidence-requests >.

POLYCOM – *An Introduction to the Basics of Video Conferencing*; White Paper, 2013, disponibbli fl-indirizz li ġej: < http://www.polycom.com/content/dam/polycom/ common/documents/whitepapers/intro-video-conferencing-wp-engb.pdf >.

REID, M. – Multimedia conferencing over ISDN and IP Networks using ITU-T H-series recommendations: architecture, control and coordination; (1999) 31 *Computer Networks*, p. 234.

RIJAVEC, V., *et al.* (edituri) – *Dimensions of Evidence in European Civil Procedure*; In-Netherlands, Kluwer Law International, 2016.

RISTAU, B. – *International Judicial Assistance (Civil and Commercial)*; ; Washington, D.C., International Law Institute, Georgetown University Law Center, vol. I, parti V, reviżjoni tal-2000.

ROWDEN, E., *et al.* – *Gateways to Justice: Design and Operational Guidelines for Remote Participation in Court Proceedings*; Sydney, University of Western Sydney, 2013.

TORRES, M. – Cross-Border Litigation: "Video-taking" of evidence within EU Member States, (2018) 12 *Dispute Resolution International* 1, p. 76.

MINISTERU TAL-ĠUSTIZJA TAR-RENJU UNIT – *Practice Direction 32 – Evidence*; disponibbli fl-indirizz li ġej: < https://www.justice.gov.uk/courts/procedure-rules/civil/rules/

part32/pd_part32 >.

L-ISTITUT NAZZJONALI TAL-ISTANDARDS U T-TEKNOLOĠIJA TAL-ISTATI UNITI) (NIST) – Announcing the Advanced Encryption Standard (AES); (2001) 197 *Federal Information Processing Standards Publication*.

VAN RHEE, C.H. & UZELAC, A. (eds) – *Evidence in Contemporary Civil Procedure*; Cambridge, Intersentia, 2015.

VILELA FERREIRA, N., *et al.* – *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001: Article 17º and the video conferencing as a way of obtaining direct evidence in civil and commercial matters*; Ċentru għall-Istudji Ġudizzjarji (*Centro de Estudos Judiciários*), Lisbona, 2010.

WILLIAMS, R. A. – Videoconferencing: Not a foreign language to international courts; (2011) *Oklahoma Journal of Law and Technology* 7(54).